# Il-Malti

RIVISTA TA' L-AKKADEMJA TAL-MALTI



LXXIV
Novembru
2000

# Il-Malti

Rivista ta' l-Akkademja tal-Malti

LXXIV – NOVEMBRU 2000

PUBBLIKAZZJONI
L-AKKADEMJA TAL-MALTI
**klabb kotba maltin**

© Akkademja tal-Malti 2000

Il-Bord Editorjali għas-snin 2000-2002
Dr Charles Briffa (editur)
Is-Sur Carmel Azzopardi
Is-Sur Joseph Mizzi
Is-Sur Anthony Mercieca

L-issettjar tal-ktieb: Klabb Kotba Maltin
Stampar tal-ktieb: Veritas Press
Id-disinn tal-qoxra: "L-ispirtu tal-qari" ta' John Busuttil Leaver

Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jerġa' jinbiegħ, jinsilef, jew jingħata b'xejn kif ukoll li ma jsir fih ebda tibdil fil-format jew fil-produzzjoni teknika tiegħu mingħajr il-kunsens bil-miktub ta' l-Akkademja tal-Malti.

L-opinjonijiet huma tal-kontributuri u mhux bilfors jirriflettu l-opinjonijiet ta' l-Akkademja tal-Malti.

Tagħrif għall-Katalogar:

Briffa, Charles (editur), 1951 –
Il-Malti Rivista ta' l-Akkademja tal-Malti 2000

Lingwa – Il-Malti

ISBN: 99909-75-67-1

# Werrej

Messaġġ mill-President ta' Malta, il-Prof. Guido de Marco 7

1. L-EDITORJAL

L-importanza tal-Lingwi fid-Dinja (*Editorjal*)
*Charles Briffa* 10

2. KRITIKA LETTERARJA

Karmenu Vassallo: Il-Lirika tat-Turment Eżistenzjali
*Prof. Oliver Friggieri* 15
L-Istrateġija Psikostilistika f'Dun Ḱarm
*Charles Briffa* 27
Profil ta' l-Estetika Letterarja Maltija
*Josette Attard* 47
Miju Mekkek ta' l-Ilijade
*Victor Xuereb* 59
Riflessjonijiet fuq il-Letteratura tas-Seklu Għoxrin
*Prof. Oliver Friggieri* 65

3. LINGWA U LINGWISTIKA

L-Ortografija
*Carmel Azzopardi M.A.* 71

L-Ismijiet ta' l-Elementi Kimiċi bil-Malti
*Prof. Alfred Vella* 90
Is-Semantika
*Tarcisio Zarb* 92
Il-Kultura u l-Lingwa
*Ġorġ Mifsud-Chircop* 99

4. **KIF JAĦSBUHA**

L-Għaqdiet tal-Malti għad hemm bżonnhom
*Alfred Massa* 105
Analiżi tat-Temi ttrattati fil-Kotba tal-Proża fis-Sillabu tas-Sekondarja
*Sandra Callus* 107
It-Tagħlim u t-Tisħiħ tal-Malti bil-Mezzi Moderni
*Charles Briffa* 112

5. **TIFKIRIET**

Ġużè Muscat-Azzopardi: Bejn Storja, Rakkont u Patrijottiżmu Malti
*Anton Agius Muscat* 116
Il-Ħidma ta' Saydon
*Arthur Sammut* 122
Ġanni A. Cilia (1904–1999): Bniedem li ħadem mingħajr ebda interess
*Louise Abela* 138
Wallace P. Gulia (1926-2000) 145
Joe Agius Ruggier
*Charles Briffa* 146
Infaħħru b'Ġieħ!
*Emmanwel F. Attard* 147

6. **RIĊESJONIJIET**

Parodija ta' l-Ordni Soċjali
*Charles Briffa* 153

Il-Malti fit-Tieni Millennju
*Charles Briffa* 158
Meta Kollox ma' Qalbna Jinġieb
*Charles Briffa* 162
SAJONARA ta' Victor Fenech
*Josette Attard* 169

7. **ĦIDMET L-AKKADEMJA**

L-Ortografija tal-Malti Tmenin Sena Wara
*Mons. Law. Cachia* 175
Mill-Ħidma tal-Kunsill ta' l-Akkademja
*Carmel Azzopardi, Segretarju* 178
Kummissjoni Lingwa fi ħdan l-Akkademja tal-Malti
Rapport ta' Ħidma 181

8. **PROŻA U POEŻIJA**

Flus Lura
*Charles Clews* 188
Afrika
*Oliver Friggieri* 190
5 ta' Ottubru 1798: Ir-Rewwixta taż-Żabbarin kontra l-Franċiżi
*Achille Mizzi* 192
Durham
*Joe Friggieri* 194
Tifkiriet: Għand Majsi l-Parrukkier
*Maurice Mifsud Bonnici* 195
Jacqueline
*Carmel Azzopardi* 202
Is-Sibt 29 ta' Marzu 1986
*Alfred Massa* 203
Lill-Għasfur
*Kan. Dun Nikol Vella Apap* 204
Nixtieq nibki
*John Caruana* 205
Imbierka s-Sapjenza
*Charles Clews* 206
Par Għajnejn fid-Dlam
*Val V. Barbara* 211

Iż-Żmien u l-Bniedem
*Paul J. DeBono* 215
Dixx ta' l-Istejnles Stil
*Paul P. Borg* 220
Nota Bene
*Sergio Grech* 224
Ħitan
*Alfred Degabriele* 225
Data Base
*Philip Sciberras* 225
Freddie Mercury – ĠIEĦ
*Charles Briffa* 226
Ħolma
*Joe Bugeja* 226
L-Imsiebaħ Firxu d-Dwal
*Emanuel F. Attard* 227
Żamma
*Manwel Cassar* 228
Awtur tal-Baħar
*Charles Bezzina* 229
Nixxiegħa tal-Kuxjent minn Triq Ħas-Sajjied Birkirkara
*Tarcisio Zarb* 230
Ċfuf u Żigarelli
*Ġorġ Borg* 232
Taħt is-Saffi Tqal
*Ġorġ Borg* 232
Fil-Lejl li Kiber Miegħi
*Ġorġ Borg* 233

# Messaġġ mill-President ta' Malta il-Prof. Guido de Marco

L-islien tagħna li tnaqqaxx tul sekli ta' storja jinkorpora ġo fih struttura u kliem bażiku ta' derivazzjoni semitika kif ukoll influss sostanzjali ta' kliem rumanz. Dawn iż-żewġ kurrenti lingwistiċi jagħmlu mil-lingwa tagħna waħda unika, tassew ilsien Mediterranju li jħaddan fih influwenzi minn kull xaqliba ta' dan il-baħar.

Ilsienna jagħtina identità mibnija fuq il-ġografija tagħna f'nofs il-Mediterran, mibnija fuq l-istorja tal-Mediterran, storja li tixhed avvenimenti, taqlib, u kultura ta' poplu f'salib it-toroq ta' ċiviltajiet differenti.

Ninsabu fiż-żerniq ta' millennju ġdid, f'era ta' globalizzazzjoni li toffri lill-bniedem opportunitajiet uniċi ta' żvilupp u progress. Imma huma wkoll żminijiet fejn l-uniformità tista' tgħatti u tgħaffeġ id-diversità. Li jiddistingwina pożittivament minn popli oħra huma t-tradizzjonijiet tagħna u l-istorja mnaqqxin fl-arkitettura ta' pajjiżna, il-valuri li ħaddanna tul iż-żminijiet, u lsienna. Għaldaqstant, huwa fondamentali li ngħożżu din il-lingwa u l-identità marbuta magħha.

Huwa neċessarju li nadottaw kliem tekniku ta' derivazzjoni anglo-sassona sabiex niftiehmu sewwa fil-kitba u t-taħdit tagħna u nibqgħu nimxu maż-żminijiet. Imma hemm parti mill-poplu Malti li qed tingliżizza lsienna minħabba għażż jew ħtiġijiet ta' moda. Hawnhekk, l-Akkademja tal-Malti għandha tkompli tindirizza l-iżvilupp kontinwu tal-lingwa fuq sisien sodi bil-ħidma tagħha ta' tagħlim.

L-istorja u l-ġografija jagħmlu minna poplu tabilħaqq poliglotta, għax aħna poplu li għex taħt u ma' ħafna popli minn dan ir-reġjun kif ukoll 'il hemm minn dan il-baħar. Nemmen bis-sħiħ li għandna nitgħallmu bis-serjetà

kemm jista' jkun lingwi. Dawn jagħtuna l-opportunità li nifhmu u niddjalogaw ma' nies minn oqfsa kulturali differenti u dan il-proċess ta' djalogu jagħmel minna poplu dejjem iżjed kulturalment għani.

It-tagħlim tal-lingwi barranin jgħin ir-rilevanza politika u kulturali ta' pajjiżna. Dan għandu jkun inkoraġġit. Iżda biex dan iseħħ, ma jfissirx li għandna nnaqqsu b'xi mod l-użu u l-imħabba tagħna lejn il-lingwa Maltija. Din hi u għandha tibqa' bażi ewlenija ta' l-identità tagħna.

Hekk inwettqu dak li kiteb Ġorġ Pisani :

"Malta fl-ilsien u l-qalb,
Malta Maltija."

Guido de Marco
President ta' Malta

1

# L-Editorjal

# L-Importanza tal-Lingwi fid-Dinja

*Charles Briffa*

L-istudjużi qegħdin ibassru li sa tmiem is-seklu li għadu kif beda nofs is-sitt elef lingwa li hawn fid-dinja se jispiċċaw għal kollox (jiġifieri jsiru lingwi mejta), u elfejn oħra mill-bqija se jkunu mhedda tul is-seklu ta' wara (jiġifieri jkunu lingwi moribondi). F'dan l-istadju tal-ġrajja umana tajjeb li niflu daqsxejn l-argumenti kulturali u xjentifiċi favur il-konservazzjoni tal-lingwi. It-tmiem ta' dawn il-lingwi ħadd ma jixtiequ imma donnu m'hemmx x'tagħmel għax hemm bosta fatturi politiċi u ekonomiċi jagħfsu fuq komunitajiet żgħar biex lill-ġenerazzjonijiet il-ġodda jaqtgħulhom il-kuntatt/i minn mal-lingwi tradizzjonali. Mela l-lingwi li se jispiċċaw, mhux se jispiċċaw minħabba li huma neqsin fihom infushom imma minħabba xi qawwiet esterni li l-popli tagħhom m'għandhomx kontroll fuqhom. U din se tkun tabilħaqq traġedja għad-dinja. Hemm il-possibilità wkoll li d-dinja jkollha lingwa waħda biss – forsi sakemm jerġa' jinbena xi torri ta' Babel ieħor u l-istorja terġa' tibda mill-ġdid. Però qabel ma nkunu għal kollox pessimisti, tajjeb illi ngħidu li n-nies iħobbu jisfruttaw il-lingwa (bħalma jħobbu jisfruttaw l-art u kull ħaġa oħra naturali li għandu l-bniedem) għall-kapriċ jew għall-għajxien, u b'hekk in-nies stess ikunu qegħdin iwettqu l-ħarsien ta' l-ambjent lingwistiku.

L-Akkademja tal-Malti temmen li lingwa żgħira (jiġifieri, lingwa li l-għadd ta' nies li jitkellmuha huwa żgħir), bħalma hi l-lingwa Maltija, għandha s-siwi tagħha u, fil-kuntest ta' diversità lingwistika, għandha d-dritt lingwistiku tagħha. Dan id-dritt lingwistiku jintrabat mad-drittijiet umani, filwaqt li s-siwi tal-Malti jinfirex fuq tliet fergħat ewlenin: il-Malti bħala mezz ta' komunikazzjoni, bħala simbolu ta' identità kulturali u nazzjonali, u bħala għan għall-istudju. Għall-Akkademja d-dritt u s-siwi jintgħaġnu f'għaġna waħda.

## Il-Malti bħala Mezz ta' Komunikazzjoni

F'ħafna oqsma tas-soċjetà (pereżempju, fl-edukazzjoni, fil-kummerċ lokali, fil-knisja, fl-amminstrazzjoni, fil-qrati) aħna l-Maltin nikkomunikaw bejnietna bil-

Malti u għandna bosta sitwazzjonijiet meta nafu nkunu bilingwi. Biex nitkellmu meta mmorru nixtru l-bżonnijiet ta' kuljum? Biex nitolbu meta nkunu waħidna m'Alla? Biex nirrabjaw ma' xulxin? Biex ikellmuna l-politikanti tagħna? Il-ġenerazzjonijiet il-kbar ta'. l-emigranti Maltin ukoll jikkomunikaw magħna u bejniethom stess bil-Malti. Mela, fil-preżent nistgħu ngħidu li l-Malti għandu valur strumentali qawwi fil-kuntesti Maltin, imma xorta waħda jinstab jikkompeti ma' l-Ingliż. Forsi hawnhekk ta' min jistaqsi l-Ingliż huwiex jieħu post il-Malti (f'Malta) u jekk il-Malti huwiex wieħed minn dawk l-ilsna li se jsiru moribondi u allura għandu l-bżonn li jkun ikkonservat. Meta soċjetà ma tibqax tuża lingwa, it-tfal ma jsibu ebda motivazzjoni biex jitgħallmuha, u għalhekk dik il-lingwa tispiċċa moribonda. Dan naħsbu li ġara fost l-emigranti Maltin. L-użu tal-Malti fosthom kien limitat ħafna, u allura bosta mill-ġenerazzjonijiet iż-żgħar spiċċaw parteċipanti passivi tal-Malti jew inkella spiċċaw qatgħu l-kuntatt mal-Malti għal kollox. Xi wħud minnhom illum il-ġurnata jixtiequ jitgħallmu l-Malti minħabba għeruqhom.

## Il-Malti bħala Simbolu ta' Identità

Minbarra bħala għodda ta' komunikazzjoni, il-Malti jista' jkollu ħtieġa kulturali. Huwa maħżen ta' tradizzjoni kulturali, mod ta' għajxien u ta' espressjoni li jseddaq is-sens ta' identità fina. Huwa wirt u allura huwa rigal mingħand dawk ta' qabilna. Għandna nħarsuh bħalma nħarsu l-monumenti storiċi. Fil-kultura unika li joffri l-Malti tinsab il-karatteristika nazzjonali, u għalhekk l-ilsien isir għelm ta' identità nazzjonali. Kull lingwa tħaddan fiha l-ġrajja ta' poplu u tikxef kemm kemm il-mentalità ta' dak il-poplu għax is-sistemi lingwistiċi (ngħidu aħna, kif inqassmu n-nomi, x'sistema ta' pronomi nużaw, kif inħaddmu l-verbi) juruna kif dak l-istess poplu jikklassifika kollox fl-ambjent nattiv tiegħu. Dawn ikomplu joħorġu l-karatteristiċi li jagħtuna identità.

## Il-Malti bħala Għan għall-Istudju

Imma huma wkoll elementi ta' studju. Il-lingwa tikxef mudell ta' migrazzjoni u allura tikkontribwixxi għall-istampa evoluzzjonarja ta' l-umanità. L-element imħallat fil-Malti jagħti xhieda ta' proċessi dijakroniċi li jistgħu jwessgħu l-istampa soċjo-kulturali tagħna. L-istudju sinkroniku tal-Malti mbagħad jaf iwassal għal sejbiet utieqa bħal, ngħidu aħna, minħabba li l-lingwa hija prodott tal-moħħ, xi strutturi u proċessi mentali kapaċi jwasslu sabiex jiġġeneraw is-sentenza tal-Malti – inżommu f'moħħna li l-istrutturi responsabbli għall-kompetenza fil-Malti jvarjaw ftit minn dawk li nsibu f'lingwi oħra.

**Eżistenza vs Għajxien**

Issa aħna hawnhekk m'aħniex qegħdin nitkellmu fuq l-eżistenza tal-Malti. L-eżistenza tal-Malti m'għandniex biża' minnha. Hija assigurata għaliex l-ixkafef ta' l-arkivji tagħna mtlew bid-dizzjunarji, bix-xogħlijiet letterarji, b'kotba ta' referenza, bil-grammatki, b'*recordings* tar-radju u tat-televixin, u issa anki bis-CDs. Imma qegħdin nitkellmu fuq li nżommu l-Malti ħaj għax jista' jibqa' jservi bħala mezz ta' komunikazzjoni, bħala simbolu ta' identità, u għall-istudju (aktar faċli għall-istudjuż li jeżamina xi ħaġa ħajja milli xi ħaġa mejta).

L-istudju tal-Malti għandu jibbenefika lill-umanità. Id-dinja għandha bżonn id-diversità lingwistika għax il-lingwi jiġbru fi ħdanhom bir ta' tagħrif uniku. Jekk lingwa tibqa' ħajja tipprovdi aktar tagħrif fuq il-proċessi ta' bidla għax tkun entità dinamika. Il-pronunżja u l-intonazzjoni jinbidlu, jissawwar kliem ġdid, jiċċaqalqu wkoll (għalkemm bil-mod ħafna) il-forom grammatikali, jaslu sfumaturi semantiċi ġodda, jibqgħu l-movimenti stilistiċi – u xejn ma jsir iffossilizzat. L-arkivji jagħtuna biss parti mid-deskrizzjoni tal-lingwa: dik il-parti ta' meta kienu kkompilati. Il-lingwa ħajja tista' tiġi eżaminata xjentifikament. U l-bniedem għadu ma jafx eżatt kemm id-diversità lingwistika tista' tkunlu importanti. F'kull lingwa hemm rikkezzi u kumplessitajiet kbar, u hekk irridu nħarsu lejn il-Malti: bħala prodott kulturali u fenomenu naturali. U minħabba dawn ir-rikkezzi u l-kumplessitajiet irridu nagħtuh ir-rispett li għandu bżonn.

Illum il-ġurnata għandna bosta deskrizzjonijiet tal-Malti. Imma għadna lura fl-istudju tiegħu. Biżżejjed insemmu li għad m'għandniex deskrizzjoni sintattika u lanqas semantika tiegħu. Min jaf x'għad hemm moħbi, x'għad niskopru fi lsienna. Jekk inħalluh imut, inkunu qegħdin neqirdu dak li għad ma tgħallimniex.

# 2

# Kritika Letterarja

# Karmenu Vassallo: Il-Lirika tat-Turment Eżistenzjali

*Oliver Friggieri*

**Daħla: it-tilwim mal-limitu**

Meta f'April 1983 ħareġ fl-Italja l-ktieb tiegħi *L'esperjenza leopardiana di un poeta maltese: Karmenu Vassallo*, u jien mort id-dar għand il-poeta biex nippreżentalu l-ewwel kopja, sibtu mixħut fis-sodda, kif kont nafu minn xi żmien qabel, imnikket u ferħan, għajjien fiżikament u ħaj għal kollox mentalment. Għannaqni miegħu bid-dmugħ f'għajnejh u rringrazzjani għal mitt darba għaliex qatt ma basar li l-wegħda li kont għamiltlu madwar għoxrin sena qabel kont se nasal biex inwettaqha. Qalleb il-ktieb u reġa' qallbu u bħallikieku ried jaqrah kollu quddiemi, iżda jien aktar xtaqt li nagħtih il-ktieb, narah jifraħ bih, u mbagħad nibdew nitħaddtu fit-tul bħas-soltu. Meta xahar wara ġie Malta l-editur tal-ktieb biex jassisti għall-programm mużiko-letterarju li kien organizzat għall-okkażjoni tal-preżentazzjoni tal-ktieb fit-teatru ta' l-Università, jien stedint lill-poeta biex ikun preżenti, u hu, mill-ġdid, bid-dmugħ f'għajnejh, karab u qalli: "Ma ħistax, ibni, ma nistax, arani kif jien fis-sodda, ma nistax, irrid niġi u ma nistax, ma nistax ..." U baqa' jtenni l-frażi, sodisfatt ħafna bil-ktieb daqskemm imnikket.

"Irrid u ma nistax" hi, fil-fatt, il-frażi ewlenija tal-poeżija tiegħu kollha, il-muftieħ ta' l-ispirazzjoni li wasslitu biex jikteb il-lirika li tikkaratterizzah l-aktar fil-ġrajja tal-poeżija Maltija. Hi l-emblema tal-viżjoni kollha tiegħu li taf in-nisel storiku tagħha fil-poeta l-kbir tan-niket, Ġobb, u mbagħad fil-poeta romantiku Ewropew ewlieni li rabatha mat-tiġrib persunali tiegħu, Leopardi, il-mudell uman, poetiku li miegħu Karmenu Vassallo żvolġa ħbiberija spiritwali profonda għaliex lemaħ fih sieħeb ideali tan-niket li hu nnifsu għadda minnu. Il-qrubija bejn iż-żewġ poeti hi aspett importanti ħafna fl-istorja poetika Maltija għaliex turi li wieħed mill-aħjar ilħna poetiċi Maltin xeħet ħarstu sa minn kmieni fuq wieħed mill-protagonisti tar-romantiċiżmu Ewropew u fittex fih il-punti tal-kuntatt daqskemm il-punti li jbegħduh bil-qima minnu. Fi ħdan dawn iż-żewġ punti

estremi, il-qrubija u d-distanza, tinbet il-personalità kollha ta' Vassallo, poeta tan-niket personali li mbagħad issarraf gradatament f'sustanza lirika billi kiseb ix-xejriet ta' kelma universali fuq umanità sħiħa. Mill-għeluq tat-tiġrib intimu, mill-kitba fidila tad-djarju individwali, mill-kenn f'għamla ta' konfessjonaliżmu li jitlob il-mogħdrija, Vassallo għadda b'pass meqjus biex, mhux biss silet il-punti tar-riferiment għall-bażi tal-viżjoni persunali tal-ħajja, iżda wkoll applika din il-viżjoni għan-nisel uman kollu. Fuq din il-medda ta' universalità jistrieħ is-siwi estetiku kollu ta' Vassallo, storikament leopardjan aktar milli hu nnifsu seta' jifhem (u dan hu wieħed mid-dmirijiet xjentifici tal-kritika: li tirrivela l-identità tal-poeta lill-poeta nnifsu, li tispiċċa biex tkun eżiġenzi tal-persuna, rivelazzjoni tal-persuna vera lill-persuna nnifisha), essenzjalment kuxjenza oriġinali li tħaddan daqskemm tegħleb il-limiti tal-punt tar-riferiment storiku. Il-kritika komparata, wara kollox, għandha din ix-xeħta li tikxef l-għeruq biex imbagħad tidher aħjar fil-verità tagħha s-siġra personali stess.

Fir-riflessjonijiet li ġejjin se nagħti biss ftit indikazzjonijiet tax-xejriet ewlenin li jwasslu l-personalità kumplessa, mimlija kuntrasti ġewwiena, ta' Vassallo, li bejniethom, imbagħad, isawru individwalità li ftit li xejn issib punti ta' qbil ma' persunaġġi poetiċi Maltin oħrajn. Is-sisien ta' din il-personalità huma l-esperjenza personali, it-tħejjija kulturali, u qabel xejn filosofika (aspett aktarx rari fil-bijografija ta' diversi persunaġġi oħra), u fuq kollox il-ħjut li bihom Vassallo jiġbed lejh spiritwalitajiet poetiċi oħrajn daqskemm bihom, billi bħallikieku jaqtagħhom jew iħollhom, jitbiegħed biex fl-aħħarnett isib lilu nnifsu fil-verità partikulari li tagħżlu mill-bqija, anki mill-mudell u mill-imgħallem spiritwali u letterarju tiegħu.

## Xejriet ewlenin tal-poetika

In-nisel tal-poetika ta' Vassallo jinsab fit-tradizzjoni klassika, jew aħjar fil-fil pedagoġiku tagħha, meħud direttament mill-wirt umanistiku-orazjan li f'Malta sab xorti kbira sa minn żmien il-Kavallieri u mbagħad sa żmien il-bidu tar-romantiċiżmu storiku (Ciantar, Testaferrata Viani, Rigord u oħrajn). F'dan id-dawl tiftieħem il-qrubija li Vassallo jsib bejn is-sabiħ, il-veru u l-utli, ilkoll aspetti mseddqin minn Manzoni iżda li l-poeta jassimila fid-dawl tat-tradizzjoni li sabet l-akbar xorti fil-kultura tal-gżira. Iż-żwieġ bejn id-*dilectare* u l-*prodesse*, għalhekk, huwa ċentrali fil-poetika tiegħu kollha; fuq naħa, jorbtu ma' l-imgħoddi l-aktar importanti tat-tradizzjoni Ewropea li mill-Griegi tasal sas-seklu dsatax Ġermaniż, Franċiż u Taljan; fuq in-naħa l-oħra, iressqu lejn is-sħab ideali tiegħu tas-seklu dsatax li, waqt li ħaduha kontra l-klassiċiżmu, siltu minnu kull nukleu li kellu fih il-qawwa ta' l-adattament u tat-tiġdid, is-saħħa ta' l-applikazzjoni għal qagħda storiku u kulturali differenti

u ġdida fil-qofol kontinġenti tagħha. Fl-għalqa tat-taħlit tal-ġdid mal-qadim, ta' kulma hu romantikament oriġinali ma' kulma hu klassikament arketipiku u bħallikieku dejjiemi u ogħla mit-tibdil taż-żmien, Vassallo jinserixxi ruħu biex isawwar viżjoni li ma tbiegħdu b'ebda mod mill-fehmiet u mill-attitudnijiet poetiċi l-aktar validi tat-tradizzjonali kontinentali. Ftit eżempji jistgħu jkunu biżżejjed biex iseddqu dawn il-konklużjonijiet.

Għal Vassallo hemm rabta bejn l-għaref u l-letterat. Ir-relazzjoni li hemm bejn ix-xjenza u l-letteratura, bejn il-forma u l-kontenut, bejn il-veru, is-sabiħ, l-utli u t-tajjeb, tispjega r-rabta sostanzjali li hemm bejn l-artist u l-għaref, bħallikieku hi xbieha tar-rabta bejn ir-ruħ u l-ġisem. Hemm divorzju li ma jistax iseħħ bejn ix-xjenza u l-letteratura, jekk it-tnejn iridu jsibu l-milja tagħhom; u dan ikun divorzju kontra n-natura. Dmir il-letteratura, mela, hu li tqajjem fil-bniedem, bis-saħħa tal-pjaċir, ir-rieda tiegħu biex jilħaq il-livell tad-dinjità morali, ċivili u kulturali. Il-letteratura hi l-emanazzjoni, bħallikieku ħarġa 'l barra, f'termini Plotinjani, taċ-ċiviltà.

Il-kunċett tal-poeżija ta' Vassallo hu kollu kemm hu sagru, imfisser f'lingwaġġ morali, waqt li l-poeta hu definit skond ix-xejriet psikoloġiċi li jagħmluh bniedem differenti, mitwieled u mrawwem min-natura tiegħu bħala xi ħadd li jogħla 'l fuq mill-oħrajn, u jifhem fil-ħwejjeġ is-sens moħbi li l-intwizzjoni poetika biss tista' tikxef. Għalhekk, waqt li Vassallo jisħaq fuq il-ħtieġa li l-poeta jħejji ruħu kulturalment u spiritwalment, u fuq il-ħtieġa l-oħra li l-prodott aħħari jkun ir-riżultat ta' elaborazzjoni mirquma tal-ħsieb u tas-sentiment, huwa jisħaq ukoll fuq il-kunċett tal-poeta bħala bniedem passiv, ir-riċevitur ta' għotja divina. Is-solitudni tal-poeta, mela, għandha mill-inqas żewġ raġunijiet li jfissruha: waħda hi naturali (għaliex il-poeta hu minnu nnifsu ħlejqa differenti mill-bqija) u l-oħra hi storika (għaliex din id-differenza twasslu biex ma jinserixxix ruħu sewwa fl-ambjent soċjali). Fil-ġrajja personali ta' Vassallo, iż-żewġ xejriet jiltaqgħu flimkien biex jinsġu, donnhom skond funżjoni ta' kawża u effett, personalità waħda u sħiħa: in-natura mitwielda u l-istorja mġarrba huma bħallikieku l-universali u l-partikulari mqegħdin fi kwadru wieħed.

It-tbatija bħala l-għerq ta' l-ispirazzjoni, l-għemil poetiku bħala l-għajn tal-faraġ: minn dan il-paradoss, jiġifieri mit-tlaqqigħ tas-sabiħ u ta' l-ikreh, titnissel il-lirika li daqskemm hi dokument ta' diqa hi wkoll sublimazzjoni hienja tagħha. Il-poeżija nnifisha hi turment, imfisser fi kliem xieraq, maħruġ mill-qiegħ tar-ruħ, imsarraf fl-aħħarnett f'oġġett li jrodd il-pjaċir. Il-kontenut u l-forma, it-tiġrib u l-poeżija miktuba rispettivament, għalhekk, isawru entità waħda, imqar jekk Vassallo, poeta li jirrifletti fuq il-poeżija, jagħżel minn xulxin liż-żewġ komponenti li fil-kritika moderna m'humiex għajr żewġ astrazzjonijiet li m'għandhom ebda verità li sseddaqhom 'il barra mill-qasam tat-teorija.

Ir-rabta bejn it-tiġrib u l-esperjenza personali hi rabta ta' kawża u effett; il-poeta l-awtobijografija, imqar jekk din tispiċċa biex tikber f'bijografija

kosmika, fi storja ta' nisel uman sħiħ bit-tifsira universali li tikseb aktar ma titbiegħed, bħala prodott aħħari, mill-ispunti tal-bidu. L-għeluq solenni tal-ħajja poetika hu l-immortalità storika; il-poeta ma jixxejjinx bil-mewt fiżika, iżda jibda jgħix ħajja ġdida wara mewtu.

### Il-poeżija u ċ-ċaħda tal-ħajja

Aspett ewlieni tal-prattika poetika ta' Vassallo hu ċ-ċaħda tal-ħajja, ċaħda li ssib il-wetqa tagħha fil-poeżija stess, fil-kitba li tbiddel f'sabiħ, skond kunċetti msemmija diġà, dak kollu li hu ikreh fuq il-livell esperjenzjali. L-għeruq ta' din il-viżjoni jinsabu fit-tiġrib ta' tfulitu u ta' żgħożitu li, flimkien mal-kontenut teoloġiku, filosofiku u letterarju li rċieva, huma l-punti tar-riferiment li dawluh tul il-mixja umana u poetika kollha. Ir-rappreżentazzjoni pessimistika ta' l-eżistenza, madankollu, għandha sisien reliġjużi wkoll. Bħal bosta awturi romantiċi oħra,Vassallo jżur it-tradizzjoni biblika anki b'lenti mxarrba bid-dmugħ. Imqar jekk jibqa' mbiegħed mill-kunċett Leopardjan tan-natura qerrieda, u mill-influss ta' edukazzjoni kollha kemm hi sensistika li qajla sabet xorti fil-kultura Maltija (ladarba l-għeruq oriġinali tagħha m'humiex Taljani, imqar jekk għaddew minn filtri Taljani u waslu fostna għajjiena, nieqsa mis-saħħa tipika tagħhom, kif nafuhom fir-razzjonaliżmu Franċiż u fl-empiriċiżmu Ingliż), f'Vassallo hemm xorta waħda d-dispożizzjoni tar-razzjonalista li jrid jistħarreġ bl-għodod tar-raġuni weħidha, waqt li l-kriżi titnissel meta dawn l-għodod jissieħbu mat-twemmin fundamentali tiegħu, li ma jistax jilqa' l-limiti dojoq tar-raġuni waqt li xorta waħda jinkludi x-xewqat li jġarrab il-moħħ għal tifsira sħiħa u organika ta' l-essri. Il-mistoqsijiet, l-affermazzjonijiet, l-esklamazzjonijiet, il-waqtiet nostalġiċi, id-dubitazzjoni, il-kumplessi ta' ruħ ippersegwitata minnha nnifisha daqskemm mill-qawwiet kbar tan-natura: dawn huma lkoll komponenti li jibnu personalità waħda, kumplessa u kuntrastanti, għanja fiha nnifisha, imnikkta fuq il-livell ta' l-istħarriġ daskemm hienja, paradossalment, li dan in-niket għandu l-ankra tal-ħelsien fil-poeżija.

Madankollu, il-viżjoni ta' umanità li tbati sikwit il-livell ta' l-università, u l-lingwa hi kategorika:

> Frugħa fuq rasi u taħt riġlejja; frugħa
> fil-ħsieb u fix-xewqat, fil-ferħ u d-dmugħ...
>
> Ix-xejn kollox illum; u f'baħħ il-għera
> jaraw ulied id-dlam ġidhom miżrugħ
> (...)
> X'ħajja din tagħna! X'ħajja din!
>
> (*Lit-Tfajla ta' Mħabbti,* vv. 13–16, 21)

M'hawn xejn biex tifraħ.

(*Il-biżà Tiegħi*, v. 13)

Kollox frugħa.

(*Il-biżà Tiegħi*, v. 3)

Jaħasra d-dinja sptar tà mard waħedha.

(*Il-biżà Tiegħi*, v. 35

L-ewwel xejra tà l-identità psikoloġika tiegħu hi n-nuqqas tà fiduċja, l-iskuraġġiment li jwasslu biex jagħżel bejn ix-xewqa u s-setgħa, bejn li *rrid* u li *nista'* (*esse* u *posse*). Mid-distanza ta' bejniethom jinbet il-persunaġġ spiritwali li hu wisq aktar profond mill-Karmenu Vassallo li jidher bħala bniedem mifhum biss skond qari kollu kemm hu bijografiku u storiku:

Jiena rrid ngħanni. Ma nistax. Flok għana
joħroġ minn fommi tagħlim ġdid ta' dmugħ:
għax ħlief nibki ma nafx.

(*Il-biżà Tiegħi, vv. 9–11*)

Ir-riżultat ewlieni hu x-xjuħija taż-żgħożija:
Żgħożiti mxejħa.

(*Dejjem... Qatt*, v. 25)

Qiegħed nixjieħ fil-milja ta' żgħożiti.

(*L-aħħar Taqbida*, v. 3)

L-isbaħ żmien tal-ħajja hu diġà mbiddel fl-agħar żmien tagħha, u l-poeżija tispiċċa biex titlef is-sens tal-kronoloġija biex titbiddel bħallikieku f'mixja kontinwa waħda li ma tagħrafx tibdil. Dan kollu jixhed minnufih li l-bijografija tal-persuna qiegħda tissarraf f'metafora tal-bijografija tan-nisel uman li kien u jkollu jibqà l-istess. Il-problematika għandha l-għeruq tagħha fil-mistoqsija ewlenija tal-poetika tiegħu kollha: jien min jien? L-identifikazzjoni tibda u tispiċċa bħala interrogazzjoni lill-ħolqien u tinħall f'eżami kważi sistematiku tax-xejriet li suppost iwasslu għal definizzjoni aħħarija. L-identità u l-identifikazzjoni, il-jien magħruf fiżikament u storikament u l-jien mhux – magħruf spiritwalment, it-tiġrib u s-sens, il-kuxjenza u l-għarfien tal-kuxjenza: huma lkoll varjanti ta' qagħda ġewwiena waħda li minnha nnifisha m'hix għajr iċ-ċentru tal-lirika kollha:

Ma nafx kif ġejt jew għax ġejt jien, mhux ieħor.

(*Ħabbejt u ma Tjassartx*, v.3).

Ma stajtx kont ieħor jew ħaġ'oħra? Mela
għaliex fid-dinja, bla ma ridt, ġejt jien?
(...)

U għax ġejt jien? U kif ġejt jien? x'jedd kellhom
missieri w ommi li jġibuni fl-art?

(*Jien*, vv. 1–2, 9–10)

Il-problematika tal-libertà tal-bniedem, vittma tiegħu nnifsu, prodott magħmul diġà, imqiegħed fl-eżistenza mingħajr il-jedd li jagħżel bejn li jkun u li ma jkunx, twassal weħidha għax-xewqa ta' l-ineżistenza. Bħal Ġobb u Sofokli, u warajhom Leopardi, Vassallo jagħmel l-isqarrija l-aktar gravi tal-vjaġġ poetiku tiegħu kollu, is-sentenza li f'*Il-Jien u lilhinn Minnu* hi megħluba bis-silenzju bibliku, Agostinjan u Pascaljan, waqt li fi Briffa hi mirbuħa minn għamla ta' gost poetiku li jbiddel lis-sentiment qares f'lirika ħelwa billi l-poeta jibqa' dejjem 'il bogħod mill-intellettwaliżmu tipiku ta' Vassallo. Hi, fuq kollox, is-sentenza l-aktar traġika mfissra sa issa fil-letteratura Maltija kollha:

Kemm drabi
xtaqt li f'ġuf ommi, qabel sirt, nintemm!

(*Lit-Tfajla ta' Mħabbti*, vv. 21–22)

Għax xejn aqwa
u xejn aħjar mill-mewt ma jistà jtini
min iħobbni tassew.
(...)
Marzu ta' qalbi
jekk kont darba ħanin meta wellidtni,
kun mitt darba ħanin issa w iġorbni

(*Marzu*, vv. 5–7, 18–20)

Huma varjazzjonijiet ta' stqarrija waħda, kontra l-essri, li madankollu ma tistax issir jekk mhux bis-saħħa ta' l-essri; il-bniedem ma jistax jiċħad il-ħajja jekk ma jkunx ħaj; il-paradoss jitfisser l-aħjar b'riferenza għall-poetika msemmija: il-poeżija (bħala forma) tbiddel f'faraġ dak kollu li (bħala kontenut) m'huwiex mixtieq, anzi hu miċħud. L-esklużjoni, il-qadgħa psikoloġika mnissla mis-solitudni (soċjali, filosofika), tidher kemm bħala viżjoni tal-ħajja fiha nnifisha, kemm bħala għażla mfittxa b'mod responsabbli miċ-ċittadin sensittiv fi ħdan kumpless li ma jifhimx. Hi esklużjoni mħabbra diġà fil-lirika bikrija *Inħobbok* ta' l-1932, għandha mill-inqas żewġ xejriet. L-ewwel xejra hi mnissla mill-konfront bejn il-poeta u s-soċjetà li tidher hienja, waqt li hu jħossu kkundannat għas-solitudni, u għalhekk, b'att ta' sublimazzjoni poetika, jispiċċa biex jixtieqha u jislet minnha l-poeżija tiegħu. F'*Żewġ għidien* żewġ kwadretti kuntrarji għal xulxin huma mqiegħda flimkien biex isawru kwadru sħiħ wieħed: il-festività tal-kotra u d-dehra ta' żagħżugħ qiegħed jinġarr lejn l-isptar. F'termini poetiċi hi metafora tal-kuntrast bejn il-kontinwità

għammiela tan-natura (protagonista ta' kulma hu ħaj u f'saħħtu, miexja f'sensiela ta' staġuni li qatt ma jieqfu) u l-limitazzjoni tan-natura tal-bniedem (ta' l-individwu, tal-wieħed waħdu). L-esklużjoni ta' Vassallo hi Leopardjana wkoll fix-xeħta ta' polemika li tieħu kontra l-frugħa tal-kotra. Il-poetika li hawn issib l-aqwa żviluppi tagħha f'*Mysterium Mysteriorum* u f'*Il-biża' Tiegħi*, u li tmur lura għallinqas sa xi Petrarca u xi Alfieri, biex tasal sa xi Foscolo u mbagħad sa Leopardi li hu dejjem qrib ħafna tar-ruħ tal-poeta Malti, hi dik li tilmaħ fil-bniedem lill-poeta mhux-mifhum, lir-ruħ li ma tidhirx fid-dinja ta' l-oġġetti, lill-ispirtu li m'hux magħruf mill-annimalità kollettiva. L-aħħar tarġa ta' dan il-proċess ġewwieni hi dik li tagħżel lill-wieħed mill-ħafna. Leopardi li qal

E sprezzator degli uomini mi rendo

(*Le ricordanze*, v. 42)

u wkoll Vassallo li jistqarr lil Alla
Ħbiebi kulma ħlaqt int: barra l-bnedmin!

(*Ħbiebi*, v. 40)

It-tieni konfront, imfassal dejjem bil-għan li jinbena kwadru sħiħ u ġustifikat ta' l-esklużjoni, mixħuta fuq il-poeta bħala qagħda assoluta u mbagħad imbiddla f'għażla bħallikieku responsabbli u mixtieqa (xhieda tat-tiġrib impost imbiddel f'lirika mifhuma bħala għemil tar-rieda ħielsa), jixref meta Vassallo jikkuntrasta l-proċess mimli u f'saħħtu tan-natura man-natura ħawlija, fiergħa tiegħu nnifsu. Fuq naħa hemm il-qawwa bla tmiem tan-natura organika, u fuq in-naħa l-oħra hemm l-istaticità fatali tal-qagħda umana. Mill-ġdid, spunti kollhom kemm huma awtobijografiċi huma mtellgħin għal-livell ta' poeżija billi jinħarġu mill-għeluq tal-limiti personali u jitkabbru u jinfetħu f'emblemi ta' nisel uman sħiħ. Kemm *Marzu* u kemm *April*, xhur li ma jibqgħux partijiet mis-sena iżda jsiru żminijiet ta' kuxjenza mweġġgħa, isieħbu flimkien l-innu u l-eleġija, l-għarfien tal-ġmiel u l-għarfien tal-kruha, anzi jaraw fil-ġmiel il-kawża tal-kwalità l-oħra. F'termini viżivi l-poeta jfisser kontenuti etiċi; is-sabiħ u l-ikreh huma, rispettivament, it-tajjeb u l-ħażin. F'kuntrast ma' l-isqarrija "Beauty is truth, truth beauty" ta' Keats, Vassallo jidentifika l-veru ma' l-ikreh, l-essri mat-tbatija, il-kuxjenza umana mal-kastig tan-nisel uman. Imqar jekk dan ukoll hu spunt li jinsab f'Keats – "Where but to think is to be full of sorrow and leaden-eyed despairs" – il-qagħda tipika ta' Vassallo, fidila lejn il-qagħda Leopardjana sa ċerti punti definiti li m'humiex mistħarrġa hawn, hi dik li tara fis-seħer naturali għajn ewlenija tan-niket tal-moħħ tal-bniedem. Aktar ma l-bniedem jilħaq livell ta' għarfien u sensibiltà, aktar hu mistenni li jieħu sehem fin-niket universali. F'dan il-prinċipju, qadim daqs il-klassiċi iżda ġdid skond kemm iġġedded mill-aqwa

kuxjenzi tas-seklu dsatax, li jibqa' nieżel, fi sfumaturi differenti u sikwit aktar skuri, sa żmienna, tinġabar l-identità kollha ta' Vassallo. Din hi r-raġuni li l-mixja poetika tiegħu, mis-snin tletin 'il quddiem, m'hix għajr pellegrinaġġ għad-dell tal-musbieħ tal-konsapevolezza: mill-qawwa provokanti, mimlija kontestazzjoni filosofika, tan-*Nirien* (1938), għall-kisba ta' kalma relattiva fi *Kwiekeb ta' Qalbi* (1944), għall-għarfien sħiħ tal-kompromess meħtieġ mad-dinja tal-veritajiet u ta' l-oġġetti f'*Ħamiem u Sriep* (1959) u mbagħad għar-rassenjazzjoni u għall-għeja ta' *Tnemnin* (1970). Tul il-modgħija kollha tas-snin 1938–1970, il-qilla bikrija tgħaddi mill-filtri ta' l-ironija u taċ-ċiniżmu eżistenzjali, titħallat ma' kumment soċjali li bħallikieku jilqa' d-dinja tal-fatti bħala dinja li ma tixirqilhiex aktar ir-riflessjoni profonda tal-bidu, waqt li tikber, min-naħa l-oħra, il-qrubija tiegħu ma' Alla, il-punt tar-riferiment ewlieni u fundamentali. Metaforikament, il-mixja twila hi mmexxija min-nar, riferent li jieħu xejriet differenti, u li jiġbor fih ix-xejriet distintivi tal-kalvarju poetiku-uman: mill-qawwa tan-nirien, il-ħuġġieġa tal-bidu, il-poeta jasal fl-aħħarnett għat-telqa tat-tnemnim.

Hi ħuġġieġa waħda, emottiva u intellettwali li titlef is-saħħa tagħha gradatament, sewwasew skond kemm il-poeta jikber billi jaċċetta, inaqqas il-qawwa tar-ribelljoni, u jimmatura psikoloġikament billi jċedi poetikament għas-suġġestjonijiet tal-bidu. Min-nirien għat-tnemnim, mis-saħħa għad-dgħufija, mill-kontestazzjoni għall-aċċettazzjoni, mill-analiżi tal-fakultà intellettiva mżewġa mal-fakultà sensittiva għall-għemil taċ-ċediment aħħari: f'dawn il-waqtiet diversi, ilkoll passi ta' mixja twila waħda, jinkixef il-Vassallo żagħżugħ – xiħ li mix-xjuħija tat-tħassib jgħaddi għat-tfulija tan-nuqqas ta' l-impenn. Hi dejjem il-fidi li tmexxih u għalhekk anki l-waqtiet l-aktar ribelli huma l-waqtiet l-aktar sagri, l-isbaħ perijodi meta l-metafiżika hi mistennija tfisser u tixħet id-dawl fuq il-fiżika, ladarba, skond din id-dispożizzjoni filosofika u poetika, il-fiżika m'għandhiex minnha nnifisha s-setgħat li jirrivelawha lill-moħħ uman b'mod li jissodisfawh.

### Il-lirika tan-nirien

Mill-għalqa tematika u metaforika ta' *Nirien* il-poeta baqa' jislet l-għeruq tan-nebħa tiegħu u jgħaddiha għal varjazzjonijiet li jinkludu l-imgħoddi daqskemm jindikaw passi ġodda. L-esperjenza Leopardjana tal-bidu ssarrfet hi wkoll f'motiv nostalġiku, biex tat lok għal relazzjoni li tissokta tqarreb u tbiegħed, tħobb u tirriserva b'limitazzjonijiet ġodda lill-imħabba. L-għadab taż-żgħożija beda jinħall qajl qajl, ir-retorika ta' l-ewwel xogħlijiet sfumat f'lingwaġġ aktar meqjus u kkontrollat, maqtugħ mill-immedjatezza tas-sentiment u tal-fatti, u minflok l-istqarrijiet kategoriċi daħlu, bi prudenza ġdida, riflessjonijiet kalmi

u msoffija mill-indħil ta' emozzjoni mqanqla. Minkejja li l-bixra malinkonika m'hix dokument storiku jew perjodiku biss, iżda hi saħansitra l-qofol ta' l-imġiba umana u poetika kollha, u waqt li l-malikonija hi kemm eżistenzjali u kemm esperjenzali, ir-rassenjazzjoni maż-żmien telgħet fil-wiċċ u ħalliet ir-riflessi cari tagħha kemm fuq il-kontenuti u kemm fuq il-forom tiegħu, għaliex hi x-xhieda ta' paċi ġewwiena miksuba bi tbatija, riżultat taċ-ċediment li m'hux għajr ir-rebħa tal-fatti fuq il-kunċetti, u l-ħakma tat-twemmin fuq is-sentiment.

Il-viżjoni hi dejjem l-istess, u fiha jinstabu x-xejriet ta' l-unità psikoloġika li tibqa' dik li hi, taħt il-lenti kritika, anki fid-dawl tad-damma ta' kuntrasti u konfronti tematiċi li tiżgħed bihom il-mixja ta' kuxjenza mqallba tul għexieren ta' snin. Il-problematika mġarrba tissokta, waqt li l-poeżija tgħaddi minn tibdil sekondarju għaliex dan m'hux għajr ir-riżultat ta' tibdil fl-imġiba letterarja u ċivili ta' kuxjenza li baqgħet fidila lejha nnifisha. Bħallikieku qiegħed jikteb testment, li tematikament jintrabat minnufih mal-prologi kollha tal-manifest poetiku tiegħu kollu, Vassallo stqarr hekk fl-1982:

> Ħlas twelidi kien żwieġ ommi,
> żwieg l-imħabba ma' l-uġigħ.
> Ħlas għajxieni kien dmugħ qalbi
> li ma' tmiemi jnixxfu r-riħ.
> (*Ħlas Twelidi*, vv. 1–4)

Il-bidla, li m'hix sostanzjali, hija mnissla minn għarfien akbar ta' l-oġġett, u minn tnaqqis ta' l-attenzjoni fuq is-suġġett. M'hix mogħdija mill-introversjoni għall-estroversjoni; il-ħarsa hi dejjem 'il ġewwa, il-vjaġġ iwassal dejjem lejn irkejjen oħra ta' l-istess kuxjenza, iżda l-vjaġġatur rabba l-ġilda li rawmitlu saffi ħoxnin li bihom bħallikieku dera "l-misteru" u ħass inqas is-swat sewwasew minħabba x-xjuħija tad-drawwa, u b'ebda mod minħabba tibdil essenzjali fil-viżjoni. It-tensjoni l-qadima hi dejjem preżenti, imqar jekk imliġġma u mqar jekk sikwit tixref kemm kemm fi sfumaturi ta' l-ideat u tal-frażarju. Għalhekk stħarriġ kritiku sistematiku ta' Vassallo jitlob li wieħed jiddetermina perijodi differenti fi ħdan il-mixja sħiħa, u li wieħed jagħraf aktar minn Vassallo "wieħed" taħt l-identità elementari u unitarja li, madankollu, tegħleb is-saħħa ta' kull tibdil mill-qiegħ. Għalhekk ukoll qatt m'hemm fil-poeta konfront bejn it-twemmin u n-nuqqas ta' twemmin, għaliex l-istħarriġ tal-bidu u r-rassenjazzjoni taż-żminijiet ta' wara huma sħab f'unità fundamentali waħda, u kull pass hu magħmul fi ħdan viżjoni teoċentrika.

Vassallo l-veru hu l-poeta teoloġiku, il-qassis li jżur it-teoloġija b'metodoloġija mfassla skond it-turment, u li jqis il-kollox skond il-qisien ta' fidi li tidħol f'kull xaqq li jilmaħ fis-sistema eżistenzjali. Jekk il-limitu poetiku

tiegħu huwa r-razzjonaliżmu, huwa wkoll ir-razzjonaliżmu mbiddel f'damma ta' metafori li jagħmlu poeta ta' valur. Waqt li huma l-kunċetti li jagħtuh l-ispunti għat-tħassib, huma l-istess kunċetti mgħoddijin mill-kanal ta' l-emozzjoni li jibnuh f'artist mogħni b'identità li tingħaraf minn kull waħda oħra. Għalhekk il-Leopardjaniżmu tiegħu, mistħarreġ fid-dawl tal-kritika komparata, hu f'ħin wieħed aspett li jorbtu mal-kurrenti Ewropej daqskemm hu s-sies ta' l-oriġinalità tiegħu, miksuba biż-żwieġ "hieni" bejn il-poeta tal-kultura u l-poeta tat-tiġrib personali, u mgħammda mill-ħila tiegħu li jesplora fil-lingwa Maltija s-setgħat moħbija li huma fidili lejn il-ħtiġijiet espressivi tiegħu.

Ma jistax jiftiehem Vassallo ta' l-ironija reċenti jekk ma jiftihemx Vassallo tar-ribelljoni bikrija; ma jiftihemx Vassallo li jagħdab jekk ma jiftihemx Vassallo li jbiddel lilu nnifsu f'vittma. Il-kontestazzjoni u l-vittimiżmu, il-forma klassika u l-kontenut romantiku, il-ħażna intellettwali u l-imġiba sentimentali, l-isfiduċja ċinika fil-ħajja u l-fiduċja sħiħa fil-poeżija, il-kumplessi kuntrarji għal xulxin li jgħixu f'personalità waħda (bħalma huma l-biża' mil-limiti personali fuq in-naħa, u s-sens tas-superjorità poetika fuq in-naħa l-oħra), il-mogħdija trasparenti minn burdata għal oħra: dawn huma lkoll ilwien differenti ta' attitudni umana u letterarja li hi l-espressjoni ta' kontenut intellettwali u emottiv wieħed li jidher fil-qilla tiegħu f'*Nirien* waqt li jserrep fil-waqtiet l-oħra kollha. Vassallo nnifsu jisħaq fuq il-ħtieġa li l-poeta jerġa' jżur it-test tiegħu biex jorqmu fil-kalma u b'distakk mis-saħna tal-bidu; f'termini kritiċi, huwa jagħżel lill-waqt ta' l-ispirazzjoni mill-waqt ta' l-eżekuzzjoni tagħha; jekk jaħtaf minnufih ix-xrara li tnebbħu, xorta waħda jgħaddiha mill-għarbiel irqiq ta' ħinijiet oħrajn, differenti, li fihom is-setgħat poetiċi jistgħu jaqdu aħjar lill-ħtiġijiet tar-ruħ li trid tfisser ruħha fl-aħjar forma li tista' tasal għaliha. Il-kontenut (sħun) ma jissarrafx f'lirika jekk ma jiksibx l-ekwilibriju tal-forma (kalma, kiesħa): hi l-formula ta' l-istrateġija kreattiva.

Dan ifisser li l-prodott aħħari ta' Vassallo m'hu qatt ir-riżultat ta' burdata partikulari jew ta' qagħda li ġiet biex tgħaddi; għall-kuntrarju, hu rivelazzjoni maħsuba u mirquma ta' viżjoni magħquda u mrabbta sewwa fil-komponenti mżewqin tagħha li tinfirex, b'laqtiet u bi gradi emottivi differenti, fuq medda ta' snin twal. Fażijiet differenti jsawru poeta wieħed li spiċċa "jemmem" fin-niket tiegħu bla seta' jinsa t-tħeġġiġ tan-"nirien" tal-bidu, fejn hemm is-saħħa ewlenija. Bħala bosta artisti oħra ta' kull żmien, Vassallo jara l-poeżija bħala ċaqliqa kbira.

### Ir-rebħa poetika fuq il-provinċjalizmu storiku

Mill-għeluq ta' tematika marbuta ma' ambjent dejjaq u ċkejken, Vassallo rnexxielu joħroġ ħafna 'l barra biex jimraħ fil-wesgħat ta' tematika universali

li torbtu sewwa ma' l-ansjetajiet tal-kurrenti kontinentali ewlenin. Fiċ-ċokon materjali u mentali tar-raħal u tal-gżira rnexxielu jagħraf xorta waħda l-kobor u l-profondità tar-ruħ umana li tgħammar u tterraq fid-deżert bla qies ta' l-art kollha tal-bniedem. Mill-poeżija magħluqa taċ-ċittadinanza nazzjonali għadda għall-poeżija vera taċ-ċittadinanza kożmika, li biha l-bniedem jagħraf lilu nnifsu billi jistaqsi dwar l-identità tassew umana, billi jħabrek biex iwieġeb il-mistoqsijiet li huma kbar sewwasew għaliex ma jistgħux jitwieġbu, iżda li huma kontenut poetiku sewwasew għaliex jiġġarrbu.

F'dan is-sens ukoll, bħal Dun Karm, Briffa, Zammit, Buttigieg u oħrajn, Vassallo tella' lill-poeżija Maltija għall-ogħla grad li tista' tilħaq, għallinqas mill-aspett tematiku, billi ħariġha mill-qafas tal-lokalità, neżżagħha mill-provinċjalizmu u libbisha filosofikament għaliex xeħet fiha n-nifs ta' wħud mill-mudelli arketipiċi ewlenin, bħalma huma r-relazzjoni bejn id-divinità u l-umanità, il-bniedem bħala aġent tar-rieda u vittma ta' setgħat ogħla minnu, il-problematika ta' l-identifikazzjoni, ir-rapport bejn il-wieħed u l-ħafna, u fuq kollox il-ħajja mifhuma bħala proċess ta' tbatija li waqt li jkollu jingħalaq bil-mewt fiżika, iħaddan ukoll l-*angst* li ma tħallix lir-razzjonaliżmu jlissen l-aħħar kelma iżda tiftaħ fil-kuxjenza aptiti kbar, traxxendentali. Huma dawn l-aptiti feroċi li jagħtu lil Vassallo s-saħħa tiegħu bħala ruħ itturmentata li mill-mistoqsijiet li għamlet waslet għal sensiela oħra ta' mistoqsijiet, f'ċirku li m'hux vizzjuż għaliex fih il-punti, li jagħtu għall-beraħ ta' l-infinità. Hi kuxjenza li l-poeta jfissirha b'damma ta' kliem li jidħol fil-qasam tal-lessiku li jfisser kulma hu indefinit, ambigwu, vag u misterjuż.

## Riflessjoni Universali

Vassallo jibqa' wieħed mill-poeti ewlenin ta' Malta għaliex għandu l-għeruq tiegħu fi tradizzjoni filosofika-letterarja għanja ħafna li għaddiet mill-kanali awtentiċi tas-sensibiltà personali, sensibiltà magħġuna bid-dmugħ, maħduma bl-esperjenza, imrawma bl-istħarriġ ta' riflessjonijiet universali u individwali li żżewġu bi qbil fir-ruħ u tfissru tajjeb f'forom poetiċi mirquma. Vassallo jibqa' poeta li jfakkar li l-letteratura ta' art ċkejkna m'hix biss dokument soċjali u folkloristiku, storiku u politiku (kif hi dejjem awtomatikament), iżda hi wkoll, u wisq aktar, dokument uman miżgħud bir-raġunamenti u bl-intwizzjonijiet li jsieħbu lill-erwieħ sensittivi f'razza waħda. (Għall-kuntrarju, dan m'hux valur awtomatiku, iżda targa għolja, aħħarija li ma jitlagħhiex kulħadd bil-ħeffa).

Anki f'dan id-dawl tiftiehem waħda mix-xejriet ewlenin tal-poetika tiegħu, jiġifieri l-ħtieġa li l-poeta jmur lil hinn mil-limiti li jagħlquh fil-qafas tal-lokal, sakemm jifhem metaforikament li l-lokal dejjaq hu l-univers stess, il-medda

bla qies li sewwasew bid-dehra "infinità" tagħha twebbel lir-ruħ imħassba bl-għarfien ta' l-infinità u bix-xewqa tal-kisba tagħha. Mill-ġdid, il-poeżija tidher, anki fuq il-livell tat-teorija: qawwa ġewwiena li trid tegħleb l-għeluq, ġeografiku u intellettwali. Il-frażi emblematika "irrid u ma nistax" tiġbor fi ħdanha, bħal żewġ polaritajiet qalila, il-medda tal-vjaġġ kollu, l-intensità tat-turment, il-kunfidenza mad-divinità, il-formula tas-suċċess poetiku.

Għal stħarriġ dettaljat ta' dawn ix-xejriet u oħrajn il-qarrej jista' jara dawn il-kotba ta' Oliver Friggieri: *L'esperienza leopardiana di un poeta maltese, Karmenu Vassallo,* Spes, Italia, 1983; *Storia della letteratura maltese,* Spes, Italia, 1986, pp. 275–359.



Il-Prof. Oliver Friggieri, waqt it-tnedija tal-ktieb tiegħu *Noi Siamo un Desiderio* (Companotto Editore, Udine) li saret fid-Deautchbank Palace f'Ġinevra fis-27 ta' Marzu 2000, flimkien ma': (mix-xellug) il-Prof. Elio Andrivoli, il-Maġ. Guido Zavanone, il-Prof. Liliano Andrivoli, il-Prof. Bruno Rambi, il-Prof. Clara Rubbi u l-Prof. Antonio Rubbi.

# L-Istrateġija Psikostilistika f'DUN KARM

*Charles Briffa*

Fl-isbaħ waqtiet, madankollu, li huma għalhekk ukoll l-itqal kisbiet poetiċi, l-identifikazzjoni bejn il-ħoss u t-tifsira ssir bil-kapriċċ tekniku, strateġiku, ta' l-awtur meta, ngħidu aħna, huwa jrid jagħti ħoss lil esperjenzi li m'għandhomx ħoss, bħall-ferħ, ir-riflessjoni, il-malinkonija, l-għadab u l-bqija.[1]

## Introduzzjoni

Li se ngħid hu li Dun Karm (1871–1961) inqeda bl-elementi tan-novella f'waħda mill-poeżiji tiegħu biex iwassal il-messaġġ. Se nitlobkom terġgħu tħarsu lejn Dun Karm b'mod differenti mis-soltu. Is-soltu narawh poeta – illum se narawh poeta-novellier.

Dan l-istudju (li se jfarrak 'il Dun Karm biex isaħħu) juri metodu ta' investigazzjoni ta' poeżija bbażat fuq

- il-*qagħda mentali tal-poeta* (u għal din se nieħu t-teorija ta' l-iskema)
- ir-*rappreżentazzjonijiet tal-ħsieb* (u hawnhekk se naraw il-proċessi differenti li jużа l-poeta, xi wħud minnhom insibuhom komuni ħafna fil-proża narrattiva)
- u *l-pjan ta' assistenza ritmika* (jiġifieri kif il-poeta jinqeda bir-ritmu biex iwieżen it-tifsir)

U dan kollu biex isawwar ambjent testwali li minnu joħroġ l-istil mentali ta' Dun Karm. Kollox jidderiġina lejn aspetti tematiċi li jridu jseddqu d-dehra mentali tal-poeta.

Se nipprova nuri hawnhekk kif, għallanqas f'poeżija waħda minn tiegħu, Dun Karm inqeda bit-teknika tal-proża narrattiva biex iwassal il-messaġġ

tiegħu. Għalhekk nemmen li dan il-metodu jżid mal-kompetenza letterarja, għax jinvestiga implikazzjonijiet psikoloġiċi u morali, u għaldaqstant irrid narah bħala metodu psikostilistiku li jikkombina l-psikoloġija narrattiva ma' l-istilistika letterarja u l-istil mentali.[2]

Dan kollu biex nuri kif Dun Karm iħaddem id-djalogiżmu tiegħu bejn żewġ attitudnijiet: l-umanità u l-ispiritwalità.

Imma l-ewwel ikolli nispjega xi żewġ affarijiet.

Mikhail Bakhtin (1895–1975) – filosfu u lingwista Russu – jgħid li l-poeżija hija monologika (fis-sens li tressaq vuċi waħda[3] filwaqt li r-rumanz huwa djalogiku (jiġifieri, jressaq aktar minn vuċi waħda). It-terminu monologiku jirreferi għall-vuċi ta' l-awtur li hija awtoritatevoli; meta silta tkun monologika tkun ikkontrollata mill-vuċi dominanti ta' l-awtur.

> In genres that are poetic in the narrow sense, the natural dialogisation of the word is not put to artistic use, the word is sufficient unto itself and does not presume alien utterance beyond its own boundaries. Poetic style is by convention suspended from any mutual interaction with alien discourse, any allusion to alien discourse.[4]

Mill-banda l-oħra, it-terminu djalogiku jindika polifonija; u silta li tkun djalogika tippermetti puntidivista u ideoloġiji differenti u tħalli vuċijiet diversi fil-libertà tagħhom.

> A plurality of independent and unmerged voices and consciousness, a genuine polyphony of fully valid voices is in fact the chief characteristic of ... novels. What unfolds ... is not a multitude of characters and fates in a single objective world, illuminated by a single authorial consciousness; rather a plurality of consciousnesses, with equal rights and each with its own world, combine but are not merged in the unity of the event.[5]

Nifhem li meta Bakhtin jitkellem dwar il-monologiżmu ta' għamliet poetiċi jkollu f'moħħu għadd ta' karatteristiċi li mhux bilfors japplikaw għall-poeżiji kollha. Hawnhekk se nuri kif poeżija ta' Dun Karm tassumi xejra djaloġika meta n-narratur jidħol f'relazzjoni komunikattiva ma' ħaddieħor. Biex iseħħli nagħmel dan jeħtieġ li nħares lejn il-lingwa bħala *sistema li twettaq it-tifsir* aktar milli bħala *sistema li tesprimi t-tifsir*. U biex nuri dan it-twettiq, qabel xejn, se nispjega kif jaħdem il-proċess ta' l-iskemata f'Dun Karm, imma biex wieħed jifhem ħafna minn dak li se ngħid, irid *jimmaġina* ħafna.

## It-Teorija ta' l-Iskema

Fil-poeżiji tiegħu Dun Karm jixħet quddiemna dinja testwali (jiġifieri, id-dinja ta' ġewwa l-poeżija) li nistgħu nispjegawha permezz tat-teorija ta' l-iskema, jew il-kunċett ta' rappreżentazzjoni mentali.[6] Il-perċezzjoni u l-mod kif nifhmu test jissawru skond l-istennija tagħna; u dak li nistennew aħna nibnuh fuq dak li nkunu diġà nafu. Jiġifieri, l-interpretazzjoni tad-dinja testwali tiddependi fuq l-attitudnijiet u l-assunzjonijiet li nkunu diġà sawwarna mill-esperjenza tagħna tad-dinja. Id-deskrizzjoni lingwistika f'Dun Karm nistgħu ngħaqqduha mat-teorija ta' l-iskema biex nifhmu l-mudell tad-dinja li qed iwasslilna l-poeta. Hija dinja possibbli li jressqilna, għax għalih kienet reali u għalhekk l-analiżi tagħna se tikxiflu l-personalità tiegħu.

It-terminu "skema" f'din it-teorija jirreferi għal element kognittiv ta' organizzazzjoni

> ... an active organisation of past reactions, or past experiences, which must always be supposed to be operating in any well-adapted organic response.[7]

U l-qofol tat-teorija jinsab fil-fatt li l-komprensjoni tiddependi essenzjalment fuq kemm għandna ħila ntellgħu t-tagħrif relevanti li jkollna fil-fond tal-bir ta' moħħna. Nagħtu tifsir lit-tiġrib ġdid tagħna billi norbtu flimkien dak kollu li jkun dieħel mar-rappreżentazzjonijiet mentali ta' entitajiet u sitwazzjonijiet li jkunu diġà jeżistu minħabba t-tiġrib imgħoddi. Nimmaġinaw, ngħidu aħna, ix-xena li jagħtina ta' dan il-ħaddiem:

> Araħ milwi taħt ħajt ġol-barriera
> Fuq it-trinka, f'xemx taħraq bħan-nar,
> Man-nifs qawwi ta' sidru jinsemgħu
> Id-daqqiet ta' baqqun ta' l-azzar.
>
> (*Ħaddiem*)

Dun Karm jibbaża l-ħsieb tiegħu fuq id-dehra tat-tbatija għax jaf li aħna se nindunaw li dan il-ħaddiem qiegħed iqatta' l-ġebel. Jaf li se nimlew id-dettalji li m'għandux għalfejn jagħtina.

Ngħidu aħna, it-tifrik tal-ġebel u t-trab li jqajjem biex jitħallat ma' l-għaraq u jidħol fl-imnifsejn ħa jżid l-oppressjoni u t-tagħkis li x-xemx tisreġ qed titfa'. Irridu nkunu nafu x-xogħol tat-tbaqqin kif irid isir: ġisem milwi u saħħet ir-raġel tbaqqan mar-ritmu tan-nifs. Il-ħoss tat-tbaqqin jinsilet mir-ritmu ta' l-anapest fl-aħħar vers ta' din l-istrofa, ritmu drammatiku li jindika mixi eċċitat bħall-ħbit tal-qalb. L-istrateġija fonoloġika hija aspett mill-ħsieb tad-defamiljarizzazzjoni[8] li tridna nisimgħu dak li qegħdin nimmaġinaw. Fi kliem ieħor, il-poeżija tiddependi fuq l-iskema tat-TQATTIGĦ TAL-ĠEBEL li

tinkludi informazzjoni dwar xi jħoss bniedem f'sitwazzjoni ta' xemx qierħa, trab, u għaraq.

Dan l-eżempju juri t-tħaddim u l-applikazzjoni ta' skemata[9] xierqa fil-proċess ta' interpretazzjoni. L-iskemata li jitqanqlu jagħtu koerenza lill-poeżija billi jistabilixxu t-tifsir ta' element lessikali fil-kuntest u jisiltu l-inferenzi li hemm bżonn. Il-qarrej irid jaqla' tagħrif li għandu f'moħħu u jħalltu ma' dak li qed jagħtih il-poeta biex ikun hemm reazzjoni xierqa. Dun Karm jiddependi fuq dan it-tħaddim min-naħa tal-qarrej, u għalhekk joqgħod attent għall-kelma li jagħżel. Jafda fuq l-istrutturi ta' tagħrif eżistenti li jridu jwasslu jew isaħħu l-interpretazzjoni.

Imma fil-kreattività tiegħu Dun Karm jitlob li jkollna skemata dinamiċi u flessibbli. Aħna u naqrawh, l-istrutturi ta' moħħna l-ħin kollu jinbidlu u jadattaw ruħhom għal esperjenzi ġodda. Il-bidla sseħħ kemm għax jidħlu kunċetti ġodda u kemm għax jiġu modifikati kunċetti qodma bħal meta

- lill-Maltin jarahom iljuni ħorox,
- lill-baħar jarah żagħżugħ ta' dejjem,
- il-vjatku jarah imdawwar b'anġli bil-qtajja' ,
- u l-għonnella jaraha għata ta' gieħ u nisel il-qedem.

B'kunċetti bħal dawn imiss il-kordi tal-qalb, u jisfidalna u jimmodifikalna l-attitudni tagħna. Il-poeżija tiddefamiljarizza lill-qarrej: tagħmlu konxju tal-qawwa tal-lingwa u ċċaqlaqlu dak li hu ordinarju.

Ukoll, Dun Karm iħaddem strutturi li jaħsdu. Ngħidu aħna lix-xita jgħidilha:

> Idħol ġewwa t-trab u fittex
> Dawk iż-żrieragħ ċkejkunin
> Li bit-tama ġewwa qalbhom
> Xerrdu l-bdiewa ħabrekin.
>
> (*L-Ewwel Xita*)

Iż-żrieragħ jintrabtu ma' skema ta' MĦABBA mhux biss bil-kunċetti ta' "tama", "qalb", u "bdiewa ħabrekin", imma wkoll permezz ta' l-istrateġija sintattika u semantika li juża biex taħdem fin fuqna. "Li bit-tama ġewwa qalbhom" sintattikament tirreferi għaż-"żrieragħ ċkejkunin" u għalhekk metaforikament iż-żrieragħ isiru kunċett ta' ġejjieni msawwab bit-tama. Fl-istess ħin dawn iż-żrieragħ "xerrdu l-bdiewa ħabrekin", personifikazzjoni rriversjata li taħsadna biex iġġagħalna nifhmu li l-eżistenza tal-"bdiewa ħabrekin" tiddependi fuq il-ħajja magħsura fiż-żrieragħ. Id-defamiljarizzazzjoni qed toħrog mill-personifikazzjoni rriversjata. Imma hemm interpretazzjoni oħra li ma taħsadx daqshekk. F'din it-tieni interpretazzjoni "bit-tama ġewwa qalbhom" inqisuha bħala kwalifikazzjoni tal-"bdiewa ħabrekin" biex it-tifsira

issa tiġi: "Dawk iż-żrieragħ ċkejkunin li xerrdu l-bdiewa ħabrekin bit-tama ġewwa qalbhom." L-istramberija sintattika qed tqanqal wirjiet semantiċi biex tinseġ l-emozzjoni ma' l-iskema ta' MĦABBA ssimbolizzata fix-xita.

Ħaġa oħra li rridu nqisu hija l-użu tar-ritmu bħala strateġija biex iwassal il-ħsieb. Insibu li kultant Dun Karm jinqeda bil-pawsiet fil-versi u bir-ritmu tad-diskors ħieles biex jirrifletti l-istil mentali. Irrid ngħid li l-metrika li jħaddem isawwab fiha r-ritmu tat-taħdit konverżazzjonali ħalli jseddaq it-tifsira. Nieħdu din is-silta ta' versi ta' l-għaxra ħa nifhmu aħjar:

Waħdek, ġwejjed, b'mixjitek sabiħa,
B'dik il-ħarsa mitfugħa 'l quddiem,
Fejn int sejjer, o Bniedem, o Alla,
Fommok mimli bil-kelma tas-sliem?

(*Il-Monument*)

It-tliet elementi nominali fl-ewwel vers ta' din l-istrofa jitolbu waqfa wara kull wieħed. Kull element jagħti kunċett differenti fid-dehra ta' Kristu, u għalhekk kull kunċett irid ikollu waqfa mmarkata bil-virgola. Il-waqfiet iżidu mal-valur ritmiku għax l-effetti jsiru aktar espressivi. L-ewwel waqfa tgħaqqad l-idea ta' l-iżolament fiżiku mal-ġentilezza tal-karattru li hija karatteristika unika fid-dehra ta' Kristu sultan; filwaqt li t-tieni waqfa twitti t-triq għall-aspett metaforiku li għandu x'jaqsam mal-progress Kristjan.

Ir-ritmu jkattar il-valur tiegħu meta l-metru u l-grammatika jiftiehmu sew bejniethom. Dan l-ewwel vers ta' *Il-Monument* jiddetermina wkoll il-mixja ritmika tat-tieni vers, u jintroduċi s-sentenza perjodika mifruxa fuq strofa sħiħa li tispiċċa bil-*climax* tal-mistoqsija diretta. Il-binja ritmika tinbidel fit-tielet vers bit-ton tal-mistoqsija, u hekk tinbidel ukoll l-istennija tagħna. Għandna modifikazzjoni tar-ritmu: fl-ewwel żewġ versi r-ritmu jimxi bil-mod, fit-tieni żewġ versi jitħaffef minħabba l-mistoqsija – din il-ħeffa tinħoloq mit-tħarrik żvelt tal-mistoqsija u l-moviment bl-iskossi tal-forom vokattivi. Il-bidla fir-ritmu (li hija viċin ħafna tar-ritmu konverżazzjonali) ttella' daqsxejn ta' tensjoni. Fil-pjan ta' assistenza ritmika Dun Karm idaħħal il-misteru ta' l-inkarnazzjoni għax ir-ritmu jidderieġi l-attenzjoni tal-qarrej mill-apparenza fiżika ta' Kristu għall-missjoni divina tiegħu.

Issa ngħaddu ħa niflu biċċa xogħol sħiħa ta' Dun Karm.

**Poeżija-Novella**

Il-poeżija li se nieħu hija *Żjara lil Ġesù* (1916) u nibda biex ngħid li din hija poeżija-novella: novella awtobijografika li tħaddem in-nixxiegħa tal-ħsieb bir-ritmu ta' l-endekasillabu kontinwu li jmexxi l-perjodu lejn sħuħija

semantika u tmiem sintattiku – ritmu li jiġri qrib ħafna r-ritmu tal-proża. Nixtieq inqisha bħala espressjoni ta' poeta novellier. Diġà għedt ħafna u jeħtieġ nispjega dan.

Dun Karm jinqeda bir-ritmu tad-diskors u tal-ħsieb biex iżomm kwalitajiet essenzjali tal-lingwa li jwasslu elementi espressivi ta' taħdit spontanju għax is-sitwazzjoni tal-poeżija titlob komunikazzjoni intima man-natura u ma' Alla. Fil-ħsieb dirett u ħieles il-poeta jinħass qribna ħafna minħabba li diskorsu jinħass immedjat. Jiftaħ b'din ir-rappreżentazzjoni tal-ħsieb:

Qatt ma ninsa l-ħlewwiet li ħassejt f'qalbi
dik id-darba, o Ġesù .

(v. 1–2)

Hija strateġija li timbuttana lejn interpretazzjoni prammatika: għandha ħafna mit-ton tat-taħdit ordinarju biex mat-tifsira twasslilna r-realtà sitwazzjonali. L-ewwel kelma li juża Dun Karm hija "Qatt" b'ton ta' wieħed li daħal *in medias res*. Jitfagħha fil-bidunett u b'hekk jitfgħalha bosta enfasi biex imbagħad ikattar dan l-enfasi tal-kelma bir-repetizzjoni tagħha f'diversi partijiet tal-poeżija, tant li "qatt" donnha tibqa' tidwi f'moħħna ħa ssostni l-impressjoni ta' esperjenza unika. Huwa dan il-bidu msawwar mill-ħsieb dirett u ħieles li mill-ewwel jgħidilna li dak li ġej se jkun komunikazzjoni ma' Ġesù. Minħabba li l-ħsieb dirett u ħieles jista' jiġi interpretat bħala diskors dirett u ħieles l-aspett komunikattiv jinħass qawwi.[10] L-impressjoni li tingħata hawnhekk hija li t-tiġrib spiritwali diġà seħħ u l-poeta se jirrakkontahulna wara li għadda, b'titjira lura.

Imma Dun Karm iħawwar il-poeżija-novella tiegħu b'bosta modi stilistiċi, u mill-ħsieb dirett u ħieles jaqbeż għat-tieni strofa bir-rapport narrattiv ta' l-azzjoni biex jirrakkonta l-ġrajja u jiddeskrivi l-ambjent kuntestwali:

Kienet il-ħabta
li d-dwieli jinżgħu u lis-sid iroddu
l-aħħar għenieqed, u maż-żiffa ħelwa
itir il-weraq isfar u jitgħajjeb
in-nir tas-sema bil-ħajbur u tibda
l-ewwel newba tax-xita; il-ħin kien riesaq
li l-għasafar jinġabru fuq is-siġar
u jimlew l-ajru bil-għajat minn tagħhom;
jien, kollni waħdi, ftit għajjien mill-kotba,
intfajt għal għonq it-triq bejn raba' u baħar.

(v. 2–11)

Fir-rapport narrattiv ta' l-azzjoni nħossu l-preżenza tal-poeta-narratur;[11] narawh b'kontroll assolut fuq il-ġrajja tal-poeżija. Jagħti deskrizzjoni

taż-żmien, tat-temp, ta' l-ambjent naturali, tal-ħin, u ta' l-attività tan-natura qabel ma jasal biex jintroduċi lill-bniedem. Mill-ftuħ ta' l-ispazju jinżel jiffoka fuq il-ħlejqa xbiha ta' Alla. It-tressiq flimkien tal-ħsieb dirett ħieles u tar-rapport narrattiv ta' l-azzjoni jżid joħloq l-impressjoni li aħna diġà qegħdin f'moħħ il-poeta, u l-qagħda mentali hija waħda sinifikanti. Hemm l-ordni fin-natura. Il-kożmos jiġbor fih sistema ordnata, u f'dan il-beraħ kollu, fejn id-dwieli għandhom sens ta' rispett u l-għasafar mimlijin ġabra u komunikazzjoni, jinsab il-bniedem solitarju.

Mill-ġabra ta' l-għasafar għas-solitudni tal-bniedem, ngħaddu biex naraw l-attitudni tal-bniedem f'dan il-waqt ta' sliem. Jindirizza lill-baħar u lis-siġar b'termini ta' ħlewwa u mħabba, u l-punteġġatura u s-sintassi donnhom iħabbru diskors dirett:

– Ħelu kien leħnek dak in-nhar, ja baħar,
u ħiemda l-mewġa li bla ragħwa kienet
tħaxwex ġol-blat! u ħelu kien leħenkom,
ja siġar dejjem imżejnin bil-ħdura,
li kontu magħmulin, meta tarbija
jien kont nixxabbat ma' rkobbtejn ħaddieħor,
biex inżomm fuq riġlejja!

(v. 12–18)

Imma nifhmu wkoll li dan id-diskors dirett qed jingħata f'parentesi; ġie maħsub mhux fiż-żmien tal-ġrajja imma wara, iddeffes bħala kumment perċettiv b'lura. U għalhekk jieħu x-xejra ta' ħsieb dirett u ħieles, preżentazzjoni li biha rridu nidħlu f'moħħ il-poeta-karattru. Il-ħsieb dirett u ħieles għandu ħafna mid-diskors dirett, f'dawk li huma karatteristiċi formali. L-influwenza tan-narratur tgħib għal kollox u kulma għandna hija l-viżjoni tal-poeta fis-sura tal-karattru fl-ewwel persuna. In-narratur iridna nitwaħħdu mal-karattru sabiex naddottaw ix-xejriet mentali tiegħu. Dan hu l-iskop tal-ħsieb dirett u ħieles. Wara, nerġgħu lura għall-ambjent:

Lejn id-dwejra,
bil-għodda fuq spallejh, xi bidwi xwejjaħ
kien nieżel waħdu, waqt li l-aħħar għanja
ta' xi ragħaj, fil-bogħ'd, kienet tinstama'
ma' l-ilħna u ċ-ċempil tal-qniepen ċkejkna;
u fuq il-baħar abjad kienet tidher
il-leħħa ħamra ta' l-imqadef niedja
ta' xi dgħajsa tas-sajd, sejra mgħobbija
bix-xbiek u n-nases.

(v. 18–26)

Noħorġu minn moħħ il-karattru u niltaqgħu man-narratur biex jagħtina d-dehra ta' tmiem il-jum u tmiem il-ħidma. Mela l-preżentazzjoni arkitettonika tat-tieni strofa

(rapport narrattiv ta' l-azzjoni + ħsieb dirett u ħieles + rapport narrattiv ta' l-azzjoni)

hija bbilanċjata biex twassal simetrija strutturali li qed turi l-ħsieb uman imdeffes fl-ambjent naturali u soċjali ħalli toħloq impressjoni ta' twaħħid: ħsieb u ambjent huma inseparabbli, żewġ aspetti ta' l-istess qagħda. Diġà jidhru żewġ vuċijiet: il-vuċi tal-bniedem waħdu u l-vuċi ta' l-ambjent magħqud u miġbur.

It-tielet strofa tibda bil-ħsieb dirett u ħieles:

Għandu jkun hemm rabta
bejn is-siegħa tal-jum u bejn il-ġrajja
ta' ħajjitna;

(v. 26–28)

Riflessjoni tal-bniedem spiritwali li ġiet wara d-djalogu man-natura u l-ambjent. Nifhmu li erġajna qegħdin f'moħħ il-karattru biex hemmhekk ikun l-angolu tal-perspettiva tagħna wkoll. U issa n-narratur tant daħal fix-xeħta personali tal-karattru li l-versi li jmiss kważi jinħassu bħala rapport narrattiv ta' atti tal-ħsieb u mhux sempliċiment rapport narrattiv ta' l-azzjoni:[12]

u l-ħin li x-xemx tkun riesqa
biex tgħib u tagħti l-aħħar bewsa 'd-dinja,
il-ħsieb jittajjar lejn iż-żmien ta' l-hena
li għadda fuqna u ġie meħud għal dejjem;
u l-qalb tingħafas, u mingħajr ma rridu
id-dmugħ jaqbeż f'għajnejna u minn ġo ruħna
toħroġ tnehida.

(v. 28–34)

Il-lingwa figurattiva tagħti l-viżjoni u l-valuri tal-poeżija f'taħlita ta' ħsieb u sentiment, u sservi ta' pont għall-ħsieb dirett u ħieles fil-kumplament ta' l-istrofa:

Ftakart fik, żmien ħelu,
meta kont f'dar missieri, u mejda waħda
kienet tiġborna lkoll, f'rabta ta' mħabba,
lili, lil ħuti, u 'l dawk illi nissluna;
imma fik l-aktar, j'omm, li għalkemm xwejħa
ta' tmenin sena, bqajt sa l-aħħar siegħa

sabiħa bħalma kont fl-aħjar minn tiegħek,
u bid-dawl ta' għajnejk, li qatt ma ddellu,
kont tfissirli x-xewqat li kellek f'qalbek,
bla qatt ma għedtli; ftakart fik u donni
ħassejt li ma kellix iżjed x'nambiha
din il-ħajja li tajtni hekk għażiża,
la darba ma kontx tista', ferħ jew niket,
taqsamha miegħi, u taħt l-art ħanina
fit-tgħanniqa tal-mewt xtaqt norqod miegħek.

(v. 34–48)

Fil-ħsieb dirett u ħieles il-karattru jqanqal tifkiriet ta' ġabra u mħabba magħsurin fil-kunċett tal-familja, u hawnhekk jidħol fi kriżi għax it-tifkira u s-sentiment inisslulu x-xewqa tal-mewt. Jiġifieri meta qed jiddjaloga mal-passat jintebaħ xi jkun tilef u ma jibqax japprezza ħajtu għax jixtieq jaqsamha ma' ommu imma din m'hix qiegħda hemm.

Il-messaġġ tan-natura (fit-tieni strofa) u l-messaġġ tal-passat (fit-tielet strofa) huma dejjem għall- ġabra u l-għaqda. Imma l-bniedem għadu jrid jibqa' solitarju, u b'din il-burdata jidħol fil-knisja. Ir-raba' strofa tiftaħ bir-rapport narrattiv ta' l-azzjoni biex in-narratur jagħtina l-ambjent ta' ħemda u ħmura xemxija li trid tikkumplimenta d-dehra ta' l-Imsallab.

Il-knisja ċkejkna mkebba qalb is-siġar
kienet miftuħa; dħalt u fuq subgħajja
irsaqt sa ħdejn l-artal. Ħaddieħor ħliefi
ma kienx hemm dak il-ħin, u jien sibt ruħi
waħdi fil-ħemda tad-dar t'Alla. Id-dija
ħamra tax-xemx minn ġo daqsxejn ta' tieqa
kienet tissawwab dak il-ħin fil-knisja,
u fuq il-ħajt biswit it-tieqa mdawwal,
kont tara 'l hawn u 'l hinn sieket jiċċaqlaq
id-dell tal-weraq li kien jobdi 'l-fewġa
ħelwa tal-baħar. B'dik id-dija ħamra
kien kollu mlibbes is-salib imqaddes
ta' fuq l-artal.

(v. 49–59)

Waħdu l-bniedem qagħad jifli l-figura ta' Ġesù fuq is-salib u nerġgħu nidħlu f'moħħu bil-ħsieb dirett u ħieles:

Oh kemm rajtha mbikkija
u sfajra x-xbiha ta' Ġesù fil-ħmura
ta' dak id-dawl! kemm deh'rli kbir in-niket

fir-ras imdendla u fil-għajnejn bla ħarsa
ta' dak is-Sieket! Sogħba tnisslet f'qalbi
għalik, ja żmien, li jiena tlift fil-frugħa,
bla ma ttajjart 'il fuq lejn ġid is-sema,
għalkemm ħassejt sikwit tikbes ġo ruħi
il-ħegga tat-tajran;

(v. 59-69)

Il-ħsibijiet tal-karattru jinħassu konxji u marbutin mas-sentiment: ir-ritmu ta' ħasra fil-versi jindika impenn emozzjonali. Imma n-narratur jidħol bir-rapport narrattiv ta' l-azzjoni sabiex itaffi ftit mill-emozzjoni personali

xegħlet fuq wiċċi
il-fawra tal-mistħija; u dlonk inkisret
ħarsti lejn l-art, u taħraq daqs il-ġamar
ħassejt demgħa titgerbeb fuq ħaddejja.
F'dik il-għafsa ta' qalb xofftejja tħarrku
u ħareġ waħdu dan il- kliem:

(v. 69–74)

u fl-istess ħin iħarrek il-qalb ħa tferra' b'diskors dirett it-talba tal-Missierna,

– Missierna,
li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek ... –

(v. 74–75)

it-talba li theżżeż il-kuxjenza tal-bniedem ħalli jintebaħ bil-qagħda psiko-spiritwali tiegħu. Jiddeffes bil-qawwi n-narratur bir-rapport narrattiv ta' l-azzjoni biex jikkummenta fuq ir-realizzazzjoni li l- bniedem m'għadux waħdu.

Kieku dik kienet l-ewwel darba f'ħajti
li smajt kliem hekk għażiz:, ma kienx jolqotni
aħjar minn kif laqatni dik il-lejla;
qatt ma ħassejt bħal dak in-nhar il-ħlewwa
ta' dak l-isem f'widnejja, u qatt ġo qalbi
ma ġarrabt ħeġġa ta' nirien l-imħabba
aqwa jew itjeb. Ma kontx iżjed waħdi
f'dik il-knisja ċkejkuna, ġaladarba
mill-għoli tas-smewwiet kienet tħarisni
il-qawwa ta' Missier li qatt ma jinsa
lill-ulied tiegħu, u fi ħdanu jilqa'
bi tjieba ta' bla tarf kull min lejh jersaq.

(v. 76–87)

Fil-kunċett tal-missier hemm l-għarfien li spiritwalment il-bniedem dejjem għandu 'l min jilqgħu fi ħdanu. U jerġa' d-diwi tal-Missierna f'diskors dirett (- Missierna ... – v. 88) bħal eku fil-moħħ meta xi ħaġa teċċita ħafna lill-qalb umana.

Il-preżentazzjoni tar-rapport narrattiv ta' l-azzjoni (v. 88–92) tagħtina viżjoni kożmika ta' mħabba li hija interpretazzjoni kunċettwali astratta tal-bniedem wara l-għarfien tal-valuri tal-Missierna fil- preżenza tan-narratur.

> rġajt sejjaħt; u f'rabta mqaddsa
> rajt imgħaqqdin il-ġnus, għalkemm mifruda
> jew bil-bogħ'd, jew biż-żmien, u d-dinja kollha
> dar waħda u hienja, fejn aħwa jissejħu
> min għandu s-saltna u min mat-triq jittallab.
>
> (v. 88–92)

Bil-ħsieb dirett u ħieles il-bniedem jidher b'awtonomija mentali, jassumi r-riedni tal-ġrajja hu mingħajr l-indħil tan-narratur – issa aktar u aktar li huwa mżejjen bl-għarfien spiritwali.

> Oh kemm hi sbejħa l-Fidwa! Oh kemm ressqitna
> lejn il-ħajja l-mewt tiegħek, ja Bin Alla,
> fuq għuda msallab! Le, mhux il-ferħ l-iżjed
> hieni fid-dinja; għandu wkoll in-niket
> il-ħajr minn tiegħu, la ġo fih moħbija
> dejjem tinsab tal-faraġ iż-żerriegħa;
> fit-toqol tas-salib li Int ħaddant
> ħeffew dnubietna, u fil-weġgħa qawwija,
> li firdet fik ir-ruħ mill-ġisem, tnisslet
> rabta li ma tinħallx, li għaqqdet tajjeb
> taħt missier wieħed il-bnedmin tad-dinja.
>
> (v. 93–103)

Il-qawwa tal-ħsieb tibqa' fil-bniedem li mid-diskors dirett (– Missierna.... – v. 104) li jislet it-talba, jerġa' jalterna l-proċessi

- tar-rapport narrattiv ta' l-azzjoni,

> Arġajt tennejt:... u ħarsti marret
> fuq bieba ċkejkna fuq l-artal, fejn moħbi
> taħt xbiha żgħira ġieb fix-xejn il-kobor
> u l- qawwa tiegħu Dak li jista' kollox,
> u safa ħobżna ta' kuljum.
>
> (v. 104–108)

- tal-ħsieb dirett ħieles,

  Oh setgħa!
  oh ġenn ta' mħabba! oh tjieba! oh tjieba! oh tjieba!

  (v. 108–109)

- tar-rapport narrattiv ta' l-azzjoni,

  Għax la ried jgħammar fostna u jgħannaq miegħu
  dan il-ftit tafal li ma jafx ħlief jidneb,
  huwa ħanin bla tarf. U xtaqt inħobbu
  dak il-ħin lil Ġesù; u rajtu fqajjar
  il-musbieħ li kien hemm sieket inewnem
  quddiem is-Sagrament, u xtaqt inqiegħed
  ix-xemx fil-qawwa tan-nirien minn tagħha
  tixgħel quddiemu.

  (v. 110–117)

- u tal-ħsieb u dirett ħieles,

  Oh kemm hi sbejħa l-ħemda
  tad-dar tiegħek, Mulej! Kemm safa u benna
  ġo dik il-Bejta li għażilt b'għamartek!

  (v. 117–119)

Ir-repetizzjoni u l-esklamazzjoni jqawwu s-sentiment, u meta jasal ir-rapport narrattiv ta' l-azzjoni tonqos daqsxejn il-qawwa emozzjonali.

Vleġġa ma toħroġ qatt mill-qaws ħafifa
daqs kemm ħafif mar ħsiebi lejn żgħoriti;
u fil-hena ftakart ta' l-ewwel darba
li fuq ilsieni, b'qima kbira sieket,
ħassejt it-togħma ta' dak l-ikel safi
li niżel f'sidri;

(v. 120–125)

Il-kumplament ta' l-istrofa jkompli

- bil-ħsieb dirett u ħieles,

  *u fik, anġlu ta' mħabba,*
  *omm għażiża, ftakart li, minn kif nibtet*
  *il-fehma f'moħħi, nissilt f'qalbi x-xewqa*
  *ta' dan il-Ħobż, u forsi kienet bidu*
  *ta' l-oħra li wasslitni fil-quċċata*
  *ta' l-artal ma' Ġesù. Elf darba mbierka*

*l-art li ġabritek u li tarġa' troddok,*
*fis-setgħa ta' dal-Ħobż, għal ħajja ġdida,*
*hienja u sabiħa ta' bla tarf.*

(v. 125–133)

- bid-diskors dirett,

– Missierna ...
Missierna ... –

(v. 133–134)

- bir-rapport narrattiv ta' l-azzjoni,

jien tennejt, u donnu l-ħlewwa
ta' dak l-isem għażiż sa fuq ilsieni
ħalliet togħma tas-sema.

(v. 134–136)

- u tintemm bil-ħsieb dirett u ħieles:

*Oh qatt ma ninsa,*
*qatt ma ninsa l-ħlewwiet li ħassejt f'qalbi*
*dik id-darba, o Ġesù.*

(v. 136–138)

Il-ħsieb u d-diskors jintgħaġnu mar-rapport narrattiv biex jiddrammatizzaw il-qagħda ġewwiena tal-protagonista. Strofa djalogika bejn il-kuxjenza umana u l-moħħ spiritwali.

L-aħħar strofa hija ppreżentata bħala rapport narrattiv ta' l-azzjoni biex in-narratur, matur bl-għarfien, jikkummenta li għalkemm waħdu issa għandu t-tama f'qalbu.

X'ħin ħriġt mill-knisja
kien beda jroxx id-dlam, u f'wiċċ is-sema
kienet ġa bdiet tixref xi kewkba. Waħdi
arġajt għal għonq it-triq bejn raba' u baħar;
u smajt darb'oħra qalb il-blat tax-xtajta
tħaxwex il-mewġa, u żiffa ħelwa tvenven
qalb il-weraq tas-siġar; imma siekta
kienet il-plajja, u ma kontx tisma' iżjed
il-għanja ħelwa tar-ragħaj u l-bidwi
ma' l-ilħna u ċ-ċempil tal-qniepen ċkejkna.
Il-lejl kien riesaq ... riesaq..., iżda f'moħħi
safa dawl isbaħ minn tax-xemx, u f'qalbi
tnissel ferħ ġdid; – Hekk is-Sema jitkellem? –

ma ħsibtx aktar fl-imgħoddi; id-dmugħ kien nixef
minn xfar għajnejja, u bħala kewkba sbejħa
fuq ħajti dak il-ħin iddiet it-Tama.

(v. 138–153)

Nofs vers biss (v. 150) f'din l-istrofa jassumi preżentazzjoni oħra differenti mir-rapport narrattiv ta' l-azzjoni: – Hekk is-Sema jitkellem? – X'inhu? Diskors dirett ħieles jew ħsieb dirett u ħieles? Hu x'inhu, qed jikkonferma li l-poeżija hija djaloġika.

## Pjan ta' Assistenza Ritmika

Il-poeżija djaloġika tinqeda, mela, bl-istrutturi verbali tal-ħsieb, tad-diskors, u tan-narrazzjoni biex twassal il-proċessi mentali ta' l-għarfien, tal-perċezzjoni, u tas-sentiment. U dan kollu Dun Karm idaħħlu fi pjan ta' assistenza ritmika (PAR) li bih ir-ritmu jissinkronizza ruħu mat--tiġrib psikoloġiku. Huwa r-ritmu li jwessa' t-tifsir għax permezz tiegħu nittawlu fil-kuxjenza tal-karattru. Iġorr l-attitudni tal-karattru jew tan-narratur. Nieħdu din is-silta:

Oh kemm hi sbejħa l-Fidwa! Oh kemm ressqitna
lejn il-ħajja l-mewt tiegħek, ja Bin Alla
fuq għuda msallab!

(v. 93–95)

L-esklamazzjonijiet tad-diskors dirett u ħieles iġorru ritmu ta' faxxinu li darba jaqsam il-vers min-nofs u darba jinqeda bl-*enjambment* għall-antiċipazzjoni. Huwa ritmu spontanju: daqqa qasir u daqqa twil. Bih il-karattru jikxef il-ferħ ta' ruħu ma' l-għarfien tas-siwi intrinsiku tal-fidwa. Ir-ritmu tad-diskors dirett u ħieles jonfoħ ħajja ġdida fil-bniedem li jsib xaqq dawl. Hekk jiġri wkoll fi tmiem il-poeżija:

Il-lejl kien riesaq ... riesaq ... iżda f'moħħi
safa dawl isbaħ minn tax-xemx, u f'qalbi
tnissel ferħ ġdid; – Hekk is-Sema jitkellem? –

(v. 148–150)

Ir-repetizzjoni drammatika ta' "riesaq" tenfasizza l-kalma mentali u l-*enjambment* imexxi l-kuntrast bejn il-lejl ta' l-ambjent u d-dawl ta' l-għarfien u l-ferħ. Fir-rapport narrattiv it-ton jinstema' deċiż u sod, u meta l-vers jinqasam biex jidħol id-diskors jew il-ħsieb dirett ħieles il-mistoqsija, aktar minn dubju, iġġorr skantament enerġetiku: ir-ritmu tagħha jħeġġeġ ruħ il-

karattru u jsaħħaħlu t-tama. Huwa ritmu organizzattiv ta' l-endekasillabu li jissinkronizza l-ħoss mat-tifsira biex jagħti burdata ta' riflessjoni. Ir-ritmu meditattiv jakkomoda s-suġġett u jistagħna fil-flessibilità tat-taħdit kollokjali li Dun Karm iħaddem sabiex jaħtaf viżwalizzazzjoni permezz tal-ħoss.

F'post ieħor l-*enjambment* jaħdem differenti. Nieħdu din is-silta ħa naraw:

Il-knisja ċkejkna mkebba qalb is-siġar
kienet miftuħa; dħalt u fuq subgħajja
irsaqt sa ħdejn l-artal. Ħaddieħor ħliefi
ma kienx hemm dak il-ħin, u jien sibt ruħi
waħdi fil-ħemda tad-dar t'Alla. Id-dija
ħamra tax-xemx minn ġo daqsxejn ta' tieqa
kienet tissawwab dak il-ħin fil-knisja,
u fuq il-ħajt biswit it-tieqa mdawwal,
kont tara 'l hawn u 'l hinn sieket jiċċaqlaq
id-dell tal-weraq li kien jobdi 'l-fewġa
ħelwa tal-baħar. B'dik id-dija ħamra
kien kollu mlibbes is-salib imqaddes ta' fuq l-artal.
(v. 49–61)

Ir-relazzjoni bejn is-sintassi u r-ritmu toħloq effetti espressivi l-aktar meta narawha fl-istruttura tal-paragrafu poetiku li s-sintassi tiegħu taqta' minn vers għal ieħor kif jogħġob lilha. Dun Karm juża l-*enjambment* biex jibni pjan wiesa' ta' assistenza ritmika: insibu sensiela ta' versi tal-ħdax li jidħlu f'xulxin biex isawru blokka sħiħa ta' espressjoni. Din l-istruttura kbira tinħoloq mill-interrelazzjoni ta' bejn is-sintassi u l-metrika. Kull darba l-vers u l-grammatika ma jaqblux bejniethom meta għandhom jispiċċaw – jiżgiċċaw il-finalità. It-tmiem sintattiku (li jiġi wara xi frażi jew xi sentenza) u l-waqfa metrika (fl-aħħar tal-vers) ma jiltaqgħux u għalhekk l-istennija strutturali qatt ma ssib sodisfazzjon. Il-qarrej jigi mbuttat linearment wara xi pawsa ċkejkna lejn xi destinazzjoni oħra. Meta jkollna tmiem sintattiku jkollna wkoll inkompletezza metrika, u hekk moħħna qatt ma jistrieħ. Il-grammatika tgħidilna biex nieqfu u l-metrika tridna nkomplu nimxu; f'waqtiet oħra jsir bil-maqlub: il-metru jinsisti għal daqsxejn ta' mistrieħ u l-grammatika tħeġġiġna nkomplu. Dan in-nuqqas ta' ftehim qiegħed apposta ħalli joħloq l-effett ta' telfa fir-ruħ. It-tensjoni teknika tikkumplimenta t-tensjoni psikoloġika tal-poeta- qassis: kulmeta jevita l-finalità teknika jkun qed jirrifletti n-nuqqas ta' finalità spiritwali li qiegħed jikkontempla. L-istrutturi ritmiċi ta' din il-poeżija jwasslulna l-qagħda mentali tal-poeta.

Ta' kittieb kreattiv li kien, Dun Karm jidderiegi r-ritmu skond il-ħtiega u s-sens. F'din il-poeżija r-ritmu huwa dinamiku u għandu direzzjoni tematika: jitlob il-parteċipazzjoni tal-qarrej u jiggwidah lejn għan semantiku u

għaldaqstant irridu naraw ir-ritmu bħala arti. Imma fl-istess ħin ir-ritmu mwassal jirrifletti l-istil mentali tal-poeta.[13] U jidħol f'relazzjoni mal-mixi tematiku tal-grajja tal-poeżija. Għandu direzzjoni, skop li jikkumplimenta jew jenfasizza jew jikxef il-burdata ewlenija jew l-attitudni tal-poeta. Ir-ritmu, mela, jikkontribwixxi pożittivament għat-tifsira tal-poeżija. Hawnhekk, fiż-*Żjara lil Ġesù*, Dun Karm iħaddmu bħala għodda tal-ħsieb: ir-ritmu jurina l-progress tal-ħsieb fil-karattru tal-poeżija. Din hija tattika li nsibuha ħafna fil-proża narrattiva u għalhekk hawn qed insejħilha poeżija-novella. Ir-ritmu jidderieġi l-ħsieb f'direzzjoni lineari: *lura* permezz tat-tifkiriet u *'l quddiem* minħabba t-tama. Nifhmu għaliex wasal għall-konklużjoni tat-tama għax nifhmu l-ambjent ta' mħabba li joħroġ mit-tifkiriet. Ir-ritmu lineari jestendi l-valuri tiegħu 'l quddiem biex ikattar l-istennija tiegħu u lura biex isaħħaħ l-elementi tal-karattru. U għal dan ir-ritmu l-poeta kellu bżonn jinqeda bil-proċessi tal-ħsieb bħala strateġija biex jakkumula perċezzjonijiet u realtajiet psikoloġiċi.

Ir-ritmu f'Dun Karm imexxi u jkompli l-ħsieb, u minħabba l-preżentazzjonijiet mentali, għamliet ritmiċi jidħlu f'xulxin biex joħolqu unità u immedjatezza perċettwali f'din il-poeżija djalogika. Il-vuċi tal-bniedem titħaddet mal-vuċi tas-sema li tinqeda bin-natura, bit-tifkiriet, u bl-ispiritwalità sabiex targumenta l-każ tagħha. Nistgħu ngħidu li l-vuċi ta' l-umanità, marbuta mas-solitudni u x-xewqa tal-mewt, tiddjaloga mal-vuċi ta' l-ispiritwalità, akkanita għall-ġabra u l-ħerqa għat-tama. Imma f'dan id-djalogiżmu Dunkarmjan tinħass xi ħaġa qawwija fil-lingwa: jinħassu t-tensjonijiet interni, il-kollaborazzjonijiet, u n-negozjati verbali fil-proċess tad-djalogu. Il-kelma-qofol ta' din il-poeżija hija "missier". M'hijiex newtrali, fis-sens li hija mgħobbija bl-użu għax ħafna użawha qabel Dun Karm, u ġabret bosta konnotazzjonijiet. Issa, meta l-poeta ħtieġha għall-poeżija tiegħu, ingaġġa ruħu fi djalogu ma' kulmin użaha qablu, mal-konvenzjoni. Ried donnu jaħsilha biex itaqqalha b'tifsir ġdid. U l-pjan ta' defamiljarizzazzjoni seħħlu jwettqu permezz tar-repetizzjoni kkatinata mat-talba misluta mir-ritmu tad-diskors dirett f'għamla ta' diwi psikoloġiku u mqabbla mar-ritmi l-oħra tal-preżentazzjoni tal-ħsieb. L-inkonxju jisħaq l-awtorità. L-istrateġija psikostilistika ta' Dun Karm hija preċiżament din ir-repetizzjoni ta' defamiljarizzazzjoni bbażata fuq prinċipju psiko-analitiku: ġiegħel lil min ilissen kliemek u jispiċċa jaħseb ħsibijietek. U dan li għamel Dun Karm. ġagħal lill-ambjent tan-natura, tas-soċjetà, u tar-reliġjon itanbru fuq l-istess ħaġa sa ma l-karattru tiegħu għaraf bis-sħiħ il-ġmiel tat-tama.

Għalhekk ma nistax naraha monoloġika din il-poeżija. Il-monologiżmu jiċħad l-eżistenza ta' viżjoni oħra barra dik tiegħu stess; ma jilqax opinjonijiet oħra fuq l-istess livell bħal tiegħu; u jittarrax għall-argumenti ta' ħaddieħor. F'Dun Karm għalkemm il-vuċi dominanti hija ta' l-ispiritwalità, din ma tjassarx il-vuċi ta' l-umanità imma tiddjaloga magħha.

Id-dinja testwali ta' *Żjara lil Ġesù* hija binja kognittiva msawra mill-interazzjoni bejn il-qarrej u l-poeżija-novella. Jew aħjar: l-ambjent tematiku jiddependi fuq l-għamliet ta' skemata li jitqajmu mill-qarrej waqt l-ipproċessar tal-poeżija-novella. Inżommu quddiemna li l-għadd globali ta' skemata li l-qarrej għandu f'moħħu jsawwar il-qafas tal-mudell tar-realtà tiegħu, u fil-kwadru ta' din ir-realtà jkun irid jibni u jevalwa l-ambjent tematiku.

> The way in which a particular reader will perceive a particular text world will depend on how his or her various instantiated schemata interact with one another, and on whether the reader's current model of the world is reinforced or challenged in the process ... Differences in the availability and application of schemata during the processing of the same text will of course lead to differences in the resulting text worlds.[14]

Għaldaqstant hija l-analiżi lingwistika li trid tipproġetta d-dinja testwali. Mela *Żjara lil Ġesù* hija esperjenza spiritwali msejsa fuq l-iskema ewlenija tal-FAMILJA.[15] Ħa naraw kif.

v. 8 – il-ġabra ta' l-għasafar fil-bejtiet tagħhom tassoċja ruħha ma' l-għaqda tal-familja;
v. 16–18 – it-tarbija tixxabbat ma' l-irkobbtejn biex tieqaf fuq riġlejha hija dehra ta' żvilupp bikri fl-imħabba mkenna tal-familja;
v. 18 – id-dwejra tal-bidwi tikkolloka ġmielha ma' serħan fil-ġabra;
v. 35–37 – ix-xena ta' dar missieru hija xena ta' familja maħbuba: "mejda waħda" fil-ġabra b'"rabta ta' mħabba" bejn l-ulied u l-ġenituri;
v. 38–48 – it-tifkira ta' l-omm f'komunikazzjoni ma' binha biex taqsam ferħ u niket miegħu tindika relazzjoni stabbli u b'saħħitha;
v. 74, 88, 104, 133-134 – it-talba tal-Missierna hija bbażata fuq l-imħabba tal-missier li jaħseb u jipprovdi għall-familja;
v. 85–87 – ix-xbieha hawnhekk hija tal-Missier (Alla) li jipproteġi 'l uliedu u jressaqhom lejn it-tjieba;
v. 88–92 – id-dehra tad-dinja magħquda hija mibnija fuq il-kunċett tal-familja;
v. 102–103 – il-Fidwa tnissel rabta universali "taħt missier wieħed";
v. 119 – it-tabernaklu jsir bejta;
v. 125–131 – terġa' t-tifkira ta' l-omm u din id-darba tidher bħala "anġlu ta' mħabba".

Il-poeżija tagħti d-dehra konvenzjonali tal-familja mill-perspettiva ta' l-iben u hekk tagħti dehra tar-realtà. Il-qarrej irid iħaddem l-iskema tal-FAMILJA għax il-poeżija ssaħħaħlu l-opinjoni tradizzjonali. L-inter-

pretazzjoni titlob li nsejħu kull ħaġa li nafu dwar il-familja tradizzjonali: missier, omm, dar, imħabba, rabta, ġabra, ħlewwa, u għaqda. Anki t-ton kalm, mislut mir-ritmu ta' l-endekasillabu kontinwu, jaħdem bħala parti mill-istrateġija li sseddaq il-kunċett tal-FAMILJA li ġġorr assoċjazzjonijiet emozzjonali magħha. Meta nsejħu l-iskema tal-FAMILJA nistabilixxu konnessjonijiet bejn il-protagonista tal-ġrajja tal-poeżija u l-għemejjel tiegħu, u b'hekk intellgħu dinja testwali koerenti.

F'Dun Karm il-kundizzjoni meħtieġa għall-hena f'din id-dinja hija msejsa fuq il-viżjoni tal-familja:

> rġajt sejjaħt; u f'rabta mqaddsa
> rajt imgħaqqdin il-ġnus, għalkemm mifruda
> jew bil-bogħ'd, jew biż-żmien, u d-dinja kollha
> dar waħda u hienja, fejn aħwa jissejħu
> min għandu s-saltna u min mat-triq jittallab.
>
> (v. 88–92)

Bħal Dante[16] jisthajjel awtorità waħda bla egoiżmu imma inflessibbli u irreżistibbli li ma tippermetti ebda għamla ta' tirannija sabiex il-bniedem ikun jista' jgħix fis-sliem u l-ħelsien, u għalhekk fil-ġustizzja.[17] Għal Dun Karm il-kunċett bażiku ta' l-awtorità huwa l-familja li tiġbor fiha l-imħabba, u għalhekk jekk l-awtorità dinjija tinbena fuq il-mudell tal-familja, isseħħ il-paċi. Imma l-hena temporali trid tissaħħaħ bl-hena spiritwali. L-awtorità dinjija trid timxi ma' l-awtorità divina, u anki l-kunċett ta' l-awtorità divina Dun Karm jibnih fuq il-mudell tal-familja.[18]

L-ispiritwalità tal-poeta, mela, xxettlet fuq l-iskema tal-FAMILJA. Dun Karm jilħaq din l-estasi ta' ġmiel reliġjuż għax il-personalità tiegħu kienet magħġuna mill-kenn ta' l-imħabba mogħtija minn missieru u ommu. Din l-imħabba, din il-gabra, jaraha bħala n-novella ta' ħajtu. Tipprovdilu l-isfond artistiku biex ifisser il-kobor li hu jifhem li hemm fit-talba tal-Missierna. Il-kunċett tal-missier – essenzjali fl-iskema tal-FAMILJA Dunkarmjana – jintrabat ma' "mejda waħda" li kienet tiġbor il-familja kollha "f'rabta ta' mħabba". Il-missier huwa komplut bl-omm, "anġlu ta' mħabba", li tfisser ix-xewqat ta' qalbha 'l uliedha meta dawn isiru l-bastun psikoloġiku tax-xjuħija. Mhux it-twarrib, imma l-ġabra hija l-qawwa tal-familja li għandha d-definizzjoni tagħha fil-*jien + ħuti + dawk illi nissluna* – ġabra li anki l-għasafar jafu biha. U l-membri kollha jaqsmu ma' xulxin il-ferħ u n-niket tagħhom.

Ir-relevanza tal-missier għall-ħsieb tal-poeżija tinsab fil-fatt li jipprovdi l-qofol tal-ġrajja spiritwali. Il-konnessjoni metaforika tiddependi fuq l-assoċjazzjoni bejn Alla u l-missier (il-ħabriek tal-familja), u fuq is-similarità ta' sentimenti li t-tnejn li huma jqajmu (bħal, ngħidu aħna, imħabba, kenn, u tama). Importanti wkoll li Dun Karm jippreżentahomlna lil Alla u 'l-missier

f'termini pożittivi biex isaħħaħilna l-iskemata li għandna bżonn. U allura d-diwi tal-Missierna jissiġilla l-argument fuq it-tjubija u l-imħabba ta' Alla li qiegħed jitfisser bit-terminu uman ta' "missier" f'din l-esperjenza reliġjuża. Anki t-tbatija ta' Kristu (Alla bħala bniedem) Dun Karm jimmaġinaha u jġarrabha fl-istħajjil tiegħu f'termini pożittivi: il-kobor tal-fidwa hu marbut ma' tiġrib il-bniedem imma msejjes fuq il-kunċett tal-familja. L-imħabba tal-"missier" għal "uliedu" niżżlet lil "bin" Alla biex isalva 'l "ħutu". Il-fidwa tat l-għaqda universali lill-bnedmin. Għalhekk il-poeta ma' l-idea tal-missier jorbot il-kunċetti ta' għaqda u fidwa li jagħtu qawwa li ma tistax titfisser għajr bil-vers tal-ħsieb dirett u ħieles:

oh ġenn ta' mħabba! oh tjieba! oh tjieba! oh tjieba!
(v. 109)

L-estasi tas-sentiment imqanqal mir-riflessjoni twassal għaż-żamma tal-kelma u tisfoga biss fir-repetizzjoni. Il-frażi mtellta hija element ta' intensifikazzjoni: turi lill-poeta fi stat ta' tqanqil emozzjonali estrem. L-imħabba hija kbira wisq għall-kliem.

Mill-ambjent fiżiku tan-natura jgħaddi għall-estasi ta' l-ispiritwalità, imma fl-aħħar jerġa' jinżel lura lejn ir-realtà. Il-vjaġġ spiritwali jitlaq mis-solitudni, jasal fix-xewqa għall-mewt, imma jintemm fid-dawl tat-tama ħierġa mill-imħabba ta' l-ewkaristija li tħalli ħlewwa terapewtika. Mill-għafsa tal-waħdu li twasslu għax-xewqa tal-mewt jgħaddi għall-imħabba tal-ġabra li tqanqlu lejn it-tama tal-ħajja. Dun Karm ifittex minn kmieni li jaħseb fuq il-misteri tal-jien. Irid ipoġġi l-jien f'postu. Jargumenta li l-bniedem jagħmel sens jekk jagħraf lilu nnifsu. Imma kif jista' wieħed jagħraf il-jien tiegħu fi żmien meta s-setturi ta' l-għerf qegħdin itellgħu sfidi ġodda għall-eżistenza tal-jien? Tgħid il-jien xi illużjoni? Dun Karm iterraq biex ifittex l-aqwa u l-isħeħ argumenti li jikkonfermaw il-jien. Il-meditazzjoni tiegħu tistagħna bil-ħsieb kattoliku. Biż-*Żjara lil Ġesù*, Dun Karm jikkonferma li l-ħajja li tiġi eżaminata tingħax aħjar.[19]

(Taħdita li ngħatat fil-31 ta' Ottubru, 1997, fis-6.30 p.m. fil-*Konferenza Dun Karm* tal-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar fl-Università ta' Malta)

## Noti

1. FRIGGIERI, O., Dun Karm: "Il-*Jien u lilhinn Minnu*", edizzjoni annotata (Malta, 1988), p. 90–91
2. L-istil mentali huwa l-impressjoni li l-poeta joħloq tad-dinja, jew inkella l-idea li jkollu ta' l-ambjent fiżiku u uman. Fil-każ ta' Dun Karm, l-istil mentali tiegħu huwa bbażat fuq viżjonijiet ta' mħabba mqanqla mis-sens spiritwali qawwi li għandu.
3. It-terminu "vuċi", hawnhekk, qed nużah fis-sens ta' Balkhtin biex ifisser attitudni, twemmin,

ideoloġija, kultura, jew setgħa soċjali. Jiġbor fih xibka ta' twemmin u opinjonijiet u relazzjonijiet ta' poter li kollha f'daqqa jqiegħdu lill-kelliemi f'qagħda partikolari.

4. BAKHTIN, M.M., "Discourse in the Novel" (1934–35), found in M.Holquist (ed.), The Dialogic Imagination translated by C. Emerson and M. Holquist (UNiversity of Texas Press, Austin, Texas, 1981), p. 285.
5. BAKHTIN, M., M. *Problems of Dostoevsky's Poetics* (1963), translated by Caryle Emerson (Manchester University Press, Manchester, 1984), p. 6
6. It-teorija ta' l-iskema hija marbuta mal-ħidma tal-psikologu F.C.Barlett li fl-1932 ħareġ il-ktieb tiegħu *Remembering: A Study in Experimental and Social Psychology* (Cambridge University Press, Cambridge). Fis-snin tmenin din it-teorija ta' l-iskema bdiet tiġi applikata fl-analiżi ta' testi letterarji. [Hawnhekk nixtieq nipprova napplikaha għal waħda mill-poeżiji ta' Dun Karm.]
7. Bartlett (1932), op. cit., p. 201.
8. Id-defamiljarizzazzjoni hija l-użu ta' strateġija stilistika li ġġagħal lill-qarrej biex jinża' l-familjarità li jkollu fil-perċezzjoni tiegħu billi jħares lejn idea tas-soltu minn angolu mhux tas-soltu. Hija strateġija li ġġagħalna norjentaw mill-ġdid it-tifsir li jkollna ta' xi oġġett jew esperjenza komuni.
9. "Skemata" hija plural ta' "skema".
10. Il-ħsieb dirett ħieles jista' jiġi interpretat bħala diskors dirett ħieles għax it-tnejn għandhom ħafna minn xulxin. Imma f'dan l-istudju jien qiegħed nara kull każ bħala att ta' lingwa fil-ħsieb li jżommna fl-ambjent ġewwieni u mentali tal-karattru.
11. Nagħmlu distinzjoni bejn il-poeta-novellier li kiteb il-poeżija awtobijografika (li hu Dun Karm), il-poeta-narratur li qed jgħid il-ġrajja, u l-poeta-karattru li qed jieħu sehem fil-ġrajja. Għall-poeta-karattru, jew kif kultant qed insejjaħlu "l-bniedem", l-episodji tal-ġrajja jiġu wieħed u aħna nġarrbuhom miegħu. Imma l-poeta-narratur l-episodji jkun diġà jafhom.
12. Xi wħud mir-rappreżentazzjonijiet tar-rapport narrattiv ta' l-azzjoni jistgħu jitqiesu bħala rapport narrattiv ta' att tal-ħsieb, speċjalment meta jkunu mgħobbijin semantikament b'konnotazzjonijiet u b' lingwa metaforika. Hawnhekk se nżomm it-terminu rapport narrattiv ta' l-azzjoni biex ma noqgħodx nispeċifika kull darba t-tagħbija semantika li jkollhom il-versi għax dan jieħu ħafna żmien (wisq aktar milli għandi għal din il-lejla).
13. Dan is-suġġett ittrattajtu fit-tul ħafna fix-xogħol tad-dottorat tiegħi: *Rhythmic Patterns in Maltese Novels* (Teżi tal-Ph.D. fl-Università ta' Malta, 1993). Ara b'mod partikolari p. 40–46.
14. SEMINO, E., "*Schema Theory and the Analysis of Text Worlds in Poetry*" in Mick Short, ed., *Language and Literature: Journal of the Poetics and Linguistics Association* (Longman Group Ltd, England, Vol 4 No. 2 1995), p. 88. Minħabba f'dan li qed ngħid l-interpretazzjoni dejjem tkun suġġettiva.
15. Illum hawn min tilef dan il-kunċett tal-familja konvenzjonali, u forsi għalih il-familja ma tfissirx dan kollu li tfisser għal Dun Karm. Imma għad hawn ukoll ħafna fostna li għadhom midħla sew ta' dan il-kunċett konvenzjonali. Barra minn hekk, f'din l-investigazzjoni qegħdin nanalizzaw il-kuntest u bilfors ikollna nispjegaw il-poeżija f'termini tal-familja tradizzjonali għax hija l-fulkru tal-ħsieb ta' Dun Karm.
16. Hawnhekk għandi f'moħħi il-*Convivio* u d-*De Monarchia* ta' Dante.
17. Min jaf, forsi din il-viżjoni ta' Dun Karm tfaqqset minħabba l-Gwerra l-Kbira – niftakru li din il-poeżija nkitbet fl-1916. Tgħid Dun Karm beda jara t-tama tad-dinja fl-Imperu Ruman?
18. Din il-viżjoni ta' dinja waħda magħquda Dun Karm raha u ħassha ħafna qabel l-idea tal-villaġġ wieħed. Illum nitkellmu fuq ir-raħal wieħed marbut b'teknoloġija waħda. Imma ma ninsewx li Dun Karm fl-1916 tkellem, permezz ta' din il-poeżija, fuq familja dinjija waħda marbuta b'imħabba waħda-kunċett li x'aktarx bnieh fuq Dante li kien diġà ħafna sekli qabel tkellem fuq id-dinja waħda marbuta b'liġi waħda.
19. Nistgħu wkoll ngħidu li *Żjara lil Ġesù* (1916) ħejjet it-triq mentali għall-poeżija *Il-Jien u Lilhinn Minnu* (1938).

# Profil ta' l-Estetika Letterarja Maltija

*Josette Attard*

## Is-seklu dsatax

Sa ftit tas-snin ilu f'Malta, il-kitbiet ta' xejra estetika letterarja kienu mxerrdin f'rivisti letterarji diversi, f'daħliet ta' kotba, fil-gurnali u ftit minnhom kienu għadhom manuskritti. Minħabba f'hekk qatt ma setgħu jkunu studjati u mistħarrġa u fuq kollox kien hawn nuqqas kbir ta' kuxjenza ta' l-istudju ta' din id-dixxiplina filosofika. Xogħlijiet ta' estetika letterarja bil-fors iridu jkunu marbuta intimament ma' l-istorja letterarja għax ir-riflessjonijiet estetiċi, bħala fergħa mill-kiritika letterarja, jirriflettu x-xejriet ta' kitba letterarja skond iż-żmien u skond il-post.

Il-bidu tal-kitba letterarja Maltija jmur lura madwar elfejn sena meta kienu pubblikati l-ewwel xogħlijiet poetiċi bil-Malti kif ukoll bit-Taljan. Kitbiet ta' estetika letterarja bdew aktar tard, sewwa sew fit-tieni nofs tas-seklu dsatax. F'dan iż-żmien il-kittieba ewlenin Maltin, Nicola Zammit,[1] Salvatore Castaldi,[2] Ġan Anton Vassallo[3] u Zaccaria Roncali,[4] kollha kellhom edukazzjoni u kultura Taljana waqt li l-lingwa uffiċjali ta' Malta kienet it-Taljan. Għalhekk xogħlijiethom huma kollha pubblikati bit-Taljan. L-ideat espressi minnhom huma neo-klassiċi daqs kemm huma romantiċi u fihom tinħass sew l-influwenza ta' kittieba kbar Taljani bħal Manzoni, Tommaseo, Leopardi u Mazzini fost oħrajn.

Dawn il-kittieba stħarrġu temi differenti. Fost dawn it-temi l-idea ta' l-arti kienet ewlenija. Huma taw funzjoni utilitarja lill-arti minħabba li rabtuha direttament mal-ħajja.[5] Fiha kienu jfittxu elementi extra-letterarji u għalhekk kienu kontra l-kunċett ta' *l'art pour art*.[6] Il-kunċett Orazjan ta' l-utli u l-ħelu hu dominanti ħafna fid-dibattitu dwar il-funzjoni artistika.[7] Ma' dan il-kunċett klassiku sieħbu żewġ elementi romantiċi: is-sentiment u l-immaġinazzjoni.[8] Il-kittieba Maltin urew twemmin qawwi fl-arti bħala l-forza li tqanqal emozzjonijiet diversi mhux biss fl-artist innifsu iżda wkoll fil-poplu kollu.[9]

Dan l-effett iwassal għas-sublimazzjoni artistika. Permezz ta' dawn iż-żewġ elementi romantiċi l-artist jasal biex jimita n-natura.[10]

Il-viżjoni tal-kittieba Maltin dwar il-letteratura hija demokratika. Il-kittieb kellu jgħix f'nofs is-soċjetà, iħoss u jġarrab magħha u fuq kollox jitnebbaħ minnha. Dak li jikteb ried jindirizzah lejn il-poplu kollu.[11] B'hekk il-letteratura, bħala qasam artistiku, issib postha fil-ħajja. Il-funzjoni letterarja kienet morali u kull kitba letterarja li ma tgħallimx kellha titwarrab. Wieħed minn dawn il-ħassieba Maltin, Ġan Anton Vassallo, li kien ukoll poeta, ħaddan dan il-prinċipju fix-xogħlijiet poetiċi tiegħu u fid-daħla taż-żewġ kotba tiegħu jistqarr direttament li l-għan ewlieni tal-poeżiji tiegħu hu li jħalli xi tagħlima.[12] Letteratura ta' din ix-xejra għandha twassal lill-kittieb biex jieħu l-premju tiegħu wara mewtu. Bħal bosta kittieba romantiċi barranin, il-Maltin emmnu fil-fama li tinkiseb wara l-mewt u li kienet tagħti ħajja eterna. Permezz ta' xogħlijiethom, il-kittieba ma kienu jintesew qatt. It-twemmin fl-immortalità storika hu msemmi minn bosta kittieba romantiċi Ewropej fosthom Giacomo Leopardi.[13]

L-estetika Maltija tas-seklu dsatax stħarrġet ukoll il-kunċett tas-Sabiħ meta rabtitu maż-żewġ kunċetti l-oħra tal-Veru u tat-Tajjeb[14] u qisitu bħala manifestazzjoni ta' l-Infinit.[15] L-idea ewlenija tas-Sabiħ skond il-Maltin, hija klassika. Is-Sabiħ, bħala kunċett awtonomu, jagħmel parti min-natura umana nnifisha u għal din ir-raġuni ma jistax ikun analizzat u definit iżda jeżisti biss fis-sensazzjoni.[16] Minkejja li s-Sabiħ f'oġġetti konkreti jista' jinbidel, teżisti idea waħda tiegħu u hu distint mill-idea tal-perfezzjoni u mill-kunċett ta' l-utilità.[17] Il-funzjoni tas-Sabiħ hija spiritwali għax tħalli effett fuq l-imġiba umana u tressaq lill-bniedem lejn kulma hu tajjeb moralment u intellettwalment.[18] L-arti kollha hija espressjoni ta' dan il-kunċett li jipperswadi u għalhekk l-effett tiegħu fuq skala usa', hu soċjali wkoll.[19] Fl-arti, is-Sabiħ hu l-mezz li bih l-artist jesprimi sensazzjonijiet diversi.[20]

Wieħed mill-kittieba Maltin tas-seklu dsatax Nicola Zammit wera l-importanza kbira ta' l-immaġinazzjoni u ta' l-emozzjoni fil-kitba tar-rumanz.[21] Filwaqt li jqabbel ir-rumanz ma' "un teatro fantastico",[22] isostni li l-qarrej jgħaddi minn esperjenza għall-oħra u huwa proprju dan it-tiġrib li jsawwar ir-rumanz. Isemmi wkoll il-ħila tar-rumanzier li joħloq stil għalih[23] li fih tkun riflessa l-qawwa tal-kelma li kapaċi tqanqal.[24] Id-deskrizzjoni dettaljata tal-karattri flimkien mad-djalogu jgħinu biex jintlaħaq dan il-għan.[25] Ma' dan il-għan jorbot ukoll il-funzjoni morali bħalma l-kittieba ta' żmienu għamlu fid-diskussjoni tagħhom dwar il-letteratura u l-arti. Ir-rumanz għandu jittratta l-virtujiet u mhux il-vizzji.[26] Waqt li jsemmi r-rumanz storiku, jiddiskuti d-djalettika bejn l-istorja bħala verità u r-rumanz bħala gidba. Il-kittieb jeħtieġlu jħallat il-qawwa ta' l-immaġinazzjoni flimkien mal-fatti storiċi.[27]

Minħabba li fi tmiem is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin f'Malta

nqalgħet il-kwistjoni tal-lingwa, il-kittieba kienu fost l-ewlenin li ntlaqtu minnha u fissru fehmiethom. Fil-qosor il-kwistjoni tal-lingwa kienet tikkonsisti fit-tiftixa usa' ta' l-identità nazzjonali. Minkejja li l-Maltin kellhom il-lingwa tagħhom, din kienet mitkellma biss mill-kotra li ma kinitx kolta filwaqt li l-kolti kienu jiktbu u jitkellmu bit-Taljan.[28] Fl-isfond ta' dan kollu flimkien mat-tmexxija politika li kienet f'idejn l-Ingliżi, il-kittieba Maltin ippruvaw jgħollu l-lingwa Maltija għal-livell letterarju u t-twemmin tagħhom li l-letteratura għandha tinkiteb f'ilsien il-poplu, jixhed li r-romantiċiżmu f'Malta kien għadu fl-aqwa tiegħu.[29] Ġan Anton Vassallo kien favur li l-ilsien Malti jitħallat b'elementi barranin għax jekk jibqa' safi ma jikkomunikax mal-poplu kollu.[30] Nicola Zammit tkellem aktar fuq linji ġenerali dwar il-lingwa letterarja u waqt li qiesha bħala lingwa devjanti, fiha fittex ir-rifless tal-qalb.[31]

## L-ewwel nofs tas-seklu għoxrin

Ix-xejra tal-ħsieb estetiku letterarju Malti ta' l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin kompliet fuq l-istess linji tas-seklu ta' qabel għalkemm l-enfasi kien aktar fuq ir-romantiku. L-esponenti ewlenin Maltin ta' dan iż-żmien huma Anastasju Cuschieri,[32] Dun Karm Psaila,[33] Ġużè Aquilina[34] u Karmenu Vassallo,[35] u xogħlijiethom huma kemm bit-Taljan kif ukoll bil-Malti u bl-Ingliż u jinsabu f'rivisti letterarji u f'daħliet ta' kotba waqt li oħrajn għadhom manuskritti.

Id-definizzjoni tal-figura tal-poeta li toħroġ minn kitbiethom hija romantika. Il-poeta hu bniedem li għandu ħila speċjali li tiddistingwih mill-oħrajn u jekk ma jitwelidx biha ma jista' jiksibha qatt. Il-qawl Latin "poeta nascitur" hu mtenni f'divesi kitbiet estetiċi u poetiċi ta' wħud mill-kittieba msemmija.[36] Il-poeta hu bniedem li jħoss aktar mill-oħrajn u li waqt il-mument ta' l-ispirazzjoni ma jkollux kontroll fuq dak li jikteb.[37] Il-poeta għandu fih il-kwalità tal-ġenju li tgħinu biex iġedded u joħloq dinja ġdida, realtà oħra.[38] M'huwiex poeta dak li m'huwiex emottiv u passjonali.[39] Il-kunċett tal-poeta fil-viżjoni estetika Maltija tal-bidu tas-seklu għoxrin hu mibni fuq kwalitajiet morali aktar milli fuq kwalitajiet letterarji. Aktar milli l-mod ta' kif jikteb, l-enfasi qiegħda fuq ir-rabta tal-poeta ma' Alla, miegħu nnifsu u mas-soċjetà.[40] Dan il-mod ta' għejxien jiġġustifika n-nuqqas ta' ftehim mal-bqija u l-uniku sodisfazzjon ta' ħajtu hu l-wirt immortali li jħalli warajh. Dan il-wirt jagħtih ħajja dejjiema.[41]

Il-poeżija kellha tikseb bilanċ bejn ir-raġuni u s-sentiment[42] u tagħti xejra ġdida lil dawn iż-żewġ aspetti biex toqrob aktar lejn il-poplu minħabba li l-kittieba Maltin iddefinew lill-poeżija bħala l-arti tal-poplu.[43] Din id-definizzjoni hi ripetuta bosta drabi speċjalment minn Dun Karm Psaila u minnha toħroġ id-distinzjoni ċara bejn kontenut u forma.[44] Il-poeżija ma

għandhiex tintikteb biss mill-poeta iżda l-qarrej għandu jġarrabha. B'hekk tinħoloq relazzjoni bejn kittieb u qarrej.[45] Għal dak li għandu x'jaqsam ma' kontenut, barra r-raġuni u s-sentiment, hemm il-fantasija wkoll.[46] Mill-aspett ta' forma, il-kittieb jeħtieġlu għarfien sew ta' l-awturi ta' qablu flimkien ma' ħakma sew tal-lingwa tiegħu.[47] Il-poeżija hi mxebbha ma' mera li tirrifletti l-ġewwieni tal-poeta.[48] L-idea ewlenija dwar il-poeżija hija bbażata fuq l-espressjoni emottiva mfissra bi stil li jagħżel il-poeta nnifsu. Ir-rima u r-ritmu jiġu wara.[49] Din l-idea tikseb sens idjaq fil-ħsieb ta' Karmenu Vassallo, hu nnifsu poeta, meta jsostni kemm-il darba li l-vera poeżija hi r-riżultat tat-tbatija.[50]

Il-proċess ta' l-ispirazzjoni mfisser mill-ħassieba Maltin hu kollu kemm hu romantiku u jixbah ħafna t-tifsira li tah il-poeta Ingliż William Wordsworth. L-ispirazzjoni hi marbuta ma' l-ispontanjetà bid-differenza li tista' tipproduċi xogħol letterarju dak il-ħin jew, bħal fil-każ ta' Wordsworth, tista' tipproduċih fil-waqtiet trankwilli ta' wara.[51] Mumenti bħal dawn huma uniċi u ladarba jgħaddu ma jistgħux jirrepetu ruħhom. Għalhekk xogħol artistiku jew letterarju hu uniku għax il-proċess tal-ħolqien hu differenti kull darba li jseħħ.[52]

Minħabba li fil-bidu tas-seklu għoxrin Malta kienet għadha tfittex definizzjoni ta' l-identità nazzjonali, il-kittieba inqdew b'xogħlijiethom biex fissru l-kunċett ta' nazzjonalità u l-letteratura ddefinewha bħala l-"awtobijografija ta' nazzjon."[53] Minħabba li l-kittieba jitnebbħu mit-tiġrib tal-poplu skond żminijiet differenti, il-letteratura ssir rifless ta' l-istorja ta' nazzjon sħiħ. Il-kunċett tan-nazzjonaliżmu rifless fil-letteratura demokratika żviluppa sew fl-ewwel għoxrin sena ta' dan is-seklu bis-saħħa ta' kitbiet letterarji ta' awturi diversi.[54] Dan kien wieħed mill-għanijiet ewlenin – li l-letteratura żżomm ħajjin it-tradizzjonijiet nazzjonali waqt li tibqa' tfakkar il-ġrajjiet storiċi. Fl-istess ħin il-ħassieba Maltin kienu jemmnu fl-għan spiritwali tal-letteratura li kellu jressaq lill-bniedem lejn il-Veru u lejn it-Tajjeb.[55] Dan l-għan, li oriġina fi żmien il-klassiċi, żviluppa f'għan morali fir-romantiċiżmu.

Bħalma għamlu l-ħassieba ta' qabilhom, il-kittieba f'dan iż-żmien ukoll ikkummentaw dwar l-arti u l-moralità. L-immoralità m'hemmx postha fl-arti li hi meqjusa bħala proċess spiritwali li tikkomunika permezz tas-sensi u tal-fantasija.[56] Minħabba li l-arti tfisser il-burdati kollha tal-bniedem jista' jkun hemm partijiet immorali. Iżda xogħol artistiku jrid jittieħed bħala xogħol sħiħ.[57] Din il-viżjoni nisranija wasslet lil Ġużè Aquilina, kittieb ewlieni ta' l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, biex jistqarr li l-arti u l-fidi jimxu id f'id għax it-tnejn ifittxu l-Assolut;[58] saħansitra sostna li l-arti tiddependi mill-fidi għax iqisha bħala espressjoni tat-Tajjeb u tas-Sabiħ miġbura fil-figura ta' Alla nnifsu.[59]

## Il-polemika tas-snin sittin

Bejn il-kittieba tas-seklu dsatax u l-kittieba tal-bidu tas-seklu ta' wara jidher li ma tantx kien hemm żviluppi kbar ħlief it-tisħiħ tal-prinċipji romantiċi, li minkejja li fil-kontinent kien għadda żmienhom, f'Malta kien għad għandhom għeruq tajba. Iżda fis-snin sittin seħħet bidla mhux biss politika meta Malta kisbet l-Indipendeza mill-kolonja Ingliża, iżda l-bidla kienet ukoll kulturali. Ir-romantiċiżmu storiku ma kienx għad fadal il-ħtieġa tiegħu.[60] Il-kittieba l-ġodda li bdew fis-snin sittin u ssuktaw jiżviluppaw wara, kellhom kuntatti ma' pajjiżi barranin, u l-bidliet lingwistiċi li seħħu fid-dinja kienu applikati għall-kuntest Malti.[61]

Il-moviment ta' kittieba moderni li twieled wara l-Indipendenza ħaddem forom ġodda ta' espressjoni b'kontenut ġdid waqt li beda jesperimenta bil-lingwa. Dan kollu jixhed il-bidla mentali tal-kittieba moderni li mir-romantiċiżmu storiku għaddew għar-romantiċiżmu "etern".[62] L-identità nazzjonali ma baqgħetx tfisser l-identità Maltija biss iżda saret identità sħiħa mediterranja u aktar tard identità kożmika.[63] Dan kien il-punt ta' l-ispirazzjoni fis-snin sebgħin u tmenin.

Bidla bħal din kienet il-kawża tat-twaqqif tal-*Moviment Qawmien Letterarju*. Dan il-moviment, imwaqqaf fl-1967, kien magħmul minn bosta kittieba żgħażagħ, moderni li kienu studenti universitarji u li kienu jħaddnu l-istess ideali.[64] Riedu jġeddu l-letteratura Maltija u fost l-iskopijiet li għalihom twaqqaf dan il-moviment, kien hemm it-tixrid tal-letteratura fost il-poplu biex jitkabbar aktar l-interess fiha u biex il-letteratura Maltija ssib postha ma' letteraturi oħra barranin.[65] Dawn l-iskopijiet juru s-superament ta' l-individwalità u ta' limiti oħra letterarji li kienu jeżistu qabel. Tmiem il-moviment inbidel f'għadd ta' kittieba individwali li bdew jippubblikaw għal rashom ladarba l-moviment kien laħaq l-għanijiet tiegħu.[66]

Fid-dawl ta' din il-polemika letterarja, jinftiehmu aħjar il-ħsibijiet estetiċi ta' kittieba moderni. Id-definizzjoni tal-poeżija moderna ħarġet mid-distinzjoni bejnha u bejn il-poeżija tradizzjonali. Il-poeżija moderna nqatgħet minn kull irbit tar-regoli tal-prosodija.[67] Stilistikament saret aktar ħielsa u dan il-ħelsien għen biex tonqos ħafna d-distinzjoni li kienu jsegwu l-kittieba ta' qabilhom bejn forma u kontenut. Dak li ried jesprimi l-poeta sar jiddependi mill-mod kif ifissru.[68] Skond il-kittieba moderni, kellu jinstab bilanċ bejn it-temi tal-passat u t-temi kumplessi espressi bl-użu tas-simboliżmu.[69] Din ix-xejra poetika, li ma eskludietx għal kollox l-epoka ta' qabilha, tat lok għal għadd ta' interpretazzjonijiet minħabba li bil-lingwaġġ figurattiv tinħoloq l-ambigwità.[70] Dan juri li jeżisti "continuum" bejn il-poeżija tradizzjonali u l-poeżija moderna. Bħal ta' qabilhom, il-kittieba moderni saħqu fuq l-iskop tal-poeta bħala edukatur soċjali.[71]

Filwaqt li baqa' jżomm is-sensittività qawwija tiegħu, il-poeta modern kien mistħarreġ f'relazzjoni mal-qarrejja tiegħu.[72] Ma baqax jitnebbaħ mid-dinja ta' barra iżda sar introstpettiv u metafiżiku.[73] Il-kultura u l-edukazzjoni li jkun irċieva jikkondizzjonawh fil-viżjoni tal-ħajja.[74] Bħala "l-iben priviliġġat tas-soċjetà ta' żmienu"[75] sar osservatur attiv mhux biss ta' kulma hu madwaru iżda ta' kulma hemm ġewwa fih. Għalih m'hemm xejn li hu ċert u f'kuntrast mal-poeti tradizzjonali, l-inċertezza u d-dubji saru l-bażi ta' xogħlijietu. Dan ifisser stħarriġ aktar fil-fond ta' l-identità umana.[76]

Biex il-letteratura bħala qasam artistiku tiddistingwi ruħha mix-xjenza, għandha bżonn tas-sentiment li jinsab fil-qalba ta' l-ambjent soċjali.[77] B'hekk letteratura u ħajja jsibu ruħhom fuq l-istess livell għax it-tnejn jinbidlu f'esperjenzi.[78] Il-varjetà fil-letteratura tiddependi mill-individwu u hi kkondizzjonata mill-post u miż-żmien.[79] Għalhekk ir-rabta bejn ħajja u letteratura hi intima għax il-missjoni tal-kittieb modern inbidlet. Issa mill-ħolqien ta' dinja sabiħa u perfetta, saret ir-rifless ta' dinja reali mibnija fuq l-eżistenza biex tkun analizzata u kkontestata.[80] Il-poeta u l-poplu saru ħaġa waħda biex il-poeżija saret sinonima mal-ħajja nnifisha. Minħabba f'hekk il-poeżija tinbidel skond il-ħtiġijiet taż-żmien.[81] Il-moderniżmu ta xejra aktar filosofika u psikoloġika lil-letteratura.

Bosta kienu dawk il-kittieba li kkummentaw dwar il-proċess kreattiv. Barra l-osservazzjoni u l-introspezzjoni hemm l-immaġinazzjoni li tgħin lill-kittieb jorbot flimkien oġġetti li fir-realtà ma tidhirx rabta bejniethom.[82] Fil-mument tal-ħolqien kreattiv, il-kittieb jitlaq mill-ġrajjiet soċjali biex imbagħad jibdilhom u jagħtihom sura ġdida.[83] Il-kittieba tas-snin sittin inkludew ukoll il-kunċett ta' l-ispontanjetà fil-mument ta' l-ispirazzjoni, l-istess bħalma kienu għamlu r-romantiċi ta' qabilhom.[84] Il-kitbiet estetiċi letterarji ħadu perspettivi diversi. Bdew jagħtu importanza kemm lill-awtur u xogħlijietu, kif ukoll lill-qarrej. Din il-bidla f'Malta seħħet fi żmien pjuttost qasir (1967–1973) u fis-snin sebgħin bdew jidhru l-ewwel kotba ppubblikati b'xogħlijiet letterarji moderni minħabba li l-biċċa l-kbira tal-kitbiet estetiċi waqt din il-polemika dehru f'ġurnali jew f'rivisti letterarji.[85]

## Wara s-snin sittin

Il-polemika tas-snin sittin u l-bidla letterarja li ġabet magħha seħħet bi sforz kollettiv ta' grupp ta' kittieba. Minn dak iż-żmien 'l hawn numru ta' kittieba minn dak il-grupp qabdu toroq individwali u l-fehmiet estetiċi li esprimew jixhdu l-aġġornament tagħhom mal-bqija tal-kontinent għalkemm ma nqatgħux totalment minn ta' qabilhom. L-ideat ġodda estetiċi li oriġinaw waqt il-polemika komplew jiżviluppaw fis-snin sebgħin u wara. Fost il-kittieba tat-

tieni nofs tas-seklu għoxrin hemm Daniel Massa,[86] Peter Serracino-Inglott,[87] Mario Azzopardi[88] u Oliver Friggieri[89] li pproduċa l-akbar għadd ta' kitbiet estetiċi bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan f'rivisti letterarji lokali u barranin.

Dawn il-kittieba enfasizzaw is-simboliżmu biex ifissru esperjenzi astratti b'mod artistiku.[90] Il-kittieb, impenjat soċjalment, jimxi fuq il-prinċipju tal-verità[91] biex, bl-użu tal-lingwaġġ figurattiv, jissublima t-tiġrib uman mimli tensjoni għax kif isostni Daniel Massa, l-arti ma tistax tinħoloq jekk mhux bi tbatija min-naħa ta' l-artist.[92] Il-prinċipju tal-verità jissemma wkoll minn Peter Serracino-Inglott li jaqbel mad-distinzjoni aristotelika tal-verità storika u l-verità poetika.[93] Oliver Friggieri jqis il-letteratura u l-ħajja l-istess.[94] L-għan ta' l-artist hu li jikkomunika billi jippreżenta l-problemi tal-ħajja.[95] Minkejja dan, il-poeżija mhix l-aħjar mezz ta' komunikazzjoni minħabba li titkellem bl-implikazzjoni u ġġorr l-ambigwità.[96] Dan iwassal għal żewġ konklużjonijiet: l-ewwel waħda hi li l-artist ta' bla kriżi m'hu artist xejn għax l-eżistenza hi problema fiha nnifisha; u t-tieni waħda hi ċ-ċaħda ta' l-għan morali li kienu jemmnu fih il-kittieba ta' qabel, għax it-tajjeb hu suġġettiv u teżisti aktar minn idea waħda tiegħu.[97]

Il-kittieba moderni kienu tal-fehma li d-distinzjoni bejn forma u kontenut għandha tispiċċa għal kollox biex it-tnejn li huma jieħdu l-istess tifsira.[98] Dawn iż-żewġ dimensjonijiet tal-kelma huma l-unika għodda li għandu l-kittieb u li biha tifred il-lingwaġġ artistiku mil-lingwaġġ komuni.[99] Xogħol letterarju ta' livell għoli hu utli għax ibiddel lill-qarrej, skond Oliver Friggieri.[100] Mill-banda l-oħra, kittieb ieħor, Mario Azzopardi, jsostni li l-letteratura ma tridx tkun akkademika żżejjed iżda trid tolqot lill-klassijiet soċjali kollha.[101]

Fid-dawl tar-rivoluzzjoni letterarja li seħħet f'Malta ftit tas-snin qabel, id-definizzjoni tal-letteratura moderna fil-konfront mal-letteratura tradizzjonali kienet għadha qiegħda tfittex postha. Din id-distinzjoni, li eżistiet f'kull żmien, teżisti biss fil-moħħ biex tiddistingwi epoka minn oħra.[102] Id-differenza ewlenija bejniethom hi li kittieb tradizzjonali jirrepeti b'mod konxju jew le dak li hu diġà eżawrit, filwaqt li l-modern, permezz ta' forom devjanti, jaf sew x'inhu jiġri madwaru u jipparteċipa fih.[103] Iżda, minħabba li l-preżent hu l-effett tal-passat, dawn jistgħu jeżistu kontemporanjament biex tinħoloq kontinwità temporali.[104]

Mal-figura tal-poeta jintrabtu żewġ kwalitajiet: l-esperjenza tal-ħajja nnifisha u l-ħila li jibdel din l-isperjenza f'arti bis-saħħa tal-ġenju u t-teknika.[105] Għalhekk il-kitba artistika hi rari u unika għax is-sublimazzjoni ta' esperjenzi umani ma sseħħx kuljum. L-istess jista' jingħad għall-kittieba veri.[106]

Il-kittieba moderni Maltin ikkummentaw dwar ġeneri letterarji speċifiċi bħalma hu r-rumanz. Ir-rumanzier jinqeda bi strutturi lingwistiċi varji, barra

mis-simboli.[107] Ir-rumanz hu mibni fuq ir-rakkuntar ta' storja (plot) u d-deskrizzjoni ta' karattri. Ma' dan, ir-rumanz modern żied elementi ta' psikoloġija umana.[108] Hawn ir-rumanzier isir interpretu tal-ħajja għax f'konfront mar-rumanzier ta' qabel, sar aktar introspettiv.[109] Bidla fil-kontenut tfisser ukoll bidla fil-forma u dan m'hu xejn ħlief ir-rifless tal-ħajja nnifisha li, barra li hi rakkont wieħed twil tinsab fi proċess kontinwu ta' bdil.[110]

Il-kittieba moderni Maltin issoktaw fejn ħallew ta' qabilhom biex imbagħad tbiegħdu minnhom. Irid jgħaddi aktar żmien biex jiffurmaw kurrent għalihom. Il-ħsibijiet, il-kunċetti jew il-prinċipji estetiċi letterarji tal-ħassieba Maltin għandhom il-valur storiku u temporali tagħhom. Fl-istorja, qasira kemm hi qasira, ta' l-estetika letterarja ta' gżira żgħira bħalma hi Malta, kollox jikseb il-valur tiegħu fl-isfond usa' ta' kontinent sħiħ.

*(Traduzzjoni bit-Taljan ta' dan id-diskors inqrat f'Gargnano del Garda – Milan f'Ottubru 1999 f'konvenju ta' tlitt ijiem organizzat mill-Universtià degli Studi di Milano u l'Associazione italiano degli studi di estetica.)*

## Noti

1. Twieled fl-1815 f'Malta u sar tabib u arkitett. Kien direttur tar-rivisti *La Crociata, La Fenice u L'Arte*. Sar professur tal-filosofija fl-Università. Kien jikteb bit-Taljan, bl-Ingliż u bil-Franċiż. Ippubblika xi xogħlijiet letterarji f'rivisti barranin. Miet fl-1899.
2. Twieled fl-1856. Illawrja bħala duttur tal-liġi mill-Università ta' Malta. Fl-1895 innominawh bħala Professur tad-Dritt Kostituzzjonali, id-Dritt Internazzjonali u d-Dritt Kanoniku. Kiteb xi xogħlijiet ta' proża u poeżija. Miet fl-1904 fil-Belt Valletta.
3. Twieled fil-Belt Valletta fl-1817. Studja l-letteratura, it-Taljan, il-Franċiż u l-Għarbi. Jitqies bħala wieħed mill-poeti romantiċi tal-bidu. FL-1842 sar avukat iżda aktar tard inxteħet għall-kitba letterarja. Għamel madwar sena jgħix Lixandra. Meta rritorna sar professur tat-Taljan fl-Università. Miet il-Belt Valletta fl-1868.
4. Twieled fl-1840. Kellu iben, Demetrio Bruto, li kien professur tal-patoloġija f'Ruma. Skond l-Arikivji ta' l-Università ta' Malta fl-1852 resaq għall-eżami tal-Grieg. Aktar tard ħa l-lawrja fil-ġurisprudenza. Fl-1863 mexxa kors fl-estetika u sena wara għamel id-diskors ta' merħba fl-okkażjoni tal-miġja ta' Garibaldi f'Malta. Fl-1865 sar Imħallef. Miet fil-Belt Valletta fl-1918.
5. N. Zammit, "L'Arte per la vita," *L'Arte*, a.2, n. 35, 22/4/1864, pp. 2–4.
6. ibid., p. 3.
7. N. Zammit, *Pensieri d'un retrogrado*, Malta, 1888, p. 484; Ġ. A. Vassallo u A. Preca, *Ħrejjef ovvero saggio di favole morali in verso*, Malta, 1861, p. 3; Ġ. A. Vassallo, *Ħrejjef u ċajt bil-Malti*, Malta, 1895, p. 9; S. Castaldi, *Della letteratura educatrice*, Malta, 1897, p. 10.
8. N. Zammit, "Il genio del romanzo," *Crepuscoli*, a.1, n.1, 19/1/1886, p. 2 – loc. cit., a. 1, n. 3, 15/2/1886, p. 20 – loc. cit., a. 1, n. 4, 28/2/1886, p. 27.
9. Discorso di N. Zammit per l'apertura della società maltese di scienze e lettere, Malta, 22/10/1864, p. 22.
10. N. Zammit, *Pensieri d'un retrogrado*, cit., pp. 479-480.

11. Discorso di N. Zammit..., cit., p. 14; Ġ. A. Vassallo u A. Preca, *Ħrejjef ovvero saggio di favole morali in verso*, cit., p. 3.
12. Ġ. A. Vassallo u A. Preca, *Ħrejjef ovvero saggio di favole morali in verso*, cit., p. 83; Ġ. A. Vassallo, *Ħrejjef u ċajt bil-Malti*, cit., p. 7; S. Castaldi, "Della letteratura educatrice," loc. cit., p. 5.
13. N. Zammit, "Letteratura," *L'Arte*, a. 2, n. 33, 22/3/1864, p. 8; *Discorso di N. Zammit...*, cit., pp. 22-23.
14. N. Zammit, "Del Bello," *Lo Studente*, a. 1, n. 19, 1/7/1885, pp. 73-74 u *Pensieri d'un retrogrado*, cit., p. 93; Z. Roncali, "Dell'arte," *L'Arte*, a. 1, n. 2, 7/12/1862, p. 1.
15. N. Zammit, "Del Bello," loc. cit., pp. 73-74.
16. ibid., p. 73.
17. ibid., p. 74; N. Zammit, *Pensieri d'un retrogrado*, cit., p. 95.
18. N. Zammit, "Del bello," loc. cit., pp. 73-74; *Pensieri d'un retrogrado*, cit., p. 95.
19. Z. Roncali, "Dell'arte," loc. cit., p. 2.
20. ibid., p. 1.
21. N. Zammit, "Il genio del romanzo," *Crepuscoli*, a. 1, n. 1, 19/1/1886, p. 4.
22. Ibid., p. 4.
23. N. Zammit, "Il genio del romanzo," loc. cit., n. 2, 30/1/1886, p. 10.
24. N. Zammit, "Il genio del romanzo," loc. cit., n. 3, 15/2/1886, p. 17.
25. N. Zammit, "Il genio del romanzo," loc. cit., n. 2, 30/1/1886, p. 11.
26. N. Zammit, "Il genio del romanzo," loc. cit., n. 4, 28/2/1886, pp. 27-28; *Pensieri d'un retrogrado*, cit., p. 481.
27. N. Zammit, "Il genio del romanzo," loc. cit., n. 2, 30/1/1886, p. 10.
28. O. Frieggieri (ed.), *Il-Poeżija Maltija*, Malta University Publishers, 1996, pp. XXVIII–XXX.
29. Ibid., p. XXX.
30. Ġ. A. Vassallo, *Ħrejjef u ċajt bil-Malti*, cit., pp. 4–5.
31. N. Zammit. *Pensieri d'un retrogrado*, cit., p. 483.
32. Twieled il-Belt Valletta fl-1876. Fl-1891 daħal novizz ma' l-Ordni Karmelitan u fl-1898 kien ordnat saċerdot. Studja f'Malta u fl-Università Gregorjana ta' Ruma fejn iggradwa fil-filosofija. FL-1906 nħatar Professur tal-Filosofija fl-Università ta' Malta barra li kellu diversi karigi oħra fl-Università. Kittieb ta' poeżija, proża u diversi bijografiji ta' qaddisin. Il-poeżiji tiegħu huma mxandra f'bosta rivisti. Ha sehem f'polemika mal-filosfu Taljan Bennardino Varisco dwar Benedetto Croce. Il-polemika hi mxandra f'rivista filosofika f'Milan. Miet fil-25 ta' Lulju 1962.
33. Twieled Ħaż-Żebbuġ fl-1871. Fl-1894 sar saċerdot u baqa' jgħallem fis-Seminarju l-letteratura Tajana, l-Istorja tal-Knisja u l-Arkeoloġija Nisranja fost suġġetti oħra sa l-1921. Fl-1921 inħatar assistent biblijotekarju. L-aqwa xogħol poetiku tiegħu hu *Il-Jien u lil hinn Minnu*, (1938) li hu tweġiba għal *I Sepolcri* ta' U. Foscolo. Miet fl-1961.
34. Twieled Għawdex fl-1911. Studja fl-Universitajiet ta' Malta u ta' Londra minn fejn kiseb id-Dottorat fl-1940. Professur tal-Malti u tal-lingwi Orjentali fl-Università ta' Malta (1937–1977). Kontributur ta' diversi rivisti lingwistiċi Ewropej u editur ta' diversi rivisti Maltin. Miet 1997.
35. Twieled fl-1913. Studja fil-Kulleġġ San Alwiġi u wara li għamel kors fil-letteratura Latina u Taljana, segwa kors ieħor tal-filosofija skolastika. Ikkontribwixxa f'rivisti Maltin u barranin. Miet fl-1987.
36. Dun Karm Psaila, "Poeta titwieled, ma ssirx," *Il-Malti*, Ġunju 1931, pp. 41-42; K. Vassallo, "Poeta mit-twelid!" *Leħen il-Malti*, Jannar 1939, pp. 150-151.
37. K. Vassallo, "L-Imħabba tal-Poeta," *Alla taż-Żgħażagħ*, Malta, 1939, pp. 22-23; Dun Karm Psaila, "Ittra lil Ġużè Aquilina," Ms. 214/1 fl-Arkivji ta' l-Università ta' Malta, 10/9/1935.

38. A. Cuschieri, "Di alcune proprietà del genio," *Malta Letteraria*, a. II, n. 9, 1905, p. 2.
39. K. Vassallo, "L-Imħabba tal-Poeta," loc., cit., p. 22.
40. O. Friggieri, *Il-Kultura Taljana f'Dun Karm*, K.K.M., 1976, p. 58.
41. K. Vassallo, "Ħajja qasir," *Il-Malti*, Marzu 1938, p. 12.
42. Dun Karm Psaila, "Un amico... caro," *La Palestra del Seminarista*, a. 1, n. 3, 1901, pp. 55–56.
43. Ibid., p. 56; "Il-Poeżija Tagħna," *Il-Malti*, Ġunju 1934, p. 34.
44. Dun Karm Psaila, "Is-sengħa tal-kitba," *Il-Malti*, Settembru 1926, p. 73.
45. Dun Karm Psaila, "Il-poeżija Maltija fl-iskejjel aħjar minn kull waħda oħra," *Il-Malti*, Marzu 1930, p. 3.
46. Dun Karm Psaila, "Is-Sengħa tal-kitba," *Il-Malti*, Diċembru 1927, p. 109.
47. Dun Karm Psaila, "Is-Sengħa tal-Kitba," *Il-Malti*, Settembru 1926, p. 73.
48. Ġ. Aquilina, "X'inhi l-poeżija," *Antoloġija ta' Proża*, II, Malta, 1979, p. 12.
49. Ibid., p. 13.
50. K. Vassallo, "Il-poeżija u aħna," *Il-Malti*, Ġunju 1962, p. 40.
51. Ġ. Aquilina, "Poetry and Inspiration," Lecture delivered in the British Institute of Valletta in 1954, *Journal of the Faculty of Arts*, Vol. 1, n. 3, 1959, p. 184.
52. Ibid., p. 186.
53. Dun Karm Psaila, "X'inhi l-letteratur? Għalfejn tiswa?' *Il-Malti*, Ġunju 1938, p. 33; "A talk on Maltese Poetry," (held at St. Edward's College on March 3, 1942 in a rock shelter during an air-raid), Ms. 215/4, Arkivji ta' l-Università ta' Malta; "Taħdita fuq il-poeżija Maltija," *Leħen il-Malti*, XXIX, i, 1960, p. 2.
54. Dun Karm Psaila, "Jitkellem Dun Karm,"*Il-Malti*, Settembru 1946, p. 103.
55. K. Vassallo, "Il-letteratura fiha nnifisha," *Alla taż-Żgħażagħ*, cit., p. 14.
56. Ġ. Aquilina, "Arti, Ħajja u Morali," *Leħen il-Malti*, n. 196–198, Lulju – Settembru, 1947, pp. 1–2.
57. Ġ. Aquilina, "Arti u Fidi," *Il-Polz ta' Malta*, Malta, 1948, p. 230.
58. Ibid., p. 241.
59. Ibid., p. 241.
60. O. Friggieri, *Hyphen*, VI, n. 4, 1990, p. 179.
61. Ibid., p. 180.
62. Ibid., p. 186.
63. F. Sammut, *Hyphen*, III, n. 2, 1982, p. 78.
64. O. Friggieri, *Hypben*, cit., p. 181.
65. "L-Editorjal," *Il-Polz*, Settembru 1968, n. 7, p. 1; J. A. Grima, *Il-Qawmien*, 22/1/1967, p. 9.
66. J. Attard, *L-Estetika Maltija – Antoloġija Kritika*, Mireva Publications, 1997, p. 167.
67. A. Degabriele, *Torċa (Magazine)*, 5/2/1967, p. VIII.
68. R. Mahoney, *Il-Ħaddiem*, 27/9/1966, p. 5; O. Friggieri, *Il-Berqa*, 21/7/1967, p. 9.
69. A. Mizzi, *L-Orizzont*, 21/2/1967, pp. 6–7.
70. O. Friggieri, *Il-Ħaddiem*, 25/7/1967, p. 5.
71. A. Mizzi, *L-Orizzont*, 11/4/1967, p. 5.
72. A. Marshall, *L-Orizzont*, 20/9/1966, p. 6; A. Degabriele, *Torċa (Magazine)*, 5/2/1967, p. viii.
73. O. Friggieri, *L-Orizzont*, 24/1/1967, p. 6; M. Azzopardi, *L-Orizzont*, 27/12/1966, pp. 6-7; O. Friggieri, *Il-Berqa*, 13/10/1967, p. 9; A. Marshall, *L-Orizzont*, 28/2/1967, p. 6.
74. A. Marshall, *L-Orizzont*, 20/9/1966, p. 6.
75. O. Friggieri, *Il-Ħaddiem*, 11/7/1967, p. 5.
76. O. Friggieri, *L-Orizzont*, 29/8/1967, pp. 6–7.
77. O. Friggieri, *Torċa (Magazine)*, 26/2/1967, p. viii.

78. O. Friggieri, *Il-Polz*, n. 5, Marzu 1968, p. 7.
79. O. Friggieri, *Il-Polz*, n. 6, Ġunju 1968, p. 12.
80. R. Mahoney, *L-Orizzont*, 3/1/1967, pp. 6-7.
81. O. Friggieri, *Il-Ħaddiem*, 11/7/1967, p. 5; O. Friggieri, *Leħen is-Sewwa*, 21/9/1967, p. 3.
82. O. Friggieri, *Il-Polz*, n. 5, Marzu 1968, p. 7.
83. O. Friggieri, *Torca (Magazine)*, 26/2/1967, p. viii; *L-Orizzont*, 29/8/1967, pp. 6–7.
84. M. Cacciattolo, *Torċa (Magazine)*, 13/11/1966, p. viii.
85. Cfr., J. Attard, *L-Estetika Maltija – Antoloġija Kritika*, cit., pp. 163-192.
86. Twieled fl-1936. Studja fl-Universitajiet ta' Malta u Edinburgh imnejn kiseb id-dottorat. Hu direttur tas-*Centre of Distance learning*, kien ko-ordinatur tal-*Communication Programme* u Kap tad-Dipartiment ta' l-Ingliż fl-Università ta' Malta. Minbarra li kiteb artikli f'ġurnali akkademiċi barranin, hu awtur u editur ta' diversi kotba.
87. Twieled il-Belt Valletta fl-1936. Studja fl-Università ta' Malta u bħala Rhodes Scholar fl-Università ta' Oxford. Kompla l-istudji tiegħu fl-*Institut Catholique de Paris* u fl-*Università Cattolica del Sacro Cuore di Milano* minn fejn ħa d-dottorat. Fl-1962 sar saċerdot u sena wara nħatar librar fl-Università ta' Malta. Fl-1966 sar professur u kap tad-dipartiment tal-filosofija. Kien ukoll professur ta' l-estetika fl-*Istituto Internazionale de Arte e Liturgia* ta' Milan. Għamel xi żmien bħala Rettur ta' l-Università ta' Malta. Huwa awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet Maltin u barranin u ta' numru ta' poeżiji.
88. Twieled fl-1944. Studja l-Liceo, l-iskola ta' l-Arti, il-Kulleġġ ta' l-Għalliema u l-Università ta' Malta. Kellu sehem ewlieni fit-twaqqif tal-*Moviment Qawmien Letterarju* u ta kontribut kbir għall-pubblikazzjoni tar-rivista *Il-Polz*, maħruġa mill-istess moviment. Uħud mill-poeżiji tiegħu inqalbu fl-Ingliż u kienu ppreżentati fl-Istati Uniti, fir-Renju Unit, fl-Indja, fl-Iżvizzera u fl-Iżvezja.
89. Twieled fl-1947. Studja fl-Università ta' Malta u fl-Università Kattolika ta' Milan. Awtur ta' għadd kbir ta' kotba letterarji u kritiċi. Kien wieħed mill-membri tal-bidu tal-*Moviment Qawmien Letterarju*. Uħud mix-xogħlijiet letterarji tiegħu nqalbu f'diversi lingwi u xxandru f'bosta pajjiżi. L-istudji kritiċi tiegħu dehru f'rivisti akkademiċi lokali u barranin. Fl-1988 rebaħ il-*Premio Mediterraneo*. Membru ta' l-*Association Internationale des Critiques Litteraires* (Pariġi) u tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Unjoni Ewropea tal-Kittieba u tax-Xjenzjati (Ruma).
90. Ġ. Mifsud Chircop, "Mal-fanal hemm ħarstek tixgħel – Jitkellem il-poeta," Malta, 1994, pp. 85–86.
91. O. Friggieri, *Ir-Ruħ fil-Kelma*, Malta 1973, pp. 9-10.
92. D. Massa, "Qed tipprova tikteb?" *Illum*, Ġunju, 1975, p. 16.
93. P. Serracino-Inglott, "Verità Storika u Verità Poetika," Malta, 1989, p. 10.
94. O. Friggieri, *L-Idea tal-Letteratura*, Malta, 1986, pp. 6–7.
95. O. Friggieri, "L-istudju tal-letteratura u s-soċjetà," *Il-Mument*, 14/4/1985, p. 19.
96. O. Friggieri, "A Poem: ambiguity through images," *The Democrat*, 21/2/1979, p. 9.
97. O. Friggieri, *Ir-Ruħ fil-kelma*, cit., pp. 16-17.
98. O. Friggieri, "What to write about," *The Democrat*, 10/1/1976, p. 7; "Literature: a linguistic approach," *The Democrat*, 28/2/1976, p. 9.
99. O. Friggieri, "The poet and the politician," *The Democrat*, 17/1/1976, p. 3.
100. O. Friggieri, "Il-kelma fil-poeżija," *Analiżi*, Vol. 2, n. 4, Marzu – April 1989, p. 21; *L-Idea tal-Letteratura*, cit., p. 35.
101. M. Azzopardi, "Soċjaliżmu u Arti," *Il-Mument*, 13/2/1977, p. 7.
102. O. Friggieri, "Minħabba li l-komunikazzjoni bejn awtur u qarrej hi importanti, ma jfissirx li hi dejjem possibbli," *Il-Ħaddiem*, 16/2/1979, p. 4.
103. Ibid., p. 9.

104. O. Friggieri, "It-Tradizzjoni u l-Moderniżmu," *In-Nazzjon Tagħna*, 6/12/1971, p. 11.

105. O. Friggieri, "Min hu kittieb tassew?" *In-Nazzjon Tagħna*, 7/1/1974, p. 11; Ġ. Mifsud, op. cit., p. 78.

106. O. Friggieri, "Id-deskrizzjoni u l-Poeżija: fejn tibda l-waħda u l-oħra," *Il-Mument*, 14/8/1977, p. 9.

107. O. Friggieri, "Il-kitba tar-rumanz modern," *In-Nazzjon Tagħna*, 18/11/1974, p. 11.

108. O. Friggieri, (Artiklu mingħajr isem), *In-Nazzjon Tagħna*, 11/11/1974, p. 11.

109. O. Friggieri, "Aspect of the contemporary novel," *Athenea*, Puerto Rico, IX, 1-2, June – December 1989, pp. 24–25.

110. O. Friggieri, "Ir-rumanz bħala idea," *Il-Mument*, 13/3/1977, p. 9.

# Miju Mekkek ta' l-Ilijade

*Fr. Victor Xuereb*

L-Ilijade ta' Omeru tiftaħ b'tifqigħa ta' sajjetta fil-bnazzi. Bnazzi mhux għax kienet issaltan il-paċi! Anzi kien żmien ta' ġlied. Min-naħa l-waħda l-Griegi kienu qegħdin iżommu lil Trojja f'morsa. Kien ilhom għaxar snin jassedjaw il-belt. Minn żmien għal żmien il-Grieġi kienu jibagħtu xi riġment minn tagħhom biex jattakka l-irħula u l-bliet iż-żgħar ta' l-Alleati ta' Trojja, u jerġa' lura mgħobbi bi proviżjon ta' ikel u bhejjem u lsiera għall-Armata kollha. Kien veru li fost il-Grieġi bdiet tixtered il-pesta. Imma, li nqala' għal għarrieda kienet tħaqqiqa sħuna bejn l-aqwa żewġ Kapijiet tal-Griegi ... bejn Akilles l-attakkant il-prim li kellhom il-Griegi u bejn Agamemnon, il-Commander in chief tat-Truppi Griegi kollha. B'dawk l-attakki żgħar fuq l-Alleati l-Griegi kienu sabu rkaptu ta' kif iżommu l-Armata tagħhom tassedja belt iffortifikata f'art barranija; imma, meta bdiet tixtered fosthom il-pesta, tathom rashom. Tgħid kienet xi kastiġ ta' l-allat? Min jaf jirnexxilhomx iberrdu l-qilla ta' l-Allat b'xi sagrifiċċju xieraq?

Akilles laqqa' l-Kapijiet tal-Griegi u quddiemhom talab lil Kalkas, il-Bassar il-prim tal-Griegi, biex jurihom għala l-allat kienu daru daqshekk kontrihom. U Kalkas, bit-tlaqliqa, u biss wara li Akilles wegħdu li jipproteġih hu jekk xi ħadd imissu, spjega li l-allat kienu msaħħnin għal Agamemnon talli meta Krises, il-qassis ta' Apollo, kien ġa rahan xieraq biex jifdi lil bintu li kienet inqabdet ilsira, Agamemnon, kontra kull sens ta' gustizzja, ma ħelisx lill-ilsira u bagħat lil missierha bi kliem żorr ta' tħeddid. L-allat, qal Kalkas, ma kinux sa jwaqqfu dik il-pesta qabel ma' Agamemnon irodd dik l-ilsira lil missierha u jżid ukoll xi sagrifiċċju xieraq lil Apollo.

Din ix-xorta ta' diskors tal-Bassar, tistgħu taħsbu x'fawra tellgħu f'ras Agememnon. Issa kulħadd kien sar jaf li hu kien il-ħati ta' dik il-pesta qerrieda. Xnigħat bħal dawk jiġru fil-Kamp kienu sa jagħmlulu l-ħsara żgur. Li kieku kien naqra aktar diplomatiku, kien ifittex jagħti lill-ilsira lura lil missierha u barra li kien ikun żamm prezzha fir-rahan li kien ġab missierha, kien igeddes

min jaf kemm riġali minn fost il-Griegi li kienu jagħtuh b'ringrazzjament talli waqqfilhom il-pesta! Imma Agamemnon ma kienx diplomatiku. Kien xħiħ! U kien supperv. Ma ried b'xejn jitlaq dik l-ilsira minn taħt idejh.

Akilles, bi spirtu ta' kavallier nobbli, ipprova jfakkar lil Agamemnon il-Kmandant li l-ġid ta' l-Armata jiġi qabel il-ġid u l-qligħ personali tal-Kmadant. Imma Agamemnon dak kien jonqsu. Infasad. Beda jgħajjat li Akilles kien qed iħajru jagħti lura l-ilsira għax ma kien sa jonqos xejn minn but Akilles! Kien faċli għal Akilles li jkun Amerikan fi ħwejjeġ ħaddieħor. "Ismagħni x'sa nagħmel!" qal lil Akilles, "Nagħti, iva l-ilsira li messet lili bi priża! Imma...minflokha... nieħu l-ilsira li kienet messet lilek" U bagħat fizzjal fit-tinda ta' Akilles biex iġib minn hemm l-ilsira ta' Akilles.

L-insult ma setax ikun aktar ċar u dirett. Għall-ewwel, Akilles kellu sfiċċa joqtlu f'nofs dik il-Ġemgħa. Imma, flok imidd idu fuq il-persuna sagra tas-Sultan, ħareġ 'il barra mil-Laqgħa jaħlef li la hu u lanqas ħadd mir-riġment tiegħu tal-Mirmidoni ma kienu sa jgħinu lill-Armata tal-Griegi qabel ma Agamemnon jiġi jitolbu skuża. Ix-xena tagħlaq b'Akilles ħiereġ irrabjat mill-Laqgħa waqt li Agamemnon jgħidlu li biex ikompli l-assedju, ma kellux bżonnu.

Jekk Agamemnon kien xħiħ u ma rahiex bi kbira li jaqla' dan l-inkwiet kollu biex ma jiċċaħħadx minn ilsira, Akilles ukoll kien bniedem li għall-unur personali tiegħu kien lest li jaħqar l-Armata ta' sħabu l-Griegi. Akilles, permezz ta' ommu, waħda mill-allat, talab lil Żews biex jibda jgħin lit-Trojjani u biex idum jgħinhom sakemm Agamemnon meta jara li qed jaqla' xebgħa, ikollu bilfors jerġa' jitlob l-għajnuna ta' Akilles! Jekk it-Trojjani jibdew jirbħu, jibda jidher ċar kemm kien isarraf Akilles! Għax meta Akilles kien joħroġ jitqabad ħadd mit-Trojjani ma kien jazzarda jdendel kusu miegħu! Akilles, biex jerġa' jieħu ġieħu, beda jitlob li l-allat jibdew itellfu lill-Griegi! Il-qilla tiegħu għamietu kif ix-xeħħa kienet għamiet lil Agamemnon.

Intant, Akilles bagħat lil ommu Thetis, waħda mill-allat minuri, għand Żews u Żews wegħidha li jara x'jagħmel biex jibda jgħin lit-Trojjani.

Biex iżomm kelmtu ma' bintu Thetis, Żews bagħat Ħolma Qarrieqa biex iħawwad moħħ Agamemnon. B'din il-Ħolma, Żews mela moħħ Agamemnon li issa kien il-ħin tajjeb biex jagħmel l-attakk finali fuq Trojja (mingħajr l-għajnuna ta' Akilles) biex l-unur tal-waqgħa ta' Trojja jieħdu biss Agamemnon. Agamemnon ilaqqà l-Kunsill u jordna lill-Ġenerali biex jisferraw l-attakk finali fuq Trojja. Meta huma jifthulu għajnejh u juruh li Trojja għadha b'saħħitha, hu jheddidhom li jekk ma jattakkawx immedjatament hu kien sa jitlaq lura Argos minn mnejn kien ġie. Ma kellhomx x'jagħżlu. Lura, wara għaxar snin assedju, ma ridux imorru b'idejhom vojta!

Kontra qalbhom bdew iħejju għal taqtigħa li kienu jafu li sa jitilfu! Imma forsi l-agħar ħaġa li ġrat kienet li dak li ntqal fil-privat fil-Kunsill ma damx ma ħareġ fil-pubbliku fost is-suldati li malajr sabu min ixewwixhom biex ifittxu

jwaqqfu l-assedju u jsalpaw lura lejn djarhom! Għax, wara kollox, l-unur mhux il-Kmandanti kienu sa jeħduh? Huma xi daqqa ta' lanza kienu jistgħu jdabbru.

Hawn jidħol xewwiex famuż: wieħed mill-karattri memorabbli li joħloq Omeru. Xewwiex jismu Thersites, li għalkemm ikreh daqs ċappa' dlam, kellu ilsienu jaqta' daqs ponta ta' stallett. Fil-biċċa li ġejja sa nħalli lil Omeru jsemmgħalna hu t-tixwix ta' Thersites u kif Odissews fl-aħħar jirnexxielu jrażżanlu lsienu.

Innota kif Omeru jirnexxilu jqaxxar il-karattru ta' dan ix-xewwiex baxx u kif il-*humour* huwa wieħed li tistenna minn nies ta' dil-qatgħa.

Fl-aħħar ikkwieta l-ħoss u ntasbu kollha  
bil-qiegħda fuq il-bankijiet għal-Laqgħa,  
ħlief wieħed biss li baqà jgħid u jilsen.  
Dan kien Thersites, żatat, wisq fuq ruħu.  
Kien wisq jinqalà għaċ-ċajt pastaż u jniggeż  
kontra s-Sultan u kontra min imexxi,  
imbasta jdaħħak bihom lis-suldati!  
Ma kienx hemm wieħed ikreh iżjed minnu  
minn fost l-Akej li kienu Trojja.  
Kien naqra zopp u jġebbed siequ l-waħda  
u ż-żewġ saqajn kienu mgħawġin daqs nagħla.  
Spallejh it-tnejn kienu 'l quddiem imgeddsa  
u kważi jmissu lil xulxin fuq sidru.  
Imħawla bejn spallejh, kellu ras żgħira  
għamla ta' bajda; u mill-qurriegħa sewwa  
kienu jinbarmu żewġ żajbriet imqardna.  
Lil dan Thersites ħadd ma kien jistmerru  
daqs il-magħruf Akilles u Odissews  
li lilhom l-iżjed kien għaċ-ċajt iwaqqa'.  
Bix-xorti tajba għalihom, dik id-darba,  
Thersites kien imaqdar 'l Agamemnon:  
kien għolla leħnu rqiq imma jinstama'  
u beda jgħajru b'kull ma ġieh fi lsienu.  
Għax sab ix-xoqqa f'moxtha biex iniggżu  
meta sar jaf li ħafna mis-suldati  
kienu mgħaddbin għall-Ħakem Agamemnon.  
"Ja Sire!" beda jgħid lil Agamemnon  
b'leħen nebbiex u fl-istess ħin wisq għoli,  
"X'għandek bżonn issa? Xi trid iżjed minna?  
It-tinda tiegħek imballata priża!  
Għax minn kull belt li jirnexxilna ngarrfu,

dejjem imissek l-isbaħ, l-aqwa u l-ifjen
u tagħżel inti stess l-aħjar ilsira!
X'inhu li jonqsok, mela? Deh'b u fidda?
Stenna 'l xi wieħed mit-Trojjani għani
ħa jiġi s'għandek biex itik ir-rahan,
deh'b u rigali biex teħlislu 'l ibnu
li kont qbadt ilsir jien jew qabdu sħabi!
X'inti tixxennaq? Għandek bżonn xi xbejba
biex torqod magħha? Tridha biex taqdik?
Oqgħod attent! tagħtix eżempji ħżiena
li jistgħu jwasslu 'l daw' s-suldati fl-għali!
Intom, ja ħbieb, li jkolli nsejjaħ: "Nisa",
– nixtieq li kieku nista' ngħid: "Irġiel" –
ejjew minn hawn nitilqu bl-akbar herra
u nħallu 'l dan il-galantom warajna
biex jibqa' jgħasses hu mal-ġid li ħataf!
Forsi sa fl-aħħar jibda jdaħħal f'moħħu
kemm għandu bżonn tal-qalbenin suldati!
Sal-bieraħ stess, lanqas ma staħa jċanfar
lill-kbir Akilles, bniedem aqwa minnu!
Imma raġel hekk nobbli bħal Akilles
mhu qatt sa jħalli nsult hekk baxx ikiddu!
Ħalla lil Agamemnon tgħaddi tiegħu.
Għax kieku, Sire, Akilles ma kienx nobbli,
dawk il-kelmiet wisq żorri l'għedt ilbieraħ
kienu jkunu ta' l-aħħar li għedt f'ħajtek."
Bilkemm kien spiċċa dan il-kliem xewwiexi
kontr' Agamemnon, il-Kmandant il-kbir,
li ħdejn Thersites ma resaqx bil-qilla
il-magħruf Odissews, b'wiċċ kollu rabja.
Bed' Odissews ilumu kif kien ħaqqu:
"Thersites" qallu, "jekk ridt turi għerfek,
minn qalbi ngħidlek li ma rnexxilekx!
Dejjaqtna lkoll bil-kliem xewwiex l'għidtilna.
Ja biċċa ta' ċakkar! Kif lanqas tistħi
tqum fost daw' n-nies biex tmaqdar lil sultan?
Ħadd m'għandu dritt – u lanqas wieħed inti,
għax m'hawn ħadd daqsek injurant u ebsi
minn kemm ġew nies ma' wlied il-kbir Atrews –
ħadd m'għandu dritt imaqdar x'qal il-Ħakem!
Lanqas jixraqlek biss issemmi ismu!

Aħseb u ara tħajjar lis-suldati
biex titilquh u tmorru kollha lura!
Ħadd m'għandu ħjiel kif għad tispiċċa l-biċċa:
jekk għadx nitilfu jew għadx fl-aħħar nirbħu.
Kull ma qed tagħmel hu li b'ħerqa xxewwex
kontr' Agamemnon. Il-Kmandant il-Kbir!
Qed twaqqà għaċ-ċajt il-Kapijiet tal-Griegi
talli jagħtuh mill-priża s-seh'm li ħaqqu!
Imm' isma 'l hawn – għax jiena kelmti nżommha –
jekk biss darb' oħra nerġa' lilek nisma'
taqla' qlajjiet bħal dawn li għedt hawn fostna,
nirrani rasi jaqtgħu minn ma' ġismi,
żgur daqs kemm żgur Telemakus hu ibni,
li niġi naqbdek qabda bejn idejja
u nneżżgħek il-mantell u l-qmejsa l' għandek
u nċarrat minn fuq dahrek dawk id-dniedel
u ma niqafx qabel ma nikxef kollox,
u kif tkun għeri, xebgħa għasluġ nilgħablek
u nqalftek minn ġol-Ġemgħa bl'ebda ħniena
biex tmur titkerrah ħdejn l-iġfien u tnewwaħ!"
U kif dal-kliem kien Odissews qed jgħidlu,
venvinlu daqqa ta' bastun fuq dahru!
Inġibed lura minnufih, Thersites
u jixher beda u jwaħwaħ bħal tarbija.
Tbenġila sewda tqajjar demm sewdieni
telgħet malajr minn spalltu sa taħt abtu
fejn kienu laqtu tal-bastun l-għekiesi.
Birek ma' l-art, imwerwer minn daqq' oħra.
U, fost uġigħ beda minn wiċċu jimsaħ
xi demgħat sħan għal fuq ħaddejh iġelbnu.
Għalkemm l-oħrajn ma kellhomx ħajr jiddieħku,
tgħidx x'daħka faqqgħu meta raw dix-xena.
Wieħed lill-ieħor bdew, minn taħt ilsienhom,
jgħidu 'l xulxin biex lil xulxin idaħħku:
"Dan Odissews m'hawnx prezzu! Haqqu prosit"
"Kont naf" qal wieħed, "li kien wisq jinqala'
biex jagħmel pjan u nasba fina b'moħħu
u naf ukoll li jaf il-lanza jxejjer
imma żgur li m'għamlilna qatt pjaċir
akbar minn dan ta' llum, meta ħelisna
mit-tpaċpiċ fieragħ li kien jgħid Thersites!

Għax ma naħsibx li sa jkun wisq imgħaġġel
dan l-ibleh ta' Thersites jitla' jidden
ħalli mill-ġdid imaqdar lil xi Ħakem!"
U bħalu bdew jgħidu l-oħrajn. Għax qalbu.

# Riflessjonijiet fuq il-Letteratura tas-Seklu Għoxrin

*Prof. Oliver Friggieri*

Kienet Franza li għal darba oħra mxiet qabel kulħadd fil-qasam tax-xejriet letterarji. Ma nifhimx li l-letteratura Ewropea u Amerikana tas-seklu għoxrin tista' tiftiehem mingħajr ma titqiegħed fil-kwadru Franċiż ta' tmiem is-seklu l-ġdid. Ir-romantiċiżmu Franċiż huwa tant għani u kumpless li seta' jwelled seklu ġdid anki bis-saħħa ta' l-ispunti li kellhom jitnisslu minnu.

## Il-bibien miftuħa mis-simboliżmu Franċiż

Il-simboliżmu, imħaxken bejn iż-żewġ sekli, rattab l-iskemi immaġinattivi li ntirtu mir-romantiċiżmu storiku daqskemm ikkomplika l-konċett kollu tal-letteratura, l-aktar fil-poeżija u fin-narrattiva. L-epoka Freudjana, li tellgħet fil-wiċċ lid-dehra tak-kittieb bħala pazjent daqskemm bħala esploratur tal-pazjenti (l-oħrajn), kellha twassal biex is-simboloġija ma tibqax biss strateġija letterarja iżda tikber f'viżjoni ta' l-essri, f'metodu ta' għarfien, u għalhekk ta' kitba. It-test sar dokument. Il-kittieb li Barthes kien ħaseb li miet spiċċa biex ħa forom ġodda, mhux biss meta kiseb dimensjoni ta' protagonista politiku ogħla mill-politika (e.ġ., fid-dinja komunista) iżda biex, l-aktar fin-narrattiva ta' xeħta reġjonali, tlaħħam f'persuni żgħar, f'annimali u f'oġġetti.

Qatt daqs kemm fi ħdan il-letteratura li f'daqqa waħda għarfet is-siwi psikoloġiku, "xjentifiku" tas-simbolu (tradizzjonalment meqjus bħala ħlejqa arbitrarja) ma ġara li l-letteratura bdiet titqies bħala esperjenza kollha kemm hi figurattiva. Il-psikanaliżi invadiet għallinqas wieħed mill-oqsma tal-kritika letterarja. Dan hu s-seklu li lill-kritika raha ssir professjoni akkademika mibnija fuq kompetenza għolja jew ogħla mill-oqsma l-oħrajn. L-istrutturaliżmu, il-poststrutturaliżmu u d-dekostruzzjoniżmu spiċċaw biex minn metodi ta' stħarriġ testwali kibru f'viżjoni ta' l-essri, li jinkludi l-att tal-kitba u l-kitba nnifisha.

## Ir-realtà bejn il-ħolma u l-ħarba

Mill-pretensjoni tar-realiżmu , għamla ta' twemmin li r-realtà hi dik li tidher, il-kuxjenza letterarja għaddiet għall-iskoperta tas-surrealiżmu. Ir-realtà hi indefinibbli, u għallinqas tista' tiġġarrab bħala ħolma, li hi tiġriba ġewwiena, metaforika, għamla ta' ħolqien mill-ġdid tar-"realtà " tal-mistoqsija li tidher bla ma għandha sura fissa. Breton ried joffri tifsira għall-oskurità ta' l-espressjoni, li mbagħad l-ermetiżmu kellu jagħtiha ġustifikazzjoni politika.

Forsi qatt daqs matul dawn iż-żminijiet fi ħdan is-seklu ma deher biċ-ċar kemm il-forom ta' l-arti huma aħwa ta' xulxin, anzi kemm l-arti m'hix għajr forma li tingħata lil kull kontenut.

L-estetika tal-liberta' kellha tfisser it-tiswir ta' kodiċi ġdida ta' dixxiplina: fuq il-fantasija, fuq il-kelma, fuq l-elementi rettoriċi. Fl-epoka tad-desagrazzjoni tal-kelma, l-aqwa kittieba rritornaw lejn l-iskruplu lingwistiku ta' qabel. Il-kunfidenza żejda, it-tkasbir tal-kelma, ipproduċew letteratura devota lejn il-kelma. Mallarme kien ilu li qal li l-letteratra hi magħmula mill-kliem, u mhux mill-ideat. L-ideat jinsabu l-ħin kollu f'kollox; hi l-letteratura biss li tbiddilhom f'sistema awtonoma ta' ħsejjes verbali. Anki l-konċett ta' l-awtonomija tat-test kellu jkun ikkontestat, kif jiġri lil kull ħsieb importanti, u f'konflitt miegħu daħlet l-idea tal-kontinwita' bejn l-awtur u l-qarrej. U hekk ukoll jistgħu jissemmew diversi ħsibijiet u metodi oħra, iżda lkoll jixhdu li l-kelma, abbużata aktar minn qatt qabel, kienet għadha denja li tkun suġġett ta' viżjoni sħiħa tal-ħajja.

Il-mistoqsijiet klassiċi tat-tradizzjoni, mill-epoka Griega-Rumana, Kristjana, rinaxximentali, romantika, għaddew mill-eżami post-romantiku, neo-illuminista bis-saħħa ta' l-eżistenzjaliżmu. Iċ-ċertezzi tal-filosofija Tomista, u l-aktar iċ-ċarezza ta' l-għażla klassika, ta' nisel Aristoteliku, bejn essenza u eżistenza, kellhom jitfarrku mal-blat samm tar-razzjonaliżmu l-ġdid, iżjed kategoriku mir-razzjonaliżmu (Franċiż) tas-seklu ta' qabel li minnu twelled il-veriżmu. L-illuminiżmu għadu ma mietx. L-individwu, il-libertà, is-sinċerità, l-għażla u fuq kollox is-solitudni umana: huma temi li lkoll flimkien jispjegaw il-qofol ta' wħud mill-aqwa xogħlijiet li nkitbu f'dan is-seklu fl-Ewropa. It-teatru ta' l-assurd biddel lit-teatralità nnifisha f'parabbola ta' l-eżistenza. Il-filosofija (Sartre, Camus) saret il-qofol tal-forma letterarja, anzi l-letteratura kellha tkun il-pulptu tagħha. Pożizzjonijiet kuntrarji li għandhom għerq wieħed – l-angst – tellgħu fil-wiċċ il-problematika ewlenija tal-letteratura f'dan is-seklu: is-sens reliġjuż (Sartre-Marcel).

## Il-postmoderniżmu bħala kriżi

Il-bidla kbira li seħħet f'kull qasam tal-ħajja fis-sittinijiet fl-Ewropa u fl-Amerika, megħluba daqskemm attwali fi tmiem is-seklu, tinġabar fil-ħtieġa

ta' mġiba ġdida quddiem kull għamla ta' istituzzjonaliżmu. Il-kontestazzjoni Amerikana swiet biex għallinqas f'fażi waħda wriet ir-rabta bejn l-awtur u l-politiku. Id-dissidenza tal-kittieba fis-snin tal-persekuzzjoni, fil-gwerra daqskemm warajha meta ssawru l-blokki tas-superpotenzi, hi volum kbir ieħor fi storja letterarja li għaddiet iżda li għadu kmieni ħafna biex tinkiteb xjentifikament kif titlob ir-riċerka professjonali. Maż-żmien id-dissidenza, tul u wara l-martirju, tbiddlet f'introspezzjoni ġdida, ifned minn dik tar-romantiċi u ta' l-ermetiċi, waqt li beda jgħaddi żmienha minħabba l-bidliet politiċi kbar li seħħu, li fost l-oħrajn biddlu saħansitra lill-ġografija stess.

Niġbor dan kollu fit-terminu "postmoderniżmu", li dwaru bħalissa qiegħda tinbena biblijografija kbira – mimlija verżjonijiet li jvarjaw. Hawn il-letteratura bdiet tittaħħat aktar minn qabel għal-liġi qalila tal-kontradittorjetà, sikwit imfissra fil-kultura dominanti tas-superfiċjalita' u tal-banalizzazzjoni. Fl-1957 Bernard Rosenberg josserva li bil-wasla tal-postmoderniżmu kibret l-ambigwità, deħru theddidiet ġodda: "Id-dinja postmoderna toffri lill-bniedem kollox jew xejn. Kull kunsiderazzjoni razzjonali tal-probabiltajiet twassal lill-bniedem għall-biża' li jinħakem mir-rabja soċjali li diġà qiegħda taħfnu." C. Wright Mills (*The Sociological Interpretation*, 1959) jistqarr li l-Marxiżmu u l-liberaliżmu ma setgħux jibqgħu fuq saqajhom aktar għaliex jemmnu fil-prinċipju illuministiku tar-rabta bejn ir-raġuni u l-liberta'. Mills jitkellem dwar soċjeta' magħmula minn "cheerful robots", frażi li tfakkar fid-dramm profetiku *R.U.R.* ("Rossum's Universal Robots") ta' Capek (1921). Mill-bqija, il-kriżi postmoderna ilha li tħabbret mill-kittieba tas-seklu dsatax (e.g. Henry James). L-introspezzjoni ta' Kafka, Joyce, Svevo, Baroja, Hesse hi storika u politika fil-wiċċ u eżistenzjali fil-qiegħ tagħha.

Għal dawn il-kittieba wkoll il-letteratura ma kellhiex is-saħħa tbiddel iżda kellha l-privileġġ li tirrifletti, tistħarreġ u ssib il-verità bħala s-saff mgħotti mir-realta, l-iskorċa falza. Fil-fehma tiegħi, fiċ-ċediment, fir-rassenjazzjoni profonda, fl-għarfien tal-letteratura bħala pass lilhinn mill-politika u bħala monologu pubbliku, hemm l-ogħla livelli ta' maturità li laħqet il-kitba letterarja tas-seklu għoxrin fid-dinja li nafu.

Il-mogħdija mill-moderniżmu għall-postmoderniżmu hi l-bidla ta' realta' ordinata skond liġijiet li jinftiehmu f'realtà diżordinata li ma tistax tiftiehem (Huston Smith). Il-kittieb ta' l-aħħar silta tas-seklu għoxrin fl-Ewropa u fl-Amerika (daqskemm f'kontinenti oħrajn li għandhom rabta mal-kurrenti li jaħkmu l-aktar fid-dinja fejn l-Ingliż hu preżenti) sar interpretu ta' din l-adultezza fi kriżi. Sar sikwit l-awtur li qiegħed jerġa' lura biex ifittex l-għeruq, moħbija, imċarrta, jew mejta diġà. Il-letteratura Afrikana jew tal-Commonwealth, il-letteratura tal-gżejjer, il-letteratura tal-pajjiżi li għadhom fil-fażi li jiksbu l-istabilita' politika: dawn huma biss ftit mill-ispazji bla qies li daqskemm fihom elementi komuni huma wkoll differenti

minn xulxin, tant li ma jkunx għaqli li wieħed jiġbed konklużjonijiet universali dwarhom.

Fil-fehma tiegħi, hemm ħjiel ta' twelid ġdid ta' "romantiċiżmu" rudimentali, ta' minimaliżmu li jinħass fis-sentiment daqskemm fil-kelma ħafifa, fix-xewqa li jinstab kulma l-misjub ma jistax joffri. It-teknoloġija nnifisha, vantaġġ fiha nnifisha, hi sfida u theddida għall-kultura umanistika li l-letteratura hi l-qofol tagħha. Ir-ritorn lejn is-sagralita' tal-kelma (muri l-iżjed fir-reqqa ġdida tal-kittieba ewlenin l-aktar reċenti, fosthom Premji Nobel) hi kisba daqskemm sinjal ta' għarfien ta' kriżi li l-kittieb jaf li hu nnifsu hu vittma tagħha. Hi sitwazzjoni Pirandelljana li saret estetika sħiħa anki f'artijiet imbegħdin ħafna mill-qiegħ tal-Mediterran, kif qiegħda turi, fost l-oħrajn, il-poeżija Indjana.

Huwa seklu kumpless, kuntradittorju li jrid jgħaddi ħafna żmien minn fuqu biex l-esperti jissugraw jiddefinuh. Għalissa jkun biżżejjed jekk niġbor kollox fil-frażi qadima li Paul Ricoeur ġeddidha fil-kelmiet "Soi-meme comme un autre". Qatt fl-istorja letterarja dinjija ma nkitbet letteratura serja, gravi, imħassba daqs f'dan is-seklu. L-ottimiżmu teknoloġiku ma ħalliex l-istess entużjażmu fir-ruħ tal-kittieba l-kbar.



Il-Prof. Oliver Friggieri flimkien mal-poeta magħruf Russu Yevgeny Yevtushenko waqt attività letterarja li saret f'Moska f'Lulju 2000. Din kienet it-62 darba li l-Prof. Friggieri pparteċipa f'kungress internazzjonali.

# 3

# Lingwa u Lingwistika

# L-Ortografija

*Carmel Azzopardi M.A.*

L-ilsien miktub jirrifletti l-ilsien mitkellem. L-ortografija, għalhekk, ma tiddeterminax il-lingwa iżda hija qaddejja li għandha x-xogħol importanti li kemm jista' jkun tirregolarizza l-forma grafika li tirrappreżenta l-ilsien mitkellem. Biex tkun effettiva, l-ortografija hemm bżonn li tkun prattika, uniformi, konsistenti, stabbli u aġġornata.

## Ortografija prattika

L-ortografija trid tkun prattika kemm bħala għodda biex l-ilsien mitkellem jiġi rappreżentat grafikament, kif ukoll bħala għodda li permezz tagħha l-forma grafika tissarraf fl-ilsien mitkellem. U hawnhekk wieħed irid ifittex kompromess. Sistema b'alfabett sempliċi u mingħajr sinjali dijakritiċi tħaffef il-kitba imma ttaqqal il-qari. Bil-maqlub, sistema b'alfabett ikkumplikat u b'bosta sinjali dijakritiċi ttaqqal il-kitba imma tħaffef il-qari, fis-sens li tirrendih aktar preċiż. Fis-sistema mħaddma fil-Malti dan il-kompromess jidher li jeżisti. L-alfabett mhux sempliċi għal kollox. Fih tletin ittra li minnhom ħamsa fihom sinjal dijakritiku, għalkemm fil-prattika dawn huma tlieta għax is-sinjal dijakritiku fl-ittri *ċ* u *għ* mhuwiex funzjonali. Iżda, min-naħa l-oħra, l-anqas m'hu kkomplikat iżżejjed. Kieku kien alfabett fonetiku, kien ikun ferm aktar ikkumplikat; kien irid ikun fih numru kbir ta' ittri u x'aktarx jagħmel użu minn numru ferm akbar ta' sinjali dijakritiċi. Waqt li jħaffef il-kitba, dan in-nuqqas ta' kumplikazzjoni żejda jnaqqas xi ftit mill-ħeffa u mill-preċiżjoni fil-qari.

L-ortografija trid tkun prattika wkoll fl-għażla tal-kriterji li jiddeterminaw il-forma grafika. L-aktar kriterju prattiku hu bla ebda dubju l-kriterju fonetiku, li tikteb kif tħoss, u sa fejn ikun possibbli l-ortografija jaqbel li tħaddem dan il-kriterju. Meta dan il-kriterju ma japplikax għax insibu nuqqas ta' qbil bejn

dak li nippronunzjaw u dak li niktbu, l-ortografija tapplika l-kriterju morfoloġiku, jiġifieri tiddetermina l-forma grafika skond il-forom tal-grammatika, jew inkella l-kriterju etimoloġiku. Il-kriterju etimoloġiku huwa l-anqas wieħed prattiku għax jitlob tagħrif speżjalizzat mill-kittieb li, biex jikteb tajjeb, irid ikun jaf in-nisel tal-kelma, jew jerġa' agħar, ikun jaf kif tinkiteb il-kelma fl-ilsien oriġinali. Idealment, ir-regoli ta' l-ortografija għandhom japplikaw għall-kliem kollu u ma jagħmlux distinzjoni bejn kliem ta' nisel Semitiku, kliem ta' nisel Rumanz u kliem ta' nisel Ingliż. Għalkemm dan iseħħ fil-biċċa l-kbira tar-regoli, hemm każi fejn wieħed bilfors irid jaqa' fuq l-etimoloġija biex jiddetermina l-ortografija.

Il-prattiċità fl-ortografija trid tkun ukoll fit-tfassil tar-regoli. Ortografija prattika ma tinsistix iżżejjed fuq irqaqat grammatikali u, fejn ikun hemm il-ħtieġa, tagħlaq għajn waħda u titbiegħed mir-regola grammatikali biex tissimplifika r-regola ortografika. Nagħti eżempju. Niktbu *bil-quddiem, fil-bogħod.* Hawnhekk il-partiċella mqassra *lil* (*'l*) qed tinkiteb bħall-artiklu (*l*) u tinhemeż mal-partiċelli *bi* u *fi*. Skond il-grammatika suppost niktbu *bi 'l quddiem, fi 'l bogħod.* Imma għall-prattika niktbu *bil-quddiem, fil-bogħod*, l-istess bħal ma niktbu *bil-kwiet, fil-qrib,* eċċ.

## Ortografija uniformi

L-iskop ta' l-ortografija hu li tirregolarizza l-kitba. Biex tagħmel dan trid tkun ortografija uniformi. Waqt li naċċettaw alternanza ta' forom ortografiċi, alternanza li hi dejjem immotivata minn varjetà fl-ilsien mitkellem (Eż. *anqas* jew *inqas; ma berkitx* jew *ma birkitx; naqalgħu* jew *naqilgħu; karozza* jew *karrozza; avanza* jew *avvanza; probabbiltà, probabbilità, probabiltà* jew *probabilità*), ma jagħmilx sens li naċċettaw forom ortografiċi li jiddevjaw mir-regoli uffiċjali. Forom devjanti jdgħajfu l-ortografija billi ma jħalluhiex uniformi u jista' jkollhom effetti negattivi ħafna fuq l-istess lingwa. Insibu prova ta' dan jekk inħarsu lejn il-qagħda ta' lsienna fiż-żmien meta l-Malti kien għad ma kellux ortografija uffiċjali. Il-problema tal-Malti f'dan iż-żmien ma kinitx l-assenza ta' sistema ortografika (fil-fatt kien hemm diversi sistemi ortografiċi), imma l-assenza ta' sistema ortografika uniformi. Il-Malti beda jieħu r-ruħ u jagħmel progress meta fl-1934 ġiet stabbilita ortografija uffiċjali, l-ortografija ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum l-Akkademja tal-Malti.

Bħal f'kull żmien ieħor, illum irridu noqogħdu attenti li ma nitilfux dak li missirijietna kisbu bi sforzi kbar u ninsistu li ngħożżu, anzi nipproteġu l-uniformità ta' l-ortografija. Hu aktar importanti li jkollna sistema ortografika uniformi milli li jkollna sistema ortografika mingħajr difetti u limitazzjonijiet. Dan ma jfissirx li m'hux possibbli jkollna sistema ortografika li tkun kemm

tajba u effettiva kif ukoll uniformi. Dan hu possibbli ħafna u jista' jseħħ dejjem sakemm kull titjib u tiġdid isir fi ħdan l-awtorità uffiċjali li hi responsabbli mill-ortografija, jiġifieri l-Akkademja tal-Malti.

## Ortografija konsistenti

L-ortografija trid tkun kemm jista' jkun konsistenti fir-regoli tagħha. Regola ortografika għandha idealment tapplika fil-każi kollha, jew għallinqas fil-biċċa l-kbira tal-każi. Ma jagħmilx sens li regola tapplika f'każi, iżda mbagħad ma tapplikax f'każi oħra simili. Nagħti eżempju. Il-prinċipju li kliem ta' nisel Ingliż li jidħol fil-Malti jinkiteb skond kif jiġi ppronunzjat fil-Malti għandu japplika dejjem anke fil-każ ta' xi kliem li fl-Ingliż jiġi ppronunzjat bil-ħoss ta' konsonanti qasira imma jinkiteb b'konsonanti doppja. Mill-Ingliż *tennis, driller, buzzer* niktbu *tenis, driler, bażer,* u mhux *tennis*[X], *driller*[X], *bażżer*[X].

Il-konsistenza fl-ortografija trid tidher ukoll fl-għażla tal-kriterji li jiddeterminaw kif se niktbu. Per eżempju, ma nistgħux napplikaw kriterju fonetiku (niktbu l-konsonanti *s* tat-Taljan skond kif tippronunzja ruħha fil-Malti) u niktbu *żvinturat, żvantaġġ* imbagħad niktbu l-istess konsonanti *s* skond kriterju etimoloġiku (*Svizzera*[X], *Svezja*[X]). U anqas nistgħu nużaw kriterju fonetiku wieħed (niktbu l-konsonanti *s* tat-Taljan skond kif tippronunzja ruħha fil-Malti) u niktbu *diżordni, diżutli* u mbagħad napplikaw kriterju fonetiku ieħor (żewġ konsonanti li jkunu f'sekwenza jridu jaqblu fin-nifs jew fil-leħen) u niktbu *disgwid*[X], *sball*[X].

## Ortografija stabbli

L-ortografija tissaħħaħ u tqabbad l-għeruq meta r-regoli tagħha jkunu mħaddma mill-poplu u jindraw. Għalhekk, ma jagħmilx sens li r-regoli ta' l-ortografija jinbidlu kif ġieb u laħaq u għal xejn b'xejn. Meta u jekk, għal raġunijiet validi, ikun hemm il-ħtieġa li xi regola tinbidel, wieħed irid jiżen sew l-effetti li l-bidla jista' jkollha fuq l-istabilità ta' l-ortografija. Wieħed irid jagħti kas tat-tradizzjoni, ta' dak li ilna niktbu s-snin, għax kull bidla, tajba kemm hi tajba, tista' ġġib diżdwid minflok titjib.

Nagħti eżempju. Tradizzjonalment dejjem ktibna *nilagħbu, tibagħtu, joqogħdu,* eċċ. Hawnhekk it-tieni vokali qed titqies bħala vokali tal-leħen u l-kelmiet jinbnew fuq il-mudell *nisirqu*. L-istess jiġri fil-każ tal-kelma *mixegħla* li tinbena fuq il-mudell *maħanqa*. Iżda dan mhux preċiż. It-tieni vokali f'kull każ mhix vokali tal-leħen iżda l-vokali ta' l-Għarbi li żżomm postha biex tagħti l-leħen lill-konsonanti *għ* li, ħlief fil-każ ta' forom

kwadrilitteri bħal *ngħargħru*, qatt ma toqgħod f'ambjent li mhux vokaliku.

L-istudjużi tal-Malti użaw l-istess argument biex waslu għal deċiżjoni dwar l-ortografija ta' kliem bħal *għasafar* u *għamilt.* Huma rraġunaw, u rraġunaw sew, li l-vokali fis-sillaba inizjali tal-kelmiet imsemmija mhix vokali tal-leħen, u għalhekk wieħed ma kellux jikteb dawn il-kelmiet fuq il-mudelli rispettivi *imkatar* u *irfist*, imma kellu jsegwi l-mudelli ta' l-Għarbi *għaSa:fi:r* u *għamaltu.* L-istess raġunar jgħodd fil-każ ta' *nilagħbu* u *mixegħla* li wkoll isegwu l-mudelli ta' l-Għarbi (*nalgħabu* u *maxgħala*) u għalhekk għandhom jinkitbu *nilgħabu*ˣ u *mixgħela*ˣ.

Hu interessanti li anke studjużi bikrija bħal Vassalli u Panzavecchia jiktbu dawn il-kelmiet fuq il-mudell Għarbi. Vassalli jikteb: *joqgħodu*, *toqgħodu*, *noqgħodu* (1827, p. 41). Panzavecchia jikteb *aħna għad norgħoxu*, *intom għad torgħoxu*, *huma għad jorgħoxu* (1845, p. 216) . Ir-raġunar li Vassalli u Panzavecchia setgħu kitbu hekk għax fi żmienhom il-konsonanti *għ* kien għad kellha l-valur ta' fonema konsonantali aktar ikompli jsaħħaħ l-argument favur il-forma grafika *nilgħabu*ˣ. (Ara Azzopardi, 1997, pp. 365–366.)

Jidher li hemm raġuni valida biżżejjed biex nibdlu r-regola u nibdew niktbu *nilgħabu*ˣ u *mixgħela*ˣ, raġuni li tkompli tissaħħaħ mill-ħtieġa ta' konsistenza ma' raġunar użat f'regola oħra (niktbu *għasafar* u *għamilt* minflok *agħsafar*ˣ u *agħmilt*ˣ) u mill-ħtieġa li nissimplifikaw (niktbu sekwenza *għa* kemm f'*nilgħab* kif ukoll f'*nilgħabu*ˣ). Iżda minkejja l-argumenti kollha, ma naqbilx li wieħed għandu jipproponi bidla. Bidla bħal din iddgħajjef l-istabilità ta' l-ortografija u tista' tagħmel aktar ħsara milli ġid.

## Ortografija aġġornata

L-ortografija hi marbuta ma' l-ilsien mitkellem u, biex tkun effettiva, trid bilfors tinbidel u tiġġedded hekk li tirrifletti t-tibdil u t-tiġdid li jseħħ fl-ilsien mitkellem. Jekk inħarsu lejn l-istorja ta' l-ortografija, għallinqas mill-pubblikazzjoni tat-*Tagħrif* (1924) lil hawn, naraw li xi tiġdid kien hemm, imma kien ftit wisq, u żgur li ma jirriflettix il-bidliet li seħħu fl-ilsien, b'mod partikulari l-bidliet li ġab miegħu l-influss tal-Malti Rumanz u Ingliż. Wara waqfa ta' sittin sena l-Akkademja tal-Malti ppubblikat iż-*Żieda* (1984), xogħol li jiġbor fih erbatax-il regola li japplikaw biss għall-Malti Rumanz u Ingliż u mbagħad fl-1992 ppubblikat tmien regoli oħra fl-*Aġġornament.* Fl-1998 l-Akkademja wettqet biċċa xogħol siewja ħafna meta ppubblikat il-ktieb *Regoli tal-Kitba tal-Malti*, ktieb li jiġbor fih ir-regoli tat-*Tagħrif*, *Żieda* u *Aġġornamet* miktubin b'mod ċar u b'lingwaġġ sempliċi hekk li jistgħu jinftiehmu mill-pubbliku inġenerali. Dan il-ktieb mela vojt kbir. L-ewwelnett, ġabar fi ktieb wieħed ir-regoli ta' l-ortografija li qabel kienu miġbura fi tliet pubblikazz-

jonijiet li mhux kollha kienu aċċessibbli għall-pubbliku inġenerali. It-tieni, silet mir-regoli eżistenti dawk ir-regoli li għadhom relevanti għal żmienna u reġa' kitibhom b'mod ordinat u ċar. Hawnhekk ta' min josserva li t-*Tagħrif*, id-dokument bażiku li jiġbor fih ir-regoli ta' l-ortografija, inkiteb fl-1924 u, għalkemm jibqa' dejjem dokument validu ħafna, l-aktar meta wieħed iqis iż-żmien li fih inkiteb, hu dokument li fih diversi ineżattezzi. Dan ma jnaqqasx mill-mertu tal-kittieba tat-*Tagħrif* għax wieħed jifhem li mill-1924 'l hawn saru diversi żviluppi fil-qasam tal-lingwistika, u affarijiet li kienu jidhru korretti dak iż-żmien illum nafu li huma żbaljati. Barra minn hekk, it-*Tagħrif* fih għadd ta' ripetizzjonijiet u hu miktub b'lingwaġġ li jitbiegħed mil-lingwaġġ użat fi żmienna. Bla dubju, kien hemm bżonn kbir ta' żabra u ta' tindifa.

Għalkemm ta' importanza kbira, ir-*Regoli tal-Kitba tal-Malti* m'huwiex fil-qofol tiegħu eżerċizzju ta' tiġdid fl-ortografija. Dan ma kienx l-iskop tiegħu. Ir-*Regoli tal-Kitba tal-Malti* ta libsa ġdida u ordinata lir-regoli eżistenti li għadhom relevanti, u b'dan ix-xogħol lesta l-pedament li fuqu jista' jibda jinbena t-tiġdid meħtieġ. Bħala l-awtorità responsabbli mill-ortografija, l-Akkademja tal-Malti trid tieħu ħsieb li jsir dan it-tiġdid.

F'dan il-kuntest qed nipproponi għadd ta' regoli ġodda. Qed nipproponi żewġ settijiet ta' regoli: regoli ġodda li ma jbiddlux l-ortografija eżistenti u regoli ġodda li jbiddlu l-ortografija eżistenti. F'dawn ta' l-aħħar wieħed irid li, qabel ma jasal għal deċiżjoni, jiżen sew l-effett li t-tibdil jista' jkollu fuq l-istabilità tal-lingwa.

## Regoli ġodda li ma jbiddlux l-ortografija eżistenti

1. Il-konsonanti *x* fi kliem ta' nisel x'aktarx Latin (li iżda daħal fil-Malti mill-Ingliż) fil-Malti tinkiteb b'żewġ modi:

   a) Tinkiteb *x* fi kliem *sui generis*. Dan hu kliem li jinkiteb kif jinkiteb fil-lingwa oriġinali u fil-Malti jieħu dejjem forma invarjabbli. Eż: *ex, extra*

   b) Fi kliem ieħor tinkiteb *ks*. Hawnhekk jista' jkollna forom imnisslin.

   | | | |
   |---|---|---|
   | Eż: | *bokser* | *ibboksja* |
   | | *faks* | *iffaksja* |
   | | *mikser* | *immiksja* |
   | | *taksi* | *taksis* |
   | | *reksin* | |

2. a) Meta jaħbat quddiem verb li jibda bil-konsonanti *l*, il-prefiss *n* jista' jassimila ruħu (jinkiteb u jitlissen *l*) u jista' wkoll ma jassimilax ruħu (jinkiteb u jitlissen *n*).

Eż: *Jiena llum.* jew *Jiena nlum.*
*Jiena llaħħaq.* *Jiena nlaħħaq.*

b) Meta jaħbat quddiem verb li jibda bil-konsonanti *r*, il-prefiss *n* jista' jassimila ruħu (jinkiteb u jitlissen *r*) u jista' wkoll ma jassimilax ruħu (jinkiteb u jitlissen *n*).
Eż: *Jiena rrebbaħ.* jew *Jiena nrebbaħ.*
*Jiena rriegħed.* *Jiena nriegħed.*
Iżda xi verbi jieħdu biss il-forma li fiha ssir l-assimilazzjoni.
Eż: *Jiena rrid.* iżda mhux *Jiena nrid*✗.

3. Niktbu *aha, ahiex, ahom* anke meta dawn is-sekwenzi jitlissnu bil-ħoss ta' *ħ* doppja.
Eż: *jaqraha* u mhux *jaqraħħa*✗
*ma jippruvahiex* *ma jippruvaħħiex*✗
*jirrapportahom* *jirrapportaħħom*✗

4. Meta warajha jkollha l-konsonanti *għ*, xi drabi konsonanti likwida toqgħod bejn żewġ konsonanti u ma tiħux vokali tal-leħen qabilha.
Eż: *niżrgħalkom, jiġmgħalna* (Ara Azzopardi, 1997, pp. 58–62.)

5. Is-sewkenzi *ij* u *uw* jistgħu jinkitbu biss meta warajhom ikollhom vokali. Meta ma jkollhomx vokali warajhom minflok *ij* niktbu *i* u minflok *uw* niktbu *u*.
Eż: *mija* u mhux *mijja*✗
*duwa* *duwwa*✗
*ħin* *ħijn*✗
*ħut* *ħuwt*✗
*zi* *zij*✗
*kju* *kjuw*✗

6. Regoli ta' l-aċċent (Ara Azzopardi, 1997, pp. 189 – 195.)

A. Kliem ta' nisel Semitiku u kliem ta' nisel Rumanz li ma jiħux aċċent żdruċċolu (aċċent li jaqa' fuq it-tielet sillaba mill-aħħar).

1. L-aċċent jaqa' dejjem fuq waħda mill-aħħar żewġ sillabi.

2. Meta fl-aħħar żewġ sillabi tal-kelma jkun hemm sillaba li jkollha struttura dominanti (vokali twila, dittong li jinkludi l-konsonanti *j* jew *w* (*aw, ew, ow, aj, ej, ow, iw*) jew sillaba li tingħalaq b'żewġ konsonanti), din is-sillaba tieħu l-aċċent primarju.
Eż: *<u>da</u>ret* (vokali twila)
*waq<u>tiet</u>* (vokali twila)
*irrappor<u>taw</u>lha* (dittong)

*sparaw* (dittong)
*kissret* (sillaba magħluqa b'żewġ konsonanti)
*iġġilidt* (sillaba magħluqa b'żewġ konsonanti)

3. Meta l-aħħar żewġ sillabi jkollhom it-tnejn struttura dominanti, l-aċċent jaqa' fuq l-aħħar sillaba.
   Eż: *lagħabhiex* (2 vokali twal)
   *neħħewlux* (dittong u vokali twila)
   *imkissrin* (sillaba magħluq b'żewġ konsonanti u vokali twila)
   *sagħtejn* (vokali twila u dittong)
   *sewwejt* (2 dittongi)
   *daqqtejn* (sillaba magħluqa b'żewġ konsonanti u dittong)
   *ħawwadt* (dittong u sillaba magħluqa b'żewġ konsonanti)
   *kissritx* (2 sillabi magħluqa b'żewġ konsonanti)

4. Meta l-ebda waħda mill-aħħar żewġ sillabi ma jkollha struttura dominanti, l-aċċent jaqa' fuq is-sillaba ta' qabel ta' l-aħħar.
   Eż: *kisser, intilifli, ħabi, indirizzi*

B. Kliem ta' nisel Rumanz li jieħu l-aċċent żdruċċolu
Fi kliem li fih aktar minn żewġ sillabi l-aċċent jaqa' fuq it-tielet sillaba mill-aħħar meta l-aħħar żewġ sillabi jispiċċaw it-tnejn b'vokali qasira.
Eż: *terapewtiku, akustika, anemoni, morbidu, evoka, glandola*

Nota: Hemm għadd żgħir ta' kliem li ma jimxix ma' din ir-regola.
Eż: *palpebra, iddiżintegra*

Ċ. Fi kliem ta' nisel Ingliż l-aċċent jista' jaqa' fuq waħda mill-aħħar tliet sillabi.
Eż: *engejġ, kuker, barbikju*

7. Xi kliem ta' nisel Ingliż jista' jinkiteb b'żewġ modi. Dan jiġri meta kelma tiġi ppronunzjata differenti minħabba l-aċċent.
   Eż: *ċuwingamm* jew *ċuwingam*
   *rifill* *rifil*
   *maxingann* *maxingan*

8. Is-suffiss *s* li jimmarka l-plural fi kliem ta' nisel Ingliż fil-Malti jinkiteb *s* meta:

   1. ikollu funzjoni morfoloġika, jiġifieri jimmarka l-plural. Eż: *lids, klabbs, ligs, valvs*
   2. il-kelma tieħu forom imnisslin. Eż: *sports* (*sportiv*)

Fil-bqija tal-każi jinkiteb kif jinħass.
Eż: *buz, brajz, brajzmejd* (Ara Azzopardi, 1997, pp. 247–249.)

9. Xi verbi ta' nisel Rumanz li fil-lingwa oriġinali jibdew b'konsonanti waħda jirduppjaw il-konsonanti inizjali.
Eż: *(i)fforma, (i)bbaża, (i)ġġenera, (i)kkalma, (i)llarga, (i)mmarka, (i)nnota, (i)rrimarka, (i)ssogra*

Xi verbi oħra ta' din l-għamla ma jirduppjawx il-konsonanti inizjali.
Eż: *salva, falla, keċċa, paxxa*

10. Il-verbi ta' nisel Ingliż li fil-lingwa oriġinali jibdew b'konsonanti waħda jirduppjaw il-konsonanti inizjali.
Eż: *(i)bbammja, (i)ċċansja, (i)ddajvja, (i)ffawlja, (i)ħħintja, (i)kkowċja, (i)llidja, (i)rreffja, (i)ssettja, (i)ttajmja*

11. Xi verbi ta' nisel Rumanz u Ingliż li fil-lingwa oriġinali jibdew b'żewġ konsonanti jistgħu jirduppjaw il-konsonanti inizjali. Jirduppjaw il-konsonanti inizjali dejjem meta qabel din il-konsonanti jkun hemm vokali.
Eż: *ibbnazza, jibbnazza, ittratta, jittratta, ifflittja, jifflittja, ikkraxxja, jikkraxxja*
Jistgħu jirduppjaw il-konsonanti inizjali u jistgħu wkoll ma jirduppjawhiex meta qabel din il-konsonanti ma jkunx hemm vokali. Ma jirduppjawhiex meta ma jkunux f'ambjent ta' kelma li tispiċċa bil-vokali.
Eż: *Vjaġġajt bil-ferrovija.*
*It-tifel prova jidħol.*
*Flittja fil-kmamar kollha.*
*Kien kraxxja bil-mutur.*

Meta jkunu fl-ambjent ta' kelma li tispiċċa bil-vokali jistgħu jirduppjaw il-konsonanti inizjali u jistgħu wkoll ma jirduppjawhiex.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Eż: | *Ġanni ffranka għaxar liri.* | jew | *Ġanni franka għaxar liri.* |
| | *Malli bbnazza ħriġna passiġġata.* | | *Malli bnazza ħriġna passiġġata.* |
| | *Rita ttrimmjat xagħarha.* | | *Rita trimmjat xagħarha.* |
| | *Kieku bbrejkjajt kont ninqaleb.* | | *Kieku brejkjajt kont ninqaleb.* |

12. Nomi Verbali u Parteċipji Passati mnisslin minn verbi ta' nisel Ingliż li fil-lingwa oriġinali jibdew b'konsonanti waħda jirduppjaw il-konsonanti inizjali.

| | | |
|---|---|---|
| Eż: | Nom Verbali | Parteċipju Passat |
| | *(i)ffilmjar* | *(i)ffilmjat* |
| | *(i)kkowċjar* | *(i)kkowċjat* |
| | *(i)ppanċjar* | *(i)ppanċjat* |

13. Nomi Verbali u Parti ċipji Passati mnisslin minn xi verbi ta' nisel Rumanz li fil-lingwa oriġinali jibdew b'konsonanti waħda jirduppjaw il-konsonanti inizjali.

| Eż: | Nomi Verbali | Parti ċipju Passat |
|---|---|---|
| | *(i)bbalzmar* | *(i)bbalzmat* |
| | *(i)ċċangjar* | *(i)ċċangjat* |
| | *(i)mmarkar* | *(i)mmarkat* |

Nomi Verbali u Pari ċipji Passati mnisslin minn verbi oħra ta' l-istess għamla jistgħu jirduppjaw il-konsonanti inizjali u jistgħu wkoll ma jirduppjawhiex.

| Eż: | Nom Verbali | Part. Passat | jew | Nom Verbali | Part. Passat |
|---|---|---|---|---|---|
| | *(i)nnegozjar* | *(i)nnegozjat* | | *negozjar* | *negozjat* |
| | *(i)mmanuvrar* | *(i)mmanuvrat* | | *manuvrar* | *manuvrat* |
| | *(i)rraġunar* | *(i)rraġunat* | | *raġunar* | *raġunat* |
| | *(i)ssiġillar* | *(i)ssiġillat* | | *siġillar* | *siġillat* |

14. Nomi Verbali ta' nisel Ingliż li fil-lingwa oriġinali jibdew b'żewġ konsonanti jirduppjaw il-konsonanti inizjali.
Eż: *(i)bbrejkjar, (i)bbrejżjar, (i)ffrejmjar, (i)ttrimmjar, (i)ggrejdjar, (i)xxrinkjar*

15. Nomi Verbali ta' nisel Rumanz li fil-lingwa oriġinali jibdew b'żewġ konsonanti jirduppjaw il-konsonanti inizjali kważi dejjem, iżda f'xi każi ma jirduppjawhiex.
Eż: *(i)ddrittar, (i)ffrankar, (i)ffriżar, (i)ppranzar, (i)kklassifikar, (i)ppressar*
Iżda: *traffikar, prattikar*

16. Parti ċipji Passati ta' nisel Rumanz u Ingliż li fil-lingwa oriġinali jibdew b'żewġ konsonanti jistgħu jirduppjaw il-konsonanti inizjali u jistgħu wkoll ma jirduppjawhiex.

| Eż: | *(i)ddrittat* | jew | *drittat* |
|---|---|---|---|
| | *(i)ffrankat* | | *frankat* |
| | *(i)kklassifikat* | | *klassifikat* |
| | *(i)ggrejdjat* | | *grejdjat* |
| | *(i)ttrejnjat* | | *trejnjat* |
| | *(i)ffrejmjat* | | *frejmjat* |

17. Kliem ta' nisel Ingliż li fil-lingwa oriġinali hu kliem kompost minn żewġ kelmiet. (Ara Azzopardi, 1997, pp. 307–316.)
   a) Niktbu konsonanti doppja fit-tarf tal-kelma li tifforma l-ewwel element tal-kelma komposta meta din il-kelma teżisti weħidha (jiġifieri mhux f'kelma komposta) u tkun tispiċċa b'konsonanti doppja.

| | | |
|---|---|---|
| Eż: *dokkjard* | għax niktbu | *dokk* |
| *swiċċbord* | | *swiċċ* |
| *ħittparejd* | | *ħitt* |
| *stoppkok* | | *stopp* |
| *ċekkmejt* | | *ċekk* |
| *topples* | | *topp* |

b) Niktbu konsonanti waħda fit-tarf tal-kelma li tifforma l-ewwel element tal-kelma komposta meta din il-kelma ma teżistix weħidha.
Eż. *lipstik, pletform, futbol, koktejl*

ċ) Fit-tarf tal-kelma (tal-kelma komposta) ma niktbux konsonanti waħda iżda konsonanti doppja meta s-sillaba finali jkollha vokali qasira u tkun aċċentata.
Eż: *ċuwingamm, maxingann*

d) Fit-tarf tal-kelma (tal-kelma komposta) ma niktbux konsonanti doppja iżda konsonanti waħda meta s-sillaba finali jkollha vokali qasira u ma tkunx aċċentata.
Eż: *lipstik, futbol, topples, stoppkok*

18. Niktbu s-sekwenza *zj*:
a) wara konsonanti. Eż: *anzjan, manutenzjoni, funzjoni*
b) wara vokali twila. Eż: *spazju, negozju, dazju*
ċ) meta ma' kelma li jkollha sekwenza mibnija minn vokali twila u *zj* jiżdied suffiss li jressaq l-aċċent lura.

| | | |
|---|---|---|
| Eż: *spazjali* | minn | *spazju* |
| *negozjant, negozjabbli* | | *negozju* |
| *inizjali, inizjattiva* | | *inizio* (Taljan) |

19. Ħlief fil-każi msemmija fin-Numru 18 (ċ), wara vokali qasira niktbu dejjem sekwenza *zzj*.
Eż: *perfezzjoni, perfezzjonist, ipperfezzjona, vizzju, vizzjuż*

20. a) Niktbu sekwenza *żżj* fil-verbi ta' nisel Ingliż (u l-forom imnissla) li jkollhom is-sekwenza *żż* qabel l-infiss *j*. Eż: *ibbażżja, nibbażżja, ibbażżjat, ibbażżjar*
b) Niktbu sekwenza *żj* fil-bqija tal-każi. Eż: *deċiżjoni, okkażjoni, illużjoni, ereżjarka, sależjan, spiżjar*

21. Niktbu sekwenza *ċċj*:
a) fil-verbi ta' nisel Ingliż (u l-forom imnissla) li jkollhom is-sekwenza *ċċ* qabel l-infiss *j*. Eż: *immaċċja, nimmaċċja, immaċċjat; ippaċċja, nippaċċja, ippaċċjat*

b) Wara vokali qasira (ħlief fil-każi msemmija fin-Numru 22 (b) u (ċ)). Eż: *uffiċċju, sagrifiċċju, edifiċċju, aċċjomu*

22. Niktbu sekwenza *ċj*:

a) wara vokali twila. Eż: *soċju, fiduċja, awspiċju*

b) meta ma' kelma li jkollha sekwenza mibnija minn vokali twila u *ċj* jiżdied suffiss li jressaq l-aċċent lura.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Eż: | *soċjali, soċjetà* | minn | *soċju/a/i* |
| | *fiduċjuż, fiduċjarju* | minn | *fiduċja* |

ċ) meta ma' kelma li jkollha sekwenza *ċċj* (mhux il-kliem imsemmi fin-Numru 20 (a)) jiżdied suffiss li jressaq l-aċċent lura.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Eż: | *uffiċjal, uffiċjali* | minn | *uffiċċju* |
| | *sagrifiċjali* | minn | *sagrifiċċju* |
| | *benefiċjali, benefiċjarju* | minn | *benefiċċju* |

23. Fil-Malti Rumanz Malti u Ingliż n

a) niktbu sekwenza *ssj* wara vokali qasira. Eż: *pressjoni, missjoni, passju, passjoni*

b) niktbu sekwenza *sj*:

i) wara vokali twila. Eż: *Asja*

ii) meta ma' kelma li jkollha sekwenza mibnija minn vokali twila u *sj* jiżdied suffiss li jressaq l-aċċent lura. Eż: *Asjatiku*

24. Is-suffiss tat-Taljan *bile* jinkiteb dejjem *bbli*.
Eż: *probabbli, possibbli, nobbli, solubbli*

25. Meta ma' kelma ta' nisel Rumanz li tispiċċa bis-sekwenzi *nn* jew *ll* jiżdied suffiss li jibda bil-konsonanti *j* niktbu *n* u *l* minflok is-sekwenzi rispettivi *nn* u *ll*. (Ara Azzopardi, 1997, pp. 334 – 336.)

| | | | |
|---|---|---|---|
| Eż: | *żbalja, niżbalja, żbaljat* | minn | *żball* |
| | *dettalji, dettaljat* | | *dettall* |
| | *sfiljura, sfiljurat* | | *sfoll* |
| | *bżonjuż* | | *bżonn* |
| | *iddisinja, niddisinja, iddisinjat* | | *disinn* |
| | *stanja, nistanja, stanjat* | | *stann* |
| | *impenja, nimpenja, impenjat* | | *impenn* |

26. Minn Nom Maskil li jispiċċa bis-sekwenza *tur* innisslu Nom Femminil li jispiċċa bis-sekwenza *triċi*.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Eż: | *imperatriċi* | minn | *imperatur* |
| | *kompożitriċi* | | *kompożitur* |
| | *ġokatriċi* | | *ġokatur* |
| | *moderatriċi* | | *moderatur* |
| | *sostenitriċi* | | *sostenitur* |

27. Minn Nom Maskil li jispiċċa bis-sekwenza *ttur* innisslu Nom Femminil li jispiċċa bis-sekwenza *ttriċi*.

Eż: *attriċi* minn *attur*
*pittriċi* *pittur*
*direttriċi* *direttur*
*kollettriċi* *kollettur*

28. Kliem ta' nisel Ingliż li fil-lingwa oriġinali jinkiteb b'konsonanti doppja iżda jiġi ppronunzjat bil-ħoss ta' konsonanti waħda jinkiteb b'konsonanti waħda.
Eż: *esej, tenis, skitils, driler, bażer, seting, niting* (Ara Azzopardi, 1997, pp. 290–291.)

29. F'xi kliem ta' nisel Ingliż (b'mod partikulari kliem imsemmi fin-Numru 28) jista' jkollna alternanza ta' zkuk morfemiċi.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Eż: | ***seting*** | u | ***sett, issettja, nissettja, issettjat*** |
| | ***driler*** | | ***drill, iddrillja, niddrillja, iddrilljat*** |
| | ***bażer*** | | ***ibbażżja, nibbażżja, ibbażżjat*** |
| | ***kraxer*** | | ***ikkraxxja, nikkraxxja, ikkraxxjat*** |
| | ***buking*** | | ***ibbukkja, nibbukkja, ibbukkjat*** |
| | ***blaxer*** | | ***ibblaxxja, nibblaxxja, ibblaxxjat*** |
| | ***niting*** | | ***innittja, ninnittja, innittjat*** |

30. Tiżdied T-Marbuta ma' numru (bejn tnejn (żewġ) u għaxra) li jkollu warajh nom b'sillaba waħda u li jieħu ż-żieda ta' vokali tal-leħen.
Eż. *ħamest itfal, erbat ifniek, żewġt idjar, sebat ijiem*
Iżda: *ħames xhur, erba' snin*

31. Meta n-numru (bejn tnejn (żewġ) u għaxra) ikollu warajh nom ta' aktar minn sillaba waħda:
   a) Ħlief fil-każ ta' numru li jkollu warajh in-nom *elef* (hawnhekk tiżdied it-T Marbuta man-numru minkejja li n-nom ma jibdiex bil-vokali tal-leħen), in-numru jista' jieħu t-T Marbuta meta n-nom ikun jibda b'vokali tal-leħen.
   Nomi ta' aktar minn sillaba waħda li jibdew bil-vokali tal-leħen naqsmuhom fi tnejn:
      i) Nomi (Plural Sħiħ) li qatt ma jieħdu t-T Marbuta qabel in-numru
      Eż. *ħames irdumijiet*
      *għaxar irħamiet*
      *tmien iljunfanti*
      ii) Nomi (Plural Miksur) li jistgħu jieħdu t-T Marbuta qabel in-numru u jistgħu ma jeħduhiex
      Eż. *ħames irziezet* jew *ħamest irziezet*
      *żewġ irkiekel* *żewġt irkiekel*

*seba' gniedes* | *sebat igniedes*
*tmien qżieqeż* | *tmint iqżieqeż*

b) It-T Marbuta ma tiżdied qatt man-numru meta n-nom jibda b'sekwenza mibnija minn vokali (li mhix vokali tal-leħen) u żewġ jew tliet konsonanti.

Eż. *ħames individwi, erba' intrapriżi*

32. Ħlief fil-każ ta' numru (bejn żewġ (tnejn) u għaxra) li jkun qabel in-nom *elef*, niktbu dejjem *tliet* quddiem nom li ma jiħux il-vokali tal-leħen, anke jekk nippronunzjaw **tlett** jew **tlitt**. Eż: *tliet snin, tliet xhur, tliet darbiet*

33. a) Meta isem proprju jitlissen b'mod differenti minn kif jitlisen fil-lingwa oriġinali, jinkiteb bil-Malti.

Eż: *L-Iżvezja, L-Ingilterra, L-Iżvizzera, Il-Ġappun, Ir-Russja, Ġużeppi, Bertu*

b) Meta isem proprju jitlissen l-istess bħal ma jitlissen fil-lingwa oriġinali, jinkiteb

i) bil-Malti meta jintegra ruħu.

Eż: *Il-Kanada, L-Indja, L-Iran, Il-Pakistan*

ii) bil-lingwa oriġinali meta ma jintegrax ruħu.

Eż: *New York, Manchester, Munich, Stephen, Michelle*

34. a) Wara kelma li ma tinkitibx bil-Malti, nagħżlu jekk niktbux il-prefiss *j* qabel ħoss konsonantali inkella l-vokali *i* skond kif tiġi ppronunzjata l-kelma. Jekk il-kelma fil-pronunzja tispiċċa bil-ħoss ta' vokali niktbu *j*; jekk il-kelma fil-pronunzja tispiċċa bil-ħoss ta' konsonanti niktbu *i*.

Eż. *F'Bordeaux jmorru ħafna turisti.*
*F' Melbourne imorru ħafna turisti.*

*Peter u Rodney jmorru tajjeb flimkien.*
Angela u Rose imorru tajjeb flimkien.

b) Wara kelma li ma tinkitibx bil-Malti, nagħżlu jekk niktbux sekwenza *w* + Konsonanti inkella sekwenza *u* + Konsonanti skond kif tiġi ppronunzjata l-kelma. Jekk il-kelma fil-pronunzja tispiċċa bil-ħoss ta' vokali niktbu sekwenza *w* + Konsonanti; jekk il-kelma fil-pronunzja tispiċċa bil-ħoss ta' konsonanti niktbu sekwenza *u* + Konsonanti.

Eż. *Żort Bordeaux wkoll.*
*Żort Melbourne ukoll.*
*Rajt lil Rodney wkoll.*
*Rajt lil Rose ukoll.*

ċ) Wara kelma li ma tinkitibx bil-Malti, nagħżlu jekk inżidux vokali tal-leħen qabel kelma li tibda b'konsonanti doppja (ħlief sekwenzi *b'b, f'f, x'x*) inkella b'sekwenza mibnija minn konsonanti likwida u konsonanti skond kif tiġi ppronunzjata l-kelma. Jekk il-kelma fil-pronunzja tispiċċa bil-ħoss ta' vokali ma nżidux vokali tal-leħen; jekk il-kelma fil-pronunzja tispiċċa bil-ħoss ta' konsonanti nżidu vokali tal-leħen.

Eż. *F'Bordeaux rrid naħdem ħafna.* *F'Melbourne irrid naħdem ħafna.*
*F'Bordeaux nkun nista' naħdem.* *F'Melbourne inkun nista' naħdem.*

*Ma' Rodney rridu mmorru.* *Ma' Rose irridu mmorru.*
*Ma' Rodney nkunu aħjar.* *Ma' Rose inkunu aħjar.*

35. a) Wara numru li jinkiteb b'figuri, nagħżlu jekk niktbux il-prefiss *j* qabel ħoss konsonantali inkella l-vokali *i* skond il-ħoss li bih tispiċċa l-aħħar kelma tan-numru. Jekk il-kelma fil-pronunzja tispiċċa bil-ħoss ta' vokali niktbu *j*; jekk il-kelma fil-pronunzja tispiċċa bil-ħoss ta' konsonanti niktbu *i*.

Dan jgħodd ukoll fil-każ ta' ċifra ta' flus li tinkiteb b'figuri.

Eż. *Wara s-sena 2010 jmorru aħjar.*
*Wara s-sena 2010 jkunu jistgħu jippjanaw aħjar.*

*B'Lm400 jmorru safra ġmielha. (erba' mitt lira Maltija)*
*B'Lm400 jkunu jistgħu jagħmlu safra ġmielha.*

*Wara s-sena 2000 imorru aħjar.*
*Wara s-sena 2000 ikunu jistgħu jippjanaw aħjar.*

*B'Lm10 iħallsu kollox.(għaxar liri Maltin)*
*B'Lm10 ikunu jistgħu jħallsu kollox.*

b) Wara numru li jinkiteb b'figuri, nagħżlu jekk niktbux sekwenza *w* + Konsonanti inkella sekwenza *u* + Konsonanti skond il-ħoss li bih tispiċċa l-aħħar kelma tan-numru. Jekk il-kelma fil-pronunzja tispiċċa bil-ħoss ta' vokali niktbu sekwenza *w* + Konsonanti; jekk il-kelma fil-pronunzja tispiċċa bil-ħoss ta' konsonanti niktbu sekwenza *u* + Konsonanti.

Eż. *Tela' n-numru 110 wkoll.*
*Tela' n-numru 115 ukoll.*

ċ) Wara numru li jinkiteb b'figuri, nagħżlu jekk inżidux vokali tal-leħen qabel kelma li tibda b'konsonanti doppja (ħlief sekwenzi *b'b, f'f, x'x*) inkella b'sekwenza mibnija minn konsonanti likwida u konsonanti skond kif tiġi ppronunzjata l-aħħar kelma tan-numru. Jekk il-kelma fil-pronunzja tispiċċa bil-ħoss ta' vokali ma nżidux vokali tal-leħen;

jekk il-kelma fil-pronunzja tispiċċa bil-ħoss ta' konsonanti nżidu vokali tal-leħen.

Eż. *Fis-sena 2010 rrid nirtira mix-xogħol.*
*Fis-sena 2010 nkun nista' nirtira mix-xogħol.*
*Fis-sena 2015 irrid nirtira mix-xogħol.*
*Fis-sena 2015 inkun nista' nirtira mix-xogħol.*

36. a) Wara sinjal tal-punteġġatura u wara parentesi, minflok prefiss *j* li jkollu ħoss konsonantali warajh niktbu l-vokali *i*, anke meta l-kelma ta' qabilhom tkun tispiċċa bil-vokali.

Eż: *Iqumu kmieni u, jekk ma tkunx ix-xita, ikunu jistgħu joħorġu jistadu.*
*Ma' xi pajjiżi żgħar (pajjiżi tal-Mediterran minbarra l-Greċja) ikunu jridu jiddiskutu fit-tul.*

b) Wara sinjal tal-punteġġatura u wara parentesi niktbu sekwenza *u* + Konsonanti u mhux sekwenza *w* + Konsonanti, anke meta l-kelma ta'qabilhom tkun tispiċċa bil-vokali.

Eż: *Waslu u, billi kienet xemx tikwi, uħud qabżu l-baħar.*
*Fil-bidu tas-seklu (l-aktar wara l-miġja ta' l-Ingliżi) uħud ħallew lil Malta.*

ċ) Wara sinjal tal-punteġġatura u wara parentesi nżidu vokali tal-leħen qabel kelma li tibda b'konsonanti doppja (ħlief sekwenzi *b'b, f'f, x'x*) inkella b'sekwenza mibnija minn konsonanti likwida u konsonanti, anke meta l-kelma ta'qabilhom tkun tispiċċa bil-vokali.

Eż: *Xħin naslu, jekk ma nkunux għajjenin ħafna, immorru passiġġata.*
*Xħin naslu, jekk ma nkunux għajjenin ħafna, inkunu nistgħu noħorġu.*
*Ma' xi studenti (l-aktar ma' l-istudenti li jiġu miċ-ċentru tal-gżira) immorru tajjeb ħafna.*
*Ma' xi studenti (l-aktar ma' l-istudenti li jiġu miċ-ċentru tal-gżira) inkunu rridu noqogħdu attenti.*

37. a) Prefiss *j* li jkollu warajh ħoss konsonantali jibqa' jinkiteb *j* wara kelma li tispiċċa bl-appostrofu.

Eż: *Jista' jkun.*
*Jekk jitwessa' jkunu jistgħu jgħaddu aħjar.*
*B'qalziet imqatta' jkun qisu tallab.*

b) Konsonanti *w* li jkollha warajha ħoss konsonantali tibqa' jinkiteb *w* wara kelma li tispiċċa bl-appostrofu.

Eż: *Kien jaqta' wkoll.*
*Jista' jitqatta' wkoll.*
*Il-qalziet kien imqatta' wkoll.*

ċ) Wara kelma li tispiċċa b'appostrofu ma nżidux vokali tal-leħen qabel kelma li tibda b'konsonanti doppja inkella b'sekwenza mibnija minn konsonanti likwida u konsonanti.

Eż: *Seta' ttieħed l-isptar mill-ewwel.*
*Jekk titqatta' ssir aħjar.*
*B'bieb wiesa' ddaħħalha aħjar.*

*Nista' nkun naf aktar.*
*Jekk jitraqqa' nkun nista' nilbsu.*
*Qalb ir-raba' nsib l-hena.*

38. Meta jassimila ruħu, artiklu li jitqiegħed quddiem nom li jinkiteb bil-lingwa oriġinali jassimila ruħu mal-ħoss konsonantali li bih jibda n-nom u mhux mal-konsonanti miktuba.

Eż: *miċ-Chairperson*
*mis-Central Information Unit*
*fix-Shopping Centre*

**B. Regoli ġodda li jvarjaw mill-ortografija eżistenti**

1. a) Minflok il-prefiss *j* niktbu *i* meta dan il-prefiss ikollu warajh ħoss konsonantali u l-kelma ta' qablu tkun tispiċċa bis-sekwenzi *għi* u *għu*.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Eż: | *Miegħi ikun kuntent.* | u mhux | *Miegħi jkun kuntent.* |
| | *Jistgħu iduru.* | | *Jistgħu jduru.* |

b) Konsonanti *w* fil-bidu ta' kelma tinbidel fil-vokali *u* meta din il-konsonanti jkollha warajha ħoss konsonantali u l-kelma ta' qabilha tkun tispiċċa bis-sekwenzi *għi* u *għu*.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Eż: | *Hu tiegħi ukoll.* | u mhux | *Hu tiegħi wkoll.* |
| | *Tefgħu uħud il-baħar.* | | *Tefgħu wħud il-baħar.* |

ċ) Inżidu vokali tal-leħen fil-bidu ta' kelma li tibda b'sekwenza mibnija minn konsonanti doppja (ħlief sekwenzi *b'b, f'f, x'x*) jew sekwenza mibnija minn konsonanti likwida u konsonanti meta l-kelma ta' qabel tispiċċa bis-sekwenzi *għi* u *għu*.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Eż: | *Nistgħu immorru.* | u mhux | *Nistgħu mmorru.* |
| | *Kien hemm frieghi imqattgħa.* | | *Kien hemm frieghi mqattgħa.* |

*Kumment*

Il-bidliet *j* > *i* (*kien ikun* minflok *kien jkun*$^{x}$) u *w* > *u* (*kien ukoll* minflok *kien wkoll*$^{x}$) flimkien maż-żieda ta' vokali tal-leħen (*kont irrid* minflok *kont rrid*$^{x}$ u *kont inkun* minflok *kont nkun*$^{x}$) huma mmotivati minn ħtieġa fonetika. Sekwenzi fil-bidu tal-kelma mibnija minn *j* u konsonanti (mhux il-konsonanti *għ* u *h*), *w* u konsonanti, konsonanti doppja (ħlief sekwenzi *b'b, f'f, x'x*) u konsonanti likwida u konsonanti huma fonetikament possibbli biss meta l-kelma ta' qabilhom tkun tispiċċa bil-ħoss ta' vokali. Kliem li jispiċċa bis-sekwenzi *għi* u *għu* ma jispiċċax bil-ħoss ta' vokali iżda bil-ħoss ta' dittong (**aj**, **ej** u **aw**, **ow**). Mela, is-sekwenzi msemmija m'humiex fonetikament possibbli fil-bidu ta' kelma meta l-kelma ta' qabilha tkun tispiċċa bis-sekwenzi *għi* u *għu*. Għalhekk, niktbu kif nippronunzjaw, jiġifieri:

| | | |
|---|---|---|
| *Miegħi ikun aħjar.* | u mhux | *Miegħi jkun aħjar.* |
| *Xtara tiegħi ukoll.* | | *Xtara tiegħi wkoll.* |
| *Dawk friegħi imqattgħa.* | | *Dawk friegħi mqattgħa.* |
| *B'tiegħi issuq aħjar.* | | *B'tiegħi ssuq aħjar.* |
| *Jistgħu iduru sew.* | | *Jistgħu jduru sew.* |
| *Semgħu uħud iwerżqu.* | | *Semgħu wħud iwerżqu.* |
| *Tistgħu idduru.* | | *Tistgħu dduru.* |
| *Nistgħu inkunu nafu.* | | *Nistgħu nkunu nafu.* |

L-għażla tal-kriterju fonetiku biex niddeterminaw il-bidla *j* > *i*, *w* > *u* u ż-żieda ta' vokali tal-leħen hi konsistenti mar-regoli ġodda 34–38 li lkoll huma bbażati fuq kriterju fonetiku. (Ara Azzopardi, 1997, 265–266, 387–388.)

2. Kliem ta' nisel Rumanz jew Ingliż li ma jkunx Nom Proprju u li fil-lingwa oriġinali jibda b'sekwenza mibnija minn vokali *i* mhux aċċentata u żewġ konsonanti jinkiteb mingħajr il-vokali inizjali.
   Eż: *Kienu mportanti.*
   *Ġbarna nformazzjoni.*

*Kumment*

Regola Numru 105 ta' *Regoli tal-Kitba bil-Malti*: "Kliem ġej minn ilsna Ewropej li jibda bil-vokali li tkun biċċa mill-kelma jżomm din il-vokali fil-Malti, għax din mhix vokali tal-leħen" hi regola bbażata fuq kriterju etimoloġiku. Niktbu *importanti* għax il-vokali *i* fil-bidu tal-kelma hi biċċa mill-kelma: *importante* fit-Taljan u *important* fl-Ingliż. L-argument etimoloġiku jagħmel sens, iżda joħloq diversi problemi fl-ortografija.

1. Il-forma grafika *kienu importanti* ma tirriflettix il-mod kif nippronunzjaw għax, bħala regola, il-vokali inizjali *i* f'*importanti* ma titlissinx.

2. Meta niktbu *kienu importanti* ma nsegwux il-prinċipju li fi kliem ta' nisel Rumanz u Ingliż niktbu kif nippronunzjaw, anke jekk il-forma grafika ma taqbilx ma' l-etimoloġija.
3. It-tħaddim ta' kriterju etimoloġiku biex niddeterminaw il-mod kif niktbu mhux prattiku għaliex jitlob mill-kittieb tagħrif speċjalizzat li jtaqqal il-kitba. Per eżempju, il-kittieb irid ikun jaf li l-verb *induna* ġej mit-Taljan *indovinare* (jew mill-Isqalli *addunarsi*) u għalhekk irid jikteb *huwa induna* u mhux *huwa nduna*[x]. L-istess irid ikun jaf li mit-Taljan *insistere* niktbu *huwa irsista* u *huwa insista* u mhux *huwa rsista*[x] u *huwa nsista*[x]. Irid ikun jaf li niktbu *huwa bbaża*, iżda mbagħad niktbu *huwa ibbalzma* (minn *imbalsamare*); niktbu *huwa vvota*, iżda mbagħad niktbu *huwa ivvinta* (minn *inventare*).

   Iż-żamma tal-vokali inizjali fi kliem bħal *importanti* toħloq ukoll diżgwid fl-ortografija minħabba tfixkil ma' kliem ieħor li jibda b'vokali tal-leħen u għalhekk iwaqqa' l-vokali tal-bidu. Niktbu *huwa imbarazza, huwa imbarka, huwa imbokka, huwa illuda,* iżda mbagħad niktbu *huwa llostra, huwa lmenta, huwa rkupra, huwa rmedja.*

Nosservaw li regola li tgħid li kliem li fil-lingwa oriġinali jibda bil-vokali *i* jwaqqa' l-vokali *i* inizjali meta jkun wara kelma li tispiċċa bil-vokali trid tapplika biss fil-każ ta':

i) Kliem li fil-lingwa oriġinali jibda b'sekwenza mibnija minn vokali *i* mhux aċċentata u żewġ konsonanti.

ii) Kliem li ma jkunx Nom Proprju.

Dan ifisser li vokali aċċentata żżomm postha (Eż. *Kellu indiċi*) u li kliem bħal *Indri, Irlandiż* ma jitqassrux. Eż. *Rajna Irlandiż. Jismu Indrì.*
(Ara Azzopardi, 1997, pp. 378 – 381)

## Konklużjoni

L-ortografija tfittex li tkun għodda prattika u sempliċi li tgħin lill-kittieba jiktbu b'mod li jkun konsistenti ma' kriterji stabbiliti, imma fl-istess ħin b'mod uniformi. Ir-regoli ġodda proposti f'dan ix-xogħol għandhom l-għan li jsaħħu l-ortografija. Fir-regoli ġodda li ma jbiddlux l-ortografija eżistenti ma jidhirx li għandu jkun hemm polemika għax huma bbażati fuq il-kitba standard eżistenti. Fuq ir-regoli ġodda li jvarjaw mill-ortografija eżistenti wieħed irid jiddiskuti. Hawnhekk, minbarra l-argumenti bbażati fuq il-kriterji stabbiliti u fuq il-ħtieġa li nissimplifikaw, wieħed irid ukoll iżomm f'moħħu l-importanza ta' l-istabilità ta' l-ortografija.

## Biblijografija


Akkademja tal-Malti (L-), "Żieda mat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija (1924)". *Il-Malti*, 1984: 1-2.
—— "Aġġornament tat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija (1924)". *Il-Malti*, 1992.
—— *Regoli tal-Kitba Maltija*. Malta: Klabb Kotba Maltin, 1998
Aquilina, J., *Maltese-English Dictionary*. Malta: Midsea Books Ltd, I: 1987, II: 1990.
Borg, Alexander, *A Historical and Comparative Phonology and Morphology of Maltese*. Teżi tal-Ph.D., The Hebrew University, 1978.
Azzopardi, C., *L-Ortografija Uffiċjali tal-Malti: Analiżi Lingwistika Kritika b'Suġġerimenti għal Titjib*. Teżi ta' l-M.A., L-Università ta' Malta, 1997.
Cachia, L., *Grammatika Ġdida tal-Malti*. Malta, 1994.
—— *Il-Grammatica Melitensis ta' Mikiel Anton Vassalli*. Malta: Masprint, 1996.
Cremona, A., *A Manual of Maltese Orthography and Grammar*. Malta, 1929.
—— *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija* II. Malta: Giov. Muscat, 1938.
Fenech, D., *Lingwistika Ġenerali*. Malta: A.C. Aquilina & Co., 1980.
Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (aktar tard magħrufa bħala L-Akkademja tal-Malti), *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*. Malta, 1924.
Mifsud, M., "It-Tagħrif u Taqsim is-Sillabi". *L-Orizzont* (24/2/90).
—— *Loan Verbs in Maltese, A Descriptive & Comparative Study*. Leiden: E.J. Brill, 1995.
—— "Ir-Regoli tal-Kitba tal-Malti". *Il-Malti LXXIII*. Malta: University Press, 1999
Panzavecchia, F., *Grammatica della Lingua Maltese*. Malta: M. Weiss, 1845.
Sutcliffe, E. F., *A Grammar of the Maltese Language*. Valletta: Progress Press, 1936.
Vassallo, Ġ., *Il Muftieh tal Chitba Maltija*. Malta: Giov. Muscat, 1902.
—— *L'ortografia maltese*. Malta: Empire Press, 1928.
—— *It-Tieni Muftieħ tal-Kitba Maltija*. Malta: Empire Press, 1931.
Vassalli, M.A., *Mylsen Phoenicum-Punicum sive Grammatica Melitensis*. Ruma: Fulgoni, 1791.
—— *Ktŷb yl Klŷm Mâlti 'mfisser byl-Latin u byt-Talyân*. Ruma: Fulgoni, 1796.
—— *Grammatica della Lingua Maltese*. Malta, 1827.

# L-Ismijiet ta' l-Elementi Kimiċi bil-Malti

*Professur Alfred Vella*

Il-Professur Alfred Vella għaddieli din il-lista ta' l-ismijiet ta' l-elementi kimiċi bil-Malti għax jixtieq li jiġi stabbilit il-mod ta' kif il-ħafna kliem xjentifiku fl-użu bħalissa jkun jista' jiġi maqlub għall-Malti. Dan jista' jkun il-*modus operandi* li jippermetti lix-xjenzjat stess jaqleb hu b'ċerta fiduċja l-kliem tekniku li juża. Din il-lista li ġejja, il-Professur Vella bagħatha sabiex tidher fuq l-internet, flimkien ma' listi b'ilsna oħra, f'dak li qiegħed jissejjaħ *elementymology* jew inkella multidizzjunarju ta' l-elementi kimiċi.

Il-kriterju li ntuża għal forom li ġejjin huwa l-użu komuni tax-xjenzjati waqt il-ħidma tagħhom, jiġifieri għalkemm f'oqsma oħra tal-Malti jista' jkollna xi forma oħra ta' l-isem ta' element (ngħidu aħna, "ossiġnu", "aluminju") jista' jagħti l-każ li l-kimiku Malti ma jinqediex b'dak l-isem imma b'ieħor ("Oksiġin", "aluminjum").

L-Editur

| | | |
|---|---|---|
| H | = | ħajdroġin |
| He | = | ħiljum |
| Li | = | litjum |
| Be | = | beriljum |
| B | = | boron |
| C | = | karbon |
| N | = | najtroġin |
| O | = | oksiġin |
| F | = | fluorin |
| Ne | = | neon |
| Na | = | sodjum |
| Mg | = | magniżjum |
| Al | = | aluminjum |
| Si | = | silikon |
| P | = | fosfru |
| S | = | kubrit |
| Cl | = | klorin |
| Ar | = | argon |
| K | = | potassjum |
| Ca | = | kalsjum |
| Sc | = | skandjum |
| Ti | = | titanjum |
| V | = | vanadjum |
| Cr | = | kromjum |
| Mn | = | manganiż |
| Fe | = | ħadid |
| Co | = | kobalt |
| Ni | = | nikil |

Cu = ram
Zn = żingu
Ga = galljum
Ge = ġermanjum
As = arsenik
Se = selinjum
Br = bromin
Kr = kripton
Rb = rubidjum
Sr = stronzjum
Y = ittrijum
Zr = żirkonjum
Nb = najobjum
Mo = molibdinum
Tc = tekniżjum
Ru = rutinjum
Rh = rodjum
Pd = palladjum
Pt = platinum
Ag = fidda
Cd = kadmjum
In = indjum
Sn = landa
Sb = antimonju
Te = tellurjum
I = jodju
Xe = żenon
Cs = siżjum
Ba = barjum
La = lantanum
Ce = sirjum
Pr = praseodimjum
Nd = neodimjum
Pm = promizjum
Sm = samarjum
Eu = uropjum
Gd = gadolinjum
Tb = terbjum
Dy = disprożum
Ho = ħolmjum
Er = erbjum
Tm = tuljum
Yb = itterbjum
Lu = lutizjum
Hf = ħafnjum
Ta = tantalum
W = tangstinn
Re = rinjum
Os = ożmjum
Ir = iridjum
Pt = platinum
Au = deheb
Hg = merkurju
Tl = talljum
Pb = ċomb
Bi = biżmut
Po = polonjum
At = astatin
Rn = radon
Fr = fransjum
Ra = radjum
Ac = aktinjum
Th = torjum
Pa = protaktinjum
U = uranjum
Np = neptunjum
Pu = plutonjum
Am = amerisjum
Cm = kurjum
Bk = berkeljum
Cf = kalifornjum
Es = ejnstenjum
Fm = fermjum
Md = mendelevjum
No = nobeljum
Lr = lawrenzjum

# Is-Semantika

## *Tarcisio Zarb*

Is-semantika hi l-istudju tat-tifsira tal-kelma. Hawnhekk tinteressana t-tifsira tal-kelma u tas-sentenza. Ma nistgħux ngħidu li hemm xi kelma li t-tifsira tagħha hi waħda u waħda biss. B'dan il-mod dak li fil-Malti nirreferu għalih bħala 'siġġu' kien jibqa' 'siġġu' dejjem, iżda bit-Taljan ngħidulu 'sedia', bl-Ingliż ngħidulu 'chair', bl-Għarbi ngħidulu 'maqgħad' u bil-Ġermaniż ngħidulu 'stuhl'. Dan juri li kull kelma tgħix indipendentement mill-oġġett li tirreferi għalih. Kull kelma hi prodott ta' drawwiet u konvenzjonijiet.

Il-magħruf Humpty Dumpty ta' *Through the Looking Glass* ma kellux raġun meta qal li kelma tfisser dak li rridha tfisser, xejn aktar u xejn anqas. Li kieku kellna noqogħdu għal din id-definizzjoni konna naslu għal taħwida sħiħa, għax filwaqt li ngħidlek bħallikieku 'Ġibli dik it-tuffieħa' ġo moħħi jkolli t-tifsira 'Kul dik il-laringa'.

Tajjeb inżommu f'moħħna li meta niġu biex nitkellmu dwar it-tifsira, irridu nżommu f'moħħna li kelma jista' jkollha t-tifsira konċettwali kif ukoll it-tifsira assoċjattiva. Konċettwali tirreferi għal dawk il-komponenti tat-tifsira li huma essenzjali u bażiċi; eżempju, it-tifsira konċettwali ta' 'labra' hija strument bil-ponta u li jaqta'. Madankollu 'labra', nistgħu nassoċjawha wkoll ma' xi ħadd li m'għandux kwiet, jiġifieri, qiegħed fuq il-labar, li tfisser, qiegħed fuq ix-xwiek. Il-poeta u dawk li jagħmlu r-reklami, m'għandniex xi ngħidu, huma interessati ħafna li jqajmu t-tifsiriet assoċjattivi tal-kliem.

Ta' min jistaqsi kif tista' s-semantika tgħinna biex nifhmu xi ħaġa dwar in-natura tal-lingwa. Dawn l-eżempji li ġejjin jistgħu jitfgħu dawl fuq dan is-suġġett, minħabba l-istess 'strambezza' tagħhom.

(i) Il-hamburger kiel ir-raġel.
(ii) Il-klieb tal-but qed jistudjaw il-lingwistika.
(iii) Il-mejda kienet qiegħda tisma' l-mużika.

Ħarsa mill-qrib lejn dawn, turina li m'hemm xejn stramb fl-istruttura

sintattika tagħhom, i.e., il-mod kif inhuma ffurmati s-sentenzi. Fil-fatt l-ewwel eżempju, hu mibni fl-istess mod 'Ir-raġel kiel hamburger'. Allura, x'hemm ħażin f'dawn is-sentenzi? Iċ-ċans hu li l-istramberija qiegħda fil-komponenti tat-tifsira konċettwali tan-nom 'hamburger' li jvarja ħafna meta dawk jintużaw bħala suġġett tal-verb 'kiel'. It-tipi ta' nomi li jistgħu jkunu suġġetti tal-verb 'kiel', iridu juru entitajiet li huma kapaċi jieklu. In-nom 'hamburger' m'għandux din il-karatteristika. Mhux bħan-nom 'raġel'. Huwa minħabba f'hekk li l-ewwel sentenza tinħass stramba.

B'dan il-mod nistgħu ngħidu li biex nom ikun jista' jintuża bħala suġġett tal-verb 'kiel', irid ikun ta' xi ħaġa animata (ħajja). Nistgħu naqsmu l-komponenti tat-tifsira b'żewġ modi:

| | |
|---|---|
| (+) ANIMATA | (–) ANIMATA |
| (xi ħadd li għandu l-ħajja) | (xi ħadd li m'għandux ħajja) |

Jekk int tingħata kliem bħal mejda, baqra, tifla, mara, tifel u raġel, tista' taqsamhom f'dawk animati umani, irġiel, adulti. Hekk tkun tista' tara liema huma dawk in-nomi li semantikament se jinħassu strambi.

Madankollu mhux dejjem faċli li ssib x'inhuma x-xejriet ewlenin tal-kliem inkwistjoni. Tajjeb inżommu f'moħħna li waqtiet meta niġu biex nagħtu tifsira nużaw dik li l-lingwisti jsejħu relazzjonijiet lessikali, eżempju, it-tifsira ta' 'baxx' hija dak li mhux għoli, it-tifsira ta' 'ħeba' hija satar, it-tifsira ta' 'margerita' hija tip ta' fjura.

Dawn li ġejjin huma eżempji ta' **relazzjonijiet lessikali**. Is-*sinonimi* huma forom ta' tifsiriet li huma relatati ma' xulxin. Hekk ngħidu aħna l-kliem:

| | | |
|---|---|---|
| wieġeb | = | irrisponda; |
| beraħ | = | ftuħ; |
| serva | = | seftura; |
| libertà | = | ħelsien; |

Ta' min iżomm f'moħħu li l-idea ta' *'stessiżmu'*, f'dik li hi tifsira mhux dejjem tfisser 'stessiżmu' komplet. Hekk ngħidu aħna f'dan l-eżempju li ġej, 'irrisponda' tfisser differenti minn 'wieġeb', eżempju:

Mario wieġeb lill-għalliem.
Mario irrisponda lill-għalliem.

Eżempju ieħor insibuh fl-*antonimija*. Dawn huma żewġ forom ta' tifsiriet opposti, kif nistgħu naraw minn dawn l-eżempji:

| | | |
|---|---|---|
| twil | = | qasir; |
| ikrah | = | sabiħ; |
| xiħ | = | żagħżugħ; |

L-antonimija tinqasam fi tnejn, jiġifieri, dik *gradabbli* u dik li *mhijiex gradabbli*. Eżempju ta' antonimija gradabbli nistgħu neħduh minn 'kbir – żgħir' u tista' tintuża f'kostruzzjonijiet komparattivi: akbar minn – iżgħar minn. F'kostruzzjonijiet mhux gradabbli, in-negttiv ta' membru minnhom jimplika lill-ieħor. Hekk ngħidu aħna: 'Dak ir-raġel mhux mejjet' tfisser 'Dak ir-raġel huwa ħaj'.

Meta t-tifsira ta' forma waħda hi inkluża fit-tifsira ta' l-oħra, ir-relazzjoni hi deskritta bħala *iponimija*, eżempju:

| | | |
|---|---|---|
| qronfla | = | fjura; |
| kelb | = | annimal; |
| poodle | = | kelb; |
| banana | = | frotta; |

Il-kunċett ta' *'inklużjoni'*, li hu involut hawnhekk, hi l-idea li jekk kwalunkwe oġġett hu qronfla, għalhekk, neċessarjament huwa fjura. Mela t-tifsira ta' fjura hi inkluża fit-tifsira. Meta nqisu dawn ir-relazzjonijiet ta' iponimija aħna nkunu qed inħarsu lejn it-tifsiriet ta' kliem waħda fuq l-oħra. Hekk ngħidu aħna, il-kliem li ġej, jekk inqegħduhom taħt xulxin, naslu għal din it-tabella:




Minn din it-tabella nistgħu ngħidu li żiemel huwa iponemu ta' annimal jew li nemla hija iponemu t'insett.

L-idea ta' iponemu twassal l-idea ta' tip, bħal meta wieħed jgħid *poodle* li hu tip ta' kelb. Ħafna drabi jiġri li n-nies kulma jkunu jafu dwar tifsira ta' kelma hija li din tkun l-iponemu ta' terminu ieħor. Bħall-kelma *poodle* ma nkunux nafu ħlief il-fatt li dan hu biss tip ta' kelb.

Insibu wkoll modi oħra kif niddeskrivu r-relazzjonijiet tal-kliem fil-lingwa. Hemm dik li tissejjaħ *omofonija*, kif jidher mill-eżempji:

| | | |
|---|---|---|
| dar | = | dahar; |
| żgħar | = | żahar; |
| sengħa | = | sena; |
| ħadd | = | ħadt; |
| sema' | = | sema; |
| kolla | = | kollha; |

| | | |
|---|---|---|
| xahar | = | xagħar; |
| nhar | = | nar; |
| bela' | = | belha; |
| kerha | = | kera; |

Barra minn hekk insibu wkoll l-*omonimija*. Dan kliem li jinkiteb l-istess imma jkollu tifsira għal kollox differenti: Eżempji

| | | |
|---|---|---|
| bank (kċina) | = | bank (flus); |
| għajn (ilma) | = | għajn (wiċċ); |
| lift (ħaxixa) | = | lift (mekkaniżmu għal tlugħ u nżul) |
| baħħar (iffumiga) | = | baħħar (innaviga); |

Insibu wkoll il-*polisemija*. Din nistgħu nqisuha bħala forma waħda (miktuba jew mitkellma) li jkollha ħafna tifsiriet u li jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin b'dik li l-lingwisti jsejħu estenzjoni. Eżempji:

| | | |
|---|---|---|
| ras | = | parti ta' fuq tal-ġisem; |
| | | kap; |
| | | ras il-mejda; |
| sieq | = | parti mill-ġisem; |
| | | sieq ta' siġġu; |
| | | sieq is-sodda; |
| widna | = | parti mill-ġisem; |
| | | widnet il-kikkra; |
| | | widna (ġakbin) |
| għajn | = | parti mill-ġisem; |
| | | għajn tal-labra; |
| | | għajn ta' l-ilma; |

Irridu nżommu f'moħħna li ċerti aspetti tat-tifsira ma jiġux biss mit-tifsiriet tal-kliem iżda minn dak li jissejjaħ l-istudju tal-*prammatika*. Dan ifisser it-tifsira li l-kelliemi jkollu f'moħħu. Hekk ngħidu aħna, wieħed jinduna li jekk jara miktub fuq il-ħajt 'Fergħa ta' bank' jinduna li dan hu bank tal-flus u mhux xi bank li toqgħod bil-qiegħda fuqu. L-istess ngħidu għall-fergħa. Din hija parti minn ħafna banek oħra u mhux fergħa ta' siġra.

F'dan it-tip ta' studju rridu nżommu wkoll il-*kuntest lingwistiku* jew il-komunità-test. Il-komunità-test ta' kelma huwa dak il-kliem li nsibuh fl-istess frażi jew sentenza. M'għandniex xi ngħidu, li dan il-komunità-test għandu effett qawwi fuq dak li naħsbu li l-kelma tfisser. Hekk il-kelma 'għajn'. Fis-sentenzi li ġejjin nifhmu t-tifsira tal-kelma 'għajn' fil-kuntest lingwistiku:

eż. 1. Marija sejra tixrob l-ilma mill-għajn.
Marija għandha għajn ħamra.

eż. 2. Kelina għandha l-faċċata fuq il-fil.
Tkellimnix għax ittellifni l-fil.

cż. 3. Dari konna mmorru l-knisja kuljum.
Dari fiha ħafna lussu.

eż. 4. L-ewwel Ġimgħa tax-xahar mur il-quddies.
It-tifla għandha xagħar twil.

eż. 5. Illum s-sema ikħal.
Sema' l-priedka mill-bidu sa l-aħħar.

Il-kuntest fiżiku wkoll għandu sehem importanti fl-interpretazzjoni tal-kliem. Kelma li ssibha miktuba fuq ħajt tal-knisja tfisser mod u fuq ħajt ta' skola tfisser mod ieħor.

Hemm ċertu kliem li biex tifhmu trid tkun taf mhux biss il-kuntest fiżiku imma anke l-post fejn tintqal il-kelma. Dawn jissejħu *espressjonijiet dejtiċi*. Fost dawn insibu: hawn, hemm, dan, dak, issa, imbagħad. Dan il-kliem barra mill-kuntest tiegħu jkun vag għall-aħħar. Dan jgħodd ukoll għall-pronomi personali, bħal, jien, int, eċċ. Kelma bħal, hawn, hija espressjoni dejtika (mod kif tindika jew turi permezz tal-lingwa).

Insibu wkoll *pre-suppożizzjonijiet*. Meta kelliemi juża espressjoni deiktika bħal, hawn, f'ċirkustanzi normali tkun qiegħda taħdem bl-assunzjoni li s-semmiegħ jaf għal liema post qed jirreferi. Dan ifisser li meta aħna nitkellmu kontinwament nibnu l-messaġġi lingwistiċi tagħna fuq il-bażi ta' l-assunzjonijiet dwar dak li s-semmiegħa tagħna jkunu jafu diġà. Jekk wieħed jgħidlek "Huk qiegħed jistenniek barra", din turi l-assunzjoni li inti għandek huk. Jekk wieħed jistaqsik "Meta waqaft tpejjep?", il-kelliemi jkun qed jippreżumi li inti kont tpejjep. Dawn huma pre-suppożizzjonijiet.

**Atti tat-Taħdit (*Speech Acts*):**

S'issa qisna biss xi modi li bihom nistgħu ninterpretaw it-tifsiriet ta' sentenzi f'termini ta' dak li l-kelliemi ta' dawk is-sentenzi ried iwassal. Dak li ma tkellimniex fuqu hu l-fatt li aħna bħala regola nkunu nafu kif se niġu interpretati. Fi kliem ieħor inkunu nafu l-att li se jagħmel kelliemi meta jgħid sentenza. It-terminu att tat-taħdit jirreferi għall-"azzjonijiet" bħal dawk ta' talb, kmand, mistoqsija u informazzjoni.

Fit-taħdit tagħna waqtiet inkunu diretti u oħrajn indiretti:

Eżempji tat-taħdit dirett: "Iftaħ il-bieb";
"Agħlaq ħalqek";
"Tini żewġ liri".

Eżempji ta' atti tat-taħdit indirett:

"Ma tagħmilx ħażin li tagħlaq il-bieb";
"Xi tgħid kieku għal mument noqogħdu kwieti?"
"Jimporta jekk jogħġbok taħseb fija?"

Fil-kuntest Malti ħafna drabi għandna t-tendenza li nużaw l-atti tat-taħdit diretti.

**Analiżi tad-Diskors:**

Minkejja l-mod kif il-bniedem jgħid ħaġa u jinftiehem ħaġa oħra, minkejja li ma ngħidux affarijiet u niftiehmu xorta waħda, fit-taħdiet ta' bejnietna dan juri kemm hi kumplessa taħdita ta' bejnietna. L-istudju ta' dawn il-ħwejjeġ jissejjaħ analiżi tad-diskors (*discourse analizes*).

Meta nippruvaw nifhmu kif aħna jirnexxilna nagħmlu sens minn dak li naqraw, nifhmu dak li l-kelliema jfissru minkejja dak li jgħidu, nagħrfu diskors ċar minn ieħor imħawwad u kif fl-istess ħin jirnexxilna nieħdu sehem f'dik l-attività kumplessa li nsejħulha "taħdit", aħna nkunu qegħdin nagħmlu dak li jsejħulu "analiżi tad-diskors".

**Interpretazzjoni tad-Diskors:**

Minkejja li ċertu kliem li naraw miktub mhux dejjem ikun komplut u waqtiet ikun hemm ieħor mimli żbalji grammatikali u ta' l-ortografija, aħna xorta waħda nifhmuh. Fi kliem ieħor aħna nkunu kapaċi nagħmlu "interpretazzjoni tad-diskors". Jekk aħna naraw poster f'ġurnal lokali – "Ħruq f'Bormla" – ninterpretawh li jfisser li f'Bormla kien hemm xi dar li ħadet in-nar. Jekk f'bieb il-knisja tara "Kmiem qosra mhux permessi" – inti tinterpretaha li mhux suppost tidħol il-knisja bil-kmiem qosra u mhux il-qmiem qosra ma jistgħux jidħlu l-knisja.

L-istess jgħodd għall-fatt li, minkejja l-iżbalji grammatikali, ortografiċi u sintattiċi, aħna xorta waħda jirnexxilna nifhmu ċertu kitba bħal ngħidu aħna, ċertu komponimenti ta' tfal batuti jew xi ittri li nirċievu minn xi emigranti Maltin.

**Koezjoni (Għaqda)**

Meta niġu biex ninterpretaw test aħna nagħtu kas tal-mod kif sentenza tintrabat ma' oħra. Hekk, ngħidu aħna, 'Missieri xtara karozza. Huwa nefaq somma ġmielha. Din inbiegħet ħmistax wara għax falla.'

B'dan l-eżempju nsibu ħafna kliem bħal pronomi personali u mehmużin, nomi, verbi, eċċ li jagħqdu t-test flimkien. Din tissejjaħ 'Koezjoni'. Dan ma jfissirx, madanakollu, li l-koezjoni waħedha hi biżżejjed biex toħloq sens. Dan jidher mit-test li ġej:

'Missieri xtara karozza.'
'Dal-għodu qomt imdejjaq.'
'Tessie sejra l-baħar.'

Minkejja li f'dan it-test hemm elementi koeżivi xorta waħda m'hemmx dik li tissejjaħ koerenza.

Tajjeb inżommu f'moħħna li aħna nifhmu lil xulxin mhux bilfors għax ħaġa tkun karatteristika tal-lingwa imma minħabba xi ħaġa li teżisti min-nies. Aħna ninterpretaw dak li nisimgħu. Fil-fatt aħna l-ħin kollu nippruvaw naslu għal xi tip ta' interpretazzjoni kif naraw minn dan l-eżempju:

TESSIE: "Telefown";
ĠANNI: "Issa? Qed ninħasel!";
TESSIE: "Orrajt, orrajt".

Minn dan id-diskors nikkonkludu li Ġanni ma jistax iwieġeb it-telefown minħabba li qed jinħasel u minħabba f'hekk Tessie tifhem dak li l-istess Ġanni ma qalx.

Minn dan ninnutaw li ħafna mill-informazzjoni li ngħaddu lil xulxin ma ngħadduhiex bil-lingwa.

*Tarcisio Zarb huwa għalliem u Uffiċjal Edukattiv fit-Taqsima tal-Kurrikulu, fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Huwa awtur ta' kotba bħal "Folklore of an Island", studju dwar il-folklor tal-kriżi, "Il-Miġra", antoloġija kritika ta' poeżiji u "Il-Poeżija Moderna", studju kritiku tal-poeżija moderna Maltija.*

# Il-Kultura u l-Lingwa

*Ġorġ Mifsud-Chircop*

X'inhu s-sehem tal-lingwa fil-kultura u tal-kultura fin-lingwa?

Sa ftit taż-żmien ilu l-istudjużi, l-aktar l-antropoloġi, kien jidhrilhom li l-kultura tal-bniedem teżisti minħabba l-lingwa u fil-lingwa jistgħu jsibu l-għodda li ma jgħaddu qatt mingħajrha fl-istħarriġ tagħhom. L-ewwel kien hemm il-lingwa għalihom, imbagħad il-kultura. Iżda llum ma tantx aħna daqshekk żguri. Is-sehem tal-lingwa fil-ħajja ta' kuljum u fil-kitbiet tar-riċerka qed inħarsu lejh b'mod kritiku.

Ngħiduha kif inhi, ħafna mill-ħajja ta' kuljum isseħħ mingħajr l-użu tal-lingwa u mingħajr il-bżonn tal-lingwa. Barra minn dan, daqskemm il-lingwa tista' tgħinek daqshekk ieħor hemm varjetà kbira fid-diskors verbali li twassal għan-nuqqas ta' komprensjoni. Hija l-lingwa li toħloq id-dinja kulturali għal min jitkellimha, jew inkella din id-dinja tissawwar u tingħata tifsira bis-saħħa tal-konjizzjoni li tiġi qabel il-lingwa u li l-lingwa tinterpretaha b'mod kajman u b'espressjoni nofs leħja? X'rabta hemm bejn il-kelma u l-kunċett? Il-kliem jinħoloq minħabba d-diskors verbali li jagħti l-ħajja lit-tifsiriet? Jew inkella l-kultura fiha l-kunċetti li jieħdu l-ħajja fil-komunikazzjoni prattika u diretta man-nies u ma' l-affarijiet fl-ambjent ta' madwarna milli bit-tifsir imsawwar verbalment? Nistgħu nagħżlu għal kollox bejn it-taħdit u l-ġesti tal-wiċċ u ta' l-idejn u/jew l-għamliet paralingwistiċi l-oħra ta' l-imġiba kulturali bħall-burdata u s-sentiment? Nistgħu nwarrbu d-differenzi tal-klassijiet, tal-ġerarkiji u ta' l-awtorità soċjali bejn il-kelliema u s-semmiegħa tagħhom? Meta l-lingwa u l-kultura nifirduhom minn xulxin ma nkunux qed nagħtu lok għal lingwa maqtugħa għal kollox mill-kuntest kulturali tagħha u għal kultura mingħajr il-kuntest lingwistiku tagħha? Kif toħroġ il-lingwa fl-ontoġenesi bħala s-sensiela sħiħa tal-ġrajjiet għall-iżvilupp ta' l-organiżmu individwali, u fil-filoġenesi bħala s-sensiela sħiħa ta' ġrajjiet għall-iżvilupp ta' l-ispeċi?

Tweġibiet ċari u li jaqbel fuqhom kulħadd m'hemmx u se nibqgħu rreddnu fuq dawn il-mistoqsijiet għall-ġejjieni. Imma dawn il-mistoqsijiet u bosta

oħrajn ibexxqulna tieqa ċkejkna fuq il-Malti bħala l-lingwa tagħna biex inqisuha kapaċità ħajja u kontinwa 'l bogħod ħafna minn ċerti kummenti u ossessjonijiet ippreġudikati li daqskemm xbajna minnhom daqshekk ieħor għadna nisimgħuhom.

Is-sinjali fil-lingwa qegħdin għall-kunċetti ta' kulħadd, għar-rappreżentazzjonijiet kollettivi. Dan għal xi wħud ifisser li l-kultura u l-lingwa ma jistgħux jingħażlu minn xulxin, għalkemm il-kultura m'hijiex biss il-lingwa. Bir-raġun kollu li Claude Lévi-Strauss jistħarreġ flimkien iż-żwiġijiet, it-tpartit ta' l-affarijiet u s-servizzi u l-mitolġija bħala l-kultura tal-komunikazzjoni. Flok il-viżjoni strutturalista li t-tifsir ikun diġà jeżisti fil-ġrajjiet u fil-kliem u ingranat f'moħħ il-bniedem, l-antropoloġi jistħarrġu l-modi differenti kif il-bnedmin il-ħin kollu jimprovizzaw, jinterpretaw u jirreaġixxu fil-ħajja soċjali tagħhom – bis-saħħa ta' l-interpretazzjonijiet tal-ġrajja jkunu jistgħu jiddeċiedu jaċċettawx dawn il-ġrajjiet jew, kif jiġri ħafna drabi, iqumu kontrihom.

Dawk li jemmnu fil-lingwa bħala l-qofol tal-kultura jagħrfu wkoll li t-tnejn għandhom x'jaqsmu mal-komunikazzjoni. Il-kultura ma ddurx biss fuq il-komunikazzjoni imma xorta twassal għall-komunikazzjoni. Għalihom il-lingwa x'aktarx li bdiet bħala pantomima u mhux akustikament. U llum il-lingwa hija verbalment u non-verbalment marbuta għal kollox mal-kultura.

F'dawn iż-żewg dimensjonijiet tal-lingwa dejjem tkun għaddejja xi għamla ta' tensjoni bejniethom. Ngħidu aħna fir-ritwali tagħna, bħall-festi, il-logħob, id-divertiment, u l-bqija, x'sehem għandha l-lingwa? Jew iċ-ċaqliq fiżiku, il-ġesti u l-imġiba huma aktar importanti minnha? Ma nistgħux naqtgħuha għad-dritt; ir-ritwal li jkun inkunu nistgħu niħduh fl-isfond mal-ġrajjiet l-oħra f'ħajjitna skond kif inqisuh aħna u kif inqisuh matul iż-żminijiet.

Imma l-lingwa xorta tibqa' importanti. Is-setgħa soċjali tintrebaħ bil-ġlied. Imma s-setgħa kulturali tinkiseb meta l-popli li jkunu fil-biċċa jinnegozjawha bejniethom. U s-soċjetà bla lingwa biex targumenta biha ma tkunx kapaċi tibdel it-taqtigħa għas-setgħa f'ġudizzji morali li jfissru għala jkun hemm dejjem id-differenzi bejn il-kulturi. U l-kulturi jeżistu minħabba d-differenzi ta' bejniethom. Dawn id-differenzi jispikkaw aktar jekk ikunu jinterpretawhom verbalment. Għalhekk kien hawn min il-kulturi fehemhom bħala sistemi ta' moralità. L-umanità ma tistax teżisti mingħajr is-sens legali u morali. Is-soċjetà li ma tafx targumenta fuq kwistjonijiet morali u legali jkollha taqa' għall-fatti mingħajr kliem u fl-aħħar mill-aħħar għal-liġi tal-ġungla ta' min jiflaħ l-aktar iħawwel.

Tkunx favur jew kontra min ġie l-ewwel, hux il-kultura jew il-lingwa, xorta jibqa' l-fatt li l-lingwa, bħall-Malti, m'hix xi sistema monolitika imma proċess dejjem għaddej, bħall-kultura. U bħall-kultura hemm bosta livelli ta' kultura, il-kultura kollettiva, il-kultura parrokkjali, il-kultura familjari, il-kultura

individwali, u ... Mela, daqskemm it-teorija tal-Malti Safi kienet ħażina fl-imgħoddi u tal-ġenerazzjoni ta' qabilna għamlu sewwa li difnuha darba għal dejjem, daqshekk ieħor hija ħażina l-fehma ta' bosta li l-Malti għandu xi formola fissa ta' ķitba u ta' taħdit, flok il-kreattività ħajja, impenjattiva u kontinwa f'moħħ il-bniedem Malti, li bl-inġenwinità tiegħu jgħożż il-lingwa għax jgħixha u jħaddimha. Mhux il-logoċentriżmu, imma l-bniedem li jużaha, il-Malti kulturali li jaf.

Mela fil-lingwa Maltija llum, bħalma kien minn dejjem fl-Istorja Moderna, ma nistgħux nibqgħu nitkellmu fuq dak li huwa intern fina bħala Maltin mingħajr l-iċken rabta mal-ħajja esterna tagħna. Irridu nieħdu lill-individwu bħala msieħeb sħiħ fis-soċjetà Maltija ta' llum, f'kuntest intersuġġettiv. U sakemm se nibqgħu nitraskuraw il-kultura tagħna – biss biss għadna lanqas biss ħlomna b'qafas kultural ġenerali għat-tul – il-Malti se jibqa' jbati. Jekk il-Malti rriduh jieħu r-ruħ jeħtieġ li jinħareġ u jinħeles mill-iżolament li jassarnieh fih u li jitqiegħed fil-perspettiva ta' pjan kulturali wieħed, wiesa', nazzjonali u fit-tul. B'hekk ngħidu aħna, mhux l-għalliema tal-Malti biss jgħallmu u jħambqu għall-Malti, imma l-għalliema kollha fil-livelli kollha mill-kindergardin sa l-università bl-imġiba tagħhom waqt il-lezzjonijiet tas-suġġett tagħhom. Għax bl-użu tajjeb li suppost għandhom tal-Malti (u ta' l-Ingliż), suppost li jafu jħaddmuh fir-relazzjonijiet tagħhom il-ħin kollu ma' l-istudenti waqt il-lezzjonijiet tax-xjenzi daqskemm tal-lingwi u ta' l-ekonomija.

M'iniex noħlom. Il-ħolma ta' Vassalli li tant iċċelebraw Dun Karm u Ġorġ Pisani seħħet u ma seħħitx.

L-universalità tal-Malti f'pajjiżna għad baqgħalha ħafna ma' xiex tiġġieled.

Bħalissa rridu nfittxu nibdew biex ta' l-inqas ma nkunux aħna stess l-għedewwa tiegħu.

# 4

# Kif jaħsbuha

# L-Għaqdiet tal-Malti għad hemm bżonnhom?

*Alfred Massa*

Din il-mistoqsija tiġbed fuqha tweġibiet diversi. Tgħid għax "mitt bniedem, mitt fehma"? Jew għax kultant ċerti tweġibiet ikunu frott ta' fehmiet ulterjuri, neqsin għal kollox minn kull ħjiel ta' sinċerità?

Huwa fatt, li l-aqwa kittieba Maltin kontemporanji (m'hemmx għalfejn nipponta swaba') kollha huma prodott ta' xi Għaqda jew Għaqdiet. Dan jgħodd ukoll għal dawk li llum idawru wiċċhom u jkemmxu xofftejhom meta jisimgħu lil xi ħadd isemmi lil dawn l-Għaqdiet. Donnhom dawk it-tfal li, għax issa telqu jimxu tajjeb (u saħansitra jiġru), jinsew għal kollox il-paċenzja u s-sabar li ħadu bihom il-ġenituri.

Barra minn hekk, ħarsa lura lejn l-istorja tal-Malti (miktub u mitkellem) turi ċar is-sehem importanti li kellhom dawn l-Għaqdiet fil-mixja 'l quddiem tiegħu. Mhux biss, imma meta l-Għaqdiet kienu fl-aqwa tagħhom – fis-sittinijiet – Ilsienna gawda magħhom. Min hu interessat, sinċier u mżejjen b'memorja tajba, jista' jagħti xiehda ta' dan.

"Imma dak kien żmien ieħor; illum xort'oħra," jirraġunaw xi wħud. Veru li ż-żmien inbidel, imma mhux aħjar li qabel ma wieħed jarmi xi ħaġa jipprova jevalwa s-siwi tagħha? U ngħiduha, x'ġara wara li bosta bdew jagħtu l-ġenb lill-Għaqdiet? Bdew jinbtu l-klikek, iċ-ċrieki vizzjużi u ngħata bidu għall-kunċett ta' "ħokkli dahri u nħokklok tiegħek". Ma nafx jekk dan kollu hux frott taċ-ċokon ta' pajjiżna jew inkella għax hawn min jemmen li *mors tua vita mea*. Iżda, allaħares hu hekk.

F'Malta preżentement għandna erba' Għaqdiet ewlenin. Nistqarr li ma nafx hemmx oħrajn sekondarji. Dawn huma l-Akkademja tal-Malti (1920), l-Għaqda tal-Malti Università (1936), l-Għaqda Letterarja Maltija (1951) u l-Għaqda Poeti Maltin (1975). Kull Għaqda għandha l-istorja tagħha u xi ġid b'riżq Ilsienna wettqet żgur. Rigward jekk dawn l-għaqdiet illum għadhomx validi wieħed jista' jasal għal tweġiba ġusta wara li jifli ħidmiethom, kemm individwalment kif ukoll kollettivament.

Lil xi wħud forsi ma jissodisfawhomx l-Antoloġiji, ir-rivisti, il-programmi letterarji, is-Serati, il-laqgħat u attivitajiet simili li dawn l-Għaqdiet jorganizzaw minn żmien għal żmien. Għalija dawn huma ħwejjeġ tajbin u pożittivi. B'danakollu, nistqarr li ma nixtieqx li l-Għaqdiet jieqfu hawn. Jistgħu jiskopru toroq ġodda li jafu jkunu effikaċi u jwasslu biex iqajmu ftit interess għal-Letteratura fost poplu marid daqstant bil-letarġija, bħalma hu l-poplu tagħna.

Iżda biex wieħed jistenna li jara almenu xaqq dawl, hemm bżonn li jitneħħew iż-żewġ bsaten li jinsabu fir-roti ta' dawn l-Għaqdiet, bsaten li qegħdin ixekklu sewwa d-dawrien tagħhom. Dawn huma (a) l-astensjoni tal-kittieba hekk imsejħa "stabbiliti" u (b) aktar spazju fil-*media* lokali.

Ngħid għalija, ma narahx ħsieb għaqli li wieħed jipprova jkisser u jarmi t-tajjeb li jkollu. Barra minn xtutna ma jidhirx li jagħmlu hekk. Hemm jeżistu wkoll Għaqdiet ta' kull xorta. Allura għaliex f'Malta għandna nkunu xorta oħra?

# Analiżi tat-Temi ttrattati fil-Kotba tal-Proża fis-Sillabu tas-Sekondarja

*Sandra Callus*

Minn dejjem interessani l-qari tal-proża Maltija, speċjalment il-qari tal-kotba tal-proża li jippreżenta s-sillabu fl-iskejjel sekondarji. Dan l-interess kompla jikber b'mod partikolari meta kont *teaching practice* fis-sekondarja u kelli l-opportunita' ngħallem xi kotba tal-proża kif ukoll niddiskuti ma' xi studenti dwar dawn il-kotba. Għaldaqstant ħassejt il-bżonn li norbot id-dissertazzjoni tiegħi mat-temi li jeħtieġu jaqraw dawn l-adoloxxenti żgħar, ta' l-ewwel u tat-tieni sena sekondarja, mat-temi li fil-fatt qed jippreżentalhom is-sillabu fil-kotba tal-proża.

Għal dan il-għan, fit-teżi tiegħi, qabel għaddejt sabiex nevalwa t-temi ttrattati fil-kotba tal-proża li huma ppreżentati lill-istudenti bniet u subien fl-iskejjel sekondarji fl-ewwel u fit-tieni sena, irrid nevalwa u nifhem qabel xejn dan il-perjodu ta' l-adoloxxenza fejn fl-istudenti jkunu qed iseħħu diversi bidliet, fosthom bidliet fiżiċi, soċjali u psikoloġiċi. Dan għamiltu sabiex finalment fit-teżi stajt nagħti rendikont ta' kemm il-kotba tal-proża li qed nippreżentaw lil dawn l-istudenti huma verament addattati, u kemm dawn jaqblu ma' l-esperjenzi li jgħaddu minnhom huma f'dan il-perjodu. Fl-opinjoni tiegħi, il-proża ma tkunx tagħmel sens jekk b'ċertu mod ma tmissx lill-qarrejja mill-viċin. Ikun tajjeb li tixrob mill-esperjenzi tagħhom u mbagħad tippreżentah b'xi mod fil-kotba tal-proża tagħhom. Il-letteratura li nagħżlu għall-klassi għandha tkun immirata għalihom u trid tolqot il-gosti u l-interessi tagħhom. Barra minn hekk għandha sservihom sabiex jitgħallmu u jieħdu gost.

Meta l-istudenti jibdew l-iskola sekondarja, huma jibdew jiżviluppaw fiżikament, soċjalment u mentalment. Huma jibdew jaraw il-libertà iżda ma jafux meta u kif ser jesperjenzawha. Għalhekk jissodisfaw ix-xewqat, dwar dak li se jiġri fil-ħajja tagħhom fil-futur, billi jaqraw temi li jittrattaw żgħażagħ bħalhom, li jgħaddu minn avventuri u atti erojċi, mingħajr il-bżonn ta' l-adulti. Temi li jaffaxxinaw lill-istudenti f'din l-età huma temi bħal ma huma l-indipendenza personali, temi dwar karattri, identità tal-persuna, l-Istorja, il-

fantasija u s-sopranaturali, kif ukoll temi li jolqtu lill-bniet u temi li jolqtu lis-subien.

Teżisti konnessjoni qawwija bejn l-iżvilupp psikoloġiku ta' l-adoloxxenti u l-għażla tat-temi fil-kotba tal-proża f'din l-età ta' bejn il-ħdax u l-erbatax-il sena, u għalhekk b'mod partikulari skavajt f'xi wħud mit-temi li għandhom jolqtu lill-istudenti ta' l-ewwel u tat-tieni sena sekondarja, bniet u subien. It-temi mfittxa fil-letteratura mill-istudenti hekk kif jibdew l-iskola sekondarja, fl-età ta' ħdax-il sena, ma jibqgħux bħal dawk ta' meta kienu jattendu l-iskola primarja. L-istudenti jibdew jinqatgħu mir-rabtiet infantili f'dak li hu qari u jfittxu qari iżjed matur u realistiku, b'karattri ta' l-età tagħhom jew ftit akbar. It-temi ppreferuti mill-istudenti f'din l-età jindikaw li xi tibdil ikun qed iseħħ f'ħajjithom, kemm fiżiku, mentali, kif ukoll soċjali.

Issa jkun wasal iż-żmien fejn l-istudenti ta' l-ewwel u tat-tieni sena jibdew jaraw lilhom infushom f'atti erojċi u possibilment fi rwoli adulti, u f'sitwazzjonijiet iżjed reali. Huwa f'dan l-istadju wkoll illi l-ġeneri tal-kotba jkunu differenti għall-bniet u għas-subien, għaliex issa l-qarrejja jkunu iżjed interessati f'li jistabbilixxu l-identita' sesswali tagħhom (Tucker 1991:138).

L-elementi bażiċi li jikkontribwixxu sabiex l-adoloxxenti bniet u subien jibdew jifhmu u jagħżlu dawn it-temi partikulari, temi iżjed maturi, ta' indipendenza, ta' fantasija u ta' ħbiberija fi gruppi, hu minħabba l-fatt li l-istudenti jkunu qegħdin fl-istadju ta' tranżizzjoni, bejn l-istat ta' tfulija u l-istat ta' l-adult. Meta l-istudenti jibdew l-iskola sekondarja jibdew jiżviluppaw fiżikament, soċjalment u mentalment. Huma jibdew jaraw il-libertà iżda ma jafux meta u kif se jesperjenzawha. Għalhekk jissodisfaw ix-xewqat, dwar dak li se jiġri fil-ħajja tagħhom fil-futur, billi jaqraw temi li jittrattaw żgħażagħ bħalhom, li jgħaddu minn avventuri u atti erojċi, mingħajr il-bżonn ta' l-adulti.

Ta' min jistaqsi jekk teżistix letteratura verament addattata għall-adoloxxenti, u jekk din teżisti, qiegħda taqdi l-bżonnijiet li huma jistennew mill-qari? Min-naħa l-oħra, jekk kotba għall-adoloxxenti verament jeżistu, wieħed irid jara kemm dawn il-kotba huma miktuba b'għanijiet didattiċi jew jekk jinkitbux sempliċement għaliex fihom stejjer li jingħoġbu minnhom. Il-letteratura li nippreżentaw lill-adoloxxenti għandha tkun ispirata għalihom, fejn il-karattri prinċipali jkunu ta' l-istess età tagħhom, u jgħaddu mill-istess emozzjonijiet, esperjenzi, valuri u kultura tagħhom, sabiex b'hekk il-qarrej jinġibed iżjed lejn il-qari tal-proża.

Filwaqt li ħafna mil-libreriji pubbliċi joffru sezzjoni ta' kotba għat-tfal u sezzjoni ta' kotba għall-adulti, ftit huma dawk li joffru kollezzjoni ta' kotba għal dawn l-adulti żgħar. Ħafna drabi dawn l-adoloxxenti żgħar ikollhom jaqraw kotba li ma jkunux addattati għalihom għax jew ikunu tat-tfal jew inkella tal-kbar, u l-istess jiġri ħafna drabi fl-għażla tal-kotba li jagħmel is-sillabu għall-iskejjel sekondarji.

Ġbart it-temi prinċipali li jinsabu fil-kotba tal-proża għall-ewwel u għat-tieni sena sekondarja u analizzajthom, sabiex nasal għall-konklużjoni ta' kemm dawn it-temi verament huma dawk li jenħtieġu jaqraw l-istudenti f'din l-età. Il-kotba huma *Fra Martin u Novelli Oħra*, *Stejjer minn Tarf ir-Raħal*, *Meta Jaqa' ċ-Ċpar*, *Nies Bla Sabar* u *Ħolm tal-Milied*. It-temi prinċipali li jinsabu f'dawn il-kotba huma: il-karattru, stadji varji tal-ħajja (it-tfulija, iż-żgħożija, il-ħbiberija, l-adult, il-flus, ix-xjuħija - il-mard u s-solitudni u r-relazzjoni bejn ix-xjuħ u t-tfal), l-annimali, in-natura, il-folklor (id-djalett, il-mediċina, l-ikel u l-festi), l-istorja, ir-reliġjon, il-fantasija u s-sopranaturali, il-klassi soċjali, temi umoristiċi, id-diskriminazzjoni tas-sessi, u l-familja.

Ħafna min-novelli li jippreskrivi s-sillabu għall-ewwel sentejn tas-sekondarja nkitbu żmien ilu, u dan jidher minn diversi fatturi. Ta' min jiġbed l-attenzjoni lill-istudenti dwar iż-żmien li fihom huma ambjentati l-istejjer, għax forsi xi fatturi għall-istudenti jistgħu jidhru daqsxejn strambi jew antikwati. Ħafna drawwiet ilhom li nqatgħu, u anki ċerti ideat inbidlu għal kollox. L-ambjent deskritt hu għal kollox differenti għalkemm f'pajjiżna stess, u forsi jista' jinħass stramb u tal-biża' minn ċerti studenti, għax per eżempju, il-kerrejjiet inqatgħu, nies jorqdu fit-toroq m'għandniex u lanqas tallaba.

It-temi li jfittxu jaqraw l-istudenti f'din l-età adoloxxenti ma tantx jidhru rikorrenti fil-proża li jippreskrivi s-sillabu għall-istudenti ta' l-ewwel u tat-tieni sena sekondarja. L-istudenti ta' l-ewwel u tat-tieni sena sekondarja jistennew li fil-proża jsibu karattri ta' l-età tagħhom jew ftit akbar, bi stejjer li jirriflettu l-preokkupazzjoni tagħhom għall-bżonn li jottjenu sens ta' identità, u temi li jittrattaw dwar il-kultura taż-żgħażagħ ibbażati fuq avventuri li jgħaddu minnhom l-adoloxxenti, flimkien mal-ħbieb u 'l bogħod mill-ġenituri. It-tema ta' fantasija mħallta ma' fatti reali tingħoġob u hi mfittxa ħafna f'din l-età. Is-subien ifittxu temi differenti mill-bniet. Is-subien iżjed ifittxu l-avventura u l-bniet iżjed ifittxu temi romantiċi. Iżda fil-kotba li jippreskrivi s-sillabu insibu li ħafna mill-karattri huma adulti u xjuħ, u l-maġġoranza ta' l-istejjer jirriflettu l-ħajja adulta fl-antik, ħajja totalment differenti minn dik tal-lum u barra minn hekk ippreżentata bħala traġedja, b'ħafna mwiet u inkwiet. Bosta mill-istejjer jirriflettu t-tiġrib tal-ħajja adulta. Barra minn hekk l-istudenti huma ppreżentati b'kotba komuni għat-tnejn u t-tema romantika ma tinsab imkien.

Meta analizzajt it-temi ttrattati fil-kotba tal-proża li jippreskrivi s-sillabu għall-istudenti ta' l-ewwel u tat-tieni sena sekondarja, ma tantx jidher li t-temi huma dawk li l-istudenti jixtieqU jaqraw, kif irriżulta minn qari teoretiku. L-istudenti ma tantx huma ppreżentati b'karattri ta' l-età tagħhom. Il-biċċa l-kbira tal-karattri huma xjuħ, adulti u tfal, ħlief f'*Meta Jaqa' ċ-Ċpar*. L-istudenti għandhom jiġu ppreżentati b'karattri ta' l-età tagħhom fil-proża, għax kull qarrej jinterpreta dak li jaqra skond l-esperjenzi u l-emozzjonijiet li jkun

ġarrab. Temi li jinkludu avventuri u problemi li jaffaċċjaw iż-żgħażagħ jgħinu lill-adoloxxenti jifhmu aħjar dan il-perjodu pjuttost ta' konfużjoni li jkunu għaddejjin minnu.

Peress li ħafna mill-istejjer huma ambjentati fl-imgħoddi, bosta drawwiet li jissemmew inqatgħu. Anke ċerti ideat m'għadhomx jgħoddu għaż-żminijiet tal-lum. Ħafna mill-messaġġi li nsibu fil-kotba tal-proża jirriflettu l-viżjonijiet tal-kittieba stess dwar id-dinja, li ħafna drabi jinkludu messaġġi sessisti u dawn huma frekwenti ħafna. Veru ma rridux ninsew li l-biċċa l-kbira tal-kotba li ġew analizzati nkitbu ħafna snin ilu u li s-sitwazzjoni f'ħafna familji kienet bħal dik deskritta fl-istejjer, bl-irwoli partikolari allokati għan-nisa u għall-irġiel. Lobban (1975) jikkonkludi li kitba bħal din hi sessista ħafna u titbiegħed mill-ħajja vera ta' kuljum, u jżid li din tneħħi kull possibiltà illi tgħin lis-subien u lill-bniet jaħsbu f'alternattivi possibbli fil-futur. Ikun tajjeb li kieku nippreżentaw lill-istudenti b'iżjed stejjer li jittrattaw sitwazzjonijiet, problemi u karattri iżjed moderni. B'dan il-mod l-istudenti jsibuha iżjed faċli sabiex jirrelataw dak li jaqraw ma' dak li jesperjenzaw huma fil-ħajja ta' kuljum. Ma rridx infisser li għandna neliminaw mill-kotba tal-proża temi ta' folklor u storja, għax il-mod ta' kif jiġu ppreżentati ċerti temi jiddependi wkoll mill-istil u mill-kapaċità ta' l-awtur fil-mod ta' kif jippreżenta u jsensel ċerti temi, sabiex iqarreb iżjed lejn dak li jfittxu l-qarrejja li għalihom qed jikteb. Dan kollu għamlu Trevor Zahra fil-ktieb *Meta Jaqa' ċ-Ċpar* fejn irnexxielu jgħaqqad it-tema storika b'mod interessanti għax involva karattri adoloxxenti f'diversi avventuri. Trevor Zahra xorob mill-esperjenzi ta' dawn l-istudenti u ppreżentahom fil-ktieb *Meta Jaqa' ċ-Ċpar* .

Il-kotba ppreżentati mis-sillabu għandhom ikunu addattati għall-istudenti li jaqrawhom. Is-sillabu m'għandux jippreżenta kotba tal-proża sempliċement bħala kotba tal-qari, għaliex dawn iservu iżjed minn hekk. It-temi għandhom ikunu dawk li jenħtieġu l-istudenti sabiex jiżviluppaw psikoloġikament. Biex nieħu eżempju, il-ktieb *Ħolm tal-Milied* qed jaqrawh studenti tat-tieni sena sekondarja, u li għandhom bejn tnax u tlettax-il sena. Il-protagonista prinċipali ta' dan il-ktieb hu tifel ta' seba' snin. Vera illi t-tfal ma jkunux ilhom ħafna snin li għaddew minn dawn l-esperjenzi tat-tfulija, iżda wieħed ma jridx jinsa li fl-ewwel sena l-istudenti huma ppreżentati bil-ktieb *Meta Jaqa' ċ-Ċpar*, ktieb li jintlaqa' tajjeb ħafna, u li jittratta proprju karattri adoloxxenti, avventuri u indipendenza. Barra minn hekk wieħed ma jridx jinsa li l-istess kotba li qed jippreskrivi s-sillabu qed jinqraw minn studenti b'abiltajiet, attitudnijiet, edukazzjoni u sess differenti, kemm fi skejjel sekondarji ta' l-istat kif ukoll f'*Junior Lyceums*. L-intervent ta' l-għalliema hu importanti ħafna f'ċerti temi. It-tagħlim tal-letteratura m'għandux ikun sempliċement tagħlim ta' kotba speċifiċi, imma l-istudenti għandhom jiżviluppaw attitudnijiet li jkunu rilevanti għall-qari ta' xogħlijiet oħrajn. Sabiex dan il-għan jintlaħaq l-istudenti jridu

jingħataw kemm jista' jkun opportunitajiet biex jippartecipaw b'mod sħiħ fil-lezzjonijiet tal-letteratura.

Għalkemm il-ktieb *Meta Jaqa' ċ-Ċpar* inkiteb fis-sena 1978, dan għadu validu u interessanti ħafna għat-tfal ta' l-ewwel sena. Mill-esperjenza li kelli waqt *teaching practice* li ngħallem il-biċċa l-kbira ta' dan il-ktieb nista' ngħid li dan il-ktieb intlaqa' tajjeb ħafna għax l-awtur Trevor Zahra kellu l-kapaċita' sabiex jolqot il-gosti ta' dawn l-istudenti bl-avventuri li ppreżenta fl-istorja fejn jinvolvi kemm karattri bniet kif ukoll subien. Trevor Zahra laqat lill-istudenti ta' din is-sena għax bħala protagonisti u karattri prinċipali involva tfal tampar l-istudenti ta' l-ewwel sena sekondarja, u b'hekk l-istudenti setgħu jifhmu dak kollu li kienu jgħaddu minnu l-protagonisti. Kull student li qara dan il-ktieb ħassu miġbud lejn xi karattru partikulari u l-biċċa l-kbira ta' l-istudenti stqarrew li huma u jaqraw l-istorja tant daħlu fiha li bdew jistħajlu lilhom infushom mal-protagonisti, u kienu jħossu dak kollu li jgħaddu minnu l-karattri.

L-istorja tal-ktieb affaxxinat lill-istudenti minħabba l-element tal-fantaxjenza, il-vjaġġ fiż-żmien, fil-passat, fl-istorja ta' pajjiżna. L-istudenti waqt din il-lezzjoni b'mod partikolari kienu jkunu entużjasti ħafna, donnu li l-istorja tal-ktieb flimkien mal-karattri kienet saret parti minn ħajjithom għal dak iż-żmien u jiena ċerta li b'xi mod influwenzathom. Meta l-istorja tal-ktieb ġiet fit-tmiem, l-istudenti ddispjaċiehom u ssuġġerew li jkun hemm it-tieni parti u t-tielet u anke iktar.

Ninsab ċerta li lill-istudenti hemm bżonn li nipprovdulhom iżjed kotba b'temi li jolqtu lil din il-ġenerazzjoni li hi dejjem lesta sabiex tiskopri u tkun taf dejjem iżjed. Il-qari ta' proża addattata jservi ta' muftieħ li jħeġġeġ lill-istudenti jaħsbu, jirriflettu, jimmaġinaw, u jikkomunikaw ma' ta' madwarhom. Nemmen li bi pjanar serju, il-kotba tal-proża fl-iskejjel sekondarji jistgħu jkunu tassew dawk il-ħbieb li jgħinu lill-istudenti, mhux biss biex jibnu karattru sod, imma wkoll biex jibnulhom idea pożittiva tal-ħajja u ta' l-ambjent soċjali ta' żmienhom, u kif ukoll jgħinuhom fl-iżvilupp psikoloġiku tagħhom.

# It-Tagħlim u t-Tisħiħ tal-Malti bil-Mezzi Moderni

*Charles Briffa*

Qiegħda tinħass ħafna l-ħtieġa ta' tagħlim u tisħiħ tal-Malti f'diversi nħawi tas-soċjeta' Maltija. Insemmu, fost oħrajn, lil dawk il-ġenituri li jixtiequ jgħinu 'l uliedhom fix-xogħol ta' l-iskola; lil dawk l-impjegati li l-ħidma tagħhom twassalhom biex kultant jikkomunikaw mal-pubbliku u jkunu jixtiequ jiktbu b'Malti tajjeb biex ħadd ma jakkużahom li ma jafux jiktbu mingħajr żbalji; u lill-Kunsilli Lokali li qegħdin jiċċirkolaw bosta tagħrif fid-distretti tagħhom. Dawn, u oħrajn spiss jilmentaw li ma jsibux materjal ta' tagħlim xieraq għalihom.

Niftakru li hawn għandna adulti li diġà għandhom ħafna x'jagħmlu u mhux bilfors ikollhom il-ħin jew l-enerġija biex jattendu xi klassi formali ta' tagħlim filgħaxija. Inħarsu lejhom ukoll bħala individwi li jixtiequ jġeddu l-kuntatt tagħhom ma' l-edukazzjoni. U din ix-xewqa jixirqilha r-rispett tagħna; dawn l-individwi jeħtieġu l-privatezza jew għax ikunu jistħu jew inkella għax iħossu li waħidhom ikunu jistgħu jikkonċentraw aktar u aħjar. Li wieħed ikun jista' jitgħallem fil-kundità ta' waħdu għall-kenn ta' ħsibijietu jwassal għal tisħiħ aħjar fil-proċess ta' tagħlim u għal attitudni pożittiva lejn is-suġġett li, fil-każ tagħna, huwa l-Malti.

Issa dan kollu jġagħalna naraw kif nistgħu nużaw il-mezzi moderni li qed jagħtina l-progress sabiex naqdu lil dawn in-nies u nissodisfaw din il-ħtieġa soċjali. Il-mezzi moderni, bħall-kompjter, it-televixin, ir-radju, il-kasetts, u s-CD Rom, jistgħu jagħtu kontribut siewi. Imma biex niftehmu, din m'hijiex kwistjoni li t-teknoloġija tieħu x-xogħol tal-għalliem. Ma nistgħu qatt inħarsu lejn it-teknoloġija biex tipprovdi xi proċess ta' tagħlim waħedha. Sabiħa kemm hi sabiħa innovazzjoni teknoloġika, is-suċċess fit-tagħlim iserraħ fuq il-ħila tal-għalliem li jinqeda b'dik it-teknoloġija fil-ħidma tiegħu.

Mela ħa npartu minn hawn: il-mezzi moderni waħidhom ma jagħmlu xejn. L-importanti huwa l-kwalità ta' dawk il-mezzi u l-użu xieraq tagħhom mill-għalliem għat-tagħlim u t-tisħiħ tal-Malti. M'hemmx dubju li l-mezzi moderni

jestendu l-opportunitajiet fil-livelli kollha tat-tagħlim: hemm dawk li jaqduna biex nitgħallmu waħidna u hemm dawk li bihom nitgħallmu ma' oħrajn; insibu wkoll mezzi li jistgħu jgħallmuna l-Malti nitkellem ħalli jipprattikaw diskorsna mingħajr interferenzi minn ilsna oħra u nsibu mezzi li jispjegawlna l-irqaqat tal-Malti miktub.

Imma min ifassal programm ta' tagħlim bil-mezzi moderni jrid ikun jaf x'udjenza jista' jkollu. Ngħidu aħna, programm fuq it-televixin għal min jibqa' d-dar jista' jkollu rokna biex jiġu spjegati xi regoli ħfief tal-kitba tal-Malti; l-ispjegazzjoni bl-iskrin tista' tkun interessanti ħafna, u ċara wkoll għax il-kamera tista' tiffoka fuq l-informazzjoni li t-telespettaturi jkunu jridu jieħdu. Fuq ir-radju, jista' jkollna apprezzament tad-djaletti Maltin biex insaħħu l-identità tagħna; programm bħal dan huwa ta' interess għal kulħadd, u fl-istess ħin jista' jgħin sabiex jiġu ppriservati l-varjetajiet tal-lingwa. Il-letteratura Maltija tista' tiġi rrekordjata fuq xi CD u hekk wieħed ikun jista' joqgħod għall-kwiet jisma' l-qari ddrammatizzat tal-poeżija jew ta' xi biċċa proża kreattiva. Ir-regoli gradati tal-Malti jistgħu jitpoġġew fuq xi kasett jew f'xi programm tal-kompjuter.

Il-possibilitajiet huma ħafna u għal kollha kemm huma jeħtieġ il-parir ta' l-esperti. Hawn tista' tidħol l-Akkademja tal-Malti biex dak li jingħad fuq ir-regoli tal-lingwa jkun korrett. Għax, ngħiduha kif inhi, il-fiduċja li jagħti l-espert hija kondizzjoni essenzjali fit-tagħlim.

# 5

# Tifkiriet

# Ġużè Muscat-Azzopardi: Bejn Storja, Rakkont u Patrijottiżmu Malti

*Anton Agius Muscat*

*Taħdita fil-Librerija Pubblika, Triq Vajringa, ir-Rabat (Victoria), Għawdex, nhar il-Ħamis, 23 ta' Ottubru 1997, fil-11.00 a.m. nhar il-ftuħ ta' wirja dwar Ġużè Muscat-Azzopardi, 1983–1927, u wliedu, Ivo u Ġino, organizzata u ippreżentata mis-Sur George V. Borg, l-Uffiċjal inkarigat mil-Libreriji Pubbliċi ta' Għawdex. Kien mistieden jiftaħ uffiċjalment il-wirja l-Onor. Avukat Dr. Anton Refalo LL.D., M.P., Segretarju Parlamentari għal Għawdex fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.*

Lil Ġużè Muscat-Azzopardi (1953–1927) għadna ma nafuhx sewwa kif jixraqlu. Aktar ma nkunu nafuh u nifhmuh, kemm lilu u kemm liż-żmien li fih huwa għex, aktar jirnexxilna nidħlu fil-qalba tal-ġrajja ta' Malta u niesha.

Tabilħaqq, Ġużè Cassar Pullicino (1921–) ħareġ pubblikazzjoni fl-1991[1] mill-aktar siewja, mimlija b'tagħrif xieraq u f'waqtu, u għandha taqdi tajjeb lil min irid jibni fuq is-sies tiegħu ta' tiftix mitqlu deheb miġbur b'sabar u b'għaqal kbir. Bi pjaċir niftakar li marti u jien kellna sehem fit-tiswir ta' dik il-pubblikazzjoni, kif l-awtur għaraf ifisser tajjeb fid-daħla.

Jeħtieġ nifhmu aħjar mhux biss lil Ġ.M.A. Hemm kittieba oħra ta' żmienu, ukoll jekk ta' statura anqas minnu, jixirqilhom min jifhimhom aħjar. Żmienhom u l-kitba tagħhom jitolbu wisq iżjed minn tagħrif xott xott fuq ħajjithom u lista ta' x'kitbu. Hemm fehma ħażina li wasslet għall-konklużjoni żbaljata li l-kittieb Malti jew ma jistħoqqlux min jagħti wisq widen tiegħu għax ma għaraf jagħti xejn minn qaddisu bħala kitba, jew jekk ta xi ħaġa, irnexxielu jagħtiha biss b'riħet dak li ħa mill-barrani! Ġara li ż-żmien bena l-ħrafa li l-Malti ma għaraf ikun xejn f'daru għajr musbieħ mitfi.

Ejjew nistħajlu qegħdin fis-sena 1877. Irid ikollok dak il-kuraġġ u l-qawwa tar-ruħ ta' l-idealista li meta tara madwarek Malta mimlija nies bla skola, il-għadd il-kbir minnhom iqisu l-iskola bħala sellum li ma jistgħux jew li ma għandhomx għalfejn jitħabtu jitilgħu miegħu; meta dawk iqisuhom ta' l-iskola jfittxu jitgħallmu u jinqdew bit-Taljan u dil-lingwa jqisuha bħala l-'lingwa kulturali' tixraq lil Malta u niesha; meta biex l-inkwadratura soċjo-kulturali –

lingwistika tkompli tikkomplika ruħha, għandek taqbida sħiħa bejn il-Gvern Imperjali Ingliż li jixtieq ixettel l-Ilsien Ingliż waqt li l-oligarkija politika f'Malta tippreżenta l-Lingwa Taljana fil-libsa ta' *lingua nàzionale* bħala kontrapiż; meta l-Kelma Maltija, ma ssibx min iweżinha u min jitħajjar jinqeda biha, u min iwennes il-Kelma Maltija, jara madwaru nuqqas ta' ftehim sħiħ għal kif jikteb l-ilsien Malti, kif ukoll, jaf isib madwaru min iħares lejn il-belti u r-raħli Malti huwa u jitkellem bi lsien Malti bilkemm mhux imdellel mill-ħtija li jistħoqqlu dak l-imsejken barrani iqisuh bħala għarib u ma jixraqlux min jgħoddu ma' l-Ewropa Kristjana; ... trid rieda ta' l-azzar, qalb ta' sur u dehen qawwi ħalli tagħraf tgħid lil Malta u niesha: int Malti, u bħala Malti jmissek tkun kburi bik innifsek, b'missirijietek u bi ġrajjiet l-imgħoddija ta' niesek.

Dan daħal għalih Ġ.M.A. Xaqleb għall-ilsien Malti mhux għax ma kienx jaf tajjeb it-Taljan: anzi, kien mgħallem daqstant li għażluh eżaminatur fit-Taljan għall-Matrikola fl-Università. Għażel il-Malti b'għajnejh miftuħa.

Għażel jaħdem bil-għodda ta' ġurnal serju bil-Malti. Ta' 24 sena daħal għal *In-Naħla Maltija.* F'waqtu ħafna l-ġudizzju ta' Ġużè Cassar Pullicino meta kiteb: "Sa mill-ewwel ħarġa tagħha nhar id-29 ta' Novembru, 1877, huwa fisser il-kunċett tiegħu ta' gazzetta Maltija, il-kriterji ta' prestiġju nazzjonali, ta' ġid soċjali li ried jintlaħaq, l-għożża ta' lsien artna u l-għażla meqjusa ta' kliem Malti – fehmiet li Ġ.M.A. baqa' jżomm għomru kollu u li tista' tgħid għadhom jgħoddu sal-lum wara iżjed minn mitt sena li nkitbu".[2]

Malta, dak iż-żmien, kellha ma' wiċċha ħafna għajdut fuq it-tnaqqis tad-dazju fuq il-qamħ u nkwiet fuq infiq għad-drenaġġ fil-Belt u t-Tlitt Ibliet. Il-gvern kien għadu kif nefaq flus għal teatru u suq ġdid fil-Belt, ċimiterju ġdid fuq il-għolja Tal-Ħorr, u xogħlijiet fil-marsa tal-Port. Ir-Rapport ta' F. T. Rowsell tkellem fuq kif il-madmad ta' tassazzjoni kien jaqa' l-aktar fuq il-kotra jew il-'baxx' (*the lower classes*).[3] Dak iż-żmien f'Malta wieħed biss minn kull sittin ruħ kellu l-vot waqt li fil-Britannja wieħed minn kull ħdax-il ċittadin![3]

Kien iż-żmien ukoll ta' meta Sir Penrose Julyan u Sir Patrick Keenan ġew jistħarrġu l-qagħda f'Malta. Julyan tkellem l-aktar fuq il-qagħda soċjali – ekonomika – governattiva ta' Malta. Mess ukoll il-ħajja tal-lingwa Ingliża f'Malta. Keenan daħal aktar fid-dettal għal dak kollu li f'Malta sirna nafuh bħala 'il-kwistjoni tal-lingwa'. Malta kollha xegħlet għal dawn ir-rapporti u t-taħbil politiku aktar sab fejn u kif jimraħ.

F'dan il-qafas storiku, Ġ.M.A. għażel il-programm tiegħu. Kien kemm kien letterarju l-ħsieb ta' fejda għall-kotra f'Malta, kellu wkoll il-binja politika tiegħu, aktar u aktar meta niftakru li l-ilsien Malti waqa' l-imwarrab bejn l-Ingliż u t-Taljan fis-snin 1870 u warajhom.

Barra mill-għażla suprema u konxja ta' l-ilsien Malti, kellu tir ieħor f'rasu. Kien qara u fela sewwa l-ktieb *Storia di Malta* li Gio. Ant. Vassallo ħareġ fl-

1854. Ġ.M.A. għaraf iżewweġ l-istorja mal-fantasija u s-sengħa tal-kitba. Għal żagħżugħ ta' 24 sena li tgħabba joħroġ gazzetta bil-Malti fix-xagħra kulturali Maltija ta' żmienu, flimkien ma' rumanz bil-Malti tax-xeħta u l-binja ta' *Toni Bajada*, Ġ.M.A. kien ħaqqu l-akbar palju għax oħrajn qablu, jew ħaddieħor fi żmienu jew warajh, ma għarfux jew ma rnexxilhomx jaslu fejn wasal huwa.

Ir-rumanz *Toni Bajada* fih aktar minn rakkont ta' storja li ssensel fiha wkoll l-imħabba bejn Toni u Rożi. Hemm tifsila soċjo – kulturali – politika moħbija fir-rakkont. Int u taqra, l-awtur inessik li qiegħed taqra ħolqien ta' moħħu. It-teknika diretta, il-kelma ħajja u mirquma, flimkien ma' l-istil assertiv tiegħu, għandhom minn daqqiet ta' mgħallem li jaf jimmudella l-ġrajja kif irid, huwa u jimmartella l-kitba wara li jkun ikkaldaha fil-forġa ta' xi nitfa ta' ġrajja storika li tkun ilha mejta u minsija fis-snin li għaddew.

Jekk Malta fl-1877 ma kellhiex ħsieb ir-raħli Malti, aħseb u ara kemm refgħet ħsieb tagħtih il-vot bħala ċittadin Malti; madanakollu, Ġ.M.A. għażel jagħmel minnu eroj monumentali sa mill-ftuħ tar-rumanz!

Jistħajjel lil Toni Bajada bħala, "... saħansitra minn ċkunitu, kellu żewġ ħsibijiet imsammrin f'moħħu: l-imħabba t'Alla u ta' l-Art li twieled fiha. Ma kienx jara s-siegħa li jikber biex jibda jaħdem għal Malta tiegħu".[4]

Lil missieru Toni Bajada jtarraflu, "... Irrid naħdem għal Malta: irrid niswielha xi ħaġa ... hawn, f'qalbi għandi xi jgħidli li Alla l-imbierek jibgħathieli tajba ..."[4]

Hawn qiegħed jitkellem iż-żagħżugħ awtur idealista f'isem ir-raħli Malti. Għandna wkoll hawn l-istendard ta' *religio et patria* fejn mhux il-politiku belti Malti waħdu jaf iħaddan dan l-ideal soċjo – politiku. Spalla ma' spalla miegħu hawn żagħżugħ Malti raħli li jidher quddiem art twelidu bis-saħħa ta' qalb qawwija u b'rieda ta' ħsieb safi ta' ideal, mhux għax armat bil-qawwa li jagħtih l-għerf ta' qari fil-kotba.

F'Malta ta' l-1877, meta d-demokrazija f'Malta kienet biss fin-nieqa jekk mhux biss ħolma, l-eroj monumentali raħli Malti fil-ġrajja ta' Malta u niesha kien bħal sajjetta fil-bnazzi, aktar u aktar meta niftakru li r-raħal Malti kien jara madwaru aktar irġiel lebsin sidrija sewda fuq qmis tal-fustan, qalziet twil imdendel miżmum bil-ħziem, jilbes qorq meta jrid jidher ta' nies, b'beritta jew kappell tromba f'rasu; in-nisa jżommu l-għenienel u jilbsu għal dublett tlieta ... irġiel u nisa li l-ħajja Maltija aktar tqishom bħala nies bla skola, moħħhom f'xogħol tar-raba' jew il-qadi fid-dar, milli protagonisti fl-istorja ta' Malta. Għal dawn in-nies, l-istorja ta' Malta u l-patrijottiżmu Malti fil-kampanja kont tiġbru biss fl-għajdut u fil-kliem: "Nismagħhom jgħidu ..."

Minkejja dal-faqar kollu kulturali, nibet żagħżugħ Qormi ta' 24 sena li madwar ftit fatti ta' l-istorja miktuba bit-Taljan u ppublikati f'Malta daqs kwart ta' seklu qabel, bena eroj minn wild bidwi u omm "mara tal-knisja, li kienet rabbietu dejjem fil-biża' t'Alla".[5]

Bla tlaqliq Ġ.M.A. wissa lill-qarrej: "L-Istorja ta' Malta għadha mgħaġġba s'issa bil-ħila kbira li wera Toni Bajada ..."[6] U r-rumanz jintemm bit-twissija, "Min jaħdem għall-art fejn twieled, Alla jgħinu!" Kliem bħal dan ifisser ħafna meta Malta ta' l-1877 kellha bħala 'ideal' u 'dmir ċiviku' dak li l-Malti xeraqlu jkun leali, bħala sudditu Brittanniku, lejn il-Gran Brittanja bħala *the Mother Country*.

It-tieni rakkont, *Mattew Callus*, ġabu fil-Malti mit-Taljan tal-professur Ramiro Barbaro di San Giorgio, u stampah ukoll fil-gazzetta *In-Naħla Maltija*. F'dan ir-rumanz għandna wkoll Malti idealista, mimli bl-imħabba għal Malta u niesha, fejn il-protagonist jistqarr li, "għall-ġid ta' Malta tagħna rrid nagħmel kollox."[7] Dan l-ideal wasslu jħalli ħajtu għax il-Gran Mastru La Valette għallqu f'nofs pjazza fil-Birgu talli azzarda jħejji Memorjal jgħid, fost kollox, "Waslet is-siegħa li tismagħna. Aħna maħqura mill-Kavalieri, u maħqura bl-akbar kefrija ..."[8]

U t-traġedja ta' l-inġustizzja ma' Malti ta' l-iskola li għamilha ta' patrijott jissielet ma' l-assolutiżmu tas-Sultan li kien jiddandan bis-Salib tat-Tmien Beatitudnijiet u li Malti tgħallem mis-snin li 'kelmet il-Malti asaħħ minn kelmet is-sultan', spiċċat bil-kliem fuq qabru: "kien bniedem li ħalla ħajtu għal ħajjet l-art fejn twieled."[9] Dan bħala għelm ta' l-akbar għotja: il-ħajja nfisha.

Wara l-ġrajja ta' Mattew Callus, Ġ.M.A. għażel ifassal 'Ix-Xbejba tar-Rdum' f'*In-Naħla Maltija*. Pawlu l-fizzjal Malti jitħabbeb ma' Katerina, u li Pawlu jqisha bħala "anġlu mibgħut mis-sema" għalih.[10] Ġrajja romantika tissawwar fi żmien l-Assedju l-Kbir li tispiċċa biż-żewġ maħbubin mejta.

Għal darba oħra Ġ.M.A. jisħaq fuq it-tieba tal-karattru Malti fejn l-imħabba taż-żewġ żgħażagħ iqabbilha mal-"warda Maltija". Jekk jinqala' min iqis *Ix-Xbejba tar-Rdum* bħala mħabba idealizzata, jekk mhux ukoll teatrali kif ir-rakkont idur minn episodju għal ieħor, infakkar li jekk il-Malti belti kellu l-opra lirika Taljana bir-romantiċiżmu tagħha ħalli jedha biha fl-1878, fil-kitba għandna l-liriċiżmu ta' rakkont fejn il-protagonisti huma Maltin, milgħubin mill-indħil ta' min mhux Malti.

Ir-raba' rakkont *Pawlu Xara* deher f'*In-Naħla Maltija* bejn is-17 ta' Frar 1879 u d-29 ta' April 1879. Il-Ħakem ta' l-Imdina 'kien bniedem ta' bla ħeġġa li, biex jinħabb mas-Sultan, jagħmel kollox. Fih innifsu ma kienx raġel ħażin, iżda kien dlonk jitħabat biex jilħaq xi ħaġa kbira, kien dlonk jħewden fuq dan il-ħsieb u kien jagħti ruħu għal kollox, sabiex dan jirnexxilu".[11]

Ħakem – qaddej bħal dan issibu f'kull żmien. Ir-rumanzier jaf li l-qarrej jista' jifhmu u jemmnu għax l-esperjenza qarsa ta' kull żmien taf tgħallem li l-bnedmin – forċina għal min jiggverna – ma tweldux u mietu snin ilu mal-Gran Mastru La Valette. Ġ.M.A. kien realistiku li fil-ħajja ta' kull jum, mhux kollox jew kulħadd issibu ward u żahar.

Ma jidhirx li lil Ġ.M.A. talbuh jagħmel id-Diskors tat-Tmienja ta'

Settembru ħdejn il-Monument tat-Tifkira, il-Belt. Madanakollu, kien hu waħdu li mill-1877 għal matul snin sħaħ wara, beda jgħallem lill-kotra Maltija kif, meta u fejn il-Maltin tqabdu mal-għadu fl-Assedju l-Kbir u kif fl-Imblokk tal-Franċiżi ħteġilhom jaqbdu l-armi għal art twelidhom. Irnexxielu jixgħel il-fantasija popolari billi jidentifika l-Malti tat-triq mal-bniedem eroj li jaf u jifhem x'inhu l-patrijottiżmu Malti. Int u taqra l-kitba tiegħu, ukoll fil-bqija tar-rumanzi, *Viku Mason*, *Susanna*, *Ċejlu Tonna*, *Ċenzu Barbara* u *Nazju Ellul*, in-nies li jsemmi tistħajjilhom tabilħaqq iltqajt magħhom fit-toroq ta' Malta. *Susanna* u *Nazju Ellul* jeħduna ġewwa Ħal Qormi, fejn twieled l-awtur. Ir-rumanz *Susanna* kitbu fl-1883 meta kien għad kellu 30 sena. Ma jlaqlaqx jikteb għax kburi b'raħal twelidu: "... Ħal Qormi kien minn dejjem l-aħjar art tal-gżira, mis-swar 'il barra ..."[12]

Ir-rabta bejn storja, rakkont u patrijottiżmu Malti fil-ħajja ta' Ġ.M.A. ssib il-qofol tagħha fil-bidu tas-seklu għoxrin, meta l-Imperu Brittanniku kien fl-aqwa tiegħu. Kien żmien ukoll meta fil-pajjiż in-nazzjonaliżmu Malti beda jaqbad rankatura ġmielha.

Fl-1907 Mons. Alfredo Mifsud stampa x-xogħol tiegħu, '*Origine della Sovranità Inglese su Malta*': storja dokumentata sewwa u raġunata ħalli jwettaq il-fehma b'riżq Malta u niesha ta': "*La posizione di Malta nell'Impero è unica*".[13]

Sentejn wara, William Hardman ħareġ *A History of Malta during the Period of the French and British Occupation 1798 – 1815*, b'daħla twila ta' J. Holland Rose li wasal għall-konklużjoni: "*It is therefore incorrect to state, as is sometimes done, that the Maltese made a free gift of the island to Great Britain*".[14]

Disgħin sena ilu, id-'dibattitu' bejn l-istoriċi Maltin u oħrajn baqa' bogħod mill-kotra, ħlief fit-taqbida politika partitarja. Meta niftakru li fl-istess sena tal-pubblikazzjoni ta' Hardman, Ġ.M.A. ħareġ ir-rumanz storiku *Nazju Ellul* b'dedika lil Mons. Kan. Dun Alfredu Mifsud, din id-dedika jistħoqqilha min jifhimha. B'dan ir-rumanz Ġ.M.A. ried iwassal, kif jaf huwa, lil nies li jew ma jifilħux, jew ma jitħajrux, jew ma jistgħux jinħlew jaqraw volum sħiħ ta' dokumentazzjoni xotta xotta bit-Taljan jew bl-Ingliż, dak id-dawl ta' ħjiel fuq il-ġrajjiet ta' art twelidhom, mingħajr ħela ta' kliem jew tiżjin żejjed.

Hardman u Mifsud għadda żmienhom illum. Iżda kif għaġen u għaraf jippreżenta x-xewqa fil-qalb tal-Malti u x-xrar għall-patrijottiżmu Malti l-awtur ta' *Nazju Ellul*, medjatur bejn l-istoriku u l-poplu, jibqa' sal-lum rebbieħ. Għal dan, bir-raġun kollu, jibqa' jgħix Ġ.M.A. Tabilħaqq ħadd sa issa ma rnexxielu jagħmel Diskors itwal u kollu ħrara aqwa minn tiegħu b'ġieħ '*L'Otto Settembre*' fejn ftakar u faħħar dak li jibni l-figura u l-mitoloġija tal-Malti Qalbieni.

Il-firxa tal-kritika letterarja f'Malta sa issa xaqilbet aktar lejn ġudizzji marbuta ma' ġeneralizzazzjonijiet jew ideat ġeneralizzanti għal dak li jorbot

ma' Ġ.M.A. Dan jaf jgħodd għal kittieba oħra, kemm għal dak li jorbot mal-ħajja, il-kitba u l-qafas storiku. Jeħtieġu studji aktar dettaljati ħalli lil Malta u lil niesha nifhmuhom aħjar.

Irridu niftakru li kieku ma kienx Ġ.M.A., Malta ma kienx ikollha lil Dun Karm u li Malta sejħitlu Poeta Nazzjonali.

Meta fl-1927 miet Ġ.M.A., Dun Karm għażel ifakkru bl-isbaħ eleġija li għandna sa issa bil-Kitba Maltija. Dun Karm bkieh minn qalbu. Kien jafu mill-qrib u fehem x'sewa lil Malta ta' żmienu u ta' qablu, kif ukoll għal Malta ta' wara mewtu.

Madanakollu, Malta jeħtiġilha tifhem u tagħraf aħjar il-wirt letterarju – kulturali – patrijottiku kemm ta' Ġ.M.A. u wkoll ta' wlied oħra tagħha, u li fil-fixla tal-ħsibijiet fit-taqbida tal-ħajja ta' kull jum, Malta u niesha jaħbtu jinsew bħallikieku li l-lum ma nistgħux nibnuh għajr fuq dak li ġara fl-imgħoddi.

## Noti


1. Ġużè Cassar Pullicino, *Ġużè Muscat-Azzopardi,* PIN, Malta 1991.
2. *Ibid.*, p. 33.
3. Ara *Malta 1813–1914, A Study in Constitutional and Strategic Development*, Hilda I. Lee, Progress Press, Malta, 1972.
4. *Toni Bajada*, Taqsima 1.
5. *Idem.*
6. *Ibid.*, Taqsima 23.
7. *Mattew Callus*, Taqsima 1.
8. *Ibid.*, Taqsima 18.
9. *Ibid.*, Taqsima 23.
10. *Ix-Xbejba tar-Rdum*, Taqsima 1.
11. *Pawlu Xara*, Taqsima 5.
12. *Susanna*, Taqsima 1.
13. A. Mifsud, *op. cit.*, p. 20, para. 26: Kliem Joseph Chamberlain fis-7 ta' Novembru 1900.
14. W. Hardman, *op. cit.*, p. 42.

# Il-Ħidma ta' Saydon[1]

*Arthur Sammut*

## Introduzzjoni

Din hija okkażjoni kulturali sabiħa, għax kif jgħid il-Professur Pietru Pawl Saydon, li dwaru il-Kunsill ta' dan ir-raħal tani l-privileġġ li nitkellem, "hu dmir ta' kull poplu li għandu ruħ kulturali li jżomm dejjem ħajjja t-tifkira ta' nies kbar ta' żmien l-imgħoddi, li b'moħħhom u b'qalbhom, b'rieda qawwija u b'qalb imkebbsa ħadmu biex kisbulu l-jedd u jingħadd mal-popli magħqudin flimkien bl-irbit tal-għerf u ta' l-arti."[2]

F'dan il-ftit ħin qasir li għandi, ser inpoġġi quddiemkom rokna żgħira mill-ħajja tal-Professur Pietru Pawl Saydon. Saydon hu ġenju Żurrieqi, ġenju Malti, qassis Malti. Mhux ta' b'xejn, il-Kunsill illum iqisu mal-ġganti li twieldu, għexu u mietu f'dan ir-raħal. Illum insejħulhom "ġganti"; kienu nies bħalek u bħali, iżda kienu nies kbar li niżżlu isimhom fl-istorja, għax b'xogħolhom u b'ħidmithom sawru u kabbru ġieħ pajjiżhom. Mhix ħaġa ħafifa li f'ħin qasir titkellem u tiġbor il-ħajja ta' madwar tmenin sena tal-Professur Pietru Pawl Saydon. Ktibt u tkellimt drabi oħra fuq il-ħajja u x-xogħlijiet tal-Professur Saydon, iżda f'din il-lejla, għażilt li nitkellem biss dwar ħidmietu b'riferenza għal ilsien pajjiżna, l-ilsien Malti.

## Ħajja

Il-Professur Saydon B. Lit., B.L. Can., D.D., Lic. S. Script, twieled fiż-Żurrieq, ftit qabel l-għeluq tas-seklu dsatax, sewwa sew fis-sena 1895, fiż-żmien meta t-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel kien biss tagħlim ta' ftit qari u kitba fl-ewwel klassijiet ta' l-iskejjel elementari. Sa hemm kien jasal il-Malti, xejn tagħlim tal-Malti fl-iskejjel ogħla u xejn ukoll fl-Università. Ma kien hemm xejn xi jħajrek biex tikteb bil-Malti ħlief il-ħerqa ta' xi Maltin biex jgħallmu lill-poplu



*Il-Professur Pietru Pawl Saydon fil-librerija tad-dar tiegħu, fiż-Żurrieq.*

permezz ta' kotba li jgħoddu għall-kotra. Għalhekk nistgħu naħsbu li l-Professur Saydon, fi tfulitu, ma tgħallemx ħaġa oħra ħlief jaqra u jikteb bil-Malti kif kien jinkiteb dak iż-żmien. Nistgħu naħsbu wkoll li qara xi kotba tal-*Mogħdija taż-Żmien*, tas-Sur Alfons Maria Galea, ġabra ta' 150 ktieb li s-Sur Fonz beda joħroġ fi tmiem is-seklu dsatax. Ħlief dawn il-kotba ftit kien hemm x'wieħed jaqra bil-Malti.

Mill-bankijiet ta' l-iskola tal-Gvern taż-Żurrieq, it-tfajjel Saydon daħal is-Seminarju fl-1908. Fl-1911 Pietru Pawl għadda mill-eżami tal-Matrikola[3] u b'hekk seta' jkompli l-istudji tiegħu fl-Università. Fl-1915 Pietru Pawl kiseb l-ewwel grad Universitarju, dak ta' Baċellerat fil-Letteratura. Erba' snin wara, l-1919 kienet sena importanti għaż-żagħżugħ Saydon għaliex kienet is-sena li fiha qaddes u sar saċerdot. Ma' Saydon qaddsu wkoll tliet żgħażagħ oħra Żrieraq, li dawk li huma ta' l-età tiegħi jew akbar żgur li jiftakruhom. Dawn kien Dun Ġużepp Zammit, Dun Luret Zammit, u l-kuġin ta' Saydon, Dun Vinċenz Saydon. Kollha għadni niftakarhom għax fi tfuliti min jaf kemm-il darba għenet il-quddies li kienu iqaddsu. Iżda is-sena 1919 kienet ukoll is-sena li Saydon kiseb grad fil-Liġi Kanonika u laħaq Duttur fit-Teoloġija. Dan il-grad kisbu bl-ogħla marki jew aħjar b'Distinzjoni biex b'hekk rebaħ il-premju mogħti mill-Gvern ta' Lm120.[4]

Sa dak iż-żmien, għal Saydon, il-Malti kien il-lingwa li biha kien jitkellem fid-dar u ma' sħabu, mingħajr ma qatt għaddielu minn moħħu l-iċken ħsieb li jikteb bil-Malti, jew li jistudja l-Malti aktar fil-fond. Bħal ma għedna, dak iż-żmien ma kien hemm xejn x'iħajrek tikteb bil-Malti. Ma kien hemm xejn x'iqanqlek biex titkixxef il-bini u n-nisel tal-Malti u l-irbit tiegħu ma' ilsna oħra qodma. Ħadd ma kien indaħal għal dan ix-xogħol. Forsi Annibale Preca kien l-uniku li kiteb fuq in-nisel u suriet il-Malti, iżda warajh ma mexa ħadd, għax il-Malti dak iż-żmien kien meqjus bħala lsien li ma jixraqx tfittex in-nisel tiegħu jew l-għamla u l-bixra tiegħu. Jekk ma kienx immaqdar, mormi u mirfus taħt is-saqajn, lanqas ma kien stmat u mweġġaħ, speċjalment min-nies ta' l-iskola li għalihom it-Taljan kien kollox. Fejn kienu l-kittieba u l-istudjużi Maltin? Il-kotba u l-kitba bil-Malti ta' dak iż-żmien wieħed jista' jgħoddhom fuq is-swaba' t'idejh. Barra minn Annibale Preca u s-Sur Fons. M. Galea li kiteb ħafna mill-kotba tal-*Mogħdija taż-Żmien*, nistgħu nsemmu lil Ġużè Muscat Azzopardi, li kiteb poeżijiet u rumanzi storiċi, fosthom *Susanna, Ċejlu Tonna*, u *Nazju Ellul*; A. E. Caruana, li barra minn dizzjunarju tal-Malti kiteb ir-rumanz *Ineż Farruġ*, u xi ftit kittieba oħrajn.

F'nofs din il-bruda għall-Malti trabba u kiber Pietru Pawl Saydon li sa ma kellu għoxrin sena kien biss wieħed min-nies ta' żmienu, mingħajr l-ebda mħabba jew ġibda lejn il-Malti. Meta laħaq l-għoxrin sena, il-Professur Saydon kif jgħidilna hu stess fl-*essay* "Kif tgħallimt il-Malti"[5] ħass tixgħel ġo fih l-ewwel xrara għall-Malti. Fis-Seminarju, Saydon kien beda jistudja t-Teoloġija u dak iż-żmien ma' l-istudju tat-Teoloġija kienu daħħlu l-istudju ta' l-ilsien Lhudi bħala fergħa tat-tagħlim ta' l-iskrittura. L-istudent Saydon, bħalma jgħid hu stess, mill-ewwel intlaqat mix-xebh ta' xi kliem Malti mal-Lhudi u dan kien biżżejjed għalih biex ikompli jfittex ix-xebh bejn iż-żewġ ilsna. Wara li spiċċa l-istudju tat-Teoloġija Saydon mar Ruma biex żied jitrawwem aktar fit-tagħlim ta' l-Iskrittura. Fergħa ewlenija ta' dan it-tagħlim kien l-istudju ta' ilsna oħra

Semin flimkien ma' l-ilsien Lhudi u li għalihom Saydon kellu ħajra kbira. Ma għandniex x'ingħidu, dan l-istudju ta' l-ilsna Semin servieh biex aktar ħeġġeġ fih il-ħerqa li jistudja l-Malti u l-irbit tiegħu ma' dawn l-ilsna. Il-Professur Saydon ġabar minjiera ta' tagħlim fuq dawn l-ilsna u ilsien pajjiżu. Hawn Malta dawn l-ilsna ftit kienu magħrufin, u għalhekk ħadd ma seta' jagħraf u jifhem l-istorja tal-Malti kif inhu tassew.

## Il-Ħidma Favur il-Malti

Sadatant, fi tmiem l-għoxrinijiet u l-bidu tat-tletinijiet, tas-seklu l-ieħor, il-Malti bħala lsien letterarju beda jieħu r-ruħ. Kienet twaqqfet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (illum l-Akkademja tal-Malti), bil-ħsieb li ssawwar regoli tal-kitba tal-Malti fuq sistema xjentifika, għax sa dak iż-żmien kulħadd kien jikteb il-Malti kif jidhirlu hu. Fost l-ewwel imsieħba ta' dan il-moviment ġdid kien hemm ir-rummanzier u poeta Ġużè Muscat Azzopardi, is-Sur Ġanni Cilia, is-Sur A.E. Caruana, is-sur Ninu Cremona. Il-Professur Saydon li ġie lura minn Ruma beda jikteb studji importanti f'*Il-Malti* – l-organu tal-Għaqda – u f'qasir żmien sar wieħed mill-membri ta' l-istess Għaqda. Kittieba bħal Dun Karm kitbu poeżiji li saħħru lil kulħadd, u mqar dawk li ma kinux ħbieb tal-Malti baqgħu mistagħġbin kif il-Malti jista' jservi biex tikteb poeżiji sbieħ bħal dawk. Minn Dun Karm ħafna żgħażagħ tħajru jiktbu poeżiji oħra u fi ftit snin il-poeżija Maltija kibret u saret qisha ġnien kbir mimli ward ta' kull lewn u għamla u fwieħa. Ma' Dun Karm insemmi lil Sir Temi Zammit, bniedem għaref u magħruf barra minn Malta għax-xogħlijiet tiegħu. Dan ma stmerrx il-Malti, u kiteb ħafna novelli l-ġmiel tagħhom li juru l-ħajja li kien jgħix il-poplu, fir-realtà tagħha kollha.

Din it-tqanqila ta' ħajja ġdida għall-Malti l-ewwel li ħassewha kienu l-istudenti ta' l-Università, li biex aktar jitħajru u jitħeġġu biex jiktbu bil-Malti ngħaqdu bejniethom f'għaqda – l-Għaqda tal-Malti (Università). Din kienet qisha fergħa tas-siġra li tħawlet qabel, l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Saydon kien mill-ewwel laqgħat midħla ta' din l-Għaqda l-ġdida u nistgħu ngħidu bla tlaqliq li kien hu li sawwar l-istatut tal-Għaqda.* Il-membri ta' l-ewwel kumitat tal-Għaqda kienu: President – l-istudent Rużar Briffa, Ġużè Bonnici nħatar Segretarju, Anthony Mamo (aktar 'l quddiem sirna nafuh bħala Sir Anthony Mamo – l-aħħar Gvernatur u l-ewwel President ta' Malta) intgħażel bħala Kaxxier, waqt li l-membri l-oħra kienu Anton Buttiġieġ (li nafuh bħala

*(Ara Appendiċi Nru 1 – Statut tal-Għaqda tal-Malti (Università) miktub minn Saydon. Dan deher l-ewwel darba f'*Leħen il-Malti* Għadd 28 Sena 1992 fl-artiklu ta' Ġużè Cassar Pullicino "It-twaqqif tal-Għaqda tal-Malti (Università)".)

"il-poeta tan-natura" u kien sar ukoll President ta' Malta), u s-sinjuri Fava u Sammut. Ma dan kollu Rużar Briffa ma damx wisq President ta' din l-Għaqda billi kellu jħalli Malta għal studju aktar fil-fond fil-qasam tal-mediċina. Saydon li kien għadu kemm laħaq Professur, fl-24 ta' Ottubru 1931,** ħa post Briffa bħala President tal-Għaqda tal-Malti.

Il-bidu tas-snin tletin, kienu żminijiet koroh għall-Malti. Il-gvern ta' dak iż-żmien, mogħmi għal kollox minn ġibda bla qies lejn l-Italja, beda jibża' li l-Malti mħaddem tajjeb mill-istudenti kien ser ikun il-mewt jew għallinqas il-ħsara ta' l-ilsien Taljan. Dak iż-żmien, bejn minħabba l-politika u bejn l-injoranza f'Malta, it-Taljan kien meqjus mhux biss bħala lsien ta' kultura imma saħansitra bħala l-ilsien tal-Knisja u tar-Reliġjon. Dawk is-snin kienu snin ta' taħwid politiku kbir. Kienu snin ta' firda u qasma kbira fost il-poplu Malti. Il-kwistjoni tal-lingwa jew aħjar l-għarfien tal-Malti bħala l-lingwa uffiċjali tal-gżejjer Maltin ġabet magħha firda fil-politika, tant li saħansitra pajjiżna tilef il-kostituzzjoni. Kien hemm dawk li riedu li t-Taljan jibqa' l-ilsien uffiċjali tal-qrati, tal-knisja, taċ-ċivil, tat-tagħlim fl-iskejjel. Oħrajn riedu li l-Ingliż, li snin qabel kien daħal *pari passu* mat-Taljan, isir l-ilsien "nazzjonali", waqt li Maltin oħra riedu li l-Malti jieħu l-post li jixraqlu fost il-Maltin, f'Malta fejn twieled u trabba. Imħabba dan it-taħwid politiku, min kien iħobb il-Malti kien miżmum bħala għadu tal-Gvern, għadu tal-kultura, għadu tal-Knisja. U għalhekk, b'loġika tal-għaġeb, il-kittieba u l-ħaddiema tal-Malti kienu miżmumin bħala Striklandjani (li kienu jimbuttaw il-Malti biex miegħu jidħol ukoll l-Ingliż).[6] Il-Maltin li kien iħobbu lsien art twelidhom kienu għalhekk meqjusa bħala għedewwa tal-Knisja. Din it-tgħajjira laqagħha Dun Karm u bħalu laqagħha Saydon kif ukoll oħrajn. Il-Professur Saydon u sħabu ma kinux jibżgħu mit-tgħajjir giddieb. Il-fehma tagħhom kienet sħiħa. Il-Malti għall-Maltin, il-Malti fuq kollox u qabel kollox, imbagħad ħalli jiġu l-Ingliż, it-Taljan u kemm lingwi oħrajn. Għalhekk wieħed jista' jaħseb f'liema baħar sab ruħu Saydon malli ħa f'idejh it-tmexxija tal-Għaqda tal-Malti (Università). Jgħid Saydon "fis-6 ta' Settembru 1932, il-Gvern ħareġ ordni li l-Malti fl-iskejjel għandu jintgħallem u jinkiteb kif jitkmellmuh u kif jinħass fil-widna u bħala għajnuna għat-Taljan ..."[7] Din kienet bidu ta' ġlieda qalila bejn l-Għaqda, l-Gvern u l-Università. B'ordni tal-Ministru tat-Tagħlim, il-laqgħat tal-Għaqda nqatgħu mill-Università. Ir-Rettur ta' l-Università, billi deherlu li l-Għaqda kienet ħadet xejra politika *(has lately taken a decided*

---

**Saydon kien applika biex jilħaq Professur ta' l-Iskrittura u l-Ebrajk f'Awissu 1924 meta l-post kien vakat mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mikiel Gonzi. Saydon ma kienx intgħażel (aktar tagħrif jinstab fil-kitba tiegħu "L-aħħar kelma" - *Il-Malti* - Marzu 1954). Huwa reġa' applika f'Settembru 1931 fejn ie magħżul b'salarju ta' £150 fis-sena. Ara Appendiċi 2 u 3 Kopja ta' l-applikazzjonijiet ta' Saydon għall-post ta' Professur, fejn naraw il-kwalifiki tiegħu sad-data ta' l-applikazzjoni.

*political bias*)[8] ma riedx li jibqa' President Onorarju tagħha. L-Għaqda kienet fil-periklu li tispiċċa fix-xejn. Iżda Saydon ma beżax u la mit-theddid u lanqas mit-tgħajjir. Baqa' jaħdem kif kien qabel. Żamm l-isudenti u l-Għaqda marbuta miegħu. Il-laqgħat baqgħu jsiru barra mill-Università u *Leħen il-Malti*, kif qalli hu stess, baqa' joħroġ bi flusu. Għalkemm l-għedewwa tal-Malti kienu ħorox, il-Malti ma mietx. Saydon u l-istudenti ta' madwaru kien lesti joħduha kontra l-irwiefen kollha u juru t-triq tas-sewwa. Bħala mexxej ta' din l-għaqda Saydon kiteb[9] lill-Gvernatur Sir Harry Luke fis-7 ta' Novembru 1933, biex jurih l-għanijiet u l-ħidma tal-membri fi ħdan l-għaqda, u fuq kollox biex jurih liema linja għandu jieħu t-tagħlim tal-Malti. F'din l-ittra Saydon, fost affarijiet oħra, semma' li l-Malti għandu:

(i) jiġi mgħallem fl-iskejjel elementari tal-Gvern;
(ii) jiġi mdaħħal fl-eżaminiet taċ-Ċivil;
(iii) mgħallem u miktub skond it-TAGĦRIF tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fil-klassijiet ta' fil-għaxija fil-Liċeo tal-Gvern, fis-"Central" u t-"Training Schools";
(iv) ikun miktub skond ir-regoli tal-Għawda kull kitba uffiċjali, records legali, u formolarju użat mil-Pulizija.

F'din l-ittra Sadon ilmenta minn attakki politiċi li ħafna drabi ltaqgħu magħhom il-kittieba tal-Malti.

Għalkemm Saydon kellu tweġiba pożittiva mill-Gvenatur, sena wara, fid-19 ta' Ottubru 1934, Saydon, li ma kienx jaqta' qalbu, reġa' kitiblu[10] fejn

(i) talbu li t-tagħlim tal-Malti għandu jidħol mill-iżgħar klassijiet ta' l-iskejjel elementari sa l-ogħla klassijiet tal-Liċeo u li l-Malti għandu jkun suġġett obbligatorju għad-dħul maċ-Ċivil, fl-eżamijiet għal dawk li ser ikunu għalliema mal-Gvern, u bħala eżami tal-Matrikola għal studenti li jispiraw jilħqu Periti, Prokoraturi Legali, Nutara, u Avukati.
(ii) qallu li kienu qegħdin jiġu mħejja żewġ antoloġiji ta' l-aħjar kittieba tal-Malti u li dawn huma differenti mill-kotba ta' E.B. Vella. L-Għaqda tal-Malti tħoss li l-Gvern għandu jidħol għall-istampar ta' dawn iż-żewġ kotba li għandhom iservu bħala l-kotba tat-tagħlim tal-Malti fil-liċeo.
(iii) talbu lill-Gvernatur biex jaħtar kumitat biex jieħu ħsieb it-tagħlim tal-Malti f'dak li jirrigwardja kotba, sillabi u eżamijiet.

Dan jurina li l-Għaqda ma nqerdetx u *Leħen il-Malti* baqa' ħaj u b'saħħtu. U dan kollu bis-saħħa u l-ħidma bla heda tal-Professur Saydon li mexxa l-istudenti fit-triq tar-rebħa. Għalhekk lilu nafuh li l-Malti mkeċċi mill-Università reġa' daħal rebbieħ u tela' sa fuq il-katedra mat-Taljan u ma' l-Ingliż. Fi kliem Saydon "fit-22 ta' Novembru 1933, il-Għaqda reġgħet daħlet rebbieħa fis-swali ta' l-Università fejn akbar rebħiet kienu jistennewha."[11] Fost

dawk l-istudenti kien hemm il-mibki Professur Ġużè Aquilina, li kif jgħid Ġużè Cassar Pullicino kellu sehem qawwi bil-pinna tiegħu, li kien spalla ma' spalla ma' Saydon".

Il-ħidma tal-Professur Saydon ma spiċċatx mar-rebħa tal-Malti. Tassew li meta l-Malti tela' rebbieħ fuq il-katedra ta' l-Univerità, l-Professur Saydon reħa t-tmexxija tal-Għaqda f'idejn il-Professur Aquilina, li kien Professur ġdid tal-Malti; iżda dan ma jfissirx li l-Professur Saydon waqaf u ma baqax jaħdem aktar għall-Malti. Sa minn meta kien għadu President tal-Għaqda kien tħajjar mill-Professur Temi Zammit biex jikteb xi novelli fuq l-istil tiegħu u kiteb aktar minn novella waħda li kull waħda qisha kwadru mill-ħajja. Dnub jaħasra li ma kitibx aktar.

## Il-Bibbja bil-Malti mill-Oriġinali

Ħidma oħra kbira tal-Professur Saydon, mibdija qabel ma laħaq Professur fl-1929 u mitmuma tletin sena wara fl-1959, hija t-traduzzjoni tal-Bibbja. Xogħol maħdum minnu waħdu. X'kien dan ix-xogħol li daħal għalih? Kien il-qari tat-test oriġinal, it-traduzzjoni u l-kitba ta' kull kelma li hemm fit-tnejn u sebgħin ktieb tal-Bibbja, il-qari tal-provi mill-istampa, il-pubblikazzjoni tal-kotba, in-nefqa tal-flus, u t-tixrid tal-kelma t'Alla fost il-poplu Malti. L-għożża li biha għamel dan ix-xogħol insibuh miktub minnu stess fil-kitba tiegħu "Qlib il-Kotba Mqaddsa bil-Malti" fejn jgħid: "jekk ma nafux kemm tħabat it-tradutur biex tana f'idejna dik it-traduzzjoni ma jistax jkun li aħna ngħożżu biżżejjed u kemm ħaqqu x-xogħol tiegħu; u jekk ngħożżuh, tkun għożża għamja, bla għaqal, bla sens. Xi drabi ngħożżuh bħala ktieb bil-Malti iżda bla ma naqrawh, u din hi għożża belha; xi drabi ngħożżuh għax għoġbitna xi biċċa li nkunu rajna, u din hi għożża tajba imma nieqsa, xi drabi ngħożżuh għax nafu kemm u kif ħadem il-kittieb biex tana dan il-ktieb, u din hi l-għożża li kull kittieb jixtieq li xogħlu jkun milqugħ biha." Kienu l-membri tal-Museum li apprezzaw dan ix-xogħol monumentali u uniku fil-lingwa Maltija. Għalhekk fl-1959 Malta kellha l-Bibbja tagħha bil-Malti, kollha kompluta, maqluba mill-oriġinal, bħalma kellhom ħafna snin qabel pajjiżi Kattoliċi oħra. Dan tafu biss lejn il-għaraq u l-ħidma bla serħan taż-Żurrieqi Professur Saydon li qatt ma qata' qalbu u la minn nefqa ta' flus u lanqas minn ebda tfixkil ieħor li ra matul is-snin. Kienet ħolma li wettaqha, opra mibdiha f'żgħożitu u mitmuma fi xjuħitu. Għadni niftakar kemm kien ferħan, Saydon, meta wara l-Konċilju Vatikan II, l-knisja warrbet il-Latin mill-Liturġija biex f'loku, f'kull pajjiż tad-dinja, daħħal l-ilsien li bih kien jitkellem il-poplu. Li kieku ma kienx hemm il-Bibbja ta' Saydon lesta, forsi konna nsibu diffikultajjiet u problemi biex inwettqgħu x-xewqa tal-Papa Pawlu VI minnufih. Saydon kien qalli: "Il-ħidma

tiegħi għall-Malti u t-traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti ma kinetx għalxejn. Din hija rebħa oħra kbira fix-xogħol li jien wettaq." Kien ferħ sinċier minn fomm il-Professur, ferħ ferm akbar mill-Honoris Causa li Universita ta' Malta, f'dik is-sena kienet onorat lil Saydon, għaliex Saydon kien qassis umli li ma fittex it-tlellix tal-midalji u taċ-ċeremonji, iżda il-ħemda ta' kamartu f'nru 49 Piazza Maggiore, (u aktar 'l quddiem Churchill Square), Iż-Żurrieq, jew fix-xhur tas-sajf f'dar is-Sliem f'Benghisa.

Il-ħidma tal-Professur Saydon għall-Malti tidher mhux biss hawn Malta iżda barra wkoll. Ġieli kiteb fuq il-Malti f'rivisti barranin. Artiklu interessanti ħafna li fih lista ta' grammatiki, dizzjunarji u studji fuq il-Malti, "Bibliographical Aids to the Study of Maltese", bil-ġudizzji tiegħu fuq kull wieħed kien ippubblikat l-Amerka fil-*Journal of Near Eastern Studies* (1953 Jannar/April). Tkellem ukoll fuq il-Malti f'kungressi Internazzjonali quddiem għorrief mid-dinja kollha.

## Konklużjoni

Minn din id-daqqa ta' għajn ħafifa dwar il-ħidma tal-Professur Saydon għall-Malti nistgħu inqassmu x-xogħol tiegħu fi tliet taqsimiet: l-ewwel Saydon bħala filologu tal-Malti, it-tieni bħala kittieb oriġinali u t-tielet bħala traduttur tal-Bibbja. Iżda il-ħin ma jippermettilix li ngħaddi biex nagħrbel fil-fond din il-ħidma ta' Saydon. Dawn huma studji fihom infushom li wieħed jieħu ferm fit-tul biex jispejghom.

Waqt li nirringrazzja lill-Kunsill Lokali u lill-organizzaturi ta' din s-serata, u lilkom mistednin li b'sabar qgħadtu tisimgħuni, nagħlaq billi insellem lil dan il-qassis Żurrieqi b'tislima minn qalbi.

Ħabib sirt nafek fi ċkuniti,
Miegħek qattajt jiem sbieħ ta' tfuliti,
Rajtek kemm-il darba tħażżez u tikteb
Bla ma fhimt li dak kien kliem il-għerf
Bla ma ntbaħt kemm hu għażiż
Dak li ktibt, Kemm hu qaddis.

Għaddew is-snin
U gerbeb iż-żmien;
Intesew ħakmiet;
Iżda int Saydon
Kbir kont u Kbir tibqa',
Jaqilbu kemm jaqilbu l-ġrajjiet

Saydon, int kont l-istudjuż Malti
Li għext ħajtek għal dan l-ilsien.
Saydon, int kont il-qassis Żurrieqi
Li wassalt il-kelma tal-Mulej
Bl-ilsien li bih jitkellmu l-Maltin

U fuqek indur issa, raħal tfuliti

Ftaħar b'dan ibnek ġenju
Li fik twieled, trabba, għex u miet.
Żurrieq – Ħa jibqgħu uliedek, u ulied uliedek
Jiftaħru b'dan ibnek
U jfakkruh matul is-snin.

## Noti

1. Taħdita li saret nhar l-1 ta' Ġunju 2000, f'Jum Iż-Żurrieq bit-tema "Il-Ġganti tar-Raħal", organizzat mill-Kunsill Lokali.
2. *Leħen il-Malti*: Diċembru 1935.
3. Tagħrif miġbur mill-Arkivji ta' l-Uffiċċju tal-Matsec – Università ta' Malta.
4. Tagħrif miġbur mill-Arkivji tal-librerija, taqsima Meltensia – Università ta' Malta.
5. *Ward ta' Qari Malti* Vol III, p. 253–256.
6. *Maltese Political Development 798–1964 – A documentary history* compiled and edited with Introductory notes by Henry Frendo 1993; Document 59 p. 340ff.
7. *Leħen il-Malti*: "Wara Għaxar Snin" Marzu–April 1941.
8. *Leħen il-Malti*: Nru 25 p. 16 Ktib u tweħib ta' ittri.
9. *Aquilina u l-Malti* – Ġ. Cassar Pulicino K.K.M. nru 39/40 p. 173–175.
10. Ibid. 9.
11. *Leħen il-Malti*: "Wara Għaxar Snin" Marżu–April 1941.
12. *Aquilina u l-Malti* – Ġ. Cassar Pulicino K.K.M. nru 39/40 p. 16ff.

## Riferenzi


1. *Leħen il-Malti* 1931–1940.
2. Saydon: Arkivji tal-librerija, taqsima Melitensia – Univesità ta' Malta.
3. *Maltese Political Development 798–1964 – A documentary history* compiled and edited with Introductory notes by Henry Frendo 1993.
4. Sammut, A., *Mill-Pinna ta' Saydon* (K.K.M., 1972).



STATUT TAL-GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ).

Għan (Skop). Din l-Għaqda mwaqqfa biex tħarreġ l-istudenti fil-kitba tal-Malti, biex ixxerred il-kitba u l-qari tajjeb tal-Malti u biex iżżomm dejjem għoli ġieh il-lsien Malti.

Isem. Isem l-Għaqda jkun "Għaqda tal-Malti (Università)".

Dħul. Jista' jidħol fil-Għaqda kull min hu, jew kien, marbut mal-Università bit-tagħlim, jiġifieri studenti, nies tal-professjoni, ~~[illegible]~~. Id-dħul isir b'talba lill-[illegible] magħmula lis-Segretarju u mgħoddija mill-Kumitat. Il-Kumitat jista' ma jilqax it-talba u jista' ukoll ikeċċi mill-Għaqda dawk il-membri li ma jkabbrux għall-ġid tal-Għaqda jew li jagħmlu ħsara lill-Għaqda.

Kumitat. Il-Għaqda tkun immexxija minn kumitat ta' sebgħa jiġifieri President, Segretarju, Kaxxier u erba' membri. Ir-Rettur tal-Università ikun dejjem mitlub biex ikun il-President onorarju [illegible] fi uffiċċju [illegible].

Il-Kumitat ikollu l-jedd idaħħal membri ġodda u jagħti l-membri [illegible], [illegible] [illegible] u jfassal ir-regolamenti [illegible] jinqala' xi [illegible].

Il-Kumitat jinbidel kull sena.

Laqgħat. Darba fix-xahar, kemm jista' jkun, issir laqgħa tal-membri biex jinqraw [illegible] tal-kitba tagħhom. Is-Segretarju għandu jkun [illegible] bil-kitba li sa jinqraw, [illegible] [illegible] [illegible]. [illegible] il-membri li ma jiġux [illegible] għal erba' laqgħat [illegible] [illegible].

Lsien il-Malti. Il-Għaqda tħeġġeġ [illegible] kull xahar [illegible] lsien il-Malti u, jekk tkun tista', [illegible] tagħlim tal-Malti.

[illegible]

28th August 1924.

To the Secretary of the University.

Application of the Rev. P. P. Saydon
for the Chair of Holy Scripture and Hebrew
in the University.

Sir,

Whereas the Chair of Holy Scripture and Hebrew in the University has been made vacant by the promotion of the late occupant, Prof. Mons. M. Gonzi to the Bishopric of Gozo, and notice for filling the said vacancy has been duly published, the undersigned hereby begs to be allowed to succeed Prof. Mons. M. Gonzi in the Chair of Holy Scripture and Hebrew.

The applicant submits the following claims:—

1. He studied in the University of Malta where he received the degree in Theology (Doctor of Divinity) in 1919.

2. He followed a biennial course (1915-1917) of Holy Scripture and Hebrew in the University of Malta, and underwent the annual examinations always obtaining the highest number of marks.

3. After completing his studies in the University, the applicant went to Rome to enter upon a higher course of biblical studies and oriental languages in the newly founded Biblical Institute. There he underwent the yearly examinations, obtaining invariably the qualification "Passed with honours", and

at the end of the second year he obtained the Academical degree. He also highly distinguished himself in the study of Hebrew (see certificates herewith annexed). Special training was provided for teaching and lecturing.

Lastly His Holiness Pope Pius XI in a "Motu Proprio" dated 27th April 1924 expressed his desire that no one should be appointed to teach Holy Scripture upon whom the academical degree had not been conferred by the Biblical Institute or by the Biblical Commission.

Trusting that this application may receive due consideration.

I have the honour to remain,

Sir,

Your obedient servant

Rev. P.P. Saydon

Rev. P.P. Saydon
47, Piazza Maggiore - Zurrieq

To the Honourable Rector of the University.

Application of the Rev. P. P. Saydon for the Chair of Holy Scripture and Hebrew in the University.

Honourable Rector,

Whereas the Chair of Holy Scripture and Hebrew in the University has been made vacant, and notice for filling the vacancy has been duly published, the undersigned hereby begs to be allowed to succeed the late Professor in the Chair of Holy Scripture and Hebrew.

The applicant submits the following claims :—

1. He was a regular student of the University of Malta where he received the degrees in Literature (D.Litt, 1915), in Canon Law and Theology (J.C.B, D.D, 1919), securing always the highest number of marks and the distinction "Passed with Honours", and winning the Government prize of £120.

2. He followed a biennial course (1915-1917) of Holy Scripture and Hebrew in the University and underwent special examinations always obtaining the highest number of marks.

3. After completing his studies in the University, the applicant went over to Rome to enter upon a post-graduate course of biblical studies and oriental languages in the Pontifical Biblical Institute, which is the only college founded by the Pope (Pius X, Litterae "Vinea electa", 7th May, 1909) for the purpose of forming professors and preserving catholic

teaching free of all liberal tendencies. (ut unde bona
pareatur copia magistrorum qui gravitate et sinceritate
doctrinae commendati, in scholis catholicis Divinos inter-
pretentur Libros [illegible], Pope Pius X, 23rd February 1904).
There he underwent the yearly examinations obtaining
invariably the qualification "Cum laude", and at
the end of the course he obtained the degree "Licen-
tiate of Holy Scripture," "qui eos tribuat ad sui biblica
magisterium una cum titulo Lectoris seu Professoris
S. Scripturae (Pope Pius X, 11th June 1912)". Special
training was provided for teaching and lecturing.
The applicant encloses herewith copy of the Acta Ponti-
ficii Instituti Biblici, which contains a brief summary
of the most important Pontifical Documents and the
programme of Studies followed in the Biblical Insti-
tute for the attainment of the academical degrees.

4. In the year 1924 he applied for
the Chair of Holy Scripture and Hebrew in the Univer-
sity, which has been made vacant by the promotion
of Prof. Gonzi to the Bishopric of Gozo.

5. Subsequently, in 1926, he has been
appointed Examiner of Holy Scripture in the Seminary,
and later, Examiner of Holy Scripture and Hebrew
in the University.

6. In the year 1926 Mgr. M. Gonzi, Bi-
shop of Gozo and Professor of Holy Scripture in this Uni-
versity, asked the applicant to teach Holy Scripture in
the Seminary of Gozo, thus recognising the applicant's
merits and certifying to his teaching abilities.

7. In that same year he has been
offered by the Congregation of Studies the Chair of
Holy Scripture in the regional Seminary of Catanzaro
(Italy) which is subject to the immediate jurisdiction
of the said Congregation. The Congregation of Studies

is the supreme authority in matters regarding catholic teaching.

8. His Holiness Pope Pius XI in a "Motu proprio" dated 27th April 1924 expressed his desire that no one should be appointed to teach Holy Scripture, upon whom the academical degrees had not been conferred by the Biblical Institute. "Nullus item Sacrarum Litterarum disciplinae in Seminariis tradendae doctor esto, nisi confecto peculiari eiusdem disciplinae curriculo, gradus academicos apud Commissionem Biblicam vel Institutum Biblicum adeptus legitime sit."

9. Lastly, the applicant lays stress upon the fact that he is the first and <u>only</u> University student that has followed a regular course of biblical studies and obtained the academical degrees therein.

10. The applicant submits also the following literary merits :—

a). He is the author of an essay: "La versione dei Salmi nel Codice Vaticano Arabo 450", being an investigation into the origin and critical value of that version in relation to the Greek version and to other oriental versions of the Bible. The work, which is meant to be a preparation for further investigations on this subject, is being printed by the Pont. Biblical Institute of Rome.

b) He is actually engaged in a Maltese translation of the whole Bible from the original languages, Hebrew and Greek, according to critical and scientific methods. The five books of Moyses and the book of Joshua have so far appeared.

c). He took part in the XVIIth International Congress of Orientalists which has been held in Oxford in 1928, and was invited to the XVIIIth Congress



which is being held (Sept. 1931) in Leyden.

d). minor contributions on biblical subjects to the local press.

Trusting that this application may receive due consideration,

the applicant has the honour to remain

Sir,

Your obedient servant

Rev. P. P. Saydon

14th Sept. 1931

Rev. P. P. Saydon, Zurrieq.

# Ġanni A. Cilia (1904–1999)
# Bniedem li ħadem mingħajr ebda interess*

*Louise Abela*



Ġanni A. Cilia, bin Ġużeppi u Marija Grazzja nèe Zerafa, twieled Ħaż-Żebbuġ fis-6 ta' Jannar 1904. Attenda l-iskola primarja ta' Ħaż-Żebbuġ u kompla bl-istudju tiegħu fit-*Teachers' Training School*. F'Ottubru ta' l-1920 beda jgħallem f'Ħaż-Żabbar iżda sena wara ntbagħat Ħal Qormi fejn dam sentejn sħaħ jgħallem.

Fl-1923 infetħu l-ewwel libreriji pubbliċi f'għadd ta' rħula, b'Dun Karm Psaila bħala d-direttur. Meta s-Sur Cilia induna li nfetħet waħda fis-Siġġiewi u ma nfetħitx waħda f'raħal twelidu, dan kiteb lill-Ministru ta' l-Istruzzjoni Mons. Francesco Ferris. Fl-ittra tiegħu, Cilia, ġuvni ta' 19-il sena, wera d-diżappunt tiegħu u offra li jekk tinfetaħ librerija f'Ħaż-Żebbuġ, lest li joffri s-servizz tiegħu bla ħlaṣ. Xahar wara, Dun Karm għarrfu li se tinfetaħ librerija fir-raħal u li hu kien ġie inkarigat biex jieħu ħsiebha: infatti din kienet tinfetaħ għal sagħtejn kuljum fl-iskola Primarja.

Fl-1923 intbagħat fis-*Central School* tal-Belt fejn għallem il-Matematika sakemm fl-1925 laħaq aġent surmast u ġie trasferit għall-iskola Primarja tax-Xewkija Għawdex. Kien proprju hawn li ltaqa' mal-mara tiegħu Mikelanġela Azzopardi. Madanakollu, sena wara, jiġifieri f'Ottubru ta' l-1926 laħaq surmast u ntbagħat fl-iskola Primarja ta' l-Imġarr Malta, fejn dam jokkupa din il-kariga sa l-1964, meta rtira bil-pensjoni. Ġanni Cilia, li għal 73 sena għex fl-Imġarr u rabba familja ta' erba' wlied, miet fl-4 ta' Lulju 1999, wara li kien ittajjar minn karozza.

Is-Sur Cilia minn dejjem kien difensur kbir tal-Malti u dan wasslu biex jaħdem bis-sħiħ sabiex il-lingwa Maltija tiżviluppa bl-aħjar mod. Infatti fl-1935, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni Dr. Laferla kien staqsa lis-Sur Cilia biex jikteb xi kotba bil-Malti. Minħabba l-fatt li Cilia kien jaħseb li l-ortografija

tiegħu ma kinetx preċiża ħafna, ta' kull nhar ta' Sibt kien imur ħdejn Ninu Cremona fil-Palazz fejn kien jaħdem bħala Traduttur Uffiċjali tad-dokumenti uffiċjali biex iġib il-Malti tiegħu iktar 'il quddiem. Dan wasslu biex fl-1935 Cremona introduċieh ma' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u ħeġġu biex ikun kontributur regolari fir-rivista ta' din l-għaqda, *Il-Malti*[1] kif ukoll f'*Leħen il-Malti* ta' l-Għaqda tal-Malti (Università). Għal dawn iż-żewġ rivisti, Cilia kiteb għadd ta' artikli b'temi varjati bħal *Xerbekk*, *Pensjonant*, *Surmast u Ħabib*, *X'għallimni Dr. Cremona*, *Poeżiji ta' Orazju Vella*, *Ġunju fil-Folklor*, *Ħidma Għalenija*.

Ninu Cremona u E.B. Vella, *inspector* tal-Malti, kienu inkarigati minn Dr. Laferla biex jippreparaw il-grammatika bil-Malti imma, minħabba li dawn ma qablux fuq xi ideat, Laferla għażel lil Cilia biex jieħu post Vella. Cremona u Cilia damu jiltaqgħu kull nhar ta' Sibt fl-uffiċċju ta' Cremona għal tliet snin sħaħ u xogħol is-Sur Ġann kien li jikteb dawn il-punti b'mod iggradat u jaddattahom għall-abbilità tat-tfal. Kien għen ukoll lil Cremona fit-tfassil tal-grammatika tal-Malti u meta Cremona u Cilia ma kinux jaqblu fuq xi punt grammatikali, Cilia kien jikteb lill-ħabib tiegħu Ġanni Vassallo, reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex, biex jagħtihom parir fuq id-diffikultà. Cilia jiftakar[2] li wieħed mill-argumenti li kellu kien dwar kif għandhom jinkitbu 'tlett' u 'tliet'. Dan minħabba li skond Cremona, 'tlett' għandha tintuża biss ma kliem b'sillaba waħda, bħal 'tlett iklieb' jew 'tlett ibniet'. Għall-kuntrarju ta' dan, Cilia kien ħaseb li 'tlett' tista' tinkiteb ukoll quddiem kliem li għandu iktar minn sillaba waħda, bħal 'tlett iżwiemel'. Iżda fl-ittra li kien irċieva mingħand Vassallo, kien ingħata l-parir li kien ikun aħjar li jħalluha b'sillaba waħda.

Il-ħidma ta' Cilia fil-qasam letterarju fi ħdan l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ġiet rikonoxxuta mill-Akkademja tal-Malti fit-30 ta' Ġunju 1989[3], meta ġiet organizzata serata f'ġieħ l-aktar tliet membri anzjani ta' l-Akkademja, jiġifieri s-Sur Ġanni Cilia, is-Sur Ġorġ Pisani u l-Avukat Ġorġ Zammit. L-Akkademja għarfet il-ħidma siewja u l-kontribut li ta Cilia b'riżq il-grammatika Maltija.

Barra minn hekk is-Sur Cilia kien imdaħħal sewwa fix-xandir, tant li bejn l-1951 u l-1964, kien itella' diversi programmi fuq ir-*Rediffusion* għat-tfal ta' l-iskola, u x-xandiriet kienu jiġu segwiti mit-tfal fil-klassi għall-ħabta tas-sagħtejn. Is-Sur Cilia kien jikteb l-iskripts tal-programmi bbażati fuq stejjer folkloristiċi ta' Manwel Magri u jippreżentahom hu stess fuq ir-*rediffusion*. Is-Sur Cilia kien magħruf l-iktar bħala *In-Nannu tal-Ħrejjef* minħabba l-fatt li matul il-programmi, hu kellu r-rwol ta' nannu li qiegħed jirrakkonta storja lil tlitt itfal: infatti kien jibda billi jgħidilhom "Ħalli ngħidilkom xi ġralu...". Barra minn hekk bejn l-1992 u l-1993, ittellgħu żewġ sensiliet ta' tnax-il programm kull waħda bl-isem *Qratas tal-Karamelli* minn P.P. Ciantar. Matulhom is-Sur Ciantar intervista lil Cilia dwar diversi temi u esperjenzi

minn ħajtu. Għal dawn il-programmi Cilia kien iħejji ruħu billi jagħmel riċerka dettaljata dwar is-suġġett li fuqu kien ikun ser jitkellem. Kien għalhekk li kellu d-drawwa li jniżżel xi punti siewja biex isemmihom waqt il-programm.

Matul il-karriera ta' surmast, Cilia kien jieħu pjaċir jgħin lill-għalliema tiegħu fil-preparazzjoni tax-xogħol. Infatti hu kien ħejja xi kotba (mhux ippubblikati) bħala skema ta' xogħol għall-għalliema biex jgħinhom fil-proċess tat-tagħlim tagħhom. L-eżerċizzji skolastiċi li kien ħadem fuqhom kienu jinkludu l-Malti, l-Ingliż, il-Matematika kif ukoll l-Edukazzjoni Fiżika. Matulhom Cilia kien ħa ħsieb li jolqot kull aspett edukattiv filwaqt li l-istudenti jitgħallmu u jieħdu pjaċir. L-eżerċizzji preparati huma kollha gradati u jinkludu diversi metodi tat-tagħlim, ngħidu aħna s-smigħ, il-kitba u t-taħdit.

Għalkemm is-Sur Cilia kien Żebbuġi, ir-rabta tiegħu ma' l-Imġarr kienet kbira ħafna tant li dejjem ħadem kemm felaħ sabiex dan ir-raħal jimxi 'l quddiem mhux biss fil-qasam edukattiv imma wkoll f'għadd ta' oqsma oħra, u dan wasslu biex jibqa' magħruf u maħbub fost l-Imġarrin. Il-ħidma li wettaq matul kważi seklu sħiħ għadha tidher sal-lum. Infatti s-Sur Ġann ħadem bis-sħiħ sabiex tinbena l-knisja ta' l-Imġarr għax kien inkarigat mill-ġbir tal-flus għall-bini tal-knisja u tal-koppla. Fil-fatt fl-1936 Cilia u l-imgħallem-bennej Imġarri Ġamri Camilleri s-Saqqafi, ħażżew il-pjanta tal-koppla tal-knisja, u f'Awissu ta' l-1938 ġie ppubblikat għall-ewwel darba l-innu għall-festa ta' Santa Marija, bi kliem ta' Ġanni Cilia u mużika tas-Surmast V. Ciappara. Fl-1963, megħjun minn ibnu Emanuel, ħażż il-pjanta tal-paviment ta' l-istess knisja.

Għall-festa ta' Santa Marija minn dejjem kienet marbuta ma' qalb il-poplu Mġarri, u għalhekk is-Sur Cilia kien introduċa l-purċissjoni tas-seba' Santamarijiet. Fil-15 t'Awissu s-Sur Ġann kien jorganizza pellegrinaġġ fejn in-nies kienu jinġabru lejliet il-festa u jitilqu jduru fl-irħula Maltin l-oħra fejn jiċċelebraw l-istess festa, jiġifieri Ħad-Dingli, il-Qrendi, l-Imqabba, il-Gudja, Ħal Għaxaq, Ħ'Attard u l-Mosta u din il-mixja kienet isseħħ lejliet il-festa. Hu jiftakar li wieħed mill-mexxejja li kien jieħu ħsieb din it-tradizzjoni kien Saver, li matul it-triq kien jgħid ir-rużarju, filwaqt li hekk kif jaslu quddiem il-knejjes, kienu jidħlu jinvistaw lil Ġesù Sagramentat u jitolbu lill-Madonna, u jekk kienu jsibu l-knisja magħluqa, kienu jinvistaw minn wara l-bieb tal-knisja.

Drawwa oħra li s-Sur Cilia daħħal fil-parroċċa ta' l-Imġarr hi marbuta mal-festi tal-Milied. Waqt il-preparamenti ta' l-ewwel Milied tiegħu fl-Imġarr, dak ta' l-1926, Cilia bħala s-surmast ta' l-iskola kien ġie mgħarraf li normalment il-priedka tal-Milied kienet issir minn tifel mill-Mosta. Din l-idea m'għoġbitu xejn u għalhekk iddeċieda li jagħżel lil Tommy Galea tas-Sufarin, tifel t'għaxar snin mill-Imġarr biex jagħmel il-priedka. Dun Edgar Salamone, il-kappillan tal-parroċċa, hekk kif sar jaf b'din id-deċiżjoni, kiteb l-iskript tal-priedka, taħ

lis-Sur Ġann u dan ħa ħsieb jgħallimha lit-tifel. Barra minn hekk Cilia ħa ħsieb jorganizza l-ewwel purċissjoni bil-Bambin mat-toroq ta' l-Imġarr. Għall-purċissjoni, Cilia kien għażel madwar għoxrin tifel mill-Imġarr u kien ilaqqagħhom wara l-iskola biex jippreparaw il-kant; magħhom kien ikun hemm ukoll min idoqq l-orgni tal-ħalq u l-kitarri.

Il-palk minn dejjem ġibed ħafna nies, u meta żagħżugħ mill-Imġarr avviċina lil Cilia biex jibda jgħallem it-teatrin, dan aċċetta mill-ewwel u beda juri interess f'dan il-qasam. L-ewwel teatrin sar fl-1932. Cilia, għalliem u surmast, malajr ħaseb li, barra li din setgħet tkun opportunità ta' divertiment, setgħet isservi wkoll bħala esperjenza edukattiva, għax permezz tat-teatru kienu ser jitgħallmu kemm l-atturi kif ukoll l-ispettaturi. Cilia kellu r-responsabiltà li jkun dak li jikteb l-iskript, il-poeta, il-*producer* u s-suġġeritur, u minħabba li l-atturi ma kinux jafu jaqraw kienu jeħtieġu ħafna prattika minkejja li kienu jafu jżidu l-kliem u l-ġesti minn jeddhom. L-ewwel kunċert kien sar fir-remissa li silifhom Ġanni ta' Qaħħ, u wara l-kappillan Dun Edgar tahom żewġ kantini minn tal-knisja: b'hekk bdiet *Il-Kumpanija tal-Kruxxun*.

Il-kruxxun kien tip ta' furkettun b'żewġ sinniet jew tlieta. Din il-biċċa għodda kienet għadha kif ġiet introdotta fl-għelieqi tal-bidwi Malti. L-idea wara dan l-isem kienet li juru lil kulħadd li bħala żgħażagħ moderni, kienu lesti li jaċċettaw metodi ġodda fil-biedja. Wara xi sentejn li twaqqfet din il-kumpanija, Frankie Diacono, iben Carlo Diacono, kiteb il-mużika ta' l-innu għal din il-kumpanija wara li Cilia kien kiteb il-lirika. Dan l-innu kienu jkantawh fil-bidu tas-serata, u b'hekk kien jagħti bidu għar-reċti. Il-kitbiet li kienu jsiru minn Cilia nnifsu, kienu jkunu bbażati fuq il-ħrejjef Għarbin ta' l-Elf Lejla u Lejla (*Arabian Nights*), jew inkella xi ħrafa miktuba minn Sir Temi Zammit. Filwaqt li kienu jħallu s-sens kollu ta' l-istorja, kienu jżidulhom xi ċajta. Il-kostumi kienu jinġiebu mingħand il-kappillan jew jissellfu mingħand tal-familja stess.

Bejn l-1958 u l-1982 Cilia flimkien ma' Monsinjur Ġużepp Vella kellu l-kariga ta' ġudikatur waqt il-konkorsi teatrali. Ta' kull nhar ta' Ħadd kienu jitilgħu diversi gruppi mill-irħula Maltin biex jirreċtaw. F'serata finali s-Sur Ġann kien jaqra l-isem tal-grupp rebbieħ.

Esperjenza oħra li ġarrab is-Sur Cilia kienet dik ta' matul it-Tieni Gwerra Dinjija, fejn Malta, f'alleanza ma' l-Ingilterra, inħakmet minn attakki ħorox mill-għadu Ġermaniż. Il-gvern ta' dak iż-żmien kien talab lill-awtorità tal-knisja biex tħeġġeġ lil kull raħal biex iwaqqaf kumitat ta' l-*Air-Raid Precaution* (ARP). Għalhekk l-Imġarr ifforma l-kumitat tiegħu, li kien jikkonsisti minn Dun Edgar bħala l-president, is-Sur Cilia segretarju, Dr. Francis Pullicino, li kien it-tabib tad-distrett, is-Sur Randu Galea u xi membri oħrajn. Minħabba l-impenji li l-kappillan u t-tabib kien ikollhom fir-raħal, is-Sur Cilia kien imissu jmur għal-laqgħa fil-Palazz tal-Gvernatur il-Belt. Waqt

waħda minn dawn il-laqgħat, li saret f'Marzu 1941, u li kienet mmexxija mill-Assistent Governatur jew minn xi prinċipal tal-gvern, Cilia ssuġġerixxa li f'Malta għandhom jitħaffru xelters tmien piedi taħt il-blat. Minħabba l-pariri ta' xi esperti Franċiżi rigward il-fond tax-xelters, dawn ma sarux qabel l-1941.

Waqt il-gwerra l-Imġarr laqa' fih "madwar seba' mitt refuġjat, il-biċċa l-kbira minn Ħaż-Żabbar, ftit minn tas-Sliema, il-Ħamrun u l-Mosta. Fost dawn ir-refuġjati ġew ukoll is-sorijiet Franġiskani" (Cilia, 1998:77)[4]. Il-ħidma ta' Dun Oraz u Dun Ġużepp fost ir-refuġjati swiet ta' għajnuna kbira speċjalment waqt il-ħbit mill-ajru. Fil-ħdax ta' Ġunju nstemgħet l-ewwel sirena, u din kienet tfisser bumbardament mill-*anti-aircraft*, infatti fi ftit ħin is-sema mtela bil-bombi u biċċiet tal-balal.

L-iskola ta' l-Imġarr kienet ġiet magħluqa fl-1 ta' Ġunju, u għalhekk Dr Laferla kien ħajjar lis-Sur Cilia jitħarreġ biex jilħaq wieħed mill-ispetturi ta' l-i*special constables* taħt it-tmexxija tas-Supretendent Filo Pullicino u John Xuereb. Cilia kellu l-inkarigu li jgħin biex tinżamm l-ordni bejn ir-refuġjati u l-Imġarrin fil-*black out* matul il-lejl. Meta tlestew ix-xelters, sakemm ġiet is-sirena, tnejn mill-i*special constables*, Pawlu Abela u ħuh Wiġi, kienu javżaw illi kien se jkun hemm attakk mill-ajru billi jisparaw tliet maskli minn ħdejn l-għassa u wara r-*raider past* bid-daqq tal-qniepen. Matul it-tliet xhur tas-sajf, l-iskola kienet utilizzata bħala sptar tal-*Manchester Regiment*. Għalhekk, meta f'Settembru t-tfal reġgħu lura lejn l-iskola, Dun Edgar kien biddel il-kantina tal-knisja u d-djar ta' l-Azzjoni Kattolika f'post fejn is-Sur Cilia seta' jgħallem.

F'dan il-perjodu, Cilia kien jaħdem ukoll bħala *Protection Officer*, u għall-bidu Cilia kien imnebbaħ mill-idea ta' l-għajnuna f'għamla ta' ikel li l-assoċjazzjoni Amerikana CARE (*Cooperative for American Relief Everywhere)* kienet tagħti lin-nies fil-bżonn u ħaseb li jadotta din is-sistema biex iqassam l-ikel skond in-numru ta' persuni fil-familja. Wara kienet ġiet introdotta s-sistema tar-razzjon, jiġifieri t-tqassim ta' l-ikel b'mod ugwali bejn ir-residenti. Minħabba li r-refuġjati kienu bdew iduru diversi ħwienet u jixtru z-zokkor minn kull ħanut, is-Sur Cilia, fl-1940, ra kif għamel biex iġib il-permessi meħtieġa mingħand Dun Edgar u r-*Regional Protection Officer*, il-Markiż Barbaro de San Giorgio [5], ħalli kull persuna tagħżel ħanut minn fejn trid tmur tixtri u tinkiteb fih. Lil tal-ħwienet, kien tahom l-ordni li jagħtu l-iktar ikel essenzjali bħaż-żejt, l-għaġin, ir-ross u s-salamura tal-bott. Din l-idea ntlaqet tajjeb, tant li Barbaro de San Giorgio daħħalha wkoll fid-distretti tan-naħa ta' fuq ta' Malta.

Bħala rikonoxximent ta' din il-ħidma, l-ex-President ta' Malta Ċensu Tabone, onora lis-Sur Cilia b'medalja tal-George Cross fid-29 ta' Lulju 1992.

*****

Il-kitba tas-Sur Cilia tinkludi fiha għadd ta' kitbiet oriġinali kif ukoll traduzzjonijiet. Madanakollu mhux ix-xogħlijiet tiegħu kollha ġew ippubblikati. Hawn taħt insibu lista qasira tal-kitbiet tiegħu, miġbura b'mod kronoloġiku u hi maqsuma f'żewġ taqsimiet, jiġifieri l-kotba li kiteb u ttraduċa u li ġew ippubblikati, diversi drammi kif ukoll xi xogħlijiet oħra li qatt ma ġew ippubblikati.

Xogħlijiet ippubblikati:

*X'Nitgħallmu fil-Ġografija* (1935)
*L-Artijiet tal-Mediterran* (1935)
*Ħarsa Lejn id-Dinja* (1936)
*Il-Ġmiel tad-Dinja* (1936)
*Mġarr – Malta: Past and Present* (1936)
*Il-Curat ta' Ars: Ħajja ta' San Ġwann B.M. Vianney (1785-1859)* (1936)
*Ġabra ta' Talb u Tagħlim* (1940)
*Stejjer mill-Kotba Mqaddsa* (1945)
*Taqbida tar-Ruħ* (1949)
*Ġieh lil Qassis Malti* (1952)
*Language Books – Easy Way to English* (1953-54) ma' Sir. T. Zammit
Siltiet ippubblikati f'*Ġabra ta' Ward* u f'*Id-Denfil* 4 u 5
Diversi artikli ppubblikati bejn l-1958-1990 f'*Leħen il-Malti* u *Il-Malti*
Artikli fir-rivista *Il-Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesu'* (1963-1973)
*L-Imġarr f'Jum l-Indipendenza ta' Malta* (18 ta' Settembru, 1964)
Artikli fir-rivista *Regina et Mater* (1974-1985)
Artikli fir-rivista *Filarmonika Santa Marija Mosta* (1993-1996)
*L-Imġarr Matul iż-Żminijiet, x'naf u x'niftakar dwaru* (1998)

Xogħlijiet mhux ippubblikati:

*Tifħir u Apprezzamenti: Ġabra ta' Poeżiji u Innijiet* (1999)
Għadd ta' drammi u fares miktuba għall-*Kumpanija Teatrali tal-Kruxxun*
Diversi poeżiji u innijiet, novelli
Artikli dwar il-Folklor Malti
Ġabra ta' kliem li ġej mill-Isqalli (vokabularju)
Rumanz *Imħabba Safja* (1935)

* Din l-informazzjoni hija meħuda mit-teżi mhix ippubblikata ta' Louise Abela u Charmaine Agius, *Ġanni A. Cilia, Edukatur u Kittieb: Ħajtu u Ħidmietu* (2000) imressqa għall-Grad ta' B.Ed. (Hons) fil-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni ta' l-Università ta' Malta.

## Noti

1. *The Sunday Times*, 20 ta' Frar, 1994 f'*Meeting People*
2. Intervista mas-Sur Cilia fid-dar tiegħu minn Dr Manuel Mifsud, is-Sur Joe Vella u s-Sur Olvin Vella fl-14 ta' Novembru, 1997
3. Programm *Lejla Mużiko-Letterarja* fi ħdan l-Akkademja tal-Malti, nhar it-30 ta' Ġunju 1989
4. Cilia, Ġ.A. (1998) *L-Imġarr Matul iż-Żminijiet* pġ. 77
5. Cilia, Ġ.A. (1998) *L-Imġarr Matul iż-Żminijiet* pġ. 78.


I

Il-Weghda

*Il-bidu ta' rumanz manuskritt ta' Ġanni Cilia.*

# Wallace P. Gulia
# (1926–2000)

Wallace Philip Gulia twieled fl-4 ta' Marzu 1926, bin Salvatore u Carmen, xebba Cilia. Beda l-istudji tiegħu fil-Liċeo bejn l-1936 u l-1942 u kompla fl-Università ta' Malta fejn kiseb il-B.Sc., Ph.C. (fl-1945), B.A. (1949), u LL.D. (fl-1952). Ħadem favur l-ilsien Malti bħala Segretarju ta' l-Għaqda tal-Malti (Università), u kien President ta' l-Akkademja tal-Malti bejn l-1974 u l-1984.

Ħa sehem u qara *papers* f'konferenzi internazzjonmali f'Bejrut u fi New Delhi. Kien membru tar-Royal Institute of Public Administration of Great Britain and Northern Ireland (1947), u Imħallef bejn l-1983 u l-1992.

L-Imħallef Gulia miet fit-12 ta' Ġunju 2000.

Wallace P. Gulia kien prożatur u poeta ewlieni. Fost il-pubblikazzjonijiet tiegħu insibu fost oħrajn: poeżiji – *L-Ewwel Għanja* (1947); *Poeżiji Miġbura 1947-1972* (1974); *Marjana, poeżiji Marjani* (1984); *U Alla deher lill-Bniedem, poema eroiku u teofaniku* (1990); soċjali – *Social Harmony* (1948); *Two Papers* (1949); *Valuntary Effort in the Modern World* (1950); *L-Amministrazzjoni Pubblika* (1956); *Il-Bniedem u l-Organizzazzjoni tax-Xogħol* (1958) u ***Government Liability in Malta* (1974).**



***L-okkażjoni: Ikla ta' l-Akkademja tal-Malti f'ġieħ il-President, l-Imħallef Professur Dr Wallace Gulia, fl-Osborne Hotel, Valletta, il-Ħadd 4 ta' Lulju, 1982.***

# Joe Agius Ruggier

## *Charles Briffa*

Joe Agius Ruggier miet fil-11 ta' Ġunju 2000. Kien għalliem mal-Gvern, imma kiteb ħafna xogħlijiet għar-radju. Kien ewlieni fost dawk li kitbu r-radjudrammi għar-*Rediffusion*. Fost ix-xogħlijiet tiegħu f'dan il-qasam nistgħu nsemmu: *Christmast Carol, Mill-Kakì għall-Kaxmir, Dak il-Baruni, Karmni tas-Swej, It-Triq Einsten*, u *Dun Saver*. Kiteb ukoll żewġ rumanzi: *Frankie* u *Lucia*; u ttraduċa kotba bħal *Pride and Prejudice* u *David Copperfield.* Kien ukoll jieħu sehem bħala attur minuri f'xi film bħal *Vendetta for the Saint* u *Pulp*. Fis-snin ħamsinijiet waqqaf il-Paola Yuventus, għaqda teatrali tar-radjudrammi fuq ir-*Rediffusion*.

# Infakkru b'ġieħ!

*Emmanwel F. Attard*

Din l-ewwel ħarġa ta' *Il-Malti* fis-sena memorabbli tal-bidu tat-Tielet Millennju, b'libsa u struttura ġdida, sejra tkun waħda li bla dubju ta' xejn, tagħmel ġieħ mhux biss lir-rivista nnifisha iżda wkoll lill-Akkademja tal-Malti. Kif xieraq ukoll fit-80 Anniversarju mit-twaqqif tagħha! Deherli, allura, li bħala kontribut tiegħi fiha, nittratta xi persunaġġi li jistħoqqilhom tabilħaqq jiġu mfakkra. Imfakkra u mogħtija l-ġieħ kbir li jixirqilhom għall-kontribut mill-aqwa u mill-aktar siewi lil Ilsienna u lil pajjiżna, tant snin ilu.

Ta' min jagħmel dan, aktar u aktar meta huma – u sa l-istess isimhom – jidhru li donnhom intesew, jew qegħdin jintesew. ... Ingratitudni li, b'xorti ħażina, tispikka xi drabi bħala karatteristika ta' ħafna minna l-Maltin. Għax rari, rari ħafna nsibu lil min ifakkarhom. ... Ħalli, mela, jitfakkru mill-Akkademja tal-Malti – kif fakkarhom mas-sentejn ilu, il-membru Akkademiku s-Sur Karmenu Ellul Galea, fit-tielet volum tiegħu, 'It-Trejdunjoniżmu f'Malta'. Qiegħed nirriferi għal Joseph Hamilton, ibnu Robert u Anton Nicholas, it-tlieta rapprezentanti tal-poplu – l-ewwel imsemmi hu Nicholas fl-Assemblea Nazzjonali tal-1919, u Robert Hamilton fl-ewwel Parlament (jew Assemblea Leġislattiva) li kellu pajjiżna fl-1921.

Kulħadd jaf u jifhem x'importanza għandu u suppost ikollu parlament (u, madankollu, kull assemblea popolari – sew kostituzzjonali u aktar u aktar waħda leġislattiva) f'pajjiż demokratiku. Importanza u siwi mill-aktar vitali – kif xieraq u mistenni. Imqar jekk jaħslu jkunu parlamenti u assembleji "awtonomi" (u anqas jew taparsi hekk) f'kolonja ta' imperu kbir, bħalma kien pajjiżna f'imgħoddi mhux hekk imbiegħed. M'għandniex xi ngħidu, l-ewwel Parlament Malti maħtur fl-1921 – sentejn wara l-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju, 1919 – mhux talli ma nistgħux nipparagunawh ma' dak tal-lum, ta' Malta indipendenti, iżda lanqas ma' dawk ta' bejn l-1947 u dak sa qabel il-21 ta' Settembru, 1964, Jum l-Indipendenza. Iżda, xorta waħda jibqa' l-fatt illi fl-Assemblea Nazzjonali tal-1919 u fl-Assemblea Leġislattiva (jew Parlament) tal-1921, kostituzzjonalment Malta mxiet b'passi lejn l-għamla ta' parlament – ta' Stat sovran u demokratiku – li għandna llum. Ma kinux ċertament xi passi

kbar daqskemm xtaqu l-poplu u r-rappreżentanti tiegħu. 'Il bogħod minnn dan! Biss kienu passi importanti fl-istorja tagħna. Li ma kinux dawk l-ewwel Assembleji, jew li ma nbdietx dik il-mixja kostituzzjonali 81 sena ilu (fl-1919, jiġifieri) kieku stajna ma wasalniex fejn wasalna u ninsabu llum. Jaf kien ikun għad fadlilna sew x'naqdfu politikament.

Barra mill-importanza u t-tifsira mill-aktar storika mil-lat tal-ġrajja politika u kostituzzjonali ta' pajjiżna l-Assemblea Nazzjonali tal-1919 u dik Leġislattiva tal-1921 għadhom ukoll importanza oħra kbira: dik mil-lat ta' lsienna, il-Malti.

Ilsienna sar dak uffiċjali fl-1934 wara "battalji politiċi" mill-eħrex u battibekki bla għadd bejn parlamentari u nies kolti li messhom kienu jafu u fehmu l-affarijiet aħjar. Mhux ta' min jinsa li, wara kollox, dawk id-deputati ttellgħu fil-parlament la biex jirrapprezentaw lil Taljani u lanqas lil Ingliżi – ittellgħu hemm miċ-ċittadini Maltin biex imexxu u jilleġislaw lil Malta Maltija! Xejn iżjed u xejn anqas. L-ewwel passi f'din id-direzzjoni kienu saru minn Joseph Hamilton u minn Anton Nicholas fl-Assemblea Nazzjonali tal-1919 u, wara, minn Robert Hamilton f'dik Leġislattiva (fl-ewwel Parlament maħtur mill-poplu, jiġifieri) tal-1921. Kienu tliet Paladini tal-Malti, ta' Lsienna – u b'hekk għandhom jibqgħu meqjusa u mfakkra minna lkoll!

Niflu ftit x'kien sewwa sew il-kontribut kbir ta' dawn it-tliet persunaġġi. Nibdew minn Joseph Hamilton (1871–1939). Dan mhux biss, bħala President – u rappreżentant tat-tarzna – kien ħa l-inizjattiva biex jitwaqqaf l-ewwel Kunsill tat-Trejdunjons f'Malta. Issa, fl-Assemblea Nazzjonali tgħidx kemm ħeġġeġ u stinka ħalli Lsienna jingħata l-akbar importanza – il-ġieħ li jistħoqqlu, kif mistenni, fl-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna. Is-sabiħa hi li dan, fil-fatt, ma kienx wild Għiritna – għax kien Skoċċiż, imwieled l-Irlanda kien ġie jaħdem hawn Malta, iżżewwġ Maltija u baqa' jgħix fostna. Xorta waħda, ta' bniedem dehni u ġeneruż li kien, ħabb minn qalbu lil pajjiżna u sar "Malti" mill-kbar!

Fl-istess Assemblea (dik Nazzjonali ta' l-1919) kien hemm il-Paladin l-ieħor, Anton Nicholas. Dan Nicholas* – minn kunjomu ta' lanqas ta' nisel Ingliż ukoll – kien ir-rappreżentant tal-Każin tal-Banda G.M. de Pauli fl-Assemblea Nazzjonali tal-1919 u, imbagħad wara, deputat tal-poplu fl-ewwel Parlament tagħna. Skond it-trejdjunjinista veteran Karmenu Ellul Galea, nikkwotah, "Kien b'ħidmietu li, mat-Taljan u l-Ingliz, dan seta' jiġi mitkellem ukoll f'din l-istituzzjoni awtorevoli u dinjituża" (i.e. il-Parlament). Kien irsista u ħaqqaqha kemm kellu saħħa li l-ħaddiema eletti fil-Parlament ma kellhom bl-ebda mod iħossuhom inferjuri għal ħadd jekk kienu jafu jitkellmu b'ilsien art twelidhom biss. (Fis-sewwa kollu, u għal ġieħ l-istorja, għandu jingħad ukoll li l-istess Nerik Mizzi – magħruf biżżejjed għall-pro-Italjaniżmu tiegħu – issapportja bis-sħiħ it-teżi ta' Nicholas fil-Parlament. Strickland, l-istess, f'Mejju ta' l-1921 ġewwa Londra, kien tħabat kemm felaħ ukoll ħalli l-

ħaddiema, speċjalment dawk tat-tarzna, ikollhom id-dritt u l-faċilità li jkunu fil-Parlament bħal u daqs "l-avukati u l-benestanti" ...)

Biss, jidhirli, illi l-akbar ġieħ – dak ewlieni fil-fatt – jistħoqq lil u għandu jmur għal Robert Hamilton (1894–1945), bin Joseph imsemmi diġà. Qabel jingħad l-għaliex ta' dan, xieraq jingħata xi tagħrif dwar il-karriera politika prominenti li kellu Robert. Kellu d-distinzjoni li jkun l-iżgħar deputat u l-ewwel ħaddiem ta' l-id (fit-tarzna) f'dak l-ewwel Parlament Malti tal-1921 – ri-elett kull darba fil-leġislaturi tal-1924, 1927, u tal-1932. Barra minn dan kien inħatar President tal-Parlament (Spiker) fl-1927 – dam hekk sas-sentejn ta' wara; kif ukoll Ministru tal-Posta u tax-Xogħol għal kważi sena, bejn l-1929 u l-1930 – l-ewwel Ministru ħaddiem ukoll. Imma l-akbar u l-ogħla ġieħ u distinzjoni ta' Robert Hamilton – safejn għandu x'jaqsam Ilsenna – jibqgħu dejjem fil-fatt **li hu kien l-ewwel deputat li tkellem b'Ilsien il-poplu fis-Sala ta' l-Arazzi** (għax hemm kien jitlaqqa' l-Parlament) **nhar is-16 ta' Marzu, 1922!** Ma beżax, ma tmeżmiżx juri li jitkellem hemmhekk f'Ilsien art twelidu fil-Parlament tagħha! Ħalli jiddieħku bih u jżebilħuh – jgħodduh kemm iridu bosta mill-għorrief ta' parlamentari preżenti b'deputat inferjuri (għax "tal-massa" – la uża lsien mitkellem mis-sefturi, fil-kcejjen u, insomma, minn nies baxxi!) F'dak il-jum storiku fl-annali parlamentari tagħna Lsienna u l-poplu tagħna kienu għamlu rebħa tabilħaqq kbira. Rebħa tali li għandha tibqa' tiġi mfakkra b'mod li ma tintesa qatt. Qatt!

Persunaġġ prominenti fi sfera oħra li, jidhirli, għandu jkun inkluż f'din il-kitba huwa Dr. Lewis Mizzi, li għex bejn l-1847 u l-1935. Dr. Lewis Mizzi kien jaħbat ħu Dr. Fortunato Mizzi u, allura, iz-ziju ta' Dr. Enrico Mizzi – tnejn minn nies magħrufa biżżejjed fil-qasam politiku tagħna. Fi żmienu, dan Dr. Lewis sata' jitqies fil-wisa' bħala ċelebrità – forsi aktar barra minn xtutna milli fl-istess pajjiżna. Kien tabilħaqq persunaġġ mill-aktar kolt u ta' ħila f'kemm-il qasam tal-ħajja. Fil-fatt kien avukat kapaċissimu – għal 45 sena sħaħ serva b'distinzjoni f'Kostantinopli (illum Istanbul) – barra li kien espert fil-filoloġija u l-mineraloġija. Jingħad ukoll illi barra l-Malti, naturalment, l-Ingliż u t-Taljan kien jaf sew b'xi tużżana ilsna oħra, fosthom it-Tork u l-Grieg.

Kurjuż il-fatt illi l-kontra ta' qrabatu, il-Mizzijiet l-oħra (magħrufa sew għas-sentimenti pro-Taljani tagħhom), Dr. Lewis Mizzi deher b'ruħu u ġismu mxaqleb lejn l-Ingliżi ... Sa ngħaqad mal-Partit ta' Lord Strickland. Matul ħajtu huwa kien iddekorat minn bosta pajjiżi għal ħidmietu – fosthom, barra mill-Ingilterra, mill-Greċja, mit-Turkija, mir-Rumanija darbtejn u mill-Persja (Iran). Dan xi tagħrif dwaru biex il-qarrejja jkunu jafu x'għamla ta' persunaġġ kien.

L-aktar li jinteressana, madankollu, f'din il-kitba huwa l-fatt illi Dr. Lewis Mizzi – allura lura f'pajjiżna – sa mill-1920, meta twaqqfet il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (l-Akkademja tagħna), fittex jissieħeb fiha. Aktar minn

hekk, tliet snin wara, fl-1923, Dr. Lewis kien ippubblika opuskolu, jew ktejjeb intitolat "X'Inhu l-Ilsien Malti". Fih iddefenda bil-kbir lil Ilsienna. Kienet din pubblikazzjoni li, ġejja mill-bniedem li kien – b'karriera brillanti bħal dik u b'parantela hekk mill-qrib mal-Mizzijiet l-oħra – għamlet ħoss u influwenzat lil bosta nies.

Dr. Lewis Mizzi: persunaġġ li, tabilħaqq, għamel ġieħ mhux biss lilu nnifsu, iżda wkoll lil pajjiżna, lil Ilsienna u – lill-Akkademja tal-Malti. Altru jistħoqqlux jiġi mfakkar ukoll mill-Akkademja tagħna fit-80 Anniversarju mindu twaqqfet, f'dan l-ewwel seklu tal-Millennju l-Ġdid!

## Referenzi


1. *It-Trejdunjoniżmu f'Malta*, Vol. 3. K. Ellul Galea, 1998.
2. *Maltese Biographies of the Twentieth Century*, Ed. – M. J. Schiavone & L. J. Scerri, 1997.
3. *Dizzjunarju ta' Kittieba Maltin u Għawdxin, Ilbierah u Llum*, 1995 – Michael Galea.
4. *Party Politics in a Fortress Colony, The Maltese Experience* – Henry Frendo, 1979.


*Nota ta' l-awtur: Ma seħħlix insib meta twieled u miet.

# 6

# Reċensjonijiet

# Parodija ta' l-Ordini Soċjali

*Charles Briffa*

**PROVENZ: NOVELLI ta' Trevor Żahra**
(Merlin Library Ltd, Malta 2000), pp. 293



Il-bniedem huwa annimal soċjali, jinġibed lejn oħrajn bħalu. Normalment meta tnejn minnies jersqu lejn xulxin emozzjonalment u/jew psikoloġikament, kull wieħed minnhom jipprova jadatta ruħu biex tissawwar relazzjoni tajba u b'saħħitha bejniethom. Jekk din ir-relazzjoni tkun tajba jersqu lejn il-ġenna tagħhom imma jekk tkun ħażina jersqu lejn l-infern. Jean-Paul Sartre (1905-80) fid-dramm tiegħu b'att wieħed twil, *Huis-clos* (1944), jgħid li l-infern huwa ħaddieħor. Jissettja x-xena f'infern ipotetiku biex ikun jista' jagħti drammatiċità lill-ġrajja negattiva ta' relazzjonijiet personali ta' tliet karattri f'sitwazzjoni fejn kull wieħed minnhom jipprova jinqeda bl-oħrajn u allura jkollu jbati permezz tagħhom ukoll. Bħal Sartre, Trevor Żahra f'xi novelli li għandu fi *Provenz* ipprova jiddeskrivi l-estremità fin-nuqqas ta' hena umana u għalhekk investa fihom imġiba mimlija tifsir intens. Nieħdu r-relazzjonijiet strambi li hemm fl-ewwel żewġ novelli, "Hġieġ" u "Il-Qrieqen".

Ma' Amanda u Johnny ("Hġieġ"), in-novellist jeħodna f'ambjent ta' tifla nieqsa mill-imħabba vera ta' missier – tifla li tagħġen għamla ta' seħer għat-twettiq tal-ħażen. Din in-novella fiha element tal-waħx imma għandha daqsxejn piż psikoloġiku ħalli tipprova toqrob lejn il-karattru stramb, anzi sovversiv, tal-personalità ta' Amanda. Id-dinja ssir żlugata bil-personalità ta'

qerda, personalità li tressaq il-pretensjoni ta' innoċenza biex tkun kattiva. Fid-djalogu li jagħfas fuq iż-żwieġ tal-ġenituri tagħha, Amanda "b'għajnejha mberrqin u b'xofftejha marsusin flimkien" tinbex lil zitha ("Imma intom tewmin. Wiċċ wieħed. X'kellha l-mamà aħjar minnek?") u ssallabha psikoloġikament. Iz-zija Silvja tlaqlaq għax dgħajfa u Amanda tkompli ssawwat: "... stajtu bdiltu isimkom u missieri ma kien jinduna b'xejn. Kien ikun mingħalih li qed jinnamra ma' Nora... ma' dik li kien ra l-ewwel darba l-Premier. Hux hemm kienu ltaqgħu? Imma fil-fatt kien ikun qed jinnamra ma' Silvja ...?" Il-ġerħa ta' mħabba nieqsa tkompli tiftaħhielha għax Amanda hija kattiva tant li meta missierha jibgħat għaliha l-Kanada lil zitha ma tridhiex magħhom. "Għax missieri mhux lilek iżżewweġ imma lil ommi!" Il-ħażen huwa forza fil-bniedem u xi ħaġa li ddur miegħu biex toħnoq il-ħniena u toħloq ossessjoni. F'Amanda l-ossessjoni hija għamla ta' infern għal ħaddieħor: ir-relazzjoni Amanda-zija tittaqqal b'element emottiv qawwi fit-tfassil tal-waħx.

Imbagħad fix-xena jidħol it-tifel tal-beritta kaħla, Johnny. Johnny jagħmel il-ħażen għal ebda raġuni, imma l-ħażen (f'dan il-każ il-vandaliżmu tat-tfarrik tal-ħġieġ) kien iridu bis-sengħa: il-*washers* u l-iskorfini kienu jwettqu ħidma aħjar mill-muniti ta' ftit ħoss. Hu ried il-mużika li teċitah "bil-ħasda ta' dak il-ħoss" tat-tfarrik. Tant kien jidentifika ruħu ma' l-iskorfini li f'moħħu ppersonifikahom: "l-*washers* u l-iskorfini kienu jafu x'inhu xogħol. Elf darba kienu ħassew il-bolt jinfidhom u l-għafsa azzar ta' l-ispaner iddawwarhom u tissikkahom bla ħniena ma' xuxlin waqt li ż-żejt ixoqq għalihom u jimliehom intiena." Kellu klassi f'għemilu vandalu. U ma riedx jagħmlu għall-qligħ, bħalma ried jagħmel Mark. Johnny għandu bosta minn Pinkie ta' Graham Greene (1904–1991) fi *Brighton Rock* (1938) għax il-ħażen tiegħu mhux għall-profitt imma b'għażla. Johnny huwa simbolu ta' ħażen iddedikat, u l-karattru jsir spiritwalment reali ħafna għax għażel dan il-ħażen bla qligħ. Huwa kattiv sakemm jiltaqa' ma' Amanda.

Johnny huwa vjolenti u kattiv fil-beraħ – sħabu u ommu jafu bil-karattru tiegħu. U Amanda hija vjolenti u kattiva fil-ħabi – anzi l-implikazzjonijiet tan-novella huma li hija "qattiela". Dawn l-implikazzjonijiet (li Amanda b'xi seħer qatlet lil Johnny u li lesta li toqtol lil zitha bl-istess mod misterjuż) huma s-sorpriża tan-novella. Trevor Żahra jaf jirrakkonta storja u jaf jagħmilha letterarja, u biex jagħmel dan ma żżommu ebda fruntiera. Tant hu hekk li f'*Il-Qrieqen* jaqsam l-għatba mir-realtà sadista għall-fantasija sesswali ta' Mark fuq Hilda. Bħala parti mill-mekkaniżmu ta' difiża tiegħu l-bniedem jirtira mill-għafsiet diffiċli ta' relazzjoni mixtieqa għal ġol-fantasija. Jagħżel li joħroġ mid-dinja reali għad-dinja maħluqa tal-qrieqen li jħobbu l-qerq ħalli jwasslu l-logħba sesswali li Mark xtaq jilgħab fuq kuġintu Hilda.

Inħoss li n-novella għal Trevor Żahra hija mera fidila tal-moħħ u allura l-aktar ħaġa essenzjali għall-arti novelliera hija l-għerf fuq il-qalb umana. *Il-*

*Qrieqen* tagħtina qalb mixtieqa minn dak li ma tistax taħkem, u allura wieħed jista' jgħid li Żahra huwa novellist sovversiv li jneżża' n-novella minn kull verisimilitudni. Mill-banda l-oħra, aktar jidher li Żahra qiegħed ikun onest hawnhekk hu u jipprova jpinġi n-natura umana kif tkun hi u titbandal bejn it-tajjeb u l-ħażin. Kreattivament iġibilna s-subkonxju u r-ripressjonijiet tiegħu b'mod li jikkonvinċina. Idaħħalna f'reġjun li huwa konglomerazzjoni biżarra tal-ħidma bla qies u l-qerq ta' l-Id. F'lejla fiddiena l-ġnien tad-dar taz-zijiet jidher "donnu wieħed mill-boskijiet ta' l-istejjer" u Mark kellu aċċess għal kullimkien f'dik id-dar u f'dak il-ġnien ħlief għal post wieħed: il-kamra tal-għodda fit-"tarf nett tal-ġnien"; dik kienet "eden ipprojbit", simbolu ta' dak li l-bniedem ma jistax ikollu. Imma jasal waqt meta l-bniedem ikun jixtieq dik it-tuffieħa pprojbita. Iz-ziju Lino daqha u fl-aħħar kellu jġarrab il-kastig għax inxtorob u sar b'mod misterjuż wieħed mill-qrieqen bil-baffi bojod twal, mgħawweġ ganġ u mħatteb, mixrub u mkittef "donnu tifel ta' tnax-il sena" mid-daqs. U daqitha wkoll Hilda u hija wkoll ġarrbet il-kastig tal-qrieqen (jiġifieri x-xjuħija qabel iż-żmien). Imma Mark le: Mark daqha u ħa l-premju talli daqha. Filwaqt li z-zija Margerita, li ma daqitx it-tuffieħa pprojbita, baqgħet sa mewtha sabiħa, "ħawħa mimlija meraq".

Biex nifhmu dan kollu jkollna naqsmu l-għatba mir-realtà għall-fantasija. Fl-ambjent tad-dar taz-zijiet (jiġifieri fl-ambjent reali) it-tfal kienu jilagħbu u jiġġieldu ma' xulxin. Kienu kuġini u t-tifla kienet sena u nofs akbar mit-tifel, imma t-tnejn li huma kienu jiġru wara xulxin b'doża ta' sadiżmu. Mark kien jittrikkjaha u jaqfilha fil-kamra tas-sodda l-kbira fejn Hilda "kienet tibża' mir-ras kbira ta' l-aċċjomu mimlija demm". Kien iwerwirha u jieħu gost jismagħha tgħidlu kliem ħelu "li ma kienx għal kollox tagħha" biex tipperswadih jiftħilha ("b'leħen baxx u bi tnehida, bin-nifs tagħha sħun ħiereġ mis-serratura tal-bieb".) U hu kien jitqanqal. U din l-istorja kienet tirrepeti ruħha, u hi kull darba kienet titħalla tissakkar. Imbagħad darba, wara li fetħilha, ħallieha taqbdu u ntefgħet ċatta fuqu ġġebbidlu xagħru u tigdimlu spalltu, U hu taparsi jokrob imma beda jieħu gost sesswalment b'ġisimha fuqu.

Hawnhekk Żahra jħaddem bosta mill-filosofija tal-Markiż De Sade. Ma jħallix il-proċess tax-xewqa jitmermer fix-xejn, u jġegħelna nidħlu fil-kamra tal-għodda (jiġifieri fl-ambjent tal-fantasija). Iqanqal il-misteru tal-qrieqen li jħobbu jagħmlu l-qerq u f'dan l-ambjent naraw l-aspett ġewwieni ta' Mark bil-gost kollu pprojbit. Ikarkar miegħu lil Hilda u l-qrieqen iffullaw madwarha: min jaqbdilha ħwejjiġha, min imissilha xagħarha, u min jgħollilha l-ħwejjeġ biex imellsilha saqajha; "U Hilda wieqfa lluppjata bla ma taf kif titħarrek." U f'atmsofera ta' festa "kollox jiżżelleġ u jagħqad flimkien", u f'nofs it-tiżliġ jaqgħu l-ħwejjeġ u terġa' l-għaxqa ta' ġisimha ma' tiegħu. Il-ħarsa tagħna ddawret 'il ġewwa fil-ġewwieni ta' Mark biex naraw dak li mhux suppost naraw. Fil-prinċipju ta' l-azzjoni perversa ninnutaw li aktar ma bniedem

tipprova tbiegħdu mill-ħażen, aktar tiġbdu lejn dak l-istess ħażen. Qed insejjaħlu ħażen għax il-gost ta' Mark kien it-tjassir ta' Hilda, il-premju tiegħu l-kastig tagħha. Il-ħażen, imfisser f'termini ta' qerq fuq ħaddieħor għall-gost personali, jisforza lil Mark ikun ħabrieki u attiv biex ikun jista' jaħdem fuq ġisem Hilda u fuq ruħha – iva fuq ruħha wkoll għax iġagħalha taħlef fuq is-salib li ma tgħid xejn għax inkella jġorruha x-xjaten.

Intenni: Żahra għandu ħafna mid-duttrina ta' Sade u dan narawh fuq ħames livelli. L-ewwelnett, f'dan kollu li ddiskutejna hawnhekk nara parodija ta' l-ordni soċjali. Skond waħda mis-sillogiżmi ta' Sade, il-ħajja ċċivilizzata tħaddan b'mod naturali l-vjolenza. Id-dinja soċjali hija mgħaddsa fil-qerq u fl-inġustizzja, u għalhekk għandna nuruh dan il-ħażen u nitgħallmu kif ingawdu l-possibiltajiet tiegħu. Żahra jibni fuq dan il-prinċipju ta' Sade u joħloq kuntesti li jixirqu l-esplojtazzjoni kattiva tad-dgħajjef minn dak li hu b'saħħtu u jressaqhulna dan il-prinċipju bħala pedament taċ-ċiviltà: Amanda jkollha suċċess bil-vjolenza tagħha u terġa' tordna pupa oħra; u Mark irnexxa fuq li rnexxa fin-negozju għax il-qrieqen (simbolu tal-qerq) sabuh midħla sew tagħhom.

It-tieni, in-novelli ta' Żahra jagħtuna psikoloġija ta' karattri li jfittxu l-gost jew l-istimulazzjoni. L-eroj ta' Sade jixxennaq għall-estremità fil-pjaċiri anki jekk tkun għal ftit żmien u ma joqgħodx iqis il-konsegwenzi. Dan il-gost jintrabat ma' għemil pervers: l-eroj ikun kattiv apposta, ikollu eċitament sesswali li jsir pjaċir qalil bħal ta' Mark. Mal-qrieqen ħass "sensazzjoni ħelwa" u kollox kien "mgħarraq ġo ferħ kbir" li ma kienx bħal tas-soltu għax "Kien donnu sakra stramba li flok toqla ta' ras iġġiblek magħha enerġija qalila li ġġiegħlek taqbeż u tiżfen, iddur ċippitatu u tinqaleb ma' l-art, tiekol u tixrob bla rażan, tidħak bla taf l-għala, sa ma fl-aħħar mill-aħħar tintelaq ma' l-art mitluf." Din l-atmosfera psewdo-psikoloġika hija stramba u ma nafx nistgħux insejħulha edonista jew almenu xi ħaġa li għandha x'taqsam ma' l-Epikureiżmu. U fil-logħba tal-kavallier, Amanda tittratta lil Johnny bħala "bhima selvaġġa", dragun b'demmu jagħli u ġġagħlu jbati. Ir-riskji sadisti li tieħu ma fihom ebda kalkolu.

It-tielet, fil-metafiżika tiegħu Sade jara lin-natura bħala l-prinċipju oriġinali tal-mewt u tal-qerda. L-univers huwa mimli enerġija u m'hemmx post għall-valuri traxxendentali, m'hemmx post għal Alla. Fil-ħsieb imfassal ta' Amanda u Mark m'hemmx il-preżenza ta' Alla bħala entità ta' valuri pożittivi. Huwa ħsieb ateu u għalhekk jagħmel preskrizzjoni ta' qerda u qerq, ta' ħabtiet vjolenti. F'Sade dawn il-ħabtiet vjolenti jintrabtu mal-psikoloġija tal-pjaċir permezz ta' tiġrib orġjistiku li jwassal għall-baħħ u li jiġġustifika l-qtil. F'Żahra jiġġustifika l-qtil u l-qerq u jressaqna għall-qalba tal-ħażen innifsu.

Ir-raba', għal Sade it-triq tat-tajjeb tant hi dejqa li l-bniedem dejjem jimmissjaha. Fl-għalqa tiegħu Sade iħawwel etika li fiha t-tajjeb konvenzjonali

jsir ħażin u l-ħażin isir tajjeb. U Żahra jakkomoda dan il-prinċipju wkoll. L-innoċenza fit-tfulija hija ħaġa li normalment titqies tajba: f'Amanda hija arma għas-suċċess tal-vjolenza; u Mark jabbuża mill-imħabba taz-zijiet għall-avvanzi egoistiċi tiegħu. F'dawn in-novelli l-ħażen iħalli l-qligħ, iġib il-ġid f'ambjent mimli karattri qarrieqa u ħżiena, u għalhekk dan l-ambjent inħossu parodija ta' l-ordni soċjali. Fih, il-karattru l-ħażin irid jinganna u m'hemm xejn li jistimulah aktar mill-ingann. Imma biex ikun hemm l-ingann irid ikun hemm il-valuri u l-liġijiet. Il-karattru l-ħażin jikser il-liġijiet naturali u morali, għax il-ħażen jitlob loġikament l-eżistenza tat-tajjeb. Amanda u Mark ixejnu l-liġijiet morali għax in-natura distruttiva hekk tgħidilhom jagħmlu. U sabiex jieħdu gost iridu xi ħaġa tajba biex jeqirdu – din ix-xi ħaġa tajba, fil-kuntest ta' dawn in-novelli, hija l-liġi morali li titkellem kontra l-abbuż fuq ħaddieħor, kontra l-impożizzjoni ta' infern fuq ħaddieħor. Iva, il-karattri jimponu infern fuq l-oħrajn: hekk irridu nifhmuh il-ħażen ta' qlubhom.

Il-ħames u l-aħħar livell li joħloq Sade huwa dak ta' l-istil. Ix-xogħol ta' Sade iservi bħala strument ta' tortura kontra l-qarrej, u dan jirnexxi minħabba l-istil tal-kitba. Żahra jagħmel l-istess. Iħaddem stil li jsaħħaħ il-messaġġ bl-effetti li jroxx fuq il-qarrejja. Għall-bidu jiffaxxina lill-qarrejja bil-gost tal-kurżità u t-tqanqil sesswali imma fl-aħħar iġagħalhom iħossu l-waħx ta' l-aggressjoni – proċess ta' insult imwaddab min-narratur għall-qarrejja innoċenti. In-novelli li jpinġu l-ħażen jisfaw huma stess mezz ta' ħażen; iqarrqu bil-qarrejja għax jiġu ġrajjiet ta' qerq huma stess. M'għandniex xi ngħidu, dan iseħħ bl-istrateġiji stilistiċi (bħall-metafori u l-metodu tan-narrazzjoni) li jħaddem Żahra fir-rakkonti tiegħu. Rakkonti li ma jfittxux l-effetti tal-verisimilitudni għax huma irreali.[7]

Dan ridt infisser meta għedt li Trevor Żahra jaf jirrakkonta storja u jaf jagħmilha letterarja.

# Il-Malti fit-Tieni Millennju




*Charles Briffa*

***IL-MALTI: ELF SENA TA' STORJA*** **ta'**
**Joseph M. Brincat**
Nru 10 fil-Kullana Kulturali
(Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta 2000) **illustrat, pp. xii + 236**

Fid-daħla li ktibt għal *Il-Malti: Elf Sena ta' Storja* ta' Joseph M. Brincat – ktieb uniku fil-librerija Maltija u fil-lingwistika Maltija wkoll (ħaddieħor jeħtieġ jibni fuqu, u jibni bl-istess serjetà xjentifika) – jien għedt li t-tieni millennju huwa ż-żmien li sawwar il-Malti, u l-Professur Brincat uriena bil-provi tar-riċerka meqjusa kemm huwa minnu dan. Imma Brincat jiftaħ il-ġrajja tiegħu minn qabel it-tieni millennju. Jagħti titwila lejn l-istorja tal-lingwi u jgħarrex kemxejn il-qagħda ġenerali ta' l-ilsna fil-Mediterran minn żmien il-preistorja sal-wasla tal-Għarab, jiġifieri mis-sena 5000 q.K. sas-sena 870 w.K. Imbagħad jaqbad stakkaturi perjodiċi fit-tieni millennju u jiddiskutihom storiko-lingwistikament. L-ewwel ħaġa li jagħmel hija li jmexxi s-sena tradizzjonali 1091 lura għall-1048, teorija bbażata fuq test ta' al-Himyari. U hawnhekk niltaqgħu ma' l-ewwel stqarrija importanti li għandna fil-ktieb: "l-1048-49 hi effettivament is-sena tal-bidu tal-lingwa Maltija." Mela l-Professur Brincat jistabilixxi din id-data bħala dik li welldet il-Malti tal-lum. Nifhmu li lingwa ma tfaqqasx hekk, kif ġieb u laħaq, u l-istqarrija hija bbażata fuq avveniment storiku li juri lill-Għarab iwaqqfu kolonja f'Malta f'perjodu meta l-gżejjer x'aktarx kienu diżabitati. Dan iwasslu biex janalizza l-Għarbi ta' Sqallija, qabel u wara n-Normanni, għax Brincat (bħal bosta storjografi oħra) jorbot il-ġrajja Maltija ma' dik ta' Sqallija biex jagħtina stqarrija importanti oħra: "Il-bażi tal-Għarbi li daħal Malta mhix dik klassika, imma dik djalettali ta' xejra Magrebina." U jipproċedi sabiex iqabbel il-Malti mal-Għarbi ta' Sqallija.

Dan il-qbil – li huwa l-forte ta' Brincat – jittieħed fit-tul mifrux fuq tliet kapitli sħaħ li jibdew bl-ewwel kuntatti tal-Malti mar-romanz, jitkellmu fuq

kif elementi lingwistiċi għaddew mill-Isqalli għall-Malti, u janalizzaw il-prinċipji lingwistiċi li ħadmu fuq ilsienna fil-livelli kollha tal-lingwa. Dan huwa perjodu li jieħu l-ewwel nofs tal-millennju (jiġifieri sal-wasla tal-Kavallieri) u jidher li huwa qawwi ħafna, tant li l-Professur Brincat jasal għal stqarrija oħra li fil-Malti "l-element Sqalli, bħall-element Għarbi, ikkristallizza ruħu fi struttura awtonoma li hi l-qofol tal-Malti." Fil-biċċa l-kbira tal-ktieb, Brincat irid juri li l-Malti huwa l-iżjed ilsien semitiku rromanizzat. Dawn l-istqarrijiet Brincat jagħmilhom biċ-ċertezza tar-riċerka tiegħu – din iċ-ċertezza hija fattur pożittiv li jqawwi u jsaħħaħ it-tagħrif lingwistiku tal-ktieb. Huma stqarrijiet utli u sakemm tasal riċerka oħra li twaqqagħhom jew timmodi-fikahom irridu nibqgħu naċċettawhom. Il-kumment li nixtieq nagħmel, però, huwa li l-awtur ibbaża bosta mir-riċerka tiegħu fuq teoriji Taljani u Sqallin, naturalment għax huwa Professur tat-Taljan u allura dan huwa l-qasam tiegħu. Imma jidhirli li seta' kkonsulta aktar ir-riċerka lingwistika li hemm fl-Ingliż u f'bosta lingwi oħra biex jitfa' aktar dawl fuq il-proċessi developmentali ta' lsienna.

Mill-Kavallieri 'l hawn kien hemm aktar żviluppi u l-awtur jiddiskuti l-ewwel fażi tal-formazzjoni tal-Malti standard li bdiet fiż-żmien ta' l-Ordni u t-tieni fażi tal-formazzjoni tal-Malti standard li tkompliet fiż-żmien l-Ingliżi. F'din id-diskussjoni, li tinfirex fuq tliet kapitli oħra, niltaqgħu ma' dawk kollha li taw sehemhom bħal De Soldanis, Vassalli, u l-kittieba ewlenin tas-seklu dsatax. Minn hawnhekk il-ktieb jgħaddi għat-tiswir tal-lingwa letterarja u dan idaħħlu fis-seklu għoxrin meta tidher aktar qawwija l-importanza tal-għaqdiet tal-Malti bħall-Akkademja tal-Malti u l-Moviment Qawmien Letterarju. Minħabba l-limitazzjonijiet tal-ktieb, Brincat ma daħalx fil-fond tal-kontribut monumentali ta' l-Akkademja tal-Malti – forsi min irid jara x'kontribut letterarju tat l-Akkademja tal-Malti permezz tar-rivista *Il-Malti*, jista' jagħti titwila l-ktieb tiegħi *In-Novella Maltija* (1999), sieħeb dan (li qegħdin nitkellmu fuqu) fil-Kullana Kulturali, fejn iddedikajt kważi kapitlu sħiħ fuq dan is-suġġett. Brincat għafas aktar fuq il-Malti mitkellem milli dak miktub, però l-analiżi tiegħu tas-seklu għoxrin xorta kellha tieħdu biex iħares lejn aspetti tal-miktub.

Fl-aħħar kaptilu li jittratta s-seklu għoxrin, Brincat jifli kemxejn il-varjetajiet tal-lingwa u l-influwenzi ta' l-Ingliż fuq il-Malti. F'din it-taqsima hemm xi ħwejjeġ li jistgħu jkunu polemikużi. Kultant ibbaża l-opinjoni tiegħu fuq ix-xogħol ta' l-istudenti tiegħu, u forsi seta' segwa x-xogħol b'aktar riċerka. Kultant in-numru ta' każijiet (jiġifieri s-*sample)* li ħa kien żgħir jew illimitat fl-użu tad-diskors (bħalmeta għamel test tat-terminoloġija tal-ħobż fuq 24 student imbagħad fuq 19). L-osservazzjonijiet li għamel huma indi-kattivi imma tajjeb li wieħed jagħmel aktar riċerka fihom. Ħa nfisser ruħi aħjar. Dan it-test fuq it-terminoloġija tal-ħobż, magħmul fuq ftit studenti fil-klassi, iwasslu sabiex jagħmel stqarrija oħra: "għalissa l-influss ta' l-Ingliż mhux qed

iġib rilessifikazzjoni drastika (sostituzzjoni tal-kliem tradizzjonali) imma arrikkiment għax hu marbut ma' tipi ġodda ta' ħobż." Min jaf x'kienet tkun il-konklużjoni kieku t-test sar f'ambjent anqas limitat, jiġifieri f'xi *discount store?*

Fil-ktieb hemm bosta affarijiet li studjuż jista' ma jaqbilx magħhom u tajjeb li wieħed jinnotahom u joffri l-argumenti tiegħu. Ngħid għalija, fost l-affarijiet li ma naqbilx mal-Professur Brincat, insib xi aspetti tat-taqsima 9.6.4, li tittratta "Il-grafija tal-kliem li ġej mill-Ingliż". L-Akkademja tal-Malti diġà ppronunzjat ruħha b'mod ċar fuq dan is-suġġett, u tajjeb li wieħed jara l-pubblikazzjonijiet tagħha fuq l-ortografija: *Żieda mat-Tagħrif* (1984), *Aġġornament tat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1992), u *Regoli tal-Kitba tal-Malti* (1998). Fil-kitba tal-Malti semitiku aħna nsegwu l-kriterju etimoloġiku u fil-kitba tal-Malti romanz insegwu aktar il-kriterju fonetiku. Meta mbagħad niġu għall-kitba tal-kliem li daħal mill-Ingliż aħna nsegwu l-kriterju fonetiku meta ma joffri ebda diffikulta' (eż. *futbol, xelter, ċans*) u l-kriterju ta' trasferenza ortografika meta jkun hemm xi diffikulta' (eż. *high-tension, micro-wave, chassis).* Skond Brincat il-kliem li daħal mill-Ingliż għandna jew nittrasferuh ortografikament (eż. *scholarship, championship, television)* jewinkella niddirieġu l-idea (dan il-proċess isejjaħlu "diriġiżmu lingwistiku") għal kelma romanza (eż. *borża, kampjonat, televiżjoni).* Jiġifieri Brincat ma jaċċettax *skolarxip, ċampjinxip, televixin.* U jikkwota l-awtorità tal-Professur Aquilina meta jgħid li *borża* u *kampjonat* jinsabu fid-dizzjunarju ta' Aquilina. Imma anki *skolarxip* u *ċampjinxip* jinsabu f'Aquilina, u *televixin* Aquilina jagħtiha fil-bidu tad-dizzjunarju tiegħu fin-noti dwar l-alfabett Malti. Mela l-awtorità ta' Aquilina tippermetti li niktbu *skolarxip, ċampjinxip,* u *televixin* jekk ikun jogħġobna nagħmlu hekk. Barra minn hekk, l-Akkademja fl-*Aġġornament* qalet b'mod ċarissimu li *television* għandha tinkiteb *televixin.* Brincat jgħid li fil-Malti m'hemmx "ħoss għall-frikattiva alveopalatali mleħħna" (jiġifieri l-ħoss ta' "-si-" f'*television*):

> – dan m'hu veru xejn għax il-ħoss jeżisti fi *xbin;* għal din il-kelma Brincat jgħid li *xbin* tinħass hekk minħabba l-"b" imma ma joffri ebda argument siewi għax xorta jibqa' l-fatt li l-ħoss jeżisti (ara wkoll kliem bħal *xbajt* u *ixdqa*); barra minn hekk, l-Akkademja (fl-*Aġġornament)* il-grafema "x" għamlitha tirrappreżenta l-fonemi li bl-Ingliż jinħassu "sh" (eż. *xemx* u *xagħar)* u "-si-" (eż. *televixin* u *divixin*).

Brincat jgħid ukoll li fonoloġikament *televixin* ma taqbilx fl-aċċent ta' l-aħħar sillaba tagħha ma' l-aċċent ta' l-aħħar sillaba ta' *baħrin* u *karozzin*

> – imma hawnhekk Brincat żelaq fin-niexef għax ħallat il-fonoloġija ma' l-ortografija; it-tlissin tal-kelma importa l-aspetti

fonoloġiċi ta' l-Ingliż (anki Aquilina jistqarru dan fid-dizzjunarju tiegħu taħt il-prefiss *tele-*), u allura meta ngħiduha nlissnuha bħal fl-Ingliż bl-aċċent ewlieni fuq l-ewwel sillaba; issa meta niktbuha, nistgħu ninqdew bix-"x" li qed tirrappreżenta l-ħoss Ingliż "-si-" (kif diġà għedna), l-aċċenti f'nofs il-kelma ma nirrappreżentawhomx grafikament (ara l-*Aġġornament*).

L-argument ta' inkonsistenza ortografika m'għandniex napplikawh għax fis-sistemi dejjem insibu xi inkonsistenza: fil-Malti *ħadd – ħadt;* fl-Ingliż *through – rough*; fit-Taljan *gli – glicerina*.

Meta Brincat jgħid li fil-kitba diġà għandna *tele-* u *viżjoni* u allura għandna nibdlu *televixin* b'*televiżjoni*, jinsa li fil-Malti non-semitiku l-kliem nimpurtawh mingħajr rabta ma' kliem ieħor li jiġi minnu (ara *sigurta'* u *żgur, magna* u *makkinarju*). Jiena ngħid li għandna nżommuhom it-tnejn fil-kitba għax *televiżjoni* hija aktar formali minn *televixin* li hija l-verżjoni l-aktar popolari. Barra minn hekk, l-idea tad-diriġiżmu lingwistiku taf ittellef mill-iżvilupp tal-lingwa. Ngħidu aħna, *bajsikil* hija *rota*, imma jekk aħna neqirdu *bajsikil* jew *bicycle* inkunu qegħdin innaqqsu mir-rikkezza lessikali. Xi mkien ieħor jgħid li għandna xi verbi (bħal *ixxejkja, ifflowtja, ikkejterja)* li qegħdin nużaw u li nistgħu nibdluhom ma' xi oħrajn (eż. *ċaqlaq/heżżeż, żamm fil-wiċċ, qeda/serva*). Imma nindunaw li medda semantika ta' dawn it-termini tvarja. Jekk jien ngħid, "Ixxejkja l-luminata ħalli tneħħilha l-gass" nifhem li l-azzjoni trid tkun b'saħħitha u mgħaġġla, u f'dan il-kuntest la *ċaqlaq*, la *heżżeż*, u lanqas *ħawwad* ma jkunu jixirqu. Fil-każijiet l-oħra nistgħu dejjem insibu kuntesti li jappartjenu għalihom biss għax fil-firxa semantika tagħhom jixorbu tifsirijiet u assoċjazzjonijiet li jmorru magħhom biss. Brincat donnu jinsa li, bħala lsien ħaj, il-Malti huwa dejjem fi proċess ta' bidla u allura meta l-ġenerazzjonijiet iż-żgħar f'ambjent edukattiv jgħidu *tiħħemmja* minflok *tkeffef* ikun qiegħed iseħħ proċess ta' influwenza naturali.

Forsi l-aktar ħaġa utli għad-deskrizzjoni tal-Malti kontemporanju hija l-mappa tal-varjetatjiet tal-lingwa Maltija li Brincat jagħti fl-aħħarnett. Jiddistingwi bejn il-Malti standard, il-Malti traskurat, il-Malti raħli, il-Malti-Ingliż, il-Malti burokratiku, u l-Malti letterarju. Ta' min jgħid li "traskurat" hija kelma ta' ġudizzju u kieku jien nippreferi "informali" milli "traskurat" għax in-nies ta' bla skola ma jitkellmux bi traskuraġni imma aktar mingħajr ħafna formalitajiet. Brincat jgħid ukoll li l-Malti tal-letteratura huwa "x'aktarx semitizzanti", kumment li m'għadux validu wara t-tiġdid letterarju li seħħ fis-sittinijiet li parti minnu kien it-twarrib tal-monopolju semitiku mil-letteratura ta' l-aħħar nofs tas-seklu għoxrin. Jagħlaq ix-xogħol billi jgħid li dın l-iskema tal-varjetajiet teħtieġ aktar studji, u hekk naħseb jien ukoll.

Kollox ma' kollox, jibqa' l-fatt li Brincat għamel biċċa xogħol siewja ħafna li qatt qabel ma kellna bħalha.

# Meta Kollox ma' Qalbna Jinġieb

*Charles Briffa*

**ĠIŻIMIN LI QATT MA JIFTAĦ ta' Oliver Friggieri**
(Mireva Publications, Malta 1998), pp. 189



Fil-kitba kreattiva ta' Oliver Friggieri nsibu li t-temi x'aktarx jinqasmu fi tnejn: fuq naħa l-awtur jagħtina l-kruha u l-mard tas-soċjetà, u fuq naħa oħra jagħtina l-ġmiel u l-hena tal-ħajja. Dan iseħħ sija fil-poeżija u sija fil-proża narrattiva, imma ħa nagħfas kemm kemm fuq il-proża narrattiva u nfakkar daqsxejn fil-vjaġġ li għamel f'dan il-qasam.

Nibdew minn *Il-Gidba* (1976) fejn tana l-problema ta' raġel li jpoġġi ma' mara oħra u jkollhom jikkumbattu l-kannibaliżmu parrokkjali tan-nies. Imbagħad f'*L-Istramb* (1980) tana żagħżugħ li jipprova minn kollox biex isib l-hena imma jfalli f'kollox u joqrob lejn is-suwiċidju. Fi *Stejjer għal Qabel Jidlam* (1986) qegħdilna quddiemna għadd ta' rakkonti li jġagħluk tirrifletti fuq il-ħajja fiha nnifisha, u f'*Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* (1986) ressqilna l-firda politika li hawn fil-pajjiż minħabba li fil-parlament hemm atmosfera ta' firda. Imbagħad *Fil-Gżira Taparsi Jikbru l-Fjuri* (1991) tana l-mard soċjali ġej mill-ipokrizija tal-politiku u l-faċċoliżmu tar-reliġjuż li ma jagħrfux il-verità lanqas meta tkun quddiem għajnejhom. U issa f'*Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ* (Sensiela Mireva Kittieba Maltin, 1998) qed jagħtina x-xewqa għall-kenn ta' l-imħabba fit-tfulija. Jiġifieri, l-ewwel jesponi l-mardiet prinċipali ta' Gżiritna u mbagħad jixxennaq għal tfulitu.

Interessanti f'dan kollu huwa l-fatt li l-fjura hija simbolu ta' mħabba fi Friggieri. *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* għandna n-nuqqas tal-fjuri – dan

ifisser nuqqas ta' mħabba li allura jġib il-firda. *Fil-Gżira Taparsi Jikbru l-Fjuri*, taparsi għandna l-fjuri – dan ifisser nuqqas ta' l-essenzjal ta' l-imħabba li allura jwassal għall-ingann. U f'*Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ* għandna fjuri li qatt ma jiftħu – dan ifisser l-istennija ta' l-imħabba li allura tixgħel bl-innoċenza. Issa hemm il-veru fjuri (i.e. il-ġiżimin), tant huma veri li huma identifikati b'isimhom. Minħabba l-qrusa li ġarrbet f'ħajjitha l-omm tixtieq li l-ġiżimin ma jiftaħ qatt, fi kliem ieħor li binha ma jikber qatt ħalli tibqa' tħobbu u hu jibqa' innoċenti. Imma ħa naraw l-iżvilupp tal-metafora tal-ġiżimin kif timxi fir-rumanz. Però ta' min iżomm f'moħħu li mal-karatteristiċi tal-fjur abjad li jfuħ irridu nżidu l-fatt li huwa tolleranti ħafna tant li joqgħod ukoll fil-btieħi mdawrin bil-bini, jiġifieri joqgħod f'kondizzjonijiet ta' għeluq urbaniku. Huwa xeblieki u għandu fwieħa li tgħaxxaq bi ħlewwitha. Il-Maltin iħobbu t-tiżjin bit-tifwiħ ta' fejn tkun il-ġiżimina, jiġifieri l-isfond tal-proża narrattiva diġà huwa parti mit-tema.

Fir-rumanz il-ġiżimin jieħu tifsira simbolika skond il-ħtieġa tal-mument imsemmi jewinkella skond il-bixra mentali tal-karattru. Għandu assoċjazzjoni sħiħa mal-ħlewwa ta' l-omm (u allura r-rumanz isir qima waħda lill-omm) u narawh ukoll mgħobbi bil-fwieħa donnu kumpann ħlejju tat-tifel. Meta Toninu ġarrab l-ewwel esperjenza tal-mewt fl-episodju ta' l-għasfur, titfaċċa l-omm kollha emozzjoni minħabba l-innoċenza tat-tifel li ma kienx jaf x'inhi mewt u b'għożża kbira tidfen l-għasfur mejjet ħdejn il-ġiżimina –

> Ommu qiegħdet l-għasfur fl-art, u ħaffret ħofra fil-ħamrija ħdejn il-ġiżimina. Kienet ġiżimina bi fjuri bojod żgħar, irqaq li ma jiftħux, u jfuħu biss bil-lejl. Xeħtitu bil-mod fiha u għattietu. Żiegħlet kemm kemm bil-weraq u xi fjuri nexfin tfarfru u waqgħu.

Il-ħlewwa ta' l-omm titħallat mat-tifwiħ tal-ġiżimin f'raqda għal dejjem u l-assoċjazzjoni tnaqqas il-kruha tal-mewt u tkattar ir-rispett lejn il-mejjet. Immedjatament wara jkun hemm trasferenza ta' l-esperjenza mill-għasfur għan-nannu, u Toninu

> lin-nannu raħ qisu għasfur mimdud biex jistrieħ u jorqod u jorqod u jorqod... għad-dell ta' ġiżimina.

Hawnhekk il-ġiżimin li ma jiftaħx huwa l-ħajja li tidħol għar-raqda t-twila. Mal-mewt tat-tarbija l-bjuda tal-karru tal-mejtin (skond id-drawwa tal-funeral ta' tarbija) fakkritu fil-"ġiżimina tal-bitħa". Jiġifieri, il-bjuda tal-ġiżimina f'dan il-waqt tiġi assoċjata ma' l-innoċenza. B'dan il-mod il-ġiżimina tidħol fl-iskema ta' l-IMĦABBA tar-rumanz. U ma' din l-iskema hemm ukoll il-mewt bħala raqda fis-sliem, il-ħamiem, il-ġenna, in-nannu, l-omm, u l-missier.

Ma' l-iskoperta tat-tifel li t-trabi "ma jiġux minn fuq il-vapuri" għax huma "ħwejjeġ tal-Bambin" l-omm qabżilha d-dmugħ u bil-ħsieb indirett ħieles tistqarr li "Kienet tħobb il-ġiżimin li jibqa' żgħir u qatt ma jiftaħ." Il-ġiżimin,

f'dan il-każ, jirrifletti x-xewqa tagħha li binha ma jikber qatt biex tkun tista' tibqa' tħobbu.

"Mhux tifel għadu?"
"U inti tifel tridu jibqa'!"
"Kieku nista', iva," qaltlu b'fidi kbira.

L-omm kienet tħobb il-fjuri li qatt ma jiftħu għax qatt ma jinxfu –

"Imma inti tħobb l-aktar il-fjuri li ma jiftħux ..."
"Fjur li ma jiftaħx hu fjur li qatt ma jinxef."

Dan forsi sforz il-biża' li kellha li Toninu jsir jaf il-verità kollha fuqha (ma ninsewx li hi kienet meqjusa t-tifla ż-żejda tal-familja tagħha) u fuq missieru (niftakru li kellu ommu mara tat-triq). Mela, ix-xewqa tagħha kienet li binha ma jikbirx biex ma jagħrafx il-verità kollha.

U hemm ħaġa oħra: il-fjuri li ma jinxfux kellhom umiltà li kienet tolqtu lit-tifel – umiltà tipika ta' Oliver Friggieri (il-poeta li jibki dejjem).

> Minn fost il-fjuri kollha kien iħobb l-aktar il-fjuri-li-ma-jinxfux, ibsin, qishom tal-karti, żgħar, jgħixu ħafna, neqsin mill-ġmiel ta' sħabhom, ma jixxenglux malajr ma' kull żiffa. Kienet tolqtu l-aktar l-umiltà tagħhom, ma jfuħux u xorta ħerqanin li jieħdu sehem fil-ħajja.

Il-ġiżimina għal Toninu ssir il-bidu tal-ħsieb fuq il-misteri tal-ħajja, il-ħsieb li wasslu jifhem aktar x'inhi l-imħabba.

> Fin-nofs tal-bitħa, tħaddar u tfuħ dejjem, il-ġiżimina bdiet tfakkru li kien biżżejjed għalih li jersaq lejha biex jifhem kemm hemm x'tifhem. Meta kien ra l-għeruq tagħha, kien ġie wiċċ imb wiċċ mas-sigriet tal-ħajja. Hemm kien beda kollox.

U meta l-ħamiema ġietu lura kollox deherlu sabiħ u l-ġiżimina "fetħet fjuri ġodda": jiġifieri l-ġiżimina timxi mal-burdata tal-kuntest u turi l-ġmiel tal-ħajja u ta' l-imħabba.

Fl-aħħar l-omm tirrevedi x-xorta ta' mħabba li kien hemm f'Balzunetta u l-konklużjoni tagħha li "anki fl-irmied tikber ġiżimina" tikkonferma li l-ġiżimina hija simbolu ta' l-imħabba. Issa jekk insarrfu dan kollu u nixħtuh fuq livell nazzjonali nirrealizzaw x'qiegħed jgħidilna Oliver Friggieri li nistgħu ngħidu li huwa t-tieni poeta nazzjonali tas-seklu XX: anki f'soċjetà marida bl-ingann, bl-ipokrizija, u bin-nuqqas ta' valuri essenzjali, il-ġiżimina (li fil-kuntest tar-rumanz tfisser l-imħabba fl-innoċenza) tikber ukoll. Dan huwa l-messaġġ ta' Friggieri lin-nazzjon. Rumanziera oħra kkundannaw il-passat Malti biex itejbu l-preżent; Friggieri qiegħed iseddaq il-passat Malti biex

iċanfar il-preżent. U biex iseħħlu jagħmel dan ipoġġilna liż-żgħir Toninu, figura sħiħa ta' l-innoċenza, jiddjaloga mal-kbar (mal-ġenituri tiegħu li fihom hemm magħsur il-potenzjal ta' l-imħabba).

Il-kwadru ta' Dun Karm fi *Żjara lil Ġesù* fejn il-poeta, f'mumenti ta' ħlewwa li tgħaxxaq, jiftakar fil-ġabra tal-familja tiegħu u jixxennaq għal tfulitu mkennen fl-imħabba,[1] Oliver Friggieri bl-istess sempliċità tar-ruħ jagħtihulna bl-esperjenza tiegħu f'dan ir-rumanz, *Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ*. Xi tkun din il-ħerqa biex awtur jikteb fuq it-tfulija? Minfejn hi ġejja din l-imbuttatura tar-ruħ? L-ansjetajiet taż-żmien jagħmluna nervużi, u meta fost ir-ruxmata possibiltajiet ta' ħajjitna nsibu lilna nfusna sfurzati biex skond id-daqqa niżfnu, inħossu istintivament kemm huwa importanti li nkunu kapaċi nżommu l-gost tat-tfulija u tan-natura. Naħseb li huma l-mardiet soċjali taż-żmien li ġagħluh jixxennaq għat-tfulija lil Friggieri.

Induru lejn it-tfulija għax hemm aktar ċertezza u stabilità. Nafu l-post fejn kien, inħossu l-kenn taż-żmien. L-istħajjil setà jespandi għax it-tfulija tagħti lok għall-fantasija u l-allegorija[2], imma fi Friggieri t-tfulija tibqa' mċappsa mal-Ħajt ta' Balzunetta li ma jittellax mill-bennejja u lanqas ma jitwaqqa' minnhom għax huwa ħajt soċjali u l-bniedem ikollu ma' Robert Frost (1875–1963) jgħid "We keep the wall between us as we go."[3] Fuq it-tifkiriet jinbnew xeni u jitwaqqfu simboli li jittaqqlu bit-tifsir. Friggieri jinġibed lejn it-tfulija mfakkra għax hija alternattiva għat-twegħir u l-ansjetajiet tal-preżent. Id-diffikultajiet tal-ħajja, li jqanqlu l-krib fl-umanità, ittrattahom fit-tul fil-poeżiji tiegħu u fil-proża narrattiva l-oħra, u dan setà heġġu biex fir-rumanz il-ġdid japprezza l-ħajja m'hix ikkomplikata ta' tfulitu. Donnu fit-tifkiriet fittex refuġju mill-kruha ta' żmienu. Id-dinja li tidher sikwit fil-poeżiji u fil-proża narrattiva l-oħra hija waħda ta' tiġrib ikraħ li spiss iħammar wiċċ l-umanità. Fir-rumanz il-ġdid joffri l-imħabba li trid tilqa' dan kollu. Żmienu mwiegħer. Isejjaħ lura tfulitu ħa jilmaħ l-hena. Tfulitu ttaffilu kemxejn id-dieq ta' ruħu. Imma hemm jilmaħ il-ġiżimin li qatt ma jiftaħ. La qatt ma jiftaħ dejjem tibqa' fih l-istennija tal-fwieħa, tal-ġmiel. Il-potenzjal ta' ġmiel l-imħabba jibqa' magħsur fil-qalb sinċiera, f'ruħ il-bniedem. Jekk fil-poeżija wera t-twegħir u l-uġigħ ta' l-umanità, fir-rumanz tana x-xewqa ta' l-imħabba. Sab il-proża narrattiva kważi-dokumentarja u din qdietu bħala komunikazzjoni effettiva. Ir-rumanz huwa sfida letterarja għall-ansjetajiet ta' żmienna. U jekk irridu nibqgħu f'artna, nistgħu ngħidu li r-rumanz ta' Friggieri jintrabat mad-dwejjaq politiku tal-pajjiż: il-politika oppressiva nibbtet *Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri* (1986), u *Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ* (1998) nibet mit-theddida politika fuq il-familja.

Graham Greene fl-esej tiegħu *The Lost Childhood* jirreferi għall-"perfect evil walking the world where perfect good can never walk again, and only the pendulum ensures that after all in the end justice is done. Man is never

satisfied..."[4] Friggieri bir-rumanz tiegħu jgħid mod ieħor. Id-dinja testwali fiha s-swidija tagħha imma l-għaqda fl-imħabba tal-familja tterraq wara l-ħajt ta' Balzunetta toffri s-sodisfazzjon lill-individwu. U fir-rumanz ta' Friggieri kulħadd għall-ġenna – jiġifieri dawk li jgħixu l-essenzjal ta' l-imħabba. Għalhekk dan ir-rumanz il-ġdid lili fakkarni fil-vers minn *Waħdi* ta' Dun Karm li sejjaħ it-tfulija ż-żmien ta' "Meta kollox ma' qalbna jinġieb."

Xi awturi oħra li fittxu il-kenn ta' tfulithom: Dun Karm, Rużar Briffa, Kilin, Trevor Żahra, Lino Spiteri.

Ir-rumanz huwa alternattiva għall-ħruxija li qed titwettaq fuq l-umanità u fl-istess ħin joffri kuntest fl-esperjenza individwali biex l-isfidi ta' l-immaġinazzjoni u ta' l-għarfien jiġu eżaminati.

Mit-tifkiriet tat-tfulija naslu nifhmu kif wieħed jaqleb minn tifel għal raġel. Jien u naqra l-ktieb jien ukoll mort lura lejn tfuliti għax xi wħud mill-kwadri tar-rumanz fakkruni fi ġrajjiet ċkejknin li kont insejt fi tfuliti.

Friggieri eżamina t-tfulija (u t-telfa tagħha) bħala kuntest li juri l-koeżistenza fl-istħajjil taż-żewġ aspetti: ħruxija – tfulija

| | |
|---|---|
| il-qerda<br>il-faqar spiritwali<br>id-degradazzjoni morali<br>(instabilità) | l-innoċenza<br>il-kenn<br>l-imħabba<br>(stabilità) |
| ↓ | ↓ |
| iħabbru li l-qalb tista' tmut | iħabbru li l-qalb tista' tibqa' tgħix ukoll bit-tifkiriet |
| ↓ | ↓ |
| il-kruha tal-ħajja | il-ġmiel tal-ħajja |

Forsi f'dan il-kuntrast bejn l-innoċenza tat-tfulija u t-tiġrib diżilluż ta' l-adulti tista' tinsab xi analoġija biex tagħsar ġo fiha id-diżastri kbar li twettqu fuq l-umanità matul is-seklu XX.

Il-ħabta bejn l-innoċenza u l-esperjenza hija ħabta li ma tehda qatt f'ħajjitna. Ir-rumanz nixxa mit-tifkiriet tat-tfulija, u għalhekk għandna l-kuntrast bejn l-innoċenza u t-tiġrib.

L-eżistenza ta' sentimenti innoċenti tispikka minħabba l-għafsiet koroh li soċjetà taf tagħmel fuq l-umanità. It-tfal jaħqru lil Kelinu mgħajjar il-buffu u bl-innoċenza tiegħu kollha Toninu jgħarrfu li l-buffu huwa bniedem bħal kull wieħed ieħor wara li jneħħi t-tiċpis minn ma' wiċċu.

Hemm tensjoni bejn il-ġrajja u t-tema: id-dħul tal-vjolenza/kefrija/ qalb ħażina f'rumanz medhi li juri l-innoċenza tat-tfulija u l-mixja lejn il-maturità.

Proża li ssejjaħ il-karattri skond ma titlob il-ġrajja u dawn il-karattri jiġu minfejn ikun hemm bżonn, ukoll min-novelli bħal Feliċ Harufa (p. 90) u Koranta (p. 100). Friggieri donnu jsib ħajt ta' kenn fit-tifkiriet ta' tfulitu u jaħtaf id-dehra ta' dinja mgħoddija tal-ħamsinijiet, bil-mentalità soċjali kollha tagħha. Jinħass daqsxejn nostalġiku meta jittawwal lejn tfulitu imma huwa wkoll kritiku meta jagħtina passat li jċanfar il-preżent għax il-preżent ittradixxa l-effetti tal-passat. Din iċ-ċanfira l-aktar li tidher meta Toninu jistaqsi 'l ommu xi dnubiet setà jqerr għax hija xena qawwija ta' innoċenza.

Friggieri jikkonċentra fuq it-tiġrib formattiv ta' Toninu li kultant ma jintebaħx bl-implikazzjonijiet ta' l-iżviluppi li jkun qiegħed jassisti. Tfajjel li jibda jiltaqa' mal-ħajja adulta kultant b'kumbinazzjoni, kultant bi żvilupp. Jagħti impressjoni kemxejn skomda ta' kuntrast bejn tiġrib u innoċenza sa ma nintebħu li r-rumanz mhux biss qiegħed jitkellem fuq l-innoċenza imma fuq it-telfa ta' l-innoċenza ta' nazzjon. It-tifel li jrid jgħaġġel ħa jikber u l-omm li trid tkennu fi mħabba assoluta għax ma tixtiqux jikber hija x-xewqa tar-rumanzier li l-affarijiet setgħu baqgħu daqshekk innoċenti fil-gżira tagħna.

Bosta drabi naraw id-dinja testwali li tiġbor fiha s-soċjetà tal-ħamsinijiet mill-puntodivista ta' Toninu t-tifel maħbub u mfissed li mhux dejjem ikun attrezzat mentalment biex jifhem il-ġrajja ta' ħajtu minħabba l-età. Fit-tiġrib uman u l-konsegwenzi emozzjonali, Friggieri jagħmel użu tajjeb mid-differenza li teżisti fil-perspettiva bejn l-adulti u t-tifel. Ta' età żgħira, Toninu jitħasseb fuq il-ħajja u jiltaqa' ma' emozzjonijiet kumplessi kultant qabel ma jkollu ħila jlaħħaq magħhom, tant li jidhru strambi għall-esperjenza tiegħu. Ir-rappreżentazzjonijiet tal-ħsieb jiddrammatizzaw il-jien ġol-karattri bit-tifkiriet, bir-riflessjoni: joħolqu eżistenza interna intensa li tagħti saħħa lill-proża narrattiva.

- Il-missier, li qatt ma ra 'l ommu li kulħadd jaf li kienet mara tat-triq, jitħabat biex jistabilixxi post għalih fid-dinja tiegħu u jirnexxilu għax missieru ferra' fih sens ta' mħabba li mbagħad hu ferra' fuq martu u ibnu.
- L-omm, li fi twelidha tilfet 'l ommha u ftit wara 'l missierha, tħabtet biex tfittex l-imħabba ma' ħutha li tefgħu l-ħtija tal-mewt ta' ommhom fuqha u ma' zija antagonistika/ ostili li qatt ma ħallietha tersaq lejn id-dawl ta' ġmiel il-ħajja. Fl-aħħar sabet l-imħabba mar-raġel li għażlet (minkejja t-tfixkil ta' zitha) u sawbet f'binha sens qawwi ta' mħabba.

Il-missier u l-omm huma elementi li jsaħħu l-kunċett tal-kontinwità ta' l-umanità fl-imħabba. Ir-ritorn lejn it-tfulija f'dan ir-rumanz iraqqad ir-ruħ fis-sliem. Fil-ħajja ta' dawk li jiġu wara, ikun hemm waqtiet meta r-ritmu jogħtor u l-għanja tibla' r-rima, il-moħħ jitfixkel, u s-sisien foloz jiġġarrfu u jsiru għabra, l-għerf jissaddad; imma jinfetħu l-għajnejn biex ibennu lir-ruħ fis-skiet u tisma' l-leħen tat-tifkira jsejjaħ lura l-imħabba tat-tfulija mkebba fil-kenn tal-ġmiel innoċenti.

## Noti

1. Is-silta li qiegħed nirreferi għaliha hija:

   ..Ftakart fik, żmien, ħelu,
   meta kont f'dar missieri, mejda waħda
   kienet tiġborna lkoll, f'rabta ta' mħabba,
   lili, lil ħuti, u 'l dawk illi nissluna;
   imma fik l-aktar, j'omm, li għalkemm xwejħa
   ta' tmenin sena, bqajt sa l-aħħar siegħa
   sabiħa bħalma kont fl-aħjar minn tiegħek,
   u bid-dawl ta' għajnejk, li qatt ma ddellu,
   kont tfissirli x-xewqat li kellek f'qalbek,
   bla qatt ma għedtli; ftakart fik u donni
   ħassejt li ma kellix iżjed x'nambiha
   din il-ħajja li tajtni hekk għażiża,
   la darba ma kont tista', ferħ jew niket,
   taqsamha miegħi, u taħt l-art ħanina
   fit-tgħanniqa tal-mewt xtaqt norqod miegħek.

2. Dun Karm jinfexx f'dan l-istħajjil, fost l-oħrajn, fil-poeżija *Waħdi*:

   Oh xi żmien! b'dik il-ħajta f'idejja,
   Ħarsti msammra fuq tikka ġos-sħab,
   Kont nistħajjel li naħkem is-sema,
   U fis-sema kont qisni ninsab.

3. *Mending Wall* ta' R.Frost.

4. GREENE, G., *Collected Essays* (Penguin Books, Middlesex, 1970), p.17.

# SAJONARA ta' Victor Fenech

*Josette Attard*




It-tradizzjoni tal-kitba tal-ħajku bil-Malti llum qabdet sewwa t-triq letterarja biex tissokta tagħni l-letteratura Maltija b'ġeneru li m'huwiex biss differenti mix-xejriet tas-soltu iżda hu wkoll relattivament ġdid. Fl-isfond ta' letteratura bi tradizzjoni Latina, jispikka dan il-kurrent poetiku Ġappuniż li f'Malta ra t-twelid tiegħu fi tmiem is-snin sittin tas-seklu l-ieħor bil-pubblikazzjoni ta' l-antoloġija *Il-Muża bil-Kimono* (1968) ta' Anton Buttigieg. Warajh issoktaw bil-kitba tal-ħajku poeti ewlenin imrawma lkoll fl-ambjent letterarju tas-sittinijiet, Joe Friggieri, Oliver Friggieri, Lino Spiteri u issa Victor Fenech, għalkemm qabel kien ippubblika xi ħajki fl-antoloġiji Antenni (1968) u *Analiżi* '70 (1970).

M'iniex se noqgħod nintilef fuq aspetti tekniċi **tal-ħajku iżda fil-qosor nistgħu** ngħidu li hu magħmul minn sbatax-il sillaba mqassma fi kwinarju, settenarju u kwinarju ieħor. Il-kontinwità bejn il-versi tgħin biex tinħoloq unità fil-ħajku li minħabba fin-natura qasira tiegħu, dejjem ifisser ħsieb wieħed jew xbiha waħda biss. Ir-rabta li hemm bejn il-frażijiet hi rifless ta' l-unità mentali tal-ħajkista. Il-proċess mentali li jseħħ qabel il-kitba nnifisha hu proprju dan: li l-ħsibijiet u l-ideat li jkunu bla ordni ta' xejn f'moħħ il-poeta, jintrabtu b'tali mod flimkien biex isawru ħsieb wieħed ċentrali. Fil-ħajku l-poeta ma jistax ifisser sensiela ta' ħsibijiet. L-importanza għalhekk tintefa' fuq impressjoni ta' waqt wieħed biss u l-poeta jeħtieġlu jaħtaf dak il-waqt qasir qabel jgħib darba għal dejjem, u jibdlu fi kliem skond il-perspettiva tiegħu. Din l-attività titlob sensittività estetika raffinata ħafna biex jiġġarrbu l-iċken dettalji bħalma jiġri fil-ħajku:

Kaċċa tan-nemus:
bojja l-farfett tar-ramel
bix-xibka tal-bżieq.

Hawn il-poeta hu l-osservatur ta' ħlejqa li normalment ma tiġbidx attenzjoni bħal m'hu l-farfett tar-ramel u lil din il-ħlejqa jaqbadha f'mument partikulari li x'aktarx mhux komuni. Fuq kollox il-metafora tibdel il-farfett f'bojja – l-element naturali jinbidel f'element ta' qerda tan-natura nnifisha li ssir il-kawża u l-effett fl-istess waqt. Il-ħajku jħaddan fih sensibiltà qawwija li tlaqqa' flimkien żewġ opposti: dak li hu permanenti u dak li hu tal-moda u għalhekk jinbidel skond iż-żmien.

Iżda karatteristika ewlenija hija l-konċiżjoni meqjusa bħala l-kawża ta' l-implikazzjoni fina li l-poeta hu mġiegħel iħaddem. Il-ħajku ta' Victor Fenech mhux nieqes minn dan l-element li, b'ekonomija lessikali intenzjonata, iqanqal fil-qarrej sensiela ta' ħsibijiet li jbegħduh mill-punt tat-tluq bħalma jiġri f'dan il-ħajku:

Marid fis-sodda
nistenna l-aħħar werqa
taqa' minn mal-ħajt!

Minn kwadrett sempliċi u komuni, toħroġ kemm riflessjoni fuq il-mewt innifisha, kif ukoll l-attitudni ta' bniedem meta jħossu qrib il-mewt. Xogħol il-ħajkista hu li permezz tas-suġġestjoni, jiftaħ diversi twieqi għall-qarrejja biex minnhom joħorġu jimirħu f'dinja ta' riflessjoni u emozzjoni.

Minħabba li l-ħajku jinbena fuq l-implikazzjoni, jagħti lok għall-assoċjazzjoni ta' ideat. Hu proċess li joħloq żvilupp mill-konkret biex fl-aħħar jasal għall-astratt. Fenech spiss jinqeda b'oġġetti konkreti jew bi ħlejjaq animati bħal warda, dgħajsa, ġebel, ċipressa, ċinja, farfett, qamar u saħansitra l-bniedem stess. Iżda dawn u bosta oħrajn huma biss simboli ta' ideat, kunċetti u astrazzjonijiet oħra. Huma biss it-tlaħħim ta' kulma jeżisti iżda ma jidhirx. Xi drabi oġġett wieħed jirrappreżenta aktar minn kwalità waħda bħal fil-każ taċ-ċinja li tirrappreżenta ġentilezza, fraġilità, safa, femminilità u kalma.

Jekk il-metafora hija essenzjalment il-lingwaġġ tal-poeżija, hawn tinħass il-ħtieġa tagħha minħabba l-konċiżjoni. Fil-metafora m'hemmx biss xebħ sempliċi ta' oġġett ma' ieħor, iżda hemm ukoll konċentrazzjoni ta' ideat: ingredjent essenzjali għall-ħajku bħalma jixhed dan il-ħajku:

Suldati mġarrfa:
xtieli mix-xemx maħruqa –
bħar-rieda tiegħi.

Il-qagħda tas-suldati u tax-xtieli, it-tnejn konkreti u jistgħu jkunu mġarrba senswalment, hi mxebbha mal-qagħda ġewwiena tal-poeta, u għax hi

ġewwiena hi astratta u tegħleb it-tiġrib senswali. Il-metafora għall-ħajkista hi utli mhux biss għax tgħinu jfisser kull ħsieb u emozzjoni f'numru limitat ta' sillabi iżda wkoll għax tipprovdilu wesgħat kbar fejn jista' jimraħ bl-immaġinazzjoni. Minn hawn joħroġ l-involviment qawwi tal-ħajkista. Ma jistax iżomm 'il bogħod minn xogħlu li xi drabi jieħu xejra personali jekk mhux djarjistika, li ssaħħaħ aktar l-involviment.

F'*Sajonara*, Victor Fenech jipprovdi varjetà sħiħa ta' ħajki f'dak li għandu x'jaqsam ma' burdati. Hemm l-istqarrija dwar aspetti differenti tal-ħajja umana, sensittiva u veġetattiva, hemm ukoll ix-xbiha, is-sentiment, ir-riflessjoni u d-deskrizzjoni. Normalment, il-ħajku jfisser burdata waħda biss. Għalhekk il-burdata titwassal mhux biss bit-tifsira iżda wkoll bil-ħoss xieraq. Fid-daħla għall-ktieb Fenech juri li hu konxju taż-żewġ dimensjonijiet tal-kelma: it-tifsira u l-ħoss. Din hi r-raġuni ta' l-użu spiss ta' ħsejjes vokaliċi, ta' l-alliterazzjoni, ta' l-onomatopea, tal-konsonanza u ta' l-assonanza. Il-kontenut huwa marbut mal-ħoss tal-kelma. Ladarba l-poeta qiegħed jaħdem f'limiti tekniċi dojoq ħafna, jeħtieġlu jisfrutta kemm jiflaħ il-kelma, jimmanipulaha u jinqeda biha bl-aħjar mod li jista'. Dan iżda ma jfissirx logħob bil-kliem għax fil-ħajku daqqa jinħassu burdati liriċi u drabi oħra burdati riflessivi.

Varjetà ta' burdati tirrifletti varjetà ta' temi. F'dan il-ktieb Fenech jitkellem dwar il-ħajja u l-mewt, l-imħabba u l-politika, iż-żmien u l-firda, in-natura u l-ambjent u fuq kollox jippreżenta riflessjonijiet fuq is-soċjetà ta' madwaru. L-interpretazzjonijiet tagħhom iħallihom f'idejn il-qarrej. Bħal kull tip ieħor ta' poeżija, il-ħajku ma jistax jifred il-ħajja minn mal-poeżija. Anzi bosta drabi l-punt tat-tluq hu xi aspett jew ieħor mill-ħajja. Dan iseħħ bl-użu ta' kuntrasti li fihom l-opposti jitqiegħdu ħdejn xulxin biex iħallu effett akbar bħal maħfra u tradiment, għoljiet u widien, miżbla u teatru. Minħabba f'hekk it-tonijiet ivarjaw ukoll – mill-ironija għall-umoriżmu, mis-satira għall-filosofija.

Biex jinkiteb il-ħajku jinħtieġ poeta tassew li jaf iħaddem il-kelma daqs kemm jaf jirrifletti u jħoss. Xhieda ta' dan kollu hu *Sajonara* li fih l-ilsien Malti hu mħaddem bl-aktar mod intelliġenti biex ikun jixraq ma' stil ta' kitba Orjentali. Fuq kollox Victor Fenech jipprovdi traduzzjoni bl-Ingliż tal-ħajki biex b'hekk *Sajonara* jista' jkun apprezzat 'il barra minn xtutna.

7

# Ħidmiet l-Akkademja

# L-Ortografija tal-Malti Tmenin Sena Wara

*Mons. Law. Cachia*

Il-Kummissjoni Lingwa ta' l-Akkademja tal-Malti tfakkar dan li ġej dwar l-Ortografija.

1. Sa l-1920 kien hawn konfużjoni dwar l-ortografija tal-Malti. Ġużè Muscat Azzopardi kien stqarr li mhux biss awtur jikteb mod u awtur ieħor jikteb mod ieħor, iżda hu stess mhux dejjem żamm l-istess ortografija.[1]

2. Fl-1920 twaqqfet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (il-lum l-Akkademja tal-Malti) u din lestiet Alfabett definittiv fl-1921.[2]

3. L-istess Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ħarġet ir-regoli ta' l-ortografija fi ktieb jismu *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* fl-1924.[3]

4. Il-Gvern ta' dak iż-żmien, Gvern Malti, kien ta appoġġ lill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti billi stampa fl-istamperija tiegħu l-ktieb imsemmi.[4] Iżda kien għandu kmieni wisq biex jagħmel dik l-ortografija uffiċjali. Kien hemm bżonn iż-żmien biex in-nies jitgħallmuha.

5. Fl-1929, fi żmien il-Gvern tal-*Compact*, l-ortografija tal-Għaqda bdiet tiġi mdaħħla fl-iskejjel elementari tal-Gvern. Iżda fl-1932 il-Ministru ta' l-Edukazzjoni kien ta ordni sabiex dik l-ortografija titwarrab.

6. Fl-1934 il-Gvern, dak iż-żmien Gvern Kolonjali, daħħal l-ortografija tal-Għaqda fl-iskejjel tiegħu kollha kif ukoll fid-dokumenti uffiċjali kollha.[5]

7. L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, il-lum l-Akkademja tal-Malti, qatt ma biddlet l-ortografija tagħha. Iżda fl-1984 ħarġet *Żieda mat-Tagħrif* dwar il-kliem li mhux Semitiku. Dan ma kienx tibdil iżda żieda.

8. Fl-1992 l-Akkademja ħarġet ftit regoli bħala *Aġġornament*. Dan ukoll ma kienx tibdil tar-regoli iżda ċċara xi regoli, per eżempju fejn *It-Tagħrif* kien ħalla libertà li niktbu *għeluq* jew *egħluq* l-Akkademja għażlet li niktbu dejjem *għeluq*. L-Akkademja għamlet dan wara li kienet laqqgħet il-membri kollha dwar din il-ħaġa (2 ta' Novembru 1991) u l-Kunsill approva dak li l-maġġoranza tal-membri kienu ddeċidew.

9. Fl-1998, l-Akkademja ġabret fil-qosor ir-regoli tat-*Tagħrif*, taż-*Żieda* u ta' l-*Aġġornament*. Hawn ukoll iċċarat punt u dan kien dwar verbi bħal *jagħrfu*, *eċċ* li qabel fit-*Tagħrif* kienu miktuba *jagħarfu*, eċċ. Dan ukoll sar bl-awtorità tal-Kunsill u wara li kien ittieħed vot favur fil-Laqgħa Ġenerali msemmija qabel.

10. Mill-1934 'il quddiem il-Gvern ta' Malta dejjem għaraf l-awtorità ta' l-Akkademja bħala l-awtorità kompetenti fejn tidħol l-ortografija tal-Malti. Per eżempju wara li saret *Iż-Żieda*, il-Ministru ta' dak iż-żmien, Dr Karmenu Mifsud Bonnici, kien laqa' dak id-dokument u għamlu obbligatorju fl-iskejjel ta' l-Istat. F'ittra ta' l-Aġent Direttur ta' l-Edukazzjoni dwar *Iż-Żieda* miktuba fis-7 ta' Jannar 1985 naqraw:

> "Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni għoġbu jordna illi r-Rapport fuq l-Ortografija ta' neoloġiżmi Anglo-Sassoni u Rumananzi fil-Malti approvat u maħruġ mill-Akkademja tal-Malti għandu jiġi mogħti għarfien uffiċjali u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu jidħlu bħala regoli uffiċjali ta' l-ortografija Maltija.
>
> F'dan il-kuntest ta' min ifakkar li r-regoli ta' l-ortografija tal-Malti maħruġa mill-Akkademja (dak iż-żmien Għaqda tal-Kitteba tal-Malti) fl-1924 fil-ktieb *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* ġew rikonoxxuti uffiċjalment mill-Gvern Malti fl-1934. Ir-rapport imsemmi aktar 'il fuq jidħol bħala żieda ma' l-ortografija tat-*Tagħrif*.
>
> Dawn ir-regoli jidħlu kemm fil-kitba amministrattiva kif ukoll fit-tagħlim".[6]

11. *L-Aġġornament* ukoll kien approvat mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien, Dr Ugo Mifsud Bonnici, u kien stampat mill-Istamperija tal-Gvern.

12. Għal raġunijiet ta' prudenza, fl-imgħoddi, l-Akkademja għażlet li tibqa' siekta f'xi okkażjonijiet meta xi kittieba kisru xi regoli ta' l-ortografija. Issa l-istess Akkademja qiegħda tiddikjara li meta r-regoli jinkisru b'mod sistematiku se titkellem u turi fejn inkisru.

13. Ortografija uniformi mhux biss ma tfixkilx l-istudju ta' l-ilsien Malti imma tgħinu. Il-Malti mhux xi eċċezzjoni iżda, bħall-Ingliż, bħat-Taljan, bħall-Franċiż u ilsna oħra, jista' jagħmel progress lingwistiku u letterarju waqt li jżomm ortografija uniformi kif rikonoxxuta mill-Gvern u mill-poplu.

## Noti

1. Ġ. Cassar Pullicino, *Ġużè Muscat Azzopardi*, Malta, 1991, paġ. 78.
2. *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, Malta 1924, paġ. v.
3. Ibid. paġ. v–vi.
4. Ibid. paġ. vi.
5. Ittra tal-Lieutenant Governor H. C. Luke (02-01-1934) miġjuba fil-ktieb ta' Ġużè Cassar Pullicino, Aquilina u l-Malti (Malta, 1974) paġ. 173.
6. *Il-Malti*, L-Ewwel u t-Tieni ktieb 1985 paġ. 37

# Mill-Ħidma tal-Kunsill ta' l-Akkademja

*Carmel Azzopardi, Segretarju*

| | |
|---|---|
| | Flimkien mal-Klabb Kotba Maltin, l-Akkademja organizzat serata fis-Sala Isouard tat-Teatru Manoel fil-5 ta' Marzu 1999 li fiha tnieda l-ktieb *Regoli tal-Kitba tal-Malti.* Sar diskors ta' l-okkażjoni minn Dr Manwel Mifsud. |
| 12 ta' April 1999 | Saret Laqgħa Ġenerali Straordinarja f'Dar l-Emigrant, il-Belt Valletta. Fiha nħatar Carmel Azzopardi bħala segretarju u Oreste Calleja u Maurice Mifsud Bonnici bħala membri tal-Kunsill. |
| 31 ta Mejju 1999 | Dr Simon Busuttil, Kap tal-Malta-EU Information Centre, kiteb lill-Kunsill u wiegħed li fil-proċess ta' sħubija ma' l-Unjoni Ewropea l-Akkademja se tkun mistiedna tieħu sehem fit-taħditiet fejn jista' jkun hemm implikazzjonijiet dwar l-ilsien Malti. |
| 26 ta' Lulju 1999 | L-Akkademja għamlet ftehim mal-Klabb Kotba Maltin dwar il-pubblikazzjoni ta' *Il-Malti. Il-Malti* se jibda jiġi ppubblikat darba fis-sena b'format ġdid u se jkun aktar volumuż. L-Akkademja se tkun responsabbli mill-ġbir tal-materjal u mill-qari tal-provi waqt li l-Klabb Kotba Maltin se jkun responsabbli mix-xogħol ta' l-istampar u mid-distribuzzjoni tal-ktieb. |
| 16 ta' Ottubru 1999 | Ġie ppubblikat *Il-Malti*, edizzjoni LXXIII. |
| 13 ta' Novembru 1999 | L-Akkademja organizzat seminar – "Ilsien Qadim f'Millennju Ġdid" fis-Sala Ġużè Ellul Mercer fid-Dar tal-Mediterran, il-Belt Valletta. Waqt is-seminar saru dawn id-diskorsi: "Kif qegħdin |

inlaħħqu lingwistikament mal-progress?" mill-Professur Albert Borg, "L-evoluzzjoni tal-letteratura Maltija" mill-Professur Oliver Friggieri u "L-influwenzi fuq il-Malti: sa fejn għandna naslu?" minn Dr Manwel Mifsud. Mexxa s-seminar Dr Charles Briffa u kien hemm parteċipazzjoni mill-udjenza. Saru wkoll diskorsi mill-Onorevoli Dr Louis Galea, Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali, Dr Charles Briffa u s-Sur Achille Mizzi, President ta' l-Akkademja. Is-seminar kien sponsorjat mill-Kumitat għaċ-Ċelebrazzjonijiet tal-Millennju fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali.

18 ta' Jannar 2000 — Wara talba li saret mill-Ambaxxata Maltija f'Madrid, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali kkuntattja lill-Akkademja u talabha tidentifika xogħol letterarju klassiku biex jintbagħat Madrid bħala xogħol rappreżentattiv tal-letteratura Maltija. L-Akkademja għażlet il-ktieb *Dun Karm – Poeżiji Miġbura*, editjat minn Oliver Friggieri u stampat mill-Klabb Kotba Maltin. Il-Klabb Kotba Maltin ġentilment offra kopja tal-ktieb li ngħatat lill-Ministeru.

19 ta' Jannar 2000 — Il-Kunsill ta' l-Akkademja kellu laqgħa formali ma' l-E.T. il-Professur Guido de Marco, President ta' Malta fil-Palazz Presidenzjali, il-Belt Valletta. Il-President laqgħa lill-membri tal-Kunsill u ta l-appoġġ tiegħu lill-Akkademja. Fid-diskors tiegħu saħaq fuq l-importanza ta' l-ilsien Malti u fuq il-ħtieġa li nħarsuh b'kull mezz. Fl-okkażjoni, il-Kunsill ippreżenta kopja tal-ktieb *Regoli tal-Kitba tal-Malti* lill-President.

11 ta' Marzu 2000 — Saret Laqgħa Ġenerali f'Dar l-Emigrant, il-Belt Valletta. Fost ħwejjeġ oħra, il-laqgħa approvat bidla fil-ħlas tas-sħubija li sar Lm5 fis-sena. Inħatar Kunsill ġdid li kien iffurmat hekk: Dr Charles Briffa President, is-Sur Anton Agius Muscat Viċi President, is-Sur Carmel Azzopardi Segretarju, is-Sur Emanwel F. Attard Teżorier, is-Sur Charles Coleiro Uffiċjal Relazzjonijiet

| | |
|---|---|
| | Pubbliċi, u bħala membri s-Sinjuri Anton Cassar, Anthony Mercieca, Joseph Mizzi, Maurice Mifsud Bonnici, Oreste Calleja, Mario Serracino Inglott, Paul J. Debono u Rev. Victor Xuereb. Il-membri wrew l-apprezzament tagħhom għall-kontribut li ta s-Sur Achille Mizzi, ex President ta' l-Akkademja li għażel li ma jibqax jifforma parti mill-Kunsill. |
| 15 ta' Marzu 2000 | Ġie ppubblikat il-ktieb *Ilsien Qadim f'Millennju Ġdid* li jiġbor fih id-diskorsi li kienu saru fis-seminar li jġib l-istess isem. Il-ktieb kien editjat minn Dr Charles Briffa li kien mexxa s-seminar. Il-pubblikazzjoni tal-ktieb kienet sponsorjata mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali. |
| 27 ta' Marzu 2000 | Wara talba mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali, l-Akkademja fasslet u bagħtet lill-Ministeru proposti għal Politika Kulturali għal Malta. |
| 29 ta' Mejju 2000 | L-Akkademja kienet mistiedna biex tagħmel parti mill-Kumitat Nazzjonali għas-Sena Ewropea tal-Lingwi 2001 u tagħti l-kontribut tagħha fl-organizzar ta' attivitajiet relevanti. |
| 29 ta' Mejju 2000 | L-Akkademja kienet mistiedna tifforma parti mis-Central Information Management Unit u tagħti l-kontribut tagħha fl-iddisinjar ta' Standard Keyboard Maltija għall-kompjuter. |
| 30 ta' Ġunju 2000 | Intbagħat kwestjonarju lill-membri kollha ta' l-Akkademja dwar l-ilsien Malti fil-kuntest ta' l-Unjoni Ewropea. |
| 24 ta' Lulju 2000 | Dr Simon Busuttil, Kap tal-Malta-EU Information Centre reġa' kkonferma li l-Akkademja se tkun mistienda tieħu sehem f'diskussjonijiet ta' l-MEUSAC dwar il-Malti fil-kuntest tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. |

# Kummissjoni Lingwa fi ħdan l-Akkademja tal-Malti

## RAPPORT TA' ĦIDMA

1. Wara li l-Kunsill ta' l-Akkademja reġa' ġie kostitwit fl-24 ta' Novembru, 1995, l-istess Kunsill ħatar mill-ġdid il-Kummissjoni Lingwa b'dawn il-membri: President: Mons. Law. Cachia. Membri: Is-Sur Carmel Azzopardi, Dr Charles Briffa, is-Sur Anthony Mercieca, u Fr Victor Xuereb S.J.

   Is-Sur Azzopardi nħatar bil-kundizzjoni li jidħol membru ta' l-Akkademja tagħna billi kien għadu mhux membru u fl-istess ħin kellu biżżejjed kwalifiki biex ikun. Is-Sur Azzopardi laqa' din l-istedina. Mażżmien daħal fil-Kunsill u nħatar ukoll Segretarju Onorarju ta' l-Akkademja. (Wara l-elezzjoni tal-Kunsill ta' din is-sena żdied bħala membru tal-Kummissjoni s-Sur Mario Serracino Inglott).

2. Il-Kummissjoni Lingwa bdiet tiltaqa' kważi immedjatament u bejn Diċembru 1995 u Marzu 1997 żammet tmintax-il laqgħa li fihom fasslet ktejjeb li jiġbor ir-regoli kollha ta' l-ortografija kif jinsabu fit-**Tagħrif**, fiż-**Żieda** u fl-**Aġġornament** maħruġin minn din l-Akkademja tal-Malti. Il-ktejjeb jiġbor biss ir-regoli, bla ma jidħol f'diskussjonijiet, iżda r-regoli mogħtija qabel huma kollha miġburin flimkien b'mod kemm jista' jkun organiku.

3. Il-Kunsill approva dan il-ktejjeb wara li ngħatat kopja lil kull membru tal-Kunsill. Sfortunatament dan il-ktejjeb dam xi ftit ma ġie stampat għaliex il-membri tal-Kunsill kienu xtaqu li jistampah il-Gvern.

4. Laqgħat oħra dwar il-ktejjeb saru bejn Awissu u Novembru 1998. F'dawn il-laqgħat ġew avviċinati xi djar tal-kotba u ntgħażel il-Klabb Kotba Maltin biex jistampa l-ktieb. F'dawn l-aħħar laqgħat saru wkoll il-korrezzjonijiet finali u l-korrezzjonijiet tal-provi. Il-ktieb deher stampat fil-Fiera tal-Ktieb ta' Novembru 1998 u jismu *Regoli tal-Kitba tal-Malti.*

5. Żewġ membri tal-Kummissjoni lingwa, il-President Mons. Cachia u s-Sur Anthony Mercieca, bejn Settembru u Diċembru 1996 għamlu sensiela ta' programmi dwal l-Ilsien Malti fuq Radju Malta Wieħed. Dawn kienu tlettax-il programm li xxandru wieħed kull ġimgħa b'ripetizzjoni kull darba matul l-istess ġimgħa. Mons. Cachia intervista personalitajiet imsemmija dwar l-istorja ta' l-ilsien Malti u tal-letteratura Maltija, u s-Sur Mercieca ta tagħrif dwak kif tikteb tajjeb bil-Malti f'kull programm. Il-programmi ntlaqgħu tajjeb u l-personalitajiet mistiedna kollha laqgħu bil-qalb l-istedina ta' l-Akkademja biex ikunu intervistati f'dawn il-programmi.

6. Il-Kummissjoni kienet mitluba mis-sezzjoni Direttorja tat-Telemalta Corporation sabiex tgħid kif jista' jitqassar xi kliem li huwa użat ħafna fid-Direttorju u l-Kummissjoni tat tweġiba dettaljata dwar dan fit-23 ta' Marzu 1997.

7. Matul is-sena 1999 il-Kummissjoni tilfet xi ħin għaliex kien hemm min xtaq li jkunu riveduti *t-terms of reference* tal-Kummissjini. Dawn ġew diskussi mil-Kummissjoni u mill-Kunsill u fl-aħħar ġew approvati.

8. F'Ottubru 1999 il-Kummissjoni bdiet tiddiskuti serje ta' komunikazzjonijiet biex jintbagħtu lill-mezzi kollha tax-xandir u lill-istampa dwar żbalji tal-Malti, kemm żbalji ta' l-ortografija kif ukoll żbalji gramatikali u oħrajn. Minn dawn, sa Ġunju 2000 kienu ħarġu ħamsa. (Ara appendiċi wara dan ir-rapport).

9. Fit-2 ta' Ġunju 2000, il-Kummissjoni ħarġet stqarrija qasira biex tappoġġa lill-President ta' l-Akkademja meta sar protest fil-Qorti kontra tiegħu għaliex tkellem biex jiddefendi r-regoli tal-kitba tal-Malti maħruġa minn din l-Akkademja.

10. Il-Kummissjoni ħarġet ukoll stqarrija dwar l-ortografija billi din is-sena l-Akkademja qed tagħlaq 80 sena ta' ħidma favur il-Malti u l-ortografija tiegħu.

*Mons. Law. Cachia*
President tal-Kummissjoni

**Direttivi mibgħuta lill-mezzi tal-Komunikazzjoni**
**(1)**

Il-Kummissjoni Lingwa ta' l-Akkademja tal-Malti tixtieq tfakkar lill-Maltin kollha, speċjalment lill-kittieba u lix-xandara, li kemm meta jitkellmu kif ukoll meta jiktbu għandhom iħarsu r-regoli tal-grammatika tal-Malti.

Minn żmien għal żmien din il-Kummissjoni se tibda turi xi żbalji li qegħdin isiru bit-tama li jinqatgħu. Għal din id-darba tfakkar dan li ġej:

1. Bil-Malti ma ngħidux *l-iġganti* iżda *l-ġganti* kif ngħidu wkoll *il-ġgant, il-ġgajta, il-ġlud, il-ġlekk.* (*Regoli tal-Kitba tal-Malti* n. 43 p. 23).

2. Il-kelma *jaqraha* u kliem bħalha (e.g. *jispjegaha, jaraha*) ma jitlissnux bil-ħoss tal-He, għaliex l-Akka ma tinstemax. Mela mhux bħal *jaqlagħha* li fiha l-konsonanti GĦ. (*R.K.M.* n. 48 p. 26).

3. Il-kelmiet *teatru, ideal, teatrali, ideali* ma jdaħħlux il-konsonanti J bejn il-vokali. (*R.K.M.* n. 106 p. 60).

4. L-artiklu bil-Malti qatt ma jinkiteb *li,* iżda jew *il-* jew *l-*. Għalhekk niktbu *l-istudenti, l-iscouts* jew *l-iskawts, l-iscreening* jew *l-iskrining.* Dan jgħodd ukoll meta kelma tibda b'ittra kapitali e.g. *l-Ispanjoli, l-Iskozja.* Ninnotaw li fl-aħħar kelmiet il-vokali I tal-bidu hija ittra kapitali waqt li s-Se hija ittra żgħira. Fl-ismijiet kummerċjali jew *trade names* biss il-vokali I tal-bidu tinkiteb żgħira e.g. l-iSpell. L-Akkademja kienet għamlet din l-eċċezzjoni minħabba drittijiet li jistgħu jintrabtu ma' ismijiet bħal dawn. (*R.K.M.* nn. 42–44 pp. 23, 24).

5. Bil-Malti ma ngħidux "*dak it-tim rebaħ lit-tim avversarju 25 għal 15*", iżda "*25 bi ħmistax*". Fix-xiri u l-bejgħ ma ngħidux "*kollox għal ħames liri*" iżda "*kollox b'ħames liri*"..

(2)

1. Il-vokali I quddiem kliem li ħadna mit-Taljan u minn ilsna oħra mhux Semitiċi ma taqax jekk ma tkunx vokali li żidnieha aħna (vokali tal-Leħen). Hekk l-I ta' *illegali, importanti, imperfett,* ma taqax għalkemm qabilha jkun hemm vokali. E.g. *Bini illegali, indiema imperfetta, kotba importanti.* Għall-kuntrarju taqa' l-I ta' *irrapporta, ipparkja,* meta tkun wara vokali. E.g. *Huwa rrapporta, karozza pparkjata, ħafna pparkjar.* Hawn l-I taqa' għaliex hija vokali tal-Leħen. (R.K.M. n. 105 p. 6).

2. Il-konsonanti J u W ma jinkitbux doppji jekk ma jkollhomx vokali quddiem u oħra wara. Mela: *dawru, fawret,* għalkemm fit-tielet persuna singular passat insibu *dawwar* u *fawwar.* (R.K.M. n. 32 p. 19).

3. Għad hawn ħafna li ma jafux jiddistingwu bejn il-konsonanti Z u Ż. L-ittra Ż (bit-tikka) għandha ħoss iżarżar bħal *żarbun, żerniq, żunżan,* (ħlief meta tibdel il-ħoss f'S għaliex tkun f'tarf il-kelma e.g. *gustuż* jew għax tkun quddiem konsonanti mhix imleħħna e.g. *żfin*).

L-ittra Z għandha żewġ ħsejjes. Wieħed huwa T + S bħal fil-kelmiet *ziju*, *zappap*, *zalzett*. L-ieħor huwa D + Ż bħal *gazzetta*, *orizzont*, *analizza*, *iggargarizza*. Mela kliem bħal dan ta' l-aħħar ma jkollux tikka fuq iz-Z. (R.K.M. n. 10 p. 11).

4. L-Akkademja naqqset in-numru ta' kliem li jibda b'VOKALI + GĦ, iżda ma neħħitux għal kollox. Baqgħu jibdew b'VOKALI + GĦ:

   (a) L-imperattiv singular u plural tal-verbi ta' l-ewwel Forma bħal *agħmel / agħmlu*; *agħġen / agħġnu*; *egħmeż / egħmzu*; *ogħġob / ogħġbu*. Iżda minn *għajjar* (tat-Tieni Forma) nagħmlu l-imperattiv *għajjar/għajru*. (R.K.M. n. 71 p. 40).

   (b) Aġġettivi fil-komparattiv/superlattiv: *bejt ogħla minn ieħor / l-ogħla bejt*. (R.K.M. n. 57 p. 31 u n. 102b p. 56).

   (ċ) Numru żgħir ħafna ta' aġġettivi mhux komprattivi li huma *agħma*, *agħraġ*. Iżda l-kelma *għama* teżisti wkoll bħala nom e.g. *kien miexi fil-għama* jew verb e.g. *Ġanni għama lil Pawlu*. (R.K.M. n. 102b p. 56).

Fil bqija tal-kliem l-GĦ tmur quddiem e.g. *għelieqi*, *għeluq*.

(3)

1. Xi wħud ma josservawx biżżejjed il-qbil bejn in-nom u l-aġġettiv f'dak li hu ġens u numru. Ma ngħidux *ċertu mara*, *ċertu nies* iżda *ċerta mara*, *ċerti nies*, *ċertu raġel*.

2. Ħafna ninsew li l-verbi *bagħad*, *bagħat*, *lagħab*, *lagħaq*, *magħad*, *qagħad*, jimxu fuq il-verb **talab** u għalhekk għandna niktbu *noboghdu*, *nibagħtu*, *nilagħbu*, *nilagħqu*, *noqogħdu* bħal **nitolbu** (i.e. A qabel l-GĦ).

3. Il-kelmiet *ukoll*, *ulied*, *urew* isiru *wkoll*, *wlied*, *wrew* jekk qabilhom hemm kelma li tintemm b'vokali e.g. *huma wkoll*, *ħafna wlied*, *kienu wrew*. Iżda *użat / użati / użanza* ma jsirux *wżat / wżati / wżanza* għaliex ma hemmx verb **weża* iżda *uża*.

4. Verbi li jibdew bil-konsonanti GĦ jew H (akka) jieħdu J quddiem l-GĦ/H meta verbi oħra li jixbhuhom jieħdu I e.g. *isib* iżda *jgħib*; *ikisser* iżda *jgħallem*, *jherri*. Mela *Ġanni jsib u Patist isib* iżda *Patist jgħib*; *Ġanni jkisser u Patist ikisser* iżda *Ġanni jgħallem u Patist jgħallem*.

5. Xi wħud ma jiktbux tajjeb dawn il-kelmiet: *żagħżugħ*, *żgħażagħ*, *żgħożija*. Nistgħu nqabblu *żagħżugħ* ma' *fartas*, *żgħażagħ* ma' *fratas* u *żgħożija* ma' *kburija*.

6. Hafna nies jużaw il-kelma *fejn* meta jmisshom jużaw il-pronom LI jew / u xi kelma oħra. Eżempju ta' użu mhux korrett insibuh f'innu tal-Knisja: "Ħa nfaħħru lill-Mulej tal-ġid li għamel magħna *fejn* ma jonqosna xejn". Is-sens jitlob: "*hekk li* ma jonqosna xejn".

7. Huwa wkoll żball li tgħid jew tikteb *li dan*. Mela ħażin tgħid: *Iltqajt ma' Ġanni li dan qalli* ... Għandna niktbu: *Iltqajt ma' Ġanni li qalli* ... jew *Iltqajt ma' Ġanni u dan qalli* ...

8. Żbalji oħra li qrajna:

   (1) *sar riċeviment f'unur ta'* ... Messu nkiteb: sar riċeviment f'ġieħ jew ad unur ta' ...
   (2) *intqal fuq il-ġurnal.* Messu nkiteb: *intqal fil-ġurnal.*

(4)

1. L-Akkademja m'hix favur dak il-Malti safi li jipprova jwarrab kull kelma li mhix Semitika. Kliem meħud mit-Taljan, mill-Ingliż u ilsna oħra jista' jkun meħtieġ u għandu jintuża. Iżda l-Akkademja tħoss li huwa nuqqas li wieħed juża kliem Taljan jew Ingliż bla ebda moderazzjoni. Hekk per eżempju smajna min jgħid: *il-kontadini* flok *il-bdiewa*, *il-karozza bdiet temittja d-duħħan* flok *iddaħħan*, *tibbejkja l-kejk* flok *taħmi l-kejk*. Nafu li huwa diffiċli li tagħti regola, iżda nerġgħu ntennu: nużaw moderazzjoni. *Moderazzjoni* u *nużaw* huma kelmiet ġejjin mit-Taljan iżda saru meħtieġa u għalhekk ma nibżgħux ngħiduhom u niktbuhom, iżda *kontadini* mhix kelma meħtieġa.

2. Għadna naraw ħafna żbalji dwar il-korkordanza fejn jidħlu n-numri. Infakkru:
   (a) Wara n-numri nużaw is-singular ĦLIEF meta n-numru jkun minn 2 sa 10 jew jispiċċa bin-numri 2 sa 10. Eżempji bis-singular: għoxrin suldat, mitt kelb, mija u ħamsin qattus, erbgħa u għoxrin bott, elf u mitt karozza. IŻDA bil-plural: żewġ suldati, disa' nisa, mija u ħamest irġiel, elf mitejn u seba' arjuplani.
   (b) In-numru mija meta jkun quddiem kelma jsir *mitt* (T doppja) mhux *mit.*
   (ċ) Nomi verbali tax-xeħta ta' *ftehim* ġeneralment ma għandhomx plural u għalhekk ma ngħidux *żewġ ftehim* iżda jew *ftehim doppju* jew *żewġ ftehimiet.*

(3) Nistgħu niktbu *Ġanni qiegħed jikteb*, *Karmni qiegħda tikteb*, *l-aħwa qegħdin jiktbu* jew *Ġanni qed jikteb*, *Karmni qed tikteb*, *l-aħwa qed jiktbu.*

(4) Fil-Malti nistgħu nagħmlu l-passiv tal-verbi billi:

(a) nużaw xi forma li minnha nfisha turi l-passiv e.g. *nbiegħ, tbierek, tkaxkar* u l-bqija.
(b) nużaw verb kompost jiġifieri billi nużaw il-verb *kien* + parteċipju passiv e.g. *kien mibjugħ, kien imbierek, kien imkaxkar.*
(ċ) nimxu fuq kostruzzjoni Taljana u ngħidu *ġie maqtul, ġie mibjugħ, ġie mkaxkar.*

L-Akkademja, bla ma tikkundanna l-aħħar għamla tal-passiv, jidhrilha li din l-għamla (ġie + parteċiju passiv) xi drabi qiegħda tintuża minn xi wħud b'mod kważi eskluzziv. L-ewwel għamla (a) m'għandhiex tintesa jew titwarrab. Hemm ukoll okkazjonijiet meta t-tieni għamla (b) toqgħod aħjar.

(5)

1. Bil-Malti l-jiem tal-ġimgħa ma humiex ta' l-istess ġens / numru. L-użu korrett huwa dan li ġej:

   Il-Ħadd li għadda / li ġej; it-Tnejn li għaddew / li ġejjin; it-Tlieta li għaddew / li ġejjin; l-Erbgħa li għaddew / li ġejjin; il-Ħamis li għadda / li ġej; il-Ġimgħa li għaddiet / li ġejja; is-Sibt li għadda / li ġej.

2. Ħafna m'humiex jagħmlu distinzjoni bejn il-plural u l-kollettiv tan-nomi. Fil-Malti ma ngħidux *kliem sbieħ* iżda *kliem sabiħ* avolja nifhmu aktar minn kelma waħda. Meta rridu nagħmlu enfasi fuq il-plural nużaw *kelmiet.* Hekk ukoll *weraq kbar* mhux *weraq kbir* mhux *ġebel kbar.* Dan jgħodd ukoll meta nużaw nomi astratti meħudin minn verbi bħal *ħlas, ġbir, smigħ, tfigħ.*

3. Il-kelmiet *tajjeb / ħażin* xi drabi jintużaw bħala aġġettivi u xi drabi bħala avverbji. Meta jintużaw bħala avverbji huma invarjabbli (ma jieħdux plural). Għalhekk ngħidu: *Dak raġel ħażin u dik mara ħażina; dawk nies ħżiena.* IŻDA mbagħad: *It-tifel mar ħażin fl-eżami u t-tifla wkoll marret ħażin* (*mhux ħażina*); *it-tfal marru tajjeb* (*mhux tajbin*).

4. (a) Bil-Malti ma ngħidux *ċempel fuq in-numru 123456*, iżda *ċempel in-numru 123456.*
   (b) Ma ngħidux *kollox għal erba' liri* iżda *kollox b'erba' liri.*
   (c) Il-frażi *la darba* ma tfissirx sempliċiment *meta* iżda turi kondizzjoni. Għalhekk ngħidu: *Meta t-tifel jikber jibda jmur l-iskola.* Iżda *la darba ma jridx jistudja aħjar jitgħallem sengħa.*

# 8

# Proża u Poeżija

# Flus Lura

*Novella ta' Charles Clews*

Il-Kulleġġ San Erardu kien imsemmi mhux biss għall-ambjent li kien fih, qalb il-ftit kampanja li għad baqa' verġni f'Malta, b'dawk is-siġar u għelieqi jħaddru madwaru, għall-kwiet li kien jirrenja, mad-dawra tiegħu, u għal-lokal imwarrab li kien fih, iżda għat-tagħlim speċjalizzat li kien joffri. Ukoll għannies, f'kull fergħa ta' kull professjoni, li ħarġu minnu, mgħallma u mħarrġa minn esperti fil-qasam ta' l-edukazzjoni.

L-istudenti, kollha wlied nies promineti, għonja u bosta minnhom ulied "Old Boys" ta' l-istess kulleġġ, kienu wkoll jispikkaw f'bosta "sports" bħal *cricket*, tenis, u *basketball*. Il-bosta tazzi u trofej fil-vetrini tar-rettur kienu xhieda ta' min jaf kemm-il rebħa.

L-għalliema, bosta minnhom lawrjati, kienu bl-imħatra min minnhom jagħmel l-iżjed unur lill-kulleġġ, u kemm fil-Mess, u kemm fil-"Board Room", kien ikun fihom għaxqa jiddiskutu, b'ton erudit, fuq kull suġġett li tista' timmaġina. Għalliema ta' l-Ingliż, Taljan, matematika, Għarbi, Latin, u suġġetti oħra speċjalizzati, kienu kollha idea waħda, li jagħtu l-aħjar tagħlim lill-istudenti, mill-iżgħar sa l-ogħla klassi.

Darba minnhom, f'għodwa xitwija, meta r-riħ kien ivenven u jsaffar massiġar ta' madwar il-kulleġġ, qisu jimpika u jrid jaqlagħhom minn għeruqhom, wara li l-għalliema ħadu l-*break* tagħhom, u min ħa kikkra te u min kafè, u xi *sandwich*, ir-rettur qalilhom li ried ikellimhom!

Ilkoll inġabru fil-*Board Room*, u dan għarrafhom li kien irċieva telefonata li inkewtatu, li ħassbitu. Ilkoll ħasbuha li kienet xi telefonata anonima, bħal ħafna li qegħdin jissemmew daż-żmien, iżda r-rettur assigurahom li ma kien xejn minn dan, anzi li min kien ċempel qallu ismu u kunjomu, li kien darba alljiev tal-kulleġġ, u li kellu jkun hemmhekk, quddiemhom, waqt il-ħin ta' l-ikel ta' nofsinhar.

Ir-rettur kompla jgħidilhom li hu xtaq li kollha, mingħajr eċċezzjoni, ikunu hemm meta jiġi dan il-bniedem biex ikellmu. Uħud mill-aktar kurjużi riedu jafu min hu dan it-tali, għalfejn ġej, u x'ried, iżda r-rettur, bis-solita kalma u manjieri tiegħu, qalilhom li huma jkunu jafu kollox, meta jkunu miegħu b'dak l-ex-student quddiemhom.

Tistgħu taħsbu kemm dak il-kliem qanqal mhux biss kurżità iżda anke ansjetà fl-għalliema kollha, speċjalment fl-għalliem tal-matematika li kien l-iżgħar wieħed fosthom, u li kien anke l-iżjed wieħed spirituż.

F'nofsinhar sewwa, l-għalliema kollha kienu jinsabu fil-*Board Room*, fejn sabu karta quddiemhom u *biro* maġenbha. Nofsinhar u ħames minuti: taħbita

pulita fuq il-bieb tal-kamra, messaġġier wera kemm xejn rasu. Rettur, hawn sinjur irid ikellmek. Qal li inti taf bih. "Għidlu jgħaddi," qallu r-rettur.

Fil-kamra daħal raġel, ta' xi tletin sena, mibrum mhux ħażin, liebes pulit, b'dehra ta' wieħed ċert minnu nnifsu. Ir-rettur kien f'nofs il-ġemgħa, u dan ir-raġel resaq dritt lejh ...

"Dr ... L-Avukat Robert Mirabitur, jekk jogħġbok?"

"Kollni kemm jiena . Em. . . Ronald Mallia-Cassar?"

"Kollni kemm jien."

"Inti ċempiltli l-bieraħ fuq dik il-biċċa xogħol li semmejtli, li qed tgħid li ... Poġġi bilqiegħda. Iva, allura ..."

U hawnhekk, dak ir-raġel, Ronald Mallia-Cassar, qisu kien qed jistenna lil xi ħadd jiftaħlu tapp, tapp ta' flixkun li lest biex li hemm ġo fih joħroġ sparat. "Jiena, kif naħseb li inti fittixt fir-rekords, issib li jiena *Old Boy*. U dawn is-sinjuri naħseb, huma t-*teachers* preżenti, hux veru ...?"

"Preċiżament," wieġbu r-rettur, "u nixtieq li tgħidli quddiemhom dak li għedtli l-bieraħ bit-telefown."

"Mela le, u ma għandi xejn la x'nibża' u lanqas x'naħbi. Jien, sinjuri, qattajt hawnhekk ħames snin. Ħallast, jew ħallasli l-papà tiegħi, il-*fees*, dejjem puntwal, ħallast kull ma kien ikun mitlub ukoll bħala *extra*. Imma nista' ngħid li ma tgħallimt proprju xejn."

"X'jiġifieri?" talab spjegazzjoni l-għalliem ta' l-Ingliż. "X'jiġifieri ma tgħallimt xejn. Tort tagħna?"

"Bilfors," weġibhom l-ex-student. "Xejn nirrepeti, ħallast dawk il-flus kollha, u ma tgħallimt xejn. Sħabi kollha ħarġu, sabu professjoni, sabu impjiegi tajbin, pożizzjoni, u jiena xejn."

"Għal xiex talludi dan in-nuqqas ta' tagħlim?" staqsieh l-għalliem ta' l-Ingliż mill-ġdid.

"Ma taħsibx li hu tort tiegħek?" daħal fin-nofs l-għalliem tat-Taljan.

"Tort tagħkom, żgur," wieġeb l-ex-student, "intom ma għallimtunix sewwa, kif għamiltu lil ħaddieħor."

"Nassumu li l-fatti huma hekk, li aħna ma għallimniekx sewwa, li ma tajniekx edukazzjoni biżżejjed. Inti x'tagħmel issa, x'inhu l-impjieg li qiegħed taħdem issa?"

"Assistent ma' pompa tal-petrol, xogħol, li jista' jagħmlu anke bniedem li ma jafx skola wisq."

"Qed tgħid int hekk għax jaqbillek," qabeż hawnhekk l-għalliem tal-Latin.

"Ma jaqbilli xejn, ħej", qalilhom l-ex-student, li issa beda anke jgħolli leħnu. "Jiena dawk il-ħames snin li għamilt hawn, għalija huma ħames snin moħlija ... dak li naf, jiena, orrajt?"

"Imma kun ċar. Inti x'inti tippretendi?" qallu r-rettur, li issa kważi anke hu beda jitlef il-paċenzja.

"Tajba din, irrid flusi lura!" qallu sod sod Ronald Mallia-Cassar. Hawnhekk, l-għalliema, li kienu għaxra, bdew jgħidulu, bħallikieku, imma ma tgħallimt xejn, ma daħħalt xejn f'moħħok, xejn, proprju xejn? Fi ftit kliem, mistoqsijiet f'dan is-sens.

"Xejn, xejn," weġibhom, "u rrid il-flus li ħallast hawnhekk lura." Ir-rettur issa dar fuq l-għalliema, u talabhom biex jagħmlu xi mistoqsijiet, anke elementari, ħalli jaraw kif, u jekk hux veru li dan ma tgħallem xejn f'kulleġġ speċjalizzat, ta' fama bħalma hu San Erardu.

U kollha bdew jistaqsuh. Beda tal-Latin, li rċieva tweġiba banali. Ta' l-Ingliż, tat-Taljan, l-istess. Ta' l-istorja ħareġ b'mistoqsija li ebda Malti ma jiżbalja: "Meta kien sar l-Assedju tat-Torok. Jew aħjar: meta sar l-Assedju tal-Maltin mit-Torok?"

"Assolutament ma nafx, tistaqsunix. Ma nafx...," kienet it-tweġiba. Kollha, l-għalliema kollha, intefgħu biex jistaqsuh xi mistoqsija u jweġibhom l-istess, li ma jafx.

Fl-aħħar, b'sinjal b'rasu, l-għalliem tal-matematika, wera li jrid ikellmu hu. U l-oħrajn ħallewh, forsi aktarx b'kurżità ħalli jaraw biex ħiereġ. U dan beda.

"Sur Mallia-Cassar, taf li talanqas lili, ikkonvinċejtni li għandek raġun. Għidli ara, kemm qed tippretendi?"

"Ara," hawn ħatfu fil-kelma Mallia-Cassar ... "Nibdew: mitejn lira kull term għal ħames snin ... u bejn kontribuzzjonijiet ... u dan ..."

"U le mhux hekk ... Irridu ċ-ċifra sewwa aħna. Ara, hawn ħa din il-karta u għandek din il-*biro* ... Niżżel eżatt dak li trid, għodd kollox."

Mallia-Cassar qabad il-karta, u beda jgħid u jniżżel: "200 lira għal tliet terms, 600 lira, u għal ħames snin dawn iġibu 3000 lira, u extras qisu għoxrin lira kull term – sittin lira, u għal ħames snin iġibu 300 lira ... It-total ġieni tlett elef u tliet mitt lira ..."

"Prosit tassew," qallu l-għalliem tal-matematika. "Mela għallimniek xi ħaga, talanqas, għallimniek tagħmel is-somom. Tridx titlaq 'il barra minn hawn ..."

---

# Afrika

Hemm l-arti fik, saħħara tal-pjaneta
Idejk isellmu 'l-għodwa tax-xemx tielgħa,
dirgħajk jilqgħu 'l-irjieħ deħlin sa ġewwa,
għajnejk jogħlew fis-sema jfittxu l-qofol
sakemm jarawh jinħall bit-talb u t-tama.

Saqajk ma jistriħux u jiżfnu dejjem
ma' l-għanja tal-buffuri, mat-tħaxwixa
li titla' sa l-għoljiet u tħuf fl-imsaġar,
il-knejjes li mill-għoli tiegħu Alla
jagħżilhom biex jistrieħ 'il bogħod mill-bqija.
Il-vibrazzjonijiet ta' qalbek wiesgħa
jinstemgħu f'kulma tagħmel, tiżfen, tgħanni,
tixxennaq, titlob, toħlom u tistenna
li ruħek darba tqum u tmexxi dinja.
Il-ħażna tiegħek m'hix fil-ġid ta' issa,
hemm fik żerriegħa ġdida li trid tinbet,
hemm ruħek li timmarka l-istaġuni,
ir-ruħ ta' dil-pjaneta kollha t'għada.

Is-sebħ u l-weġgħa tiegħek ħaġa waħda,
int waħda biss li tgħanni, waħda tokrob.
Ġidek ma jinħażinx fil-ġarar tagħna,
jinġabar f'qalb li tnixxi d-demm u xorta
b'taħbita fissa lejl u nhar tistenna.
Din l-għodwa sseħħ għax hemm miktub fuq ġbinek,
hemm fuq ġenbejk u hemm fuq qalbek beraħ.
Hemm l-arti fik biex tkellem 'l-istaġuni,
u biha tkellem lill-ħaxix u 'l-bhejjem,
u l-kelma tiegħek waħda: poeżija,
il-kelma t'Alla lil uliedu kollha.
Mistur xi mkien fi ħdanek il-ħolm tiegħek,
itir mar-riħ fir-ramel tad-deżerti,
jistenna l-waqt li jkaxkar dinja miegħu.
Riesaq il-ħin u d-dinja kollha tħares
tissemma' r-ritmu tiegħek, fantasija
għal dir-raġuni xiħa, mnikkta tagħna.
Il-weġgħa tiegħek tagħna, kull miraklu
li joħroġ minnek se jagħmilna wliedek,
imsaħħra bik, midjuna lejk, sa fl-aħħar.
Qalbek għajjiena ma tegħjiex ittektek
u żżomm pjaneta sħiħa ttektek magħha.
Hemm Alla ħdejk fil-ferħ u fid-duluri,
u f'ismu nħallsu d-dejn għalik, omm ħelwa,
sakemm bid-dejn skontat niddejnu aħna.

*Oliver Friggieri*

# 5 ta' Ottubru 1798
# Ir-Rewwixta taż-Żabbarin kontra l-Franċiżi

Mill-Misraħ sejjaħnielhom, mill-Biċċieni
mill-Bidni, San Anard u minn tal-Plier,
mix-Xgħajra, minn Ħas-Sajd, minn Wied iż-Żiju,
minn Wied il-Għajn l-irġiel ta' kull mistier.

Bil-bronja mill-imtieħen ta' Buleben,
bil-qniepen u ċ-ċuqlajti mill-kampnar
tlabniehom biex jingħaqdu mal-miġemgħa,
jinġabru bħal qaqoċċa f'Ħaż-Żabbar.

U ġew bi ħgarhom. Min bl-imgħażqa f'idu,
min b'fies, imterqa, luħ jew furkettun.
Biż-żejt ġiet illaxkata kull xkubetta.
Bil-mola kull stallett safa misnun.

Għajnejhom jarmu l-qilla tal-qalbiena,
imxammra għad-deffa bid-dirgħajn godlija,
ħallew in-nagħaġ fl-imqajel bla maħluba,
ħallew fl-qosma l-għelejjel bla msoqqija.

Il-konz ħalla s-sajjied, ix-xbiek u n-nases,
Il-forġa telaq tibred il-ħaddied.
In-newl ħalla n-nissieġ, il-moxt, l-imserka.
L-għarus ħalla 'l għarustu bla wegħdiet.

Għax wasal ħabar l-hemm. . . daqqet is-siegħa
ta' l-għazla 'l hemm jew 'l hawn. . . tajjeb – ħazin.
Titwieġeb trid is-sejħa anke jekk għoli
sa jkun il-prezz tad-demm għall-qalbenin.

Id-demm qatt ma jsir semm. Iżda minn dejjem
il-Malti jedd twelidu ma jċedihx.
Ma jirfes ħadd lil Dinu u 'l-Art Maltija.
F'idejn barrani lħitu ma jerħihx.

Bi lsienu għasli l-għadu ndiehes magħna,
mill-fewdu fdiena u minn irħieb San Ġwann,
Iżda l-kukkarda f'daqqa nbidlet f'dagħwa
u l-wegħda tal-ħelsien saret ingann.

Serqulna ġidna. Serqu l-knejjes tagħna.
Ħadu lala xaħxieħa max-xbejbiet.
Mal-flotta lejn l-Eġittu kaxkru magħhom
kemm irġiel sabu, fided, dehbijiet.

Saħnet il-qiegħa. Qellet ir-rewwixta.
Intrefgħu fuq il-foss il-pontijiet.
Għall-kenn tas-swar inqaflu t-trikolori
u tajfa tal-Maltin barra l-ibliet.

Arahom idewdu s-swar tal-Kottonera,
madwar Bieb is-Sultan, ġol-amberżuni.
L-għodod tan-nar bil-lejl, bi nhar ikiddu,
u l-leħħa tfiġġ mar-ragħda tal-kanuni.

Bħax-xita jinżlu l-balal fuq l-irziezet.
Borġ ġebel saru d-djar ta' Ħaż-Żabbar.
In-nies titherwel bla taf kif tiskansa,
ma ssib imkien il-kenn mill-ħbit tan-nar.

Nar b'nar iwieġbu tagħna mit-trunċieri.
Nar b'nar minn ġo l-imramma tas-sejjieħ.
Ifaqqgħu l-ixkubbeti, jdamdmu t-tnabar,
dħaħen, għaraq u d-dmija, krib u wġigħ.

Intlaqat is-Santwarju, l-koppla ġġarrfet
u bosta kienu n-nies li sfaw milquta.
Għax kbira l-qawwa kienet tal-Franċiżi
spiċċaw bil-ħbit l-ilqugħ u ċ-ċnut maħtuta.

B'hekk għamlu l-almu u minn ġos-swar kennija
ħarġu l-Franċiżi stakkament għall-ġlied
biż-żwiemel u r-riġlejn, armat sa snienu,
u b'hekk taqtigħha ħarxa reġgħet bdiet.

Qishom iljuni ż-Żabbarin inxteħtu
fuq l-għadu li ma tax ruħu b'mirbuħ.
Fit-toroq, fil-ħarat u ġol-imsieraħ
wieħed wieħed naqqewh sakemm xejnuh.

Bla ħniena u twila kienet it-taqtigħa,
żgħażagħ u xjuħ, nisa u rġiel annuna.
Min jgħabbi, min inewwl, min iqandel,
mill-kbir saż-żgħir kulħadd jagħti l-għajnuna.

U fl-aħħar minn ġod-daħna x-xemx ittawlet
u wara l-ħamba reġgħet waqgħet sikta.
Mill-ġdid fuq Ħaż-Żabbar perpret bandiera
ħamra bħad-demm u bajda mingħajr nikta

*Achille Mizzi*
25 ta' Jannar 1999

---

# Durham

Bla ħoss ix-xita traxxax
irqiq irqiq
u fuq il-belt qadima
nieżla d-dalma

Fix-xmara ħadranija
fid-dawl tal-lampi sofor
jilmaw id-djar u s-siġar
rashom 'l isfel

Jgħaddi minn fuq il-pont
raġel bil-kelb;
jgħaddu warajh jixxenglu
żewġ namrati

Fuq l-għolja, waħdu,
joħlom il-ħolm ta' disa' sekli ilu
il-katidral.

*Joe Friggieri*
11/05/96

# Tifkiriet: Għand Majsi l-Parrukkier

*Maurice Mifsud Bonnici*

Kien żmien meta r-raħal ta' Ħal Lija kien iħaddan fih l-attivitajiet kollha ta' dawk li kienu jgħixu fih. Ma kontx tisma' li xi ħadd mir-raħal li kien ikollu bżonn jixtri ratal ċanga, kien jixtriha mingħand ħadd ieħor ħlief Salvu tal-laħam ta' fejn Sant'Andrija: jew affarijiet tal-merċa u ħaxix għall-minestra jekk ma jinqediex mingħand il-Maċluwa, mingħand Mari Pajċoqqa jew Coppini; ħobż u ħami fil-forn mingħnad Toni u Gejta tal-forn jew Ġużepp ta' wara l-knisja u ħwejjeg ta' taħt u drappijiet mingħand it-twajjeb Rafel. U dawk in-nisa u tfajliet li kienu jiġu bżonn libsa tibdila, min ma kienx jaf lil Mari' l-Geżiża l-ħajjata! Aħna konna nġibuha ġurnata sħiħa, saħansitra anki tiekol għandna, u f'dik il-ġurnata kienet tfassal kemm ħwejjeġ kien ikollhom bżonn ommi u ħuti t-tfajliet. Fi żmien il-Milied x'seħer kellhom dawk il-pasturi tat-tafal kuluriti li konna nixtru mingħand iz-Zoppa.

Il-Ġurat u l-Lewlu kienu r-rifuġju ta' dawk li kien jħobbu l-qatra, waqt li għall-grokk ta' qabel l-ikel, kienu javventuraw irġiel minn Ħal Lija, Ħ'Attard u Ħal Balzan għand Ġanni l-Qadi li kien, u għadu, armat fil-misraħ li jgħaqqad lil dawn it-tlett irħula ġwejda u ġirien.

Bl-istess mod, in-nies ta' Ħal Lija għall-qtugħ tax-xagħar ma kellhomx għażla oħra ħlief lil Majsi l-parrukkier. Mhux għax b'daqshekk, in-nies ta' Ħal Lija kellhom jikkuntentaw b'dak li jsibu. Anzi wieħed jista' liberament jgħid li dawn kienu xxurtjati li d-destin sawrilhom lil Majsi u poġġihulhom fosthom. Idejh kienu qagħdu sewwa għax-xagħar irqiq irqiq tat-tfal u għall-irjus muxgħara ta' dawk akbar minnhom. Kien jaf bl-akbar maestrija kif irażżan l-imqass max-xagħar imsellef b'ċerta ħila miċ-ċirku ta' madwar il-qorriegħa biex jgħatti, kemm jista' jkun, il-qargħa mifruxa bħal misraħ f'nofs ir-ras ta' l-irġiel imdaħħlin fiż-żmien.

Majsi ma kienx imkisser fuq dan ix-xogħol biss. Idejh kienu taz-zokkor għat-tqaxxir tal-leħja bil-mus. Kien isib il-ħin biex jaqta' x-xagħar jew iqaxxar il-leħja ta' ftit parruċċani sinjuri jew ta' xjuħ li ma jkunux joħorġu minn darhom. Għandna kien jiġi meta xi ħadd minna kien ikun ma jiflaħx u xagħru jkun twallu ż-żejjed.

Ma niftakarx sewwa meta sirt naf lil Majsi għall-ewwel darba, x'aktarx għax sirt nafu meta l-menti tiegħi saret konxja li qiegħed ngħix, għax Majsi beda jaqtagħli xagħri qabel irfist l-għatba tat-tfulija fl-aħħar snin ta' l-għoxrinijiet. Majsi anki qabel daż-żmien kien ilu s-snin jitkisser fuq xogħlu.

Mifruxa mperrċa fuq il-blata tal-bieb tal-ħanut, Majsi kellu tabella ta' l-

injam iddandan il-kliem: OXFORD SALOON u bi kliem aktar umli taħthom: Tom Xuereb. Issa, jekk fid-dinja kienet teżisti ħaġa li ma kellhiex skop, din seħħet proprju f'Ħal Lija u dil-ħaġa kienet eżattament din it-tabella. Għax f'Ħal Lija, la ħadd kien jaf fejn jinsab l-OXFORD SALOON u wisq anqas min kien Tom Xuereb. Dan il-post li din it-tabella inkurunatu SALOON, in-nies ta' Ħal Lija kienu jafuh b'ħanut, anzi bħala l-ħanut ta' Majsi u dak li ġie mgħammed bl-istess mod Tom Xuereb, kulħadd kien jafu bħala Majsi, anzi Majsi l-Parrukkier. Din it-tabella tant kienet inutli li jien intbaħt biha meta kelli xi 18-il sena. Nies barra mir-raħal ftit li xejn kienu jiffrekwentaw lil Majsi u dal-fatt għamel lil din it-tabella aktar bla skop.

Dan il-ħanut tax-xagħar ma kienx xi knisja mżejna bid-damask. Kien jikkonsisti f'kamra ta' daqs normali mgħammra bl-essenzjali għal dan il-mestier. Fuq il-ġenb tal-bieb, li minnu kienet tittawwal il-parti l-kbira tad-dawl tal-Bambin, kien hemm imdendla tul il-ħajt kollu, mera kristalla li kienet tqarraq l-għajn għax biha l-kamra kienet tidher ta' kobor doppju. Taħt din il-mera Majsi kellu mifrux minn tulha, armarju b'wiċċ ta' l-irħam abjad silg, mimli kxaxen żgħar ħlief għal żewġ daħliet li quddiemhom kien hemm jistrieħu paxxuti żewġ pultruni tad-dirgħajn, maestużi tal-kawba, b'imħadda galletta miksija bil-ġild, imgħaddsa fihom. Mal-ħajt faċċata tal-bieb kien hemm ħawt taċ-ċaqquf b'vit ta' l-ilma f'nofsu. Barra milli kien jużah għall-ħasil ta' l-idejn, minnu Majsi kien jimla l-ilma fis-sjun tal-ħġieġ biex fih ixappap il-pinzell tal-leħja u bih ikattar ir-ragħwa fuq il-wiċċ qabel jibda it-tqaxxir tal-leħja.

Tul il-ħajt tat-tieqa, li minnha kienet tidħol ukoll il-bqija tad-dawl, mal-ġenb l-ieħor tal-bieb kif ukoll mal-ħajt faċċata tal-mera, kien jinfirex bank ta' l-aħmar, b'saqajn spazjati ugwali minn tulu, kollha rkiekel. Fuqu kienu jistennew serħana dawk li kienu jridu jinqdew għal xagħarhom u dawk l-oħra li kienu jridu jinqdew bil-ħanut ta' Majsi biex jisimgħu l-aħħar aħbar tar-raħal jew biex jgħidu kelma qabel jinġabru f'darhom għall-ikla ta' filgħaxija. Dan il-bank, bl-għerik tal-qliezet, kien sar ileqq daqs kieku kien illustrat bl-idejn.

Majsi kien juri l-fervur tiegħu ta' nisrani ma' wieħed mill-ħitan tal-ħanut permezz ta' inkwatru żgħir tal-Qalb ta' Ġesù, imdendel fuq xkaffetta li fuqha, bħala sentinella kien ikun hemm dejjem inemmen musbieħ ċkejken b'turija ta' qalb ħerqana tħeġġeġ l-imħabba lejn Dak li ma waqaf qatt iħobbna. Taħt din ix-xbiha mqaddsa, Majsi kellu mwaħħal kapuċċin żgħir ta' l-injam irqiq, bil-kappun li jitla' fuq rasu jew jinżel wara għonqu skond it-temp. Għajnejja kienu jibbru fuq il-figura mistika li għalija kellha s-sitt sens sopranaturali li bih dan il-kapuċċin kien ibassar it-temp. Lejlet li Majsi kien ikun sejjer għas-sajd, kien jikkonsulta lill-kapuċċin biex skond fejn qiegħed jistrieħ il-kappun, ibassar jekk l-għada kienx se jkun galbu għas-sajd.

Mal-ħajt faċċata tal-bieb, biex iżejjen il-ħanut, Majsi waħħal stampa kbira bil-kulur li fuqha kien hemm murija magna tal-ħjata bl-isem kbir ta'

MUNDLOS biex jiġbed l-attenzjoni ta' kulmin kien jirfes l-għatba tal-bieb. Fl-istess ħajt u mal-ġenb tal-ħawt tal-ilma, kien hemm bieb dejjem miftuħ li kien jagħti għal ġo kamra li minn ġo fiha Majsi kien iġib il-misħun ġos-sjun għat-tqaxxir tal-leħja. Din il-kamra kien fiha tagħmir għal bżonnijiet oħra.

Fil-fetħa tal-bieb ta' barra, kien ikun hemm minxura mlaħalħa, purtiera tax-xibka rqiqa bil-ġmiemen fit-tarf t'isfel ikarkru ma' l-art. Din, barra milli kienet tissielet biex iżżomm id-dubbien milli jidħol ġewwa, kienet ukoll isservi ta' lqugħ għall-pappamoski li Majsi kien iżomm jiġru ma' l-art fil-ħanut b'ġewnaħ imqasqas. Kienu jkunu Zizka għall-ħabta ta' Novembru u Sofor għaż-żmien ta' Marzu. Bil-purtiera b'kollox dawn il-povri għasafar dejjem irnexxielhom jitrejqu bid-dubbien li xorta jkun daħal ġewwa.

Majsi ma kellux ħin li jirregolalu xogħlu. Kien jiftah fis-sebgħa ta' fil-għodu u fil-għaxija kien jagħlaq il-bieb meta kien ikun inqeda kulħadd. Ġieli kien jibqa' għaddej sa tard filgħaxija speċjalment nhar ta' Sibt jew fil-ġranet ta' qabel is-Salvatur.

Sakemm kelli madwar għaxar snin, biex naqta' xagħri għand Majsi kien joħodni missieri. Minħabba li ta' dik l-età ma kontx wieħed mit-twal, Majsi kien jerfa' mill-art il-banketta għas-saqajn minn quddiem il-pulturna, italla' l-imħadda u jpoġġiha fuq il-banketta mrassa fil-pultruna. Kien jitbaxxa u jerfagħni minn taħt abti u jpoġġini bil-ħlewwa fuq l-imħadda, ixxamplat fil-għoli, biex ma jkollux jitbaxxa waqt il-qtugħ tax-xagħar.

Qabel ma Majsi kien jintefa' fuq xogħlu kien iħobb jistaqsini ħafna domandi, aktarx biex forsi jtaffili l-ftit tensjoni li hu kien jintebaħ li kien ikolli fuqi. Barra minn hekk, Majsi kien iħobbni daqs il-mimmi t'għajnejh. Jien ukoll kelli ġibda speċjali lejh, għax it-tfal jagħrfu malajr lil min iħobbhom.

Mill-ewwel kexxun ta' l-armarju kien joħrog xugaman tax-xoqqa bajda silġ, mgħoddi u mitwi daqs li kieku parti mill-korredu ta' għarusa. Kien iperrċu bejn idejh miftuħa; ifarfru darba tnejn bi drawwa aktar milli għal ħaġ'oħra; jifirxu bil-ħlewwa madwari u bl-akbar ġentilezza kien idawwar il-parti ta' fuq tiegħu ma' għonqi u jeħmżu sewwa billi kien ifelles it-tarf tiegħu ġewwa dak ta' madwar għonqi.

Issa li kien ikun lesta dan kollu, kien jaqbad il-biċċa sigarru ta' Malta bejn l-ewwel żewġt iswaba', jaqilgħu minn ma' xufftejh, iħares ħarsa lejh b'sodisfazzjon u jerġa' jitfgħu f'postu. U postu kien bejn ix-xufftejn ta' Majsi. Tul is-snin twal li kont immur għandu, qatt ma niftakar narah b'sigarru sħiħ f'ħalqu u wisq anqas kelli qatt ix-xorti nara ħarira duħħan ħierġa minnu. Dawn kienu t-tħejjijiet preliminari li kont ngħaddi minnhom qabel ma Majsi kien jaqbad l-imqass f'idu. Dan kien jagħmlu b'idu l-leminija waqt li bl-oħra kien jaqbad il-pettne rqiq ta' l-għadam; (ma kienx jgħidlu moxt, għax din għalina kienet kelma baxxa).

Kif is-swaba' ta' idu kienu jidħlu fiż-żewġ ħoloq ta' l-imqass, dan donnu

kien jieħu l-ħajja. Jibda qisu jkellem lil Majsi b'munqaru jqasqas daqs ilsien ta' mara li tilħaq salib ħaddieħor. Jieqaf biss għal dawk il-mumenti sinkopati meta jogħdos biex jomgħod ix-xagħar. Meta jintrefa' l-għanja mtennija tiegħu terġa' tibda tidwi f'widnejk bħal waħda ta' ftaħir għall-ħila tiegħu.

Wara li kien iqarwiżli l-ġnub u l-warrani ta' xagħri, kien idur għax-xagħar ta' fuq il-qorriegħa. Din kienet operazzjoni aktar, biex ngħid hekk, goffa. Minħabba li mit-twelid kelli xagħri folt aktar min-normal, u bejn qatgħa u ta' warajha kien jgħaddi iż-żmien aktar milli Majsi kien jixtieq, (għax biex naqta' xagħri kont qisni sejjer naqta' rasi), l-imqass kien jixxala għall-aħħar. Waqt li Majsi b'idu x-xellugija kien jomxotli xagħri għal fuq moħħi, ix-xagħar li kien ikun maqtugħ kien jgħaddi bħal xita minn quddiem għajnejja waqt li parti minnu kien jispiċċa jistrieħ fuq ix-xugaman f'ħoġri. Il-parti l-oħra kienet teħel ma' xwejfieti, tidħol fi mnifsejja jew issorġi fuq ix-xagħar ta' tebqiet għajnejja.

Meta Majsi kien iħoss li l-imqass għamel xogħlu, kien isserħu bl-akbar għożża fuq l-irħama quddiemu u minfloku kien jaqbad il-makinetta, li tongħos fuq l-irħama kienet tkun tistenna t-tern tagħha. Kien jaħtaf iż-żewġ saqajn tagħha bejn is-swaba' u l-ħobża tal-pala t'idu l-leminija u waqt li kien jiftaħhom u jagħlaqhom ripetutament, kien iżerżaqha fuq ix-xagħar qasir ta' fuq għonqi biex jaqtgħu aktar qasir daqs li kieku kważi jqaxxru bil-mus.

Din l-imbierka makinetta kienet it-terrur tiegħi. Minħabba li x-xagħar kienet taqtgħu billi taħsdu bejn żewġ settijiet ta' snien xfafar li jiżżerżqu fuq u kontra xulxin bl-għeluq u l-ftuħ tas-saqajn tagħha, kultant flok taqta' xi xagħra kienet tomgħodha waqt li kienet toqorsok qarsa xejn pjaċevoli. Jien kont nistħi ngħid lil Majsi li kien ikun qiegħed joqrosni, forsi għax kont naħseb li b'hekk kont inkun qiegħed inmaqdarlu xogħlu. Kont għalhekk ngħid lil missieri, qabel ma konna nkunu sejrin għand Majsi, biex meta japplikali l-makinetta, missieri jħares lejn għajnejja mill-mera faċċata biex meta jarani negħmżu, Majsi jkun qiegħed joqrosni u flok ngħidlu jien, jgħidlu missieri li jkun qiegħed jagħmilli dan.

Iżda missieri ma ħamilx iżomm għalih dal-patt sigriet ta' bejnietna. Mar itarrfu lil Majsi, x'aktarx biex il-messaġġ tiegħi jasal dritt għand Majsi bla karamboli. Ta' din l-istrataġemma tiegħi ħadt palju! Minn dak in-nhar il-qris ta' Majsi donnu żdied għax kien jiggosta jarani negħmeż lil missieri, waqt li hu u missieri kienu jitbissmu. Dan kollu rrakkuntahuli Majsi meta kelli xi għoxrin sena.

Din l-esperjenza qarsa li kont inġarrab kull meta jikbirli xagħri, fortunatament ġiet fit-tmiem tagħha meta Majsi aġġorna ruħu u daħħal il-makinetta ta' l-elettriku li kienet taħsad ix-xagħar b'ħeffa kbira u bla qris. Għall-ewwel li ġabha, kienu bosta dawk in-nies li baqgħu jippreferu l-makinetta ta' l-idejn għax kienu jaħsbu li faċli wieħed jieħu xokk minn din l-innovazzjoni. Missieri kien ħasel se jirraġuna bħalhom, iżda meta Majsi dar fuqi u qalli li din ma toqrosx, jien ġennint lil missieri biex Majsi jużaha fuqi.

Barra minn hekk Majsi ta assigurazzjoni lil missieri li din il-makinetta ġewwa l-Amerka jużawha flok l-imqass! Jien rajtha din mill-Bambin għax biha spiċċaw il-qris u t-tegħmiż.

Meta Majsi kien itemm l-operazzjoni ta' qtugħ ix-xagħar, kien jidħol fl-istadju tad-daqqa ta' l-imgħallem biex joħloq l-aħjar dehra ta' xogħlu. Kellu flixkun tal-metall ileqq bħal fidda forma ta' lanġasa b'toqba żgħira fit-tarf ta' l-għonq irqiq. Dal-flixkun kien ikun jistrieħ fuq l-irħama dejjem għal-lest. Kien ikollu fih ilma b'żieda ta' xi forma ta' fwieħa ħafifa. Majsi kien jaqbdu minn għonqu bejn subgħajh u waqt li b'idu l-leminija, b'ħafna skossi kien iqattar dit-taħlita fuq xagħri, b'idu l-oħra u bis-swaba' mmaxxta f'xagħri u b'ħafna tferfir, kien jifrex il-likwidu ugwali mal-qorriegħa kollha. Niftakar li meta missieri kien joħodni naqta' xagħri fix-xitwa fil-għaxija, lil Majsi kien jgħidlu biex jaqbeż dan l-istadju tat-tberik minħabba li kien jibza' li nieħu xi riħ.

Majsi wara li kien lesta dan kollu, kien jinxteħet għall-opra ewlenija tal-qagħda tax-xagħar. Bil-pettne kien jofroq ix-xellug ta' xagħri u jifforma l-ferq dritt u għeri daqs xemgħa tal-gandlieri ta' l-artal maġġur. Wara kien ikompli jomxot ix-xagħar skond il-forma li fl-opinjoni ta' Majsi, l-aktar taqbel mal-wiċċ. U hawn kienet tidħol is-sengħa li xi drabi ma kinetx taqbel mal-gosti ta' missieri għax bosta drabi kien ibiddilli l-maxta wara li naslu d-dar. Dan kien jiġri għar-raġuni li missieri kien pittur ta' ħila, barra milli kien poeta u għalhekk ma kienx nieqes mill-immaginazzjoni estetika. Iżda aktar ma bdejt nikber, aktar l-istil ta' moħħi, għall-aħjar jew għall-agħar, kien jieħu preferenza fuq ta' Majsi u saħansitra anki fuq dak ta' missieri bis-sens artistiku kollu li kellu!

Waqt li Majsi kien ikun applikat fuq il-qtugħ ta' xagħri, kien japprofitta ruħu mill-preżenza ta' missieri minħabba l-fatt li missieri kien sajjied ta' esperjenza u Majsi kien prinċipjant. Kien beda jmur ma' Ġużepp tal-forn ta' wara l-knisja. Dawn kienu jmorru bil-vann tal-ħobż kull nhar ta' Ħadd, il-Ġnejna fejn Ġużepp kellu daqsxejn ta' għorfa ma' tarf il-baħar fuq il-lemin tax-xtajta u li fiha kien iżomm luzzu żgħir li kien ivara kull meta kien imur jistad. Għalkemm is-sajd ta' Majsi, li kien għal tal-qiegħ, ma kienx jaqbel ma' dak ta' missieri, li kien għal tal-wiċċ, kien hemm qasam komuni li fil-limiti tiegħu kienu jiftiehmu sewwa għax il-konverżazzjoni kienet tibqa' sejra sakemm Majsi, wara li jħoll ix-xugaman minn ma' għonqi u jiġbdu minn madwari, kien jerfagħni minn fuq l-imħadda u jweżinni fl-art fuq saqajja.

Ħafna drabi din it-taħdita kienet tkompli titwal billi missieri, aktarx iva milli le, meta kien jieħu lili għand Majsi kien ikollu bżonn lil Majsi hu wkoll. Id-diskursata kienet tintemm ħesrem meta Majsi jkun għamel xogħlu kollu u jkun neħħa x-xugamann minn madwar missieri. Wara li Majsi kien jixkupiljalu l-ispalel u d-dirgħajn, missieri kien idaħħal idu fil-but u fuq l-irħama kien jitlaqlu sikspens. Majsi kien jipprova jagħtih il-bqija, iżda missieri kien dejjem jirrifjuta li joħodha għax kien jifhem li Majsi kien jagħtina attenzjoni speċjali.

Majsi ma kienx jaf jitkellem biss fuq is-sajd. Kien kapaċi jkompli fuq is-suġġetti kollha li kienu jaqbdu dawk li kienu jiġu għand Majsi aktar biex jgħidu xi ħaġa milli għal ħaġ'oħra. Id-diskussjonijiet kienu jkunu parrokkjali għalkemm aħbarijiet dwar Ħal Balzan u H'Attard ma kinux jonqsu speċjalment wara l-ġranet tal-festi tagħhom. Iżda l-aktar suġġetti interessanti li kont nitgħaxxaq nisma' meta tfarfart xi ftit, kienu jqumu meta fil-ħanut ta' Majsi kien jiġi jserraħ Salvu Mifsud, jew aħjar kif jafuh f'Ħal Lija, Panziku. Dan kien bniedem li għalkemm ma kellux ix-xorti li jmur jitgħallem f'xi unversità, kien istruwit għall-aħħar. Kien prożatur storiku u poeta barra milli kien elokwenti fi kliemu. Kien imżejjen b'memorja fenomenali u kien jgħaġġbek jikkwota mill-Bibbja kif ukoll minn Dante jew Shakespeare qisu qed jistqarr il-Qaddisa jew is-Sliema. Ir-repertorju tiegħu kien jinfirex lil hinn minn dawn il-konfini letterarji. F'nofs diskussjoni kont tisimgħu jikkwotalek siltiet mill-Leopardi, Ugo Fuscolo jew Tarquato Tasso.

Meta kien ikun hemm Panziku għand Majsi, ara ma tmurx taħseb li xi ħadd kien ikollu l-ħila jinfilsa kelma fi kliemu. Kien jirreċta l-aħħar poeżija li kiteb lis-Salvatur jew lin-nar ta' Ħal Lija. Kien jiġi għand Majsi aktar għax kien isib sfog fit-tpaċpiċ milli għal skopijiet oħra. Iżda darba inzertajtu li ried iqaxxar il-leħja. Majsi stiednu biex jieħu postu fuq il-pultruna waqt li kien f'nofs diskursata. Panziku ntelaq fuq il-pultruna bħal xkora dqiq iżda lsienu baqa' jtaqtaq. Majsi bi drawwa qabad b'idu l-leminija l-mus minn fuq l-irħama u fetħu. B'idu l-oħra ġibed 'il fuq il-ġilda li kien dejjem iżomm imdendla ma' l-armarju u beda jżerżaq fuqha x-xafra tal-mus 'l isfel u 'l fuq b'ħeffa li tħallik bla nifs. Wara li kien ħassu li x-xafra ssinnet biżżejjed, telaq il-mus fuq l-irħama, dawwar ma' għonq Salvu x-xugaman, tella' mal-ponta ta' sebgħu mesħa sapun magħġun u firixha fuq ilħit Panziku. Mela ftit fis-sjun, xappap il-pinzell fih, tellgħu ma' wiċċ Panziku u beda jogħrku b'ritmu mgħaġġel fuq is-sapun. F'kemm ili ngħidlek wiċċu sar xkuma waħda u naħseb li Panziku daqha sewwa għax waqt dal-ħin kollu fommu ma waqafx iredden.

Issa l-operazzjoni kienet sejra tieħu xejra delikata għax kien wasal it-tqaxxir tal-leħja. Majsi qabad il-mus bejn is-swaba' ta' idu l-leminija, barra mis-seba' ż-żgħir li kien iżomm imtalla' donnu kellu suġġizzjoni jistrieħ bħal sħabu fuq din l-għodda li wieħed juża biss bir-reqqa u b'attenzjoni. Bil-mus imtalla' livell ma' wiċċ Panziku, Majsi widdbu: "Issa daqshekk, Salv!" u Salvu mmuta f'daqqa. Iżda kull darba li Majsi kien jaqla' l-mus minn ma' wiċċ Panziku biex jimsħu mis-sapun, erħilu jerġa' jifthilha b'Majsi jtenni jsikktu qabel ikompli. U din il-farsa baqgħet għaddejja sakemm Majsi bil-pinzell u s-sijun ħasel wiċċ Panzinku mis-sapun li baqa' jitlajja ma' wiċċu wara li għaddiet minn fuqu x-xafra tal-mus. Waqt li wiċċu kien għadu niedi, Majsi dilek fuqu s-silġa u bix-xugaman li kien għadu mdawwar miegħu mesaħlu wiċċu bl-akbar delikatezza.

Issa Panziku reġa' ħa postu fuq il-bank u frisk daqs ħassa kompla jirrakkonta b'aktar fervur minn qabel. Kulħadd kien jieħu gost jisimgħu għax kien jaf xi jgħid. Kliemu kien jgħallmek u l-vuċi tiegħu ma kinitx monotona. Ma ngħidx li ma kienx ikun hemm min issummat jisma' ma kienx ukoll ibeżżaq xi waħda f'wieħed mill-isputaturi li Majsi kien iqiegħed imbiegħda b'simetrija quddiem il-bank fejn kienu jpoġġu. Iżda dan ma kinux jagħmluh b'xi dispett. Kienu jagħmluh b'neċessità għax Salvu ma kienx jagħtihom l-okkażjoni jixxuttaw il-bzieq ta' ħalqhom billi kultant iħallihom jgħidu kelma.

Min kien imur għand Majsi l-Parrukkier ma kienx jibbenefika biss mill-għerf 'gratis et amore' ta' Panziku; kien ikollu l-okkażjoni jixrob għerf ieħor ta' Mario Agius, magħruf f'Ħal Lija bħala Tal-Pajs. Dan, bħal Panziku, ma kellux ix-xorti jistudja ġo l-università, u daqs Panziku ma kienx nieqes mill-għerf, anzi fejn kien jidħol l-ilsien Malti kien ta' aktar awtorità. Mario ma kienx bħal Salvu, itaqtaq bla heda. Kien ta' ftit kliem iżda b'ħafna sustanza. Dak iż-żmien kien għadu żagħżugħ iżda kien ifendi bl-argumenti tiegħu għal dak li kien ikun jgħid Panziku. Kont nitgħaxxaq nisma' lil Salvu jipperora u lil Mario jfendi u bi kliem mirqum jispjega ċar dak li kien ikollu f'moħħu. Insomma, għand Majsi wieħed kien isib l-isbaħ mogħdija taż-żmien li fiha wieħed jitgħallem xi ħaġa.

Aktar ma tkattart fis-snin, aktar kont nieħu gost niltaqa', mhux biss ma' dawn iż-żewġ persunaġġi tar-raħal, iżda wkoll ma' Majsi għax Majsi wkoll ma kienx nieqes mill-ħila ta' l-ilsien mitkellem. Miegħu u ma' dawn iż-żewġ għorrief kont bdejt issa nżerżaq xi kelma. Majsi kien iħobb jitkellem miegħi ħafna, mhux biss għax jien bħal missieri ħriġt sajjied, iżda wkoll għax jien kont inwassallu aħbarijiet minn barra r-raħal meta sirt żagħżugħ.

Issa Majsi xerrek miegħu lil ibnu l-kbir, Salvu, biex itih daqqa t'id waqt li jitgħallem is-sengħa ta' parrukkier. Biż-żmien sar tas-sengħa daqs missieru. Wara ġie jgħinu wkoll ibnu ż-zgħir, Fredu. Billi dan kien mitfugħ fuq l-iskola għax kien imur is-Seminarju tal-Furjana, ma kienx ġie ma' missieru biex jitgħallem is-sengħa bħal ħuh. Kien għalhekk jiġi fil-vaganzi u xogħlu kien biss li jiknes, meta kien ikun hemm bżonn ix-xagħar li kien jinġema' madwar iż-żewġ pultruni. Salvu kien jaf jitkellem daqs missieru iżda Fredu kien ta' ftit kliem u ta' ġentilezza kbira. Meta kien bi sforz jasal biex itarraf xi ħaġa, wieħed kien jintebaħ li hu ta' skola u tifel intelliġenti. Kif konna ngħidu aħna ta' Ħal Lija, missieru kellu bokka bih.

Biż-żmien Salvu sab post ta' parrukkier mal-gvern. Fredu laħaq saċerdot b'ħafna potenzjal tant li, wara li żejjen lil Ħal Lija bħala Kappillan maħbub tagħha għal bosta snin ta' ħidma wtieqa, laħaq Monsinjur Arċipriet tal-Katidral ta' l-Imdina. Jien, fl-1955 iżżewiġt u ħrigt b'qalbi magħfusa minn Ħal Lija waqt li Majsi baqa' jippersisti fuq xogħlu għal ħdax-il sena oħra bħallikieku d-dinja qatt ma nbidlet.

Meta Majsi rtira mix-xogħol, kellu, imbierek Alla, 72 sena. Dak iż-żmien ma kienx hawn pensjoni għal wieħed li jirtira mix-xogħol li biha Majsi seta' sab il-mistrieħ ħdax-il sena qabel. Barra minn hekk, Majsi ma tantx gawda s-serħan tiegħu. Mhux għax ħalliena kmieni wara li rtira. Meta l-Mulej għajjatlu kien laħaq l-età veneranda ta' 89 sena. Iżda, miskin intefa' ġo sodda għal snin li żgur ħasshom bla tmiem. Waqt is-snin twal ta' xogħlu tant twaqqaf, li fl-aħħar saqajh ċedew. Povru Majsi, sefa martri tax-xogħol li tant ta b'dedikazzjoni, tbissim u ħlewwa, lilna n-nies ta' Ħal-Lija.

F'rokna ta' qalbi għandi mistura sogħba kbira li ma nista' ninsa qatt. Meta ibnu Dun Alfred kien għadu kappillan ta' Ħal Lija, kien kemm-il darba stedinni biex immur nara lil missieru li kien fis-sodda. Jien għalkemm kelli l-akbar xewqa li nagħmel dan, qatt ma wasalt biex nagħmlu. Meta kont determinat biex inżuru, ħija ikbar minni li joqgħod Ħal Lija, tani l-aħbar kiefra li Majsi kien ħalliena xi xhur qabel. B'sogħba kbira nitlob maħfra lil Majsi fil-ġenna għal dan in-nuqqas tiegħi.

Jien lil Majsi bqajt niftakru bħalma baqgħet tiftakru t-tabella ta' fuq il-ħanut li għadha mwaħħla f'postha sal-lum, bid-differenza li m'għadnix niftakru bħala Tom Xuereb ta' OXFORD SALOON, iżda bħala Majsi l-Parrukkier ta' Ħal Lija.

---

# Jacqueline

*B'tifkira ta' Jacqueline Catania li tilfet ħajjitha traġikament fl-eta' ta' 16-il sena nhar il-Ġimgħa 29 ta' Ottubru 1999*

Darba kien hemm Jacqueline
ħamiema protetta mil-liġi ta' l-isparar
Jacqueline ta' sittax-il rebbiegħa
imdandna bir-rix ta' l-O "Levels"
suċċess meraviljuż
Jacqueline li ħolmot il-bejta kennija
u xxenqet għal ġamra fi ljieli xitwin
Jacqueline li siktet ħesrem
mad-daqqa b'Alla ta' mitt elf ċomba tikwi
li damdmet moħħha fietel frak
bizzilla mtertqa tħuf fi triq l-eternità

***Carmel Azzopardi***
15/11/99

# Is-Sibt 29 ta' Marzu 1986

Ilbieraħ rajthom telgħin
wara xulxin
l-Insara maħbubin....

U tpaxxejt nara l-ġinġrin
mas-somor imħalltin
il-għonja mal-fqajrin
iż-żgħażagħ max-xwejħin....

Kulħadd dritt qisu xemgħa
tela' ħdejh
biex bewsa jistampalu fuq ħaddejh.

Imbagħad l-istess ġilwa
imxiet tnejn tnejn biex tirċevih
u b'wegħda soda qaltlu li taqdih.

U hu b'rasu baxxa l-ħin kollu
jilqa' l-bews
u jinżel fl-istonku tas-sajmin
waqt li ġedded l-imgħoddi
ta' dawk il-jiem kiefra-henjin.

Ma' nżul ix-xemx ħarġuh idur
mat-toroq ewlenin
iżda rasu baqgħet
jew moħħha fil-Missier
inkella mitluqa
imdendla bejn dirgħajh miftuħa.

Tgħid fehem l-ipokresija
li hawn tiġri ma' saqajna
u f'liema stat t'idolatrija
aħna l-Maltin waqajna?

Meta dalam ċappa instama' leħen
jidwi mas-smewwiet:
"Ħlief iż-żgħirin – għax ma jafux –
lil Alla veru ma jħobbux....!"

*Alfred Massa*

# Lill-Għasfur

Kien għadu kemm bexbex
Fl-irħula u fl-ibliet,
X'ħin tar mimli ħajja
Ġie ħdejja fis-skiet.

U dlonk ħares lejja
Bħal donnu beżgħan,
Bħal donnu ried jgħidli
Xi kelma ħerqan.

It-tnejn tajna lemħa
Ħarisna f'xulxin,
Bla ħadd bexxaq fommu
Għal waqt dak il-ħin.

U domna ħin sewwa
B'dak fommna mitbuq,
Nixxierku fis-seħer
Li 'l-ġisem ituq.

'Ma fl-aħħar ilsienu
Erħielu u nħall,
U b'għana li jħannen
Infexx bla ma stall.

Ma' l-iġbla, l-isinda,
Ma' rdum, ġewwa l-wied,
Dik l-għanja li ssaħħar
Għal tul bosta dwiet.

'Ma qabel ma telaq
Tal-għana fawwar
Semmagħli x'jaf joħroġ
Minn fommu saħħar.

*Kan. Dun Nikol Vella Apap*
11.11.1973

# Nixtieq nibki

F'waqtiet qosra
nħossni nixxiegħa,
tferrà qabbieża
wara n-nixfa twila tas-sajf....
insejjaħ,
insellem,
insaħħar,
lill-marżepp,
lill-mazzarell,
liż-żrieragħ mistħijin.

'mma l-wens
dlonk jogħsfor,
xenqti ddub fix-xejn;
triqti tittajjen,
nitliġġem bil-ġebel,
fl-għollieq nitfixkel,
u x-xewk
jgħakkisni.

Imbagħad,
ngħaddi l-bqija ta' jiemi
nagħti b'rasi,
'l fuq u 'l isfel....

jiġrili bħall-buffu,
irrid nibki
u ma nistax.

*John Caruana*
In-Naxxar – 3 ta' Novembru, 1997

# Imbierka s-Sapjenza

***Skeċċ ta' Charles Clews***

PERSUNAGGI: MISSIER U IBNU, TIFEL TA' XI 10 SNIN.

XENA: FI TRIQ, ĠNIEN INKELLA IMQAR BACKDROP NEWTRALI.

PALK VOJT: JINSTEMA' T-TIFEL JGĦAJJAT: "Goal! Goal! Tajniekom tlieta!

TIFEL: (*Jidħol u jgħajjat bis-solita kantilena*) Ih, tajniehom tlieta, tajniehom tlieta.... (*Imiss il-qasbiet ta' saqajh, li fihom ikun hemm il-pitazzi, li servewh ta' shinguards*). (*Iħares lejn mnejn daħal*) Kissirniekom illum, *aħna* ċ-champions, id-Dinamos! (*Jipprova jirranga xi ftit xagħru, iqiegħed il-basket – jew brief case jew satchel – ta' l-iskola fl-art.*)

MISSIER: (*Jidħol, jiskanta kif jara lil ibnu f'dik is-sura*) Hawn inti, galantom. Fejn kont? Taf li ommok bagħtitni nfittxek u ħarġitni minn quddiem it-televixin, imħabba fik.

TIF: Em... kont... em...

MIS: Taf li rajtek tilbes iż-żarbun jien u ġej?

TIF: Iva, għax is-Sir kumbinazzjoni kien qed jgħallimna minn fejn jiġi l-ġild.

MIS: E iva? U minn fejn jiġi l-ġild?

TIF: Minn għand l-iskarpan.

MIS: Isma' galantom, għadni gej minn għand is-Sir, is-Sir Bugeja, li jtik il-privat, dak li nħallaslek il-flus għandu. Mistagħaġeb kemm int injorant. Taf li meta kont daqsek, jien, kont diġà rbaħt żewġ premjijiet?

TIF: Żewg premjijiet? U ta' xiex kienu dawn il-premjijiet...

MIS: Wieħed kien tal-memorja, għax kelli memorja, niftakar il-lessons. U l-ieħor, l-ieħor insejt ta' xiex kien...

TIF: Isa, x'memorja kellek daddy!

MIS: ISSA ngħidlek, ja traskurat. U kemm int maħmuġ, imħarbat? (*Iħares lejn ħalqu*) Taf li jien naf x'kilt f'nofsinhar! Inti kilt bajda mgħollija – għax għandek l-isfar imċappas, hemm arah...

TIF: Mhux veru – dik il-bieraħ kiltha, filgħaxija.

MIS: Ukoll. Imma jiena nixtieq naf, INT x'se ssir la tikber...

TIF: La nikber insir raġel, Daddy.

MIS: Niddubita! Jien u ommok irriduk issir tabib, *tabib*, fhimt?

TIF: Tabib? Huwa jiena lanqas għandi kuraġġ noqtol dubbiena, tridni noqtol dawk in-nies kollha?

MIS: Newwel il-pitazzi ħalli nara fiex int. U *fiex* int?

TIF: Fil-klassi.

MIS: Iva, fil-klassi *fiex* int?

TIF: Fil-bank.

MIS: (Jirrabja) Fl-iskola, fit-tagħlim, FIEX int?

TIF: *Centre forward* fil-football u *full-back* fil-lezzjonijiet.

MIS: Ejja, newwel il-pitazzi, ħa nara intix iżżommhom sewwa, up to date.

TIF: (*Joħroġhom mill-peduni*) Hawn huma.

MIS: Dawn għaliex qegħdin hemm?

TIF: Għax għamilthom shinguards, meta lgħabna kontra ta' wara l-knisja.

MIS: (*Jiftaħ pitazz minnhom*)

*NOTA*: HAWNHEKK, FIL-PITAZZI IKUN HEMM IL-*HEADINGS* kollha TAĊ-ĊAJTIET, JEW AHJAR IL-MISTOQSIJIET LI JRID JAGHMEL MISSIER.

MIS: Hawn x'għamilt? Kif 2 u 2 jagħmlu tnejn u għoxrin?

TIF: Iva Daddy, għax meta nkun ħdejn iċ-ċentru tal-kappillan, fejn tmur il-Mummy...

MIS: U titlef xi lira... Iva ...?

TIF: Hekk nisimgħu jgħid lill-*Caller* tat-tombla: Two and Two – twenty two. Tnejn u għoxrin.

MIS: Ara, ibni, ifhem: jien u ommok – tnejn. Int u huk, tnejn. Flimkien kemm nagħmlu?

TIF: Familja.

MIS: Ara, ikolli żewġt ifniek f'ġaġġa, u żewġt ifniek f'ġaġġa oħra. Flimkien x'jagħmlu?

TIF: Biżibilju. Ma tismagħhomx jgħidu, li l-fniek jafu jagħmlu s-somom, għax aqta' kemm jimmoltiplikaw. Tal-minus ma jafux.

MIS: (*Jonfoħ*) Ara: nagħmillek żewġ boċċi f'dal-but (*lemin*), u nagħmillek żewġ boċċi f'dal-but (*xellug*). Kemm ikollok boċċi?

TIF: Tnejn.

MIS: U għaliex, tnejn?

TIF: Għax but minnhom, dan (*juri*) imtaqqab.

MIS: (*Iqalleb pitazz*) Kif, din ħallejtha vojta? Min sabha l-Amerika?

TIF: (*Imwerwer*) Ma nafx.

MIS: (*Imgħaddab sewwa issa*) Qed ngħidlek MIN sabha l-Amerika. Min?

TIF: Mhu ... mhux ... jien ...

MIS: U żgur li mhux int, *naf* li mhux int. Ara ma terġax toħroġli b'dir-risposta. Issa MIN sabha l-Amerika?

TIF: Mela jien, imma mhux apposta.

MIS: Kristofru Kolombu, sabha l-Amerika, injorant. (*iqalleb*) U din hawn, minn fejn jiġi t-tajjar?

TIF: Minn għand l-ispizjar. Minn hemm nixtrihulha lill-Mummy jien.

MIS: It-tajjar jiġi mis-siġra tal-qoton. QOTON. Issa, staqsiek hawn: xi jsir mit-tajjar?

TIF: Fumenti ... Le ... Le ... Fumenti, Merry Xmas mal-ħġieġ ...

MIS: Injorant, ħmar. Dik il-qmis li għandek fuqek, minn xiex hi magħmula?

TIF: Mill-qmis ta' ħija Johnny.

MIS: (*Iqalleb paġna oħra*) I, din ma weġibthiex? I! Kemm huma l-istaġuni?

TIF: Tnejn: tal-*football* u tal-*water polo*. Leqq leqq ... naf. Tal-gamiem u tas-summien.

MIS: Injorant! L-istaġuni huma *erbgħa*: rebbiegħa, sajf, ħarifa u xitwa. Għandek hawn bl-Ingliż ukoll: spring, summer, autumn, winter. Issa, x'inhu summer bil-Malti?

TIF: Summer bil-Malti bħal issa ... summer!

MIS: Bil-Malti; ara ħalli nġibek kapaċi. Meta huwa l-aħjar żmien li naqtgħu l-frott mill-għalqa?

TIF: Meta ma jkunx hemm sid l-għalqa jarak taqta'!

MIS: Summer huwa sajf. U din ma tafhiex, hawn, *slow* – bil-Malti?

TIF: Dik nafha: *slow* huwa dak li tidlek il-Mammy ma' saqajha meta juġgħuha.

MIS: *Slow* ibni, ifhimni! Jekk lili tarani miexi hekk, ara, xi tgħid li nkun. (*Importanti hawn: Missier jimxi bil-mod, saqajh ftit imfettħa, sa fejn il-kwinta u lura*). Xi nkun?

TIF: Imxawwat.

MIS: *Slow*. Bil-mod jiġifieri. (*Iħares lejn il-pitazz*) U hawn x'għamilt? Tmien Patatiet taqsamhom bejn għaxart itfal? Kif jista' jkun ibni? 8 patatiet bejn għaxart itfal?

TIF: Tista' daddy – tagħmilha patata maxx u jaqsmuha.

MIS: (*Iħares lejn il-pitazz*) U din ma għamilthiex, din? Hawn ara! Ikollok 10 bananiet, tiekol 8 minnhom, x'jibqagħlek?

TIF: Indiġestjoni, Daddy.

MIS: Tnejn ... Issa: semmili 6 annimali li jgħixu fl-Indja.

TIF: Mela tigra.

MIS: Isa, jaf waħda.

TIF: Iljunfant.

MIS: Isa, jaf oħra.

TIF: Tigra.

MIS : Semmejtha.

TIF: Iljunfant.

MIS: Semmejtu.

TIF: Inti xi trid tkun taf, Daddy?

MIS: Sitt animali li jgħixu fl-Indja.

TIF: Mela: tigra u ħames iljunfanti.

MIS: U din ma tafhiex? Xi jkun tifel li tilef lil ommu u lil missieru?

TIF: Traskurat, Daddy.

MIS: (*Jiftaħ pitazz ieħor*) I, hawn għandek il-proverbji, kważi kollha mibdija biex tkomplihom, u ħallejthom barra ... Il-proverbji ma tafhomx?

TIF: Għax għedt forsi dawk nagħmilhom id-dar.

MIS: Isa, kompli dawn ħej! Min jara n-nies dubbien ...

TIF: Għandu bżonn nuċċali, hux?

MIS: Il-kelb il-mismut ...

TIF: Idilku dilka ingwent, miskin ...

MIS: Bogħod mill-għajn ...

TIF: (*Jagħmel idejh ma għajnejh qishom tromba*) Uża tromba.

MIS: Aħjar għasfur f'idejk ...

TIF: Milli musmar maqlub. (*Jew hand grenade*)

MIS: Kull deni ħudu b'ġid ...

TIF: Basta mhux deni biered, deni tifu u deni ta' żiemel. (*Jaħseb*) Daddy, issa *ħmar* jista' jkollu deni ta' *żiemel*?

MIS: Mitt bniedem mitt fehma ...

TIF: Mitt Ġappuniż wiċċ wieħed, u mitt mara frattarija.

MIS: Iż-żejt ... Isa..iż-żejt ...

TIF: Qegħdin inħaffu għalih?

MIS: (*AKTAR ENFASI*) Iż-żejt...

TIF: Tajjeb mal-ħobż u t-tadam ...

MIS: Iż-żejt jitla' f'wiċċ l-ilma ...

TIF: Mur Wied Għammieq, Daddy u ara x'jitla' fil-wiċċ ...

MIS: Ibni, inti injorant tal-prima klassi. Possibbli t-*teachers* ma jgħidulekx possibbli, ma jirrimarkawlekx?

TIF: X'jgħiduli Daddy?

MIS: Li mill-warda joħroġ ix-xewk?

TIF: Le, taf x'jgħiduli: li skond iz-zokk il-fergħa ...

MISSIER JOHROG JIĠRI WARA T-TIFEL ISAWTU BIL-PITAZZI.

NOTA:

*Dan l-iskeċċ ma jistax jiġi muri fuq il-palk jekk mhux bil-permess ta' l-awtur, bil-ħlas jekk professjonalment, u mingħajr ħlas jekk għall-fini ta' karità . Meta jsir dan l-iskeċċ, għandu jiġi mxandar isem l-awtur u l-isem eżatt ta' l-iskeċċ, viz. IMBIERKA S-SAPJENZA.* 19-08-97

# Par Għajnejn fid-Dlam

*Val V. Barbara*

Sa ftit ilu f'kull belt u raħal ta' Malta kien hemm xi dar jew iżjed li xejn ma kellhom fama tajba. Kulħadd kien jibża' minnhom dawk id-djar, u fil-biċċa l-kbira kienu jibqgħu dejjem battala, jew jinkrew u f'qasir żmien jerġgħu jitbattlu, għax ħadd ma jkun jiflaħ jissaporti joqgħod fihom. Kienu djar antiki li, min jaf għal liema raġuni, kienu jgħidu li jidher il-ħares fihom. Jiena naħseb li dawn id-djar illum spiċċaw, kemm għax xi wħud minnhom iġġarrfu u tħattew u flokhom inbnew oħrajn ġodda u moderni, kif ukoll għax, minħabba n-nuqqas ta' djar, il-bżonn iġagħlek tagħlaq għajnejk u ssodd widnejk u tikri mqar jekk id-dar ikollha fiha mitt ħares u mhux wieħed biss. Iżda hemm raġuni oħra wkoll, għax il-mentalità illum tbiddlet ħafna, u qajla baqa' min jemmen fil-ħares. U l-ħares, li qisu ħa għalih għax tilef il-kredu, mar jinħeba u, sa fejn naf jien, ma għadux jagħmel il-praspar li kien jagħmel fi żmien nannietna. U praspar għamel ħafna, tafux! Għallinqas skond ma jgħidu xi wħud. Jiena ġie li smajt b'widnejja stess lil min jirrakkonta bl-akbar serjetà fuq xi ħadd mill-familja tiegħu li kien jara l-ħares id-dar. U l-ħares kien iġib ruħu skond il-grazzja li jieħu ma' dak li jkun. Jgħidu li 'l xi wħud kien iħobbhom u jagħtihom il-flus u ħafna affarijiet oħra, waqt li oħrajn kien saħansitra jsawwathom jew jagħtihom qatgħa kbira billi jidhrilhom issa taħt sura ta' tork jew ras ta' tork, issa taħt sura ta' tarbija ċkejkna, jew ħafna suriet oħra. Għadni nisma' qisu l-bieraħ meta ħdejna mietet waħda mara fl-aħjar tagħha, jaħasra; kienet mara sabiħa, tbigħ is-saħħa; imbagħad għamlet żmien tisfar u togħlob, sa ma' rebaħha l-qabar, kulħadd stagħġeb kif inqerdet; u qalu li mietet bis-swat li kien jagħtiha l-ħares. Kienu jgħidu wkoll li ċerti nies, u l-iżjed nisa li jkunu għalqu l-ħamsin, kellhom bħal qawwa f'għajnejhom li, jekk fid-dar ikun hemm il-ħares, minnufih kienu jintebħu bih u jgħidulek, "Hemm, araħ!" Biex ma ntawwalx, ngħidilkom minnufih u bla tlaqliq li jien qatt ma emmint fi ħmerijiet bħal dawn, anqas meta kienu kważi jaħilfuli li qed jgħiduli l-verità. Imma darba, ħej.....

Le, aħjar ma ngħaġġilx, għax qabel ma ngħidilkom x'ġara darba lili stess, jeħtieġ infissrilkom xi ċirkustanzi. Biss ibqgħu ċerti li miniex se nivvintalkom ħrejjef u stejjer, u nagħtikom kelma ta' raġel li l-ġrajja li se nirrakkontalkom għaddejt minnha tassew.

Mela wieħed mill-postijiet li għad għandhom sa llum il-fama tal-ħares huwa l-palazz ta' l-Inkwiżitur. Il-bini tiegħu fih kwartier għalih daqskemm hu kbir; għandu faċċata sabiħa ħafna, u fih għadd ta' swali daqsiex jinfdu ġo

xulxin, kif kienu jibnu l-palazzi fl-antik. Il-bieb il-kbir ta' barra jagħti għal intrata, li minnha tgħaddi għal żewġ indani taraġ wiesa' u tasal fis-sala l-kbira ta' l-ewwel sular. Qabel ma tibda t-taraġ, f'ġenb wieħed hemm bieb jagħti għal daqsxejn ta' bitħa u kuritur ċkejken, dejjaq u mudlam, b'xi żewġ ċelel żgħar jew tlieta fih, li biex tidħol fihom tbaxxi rasek sa qaddek. F'dawk iċ-ċelel kienu jqiegħdu l-akkużati sakemm idum il-proċess tagħhom quddiem l-Inkwiżitur. Minn ħdejn is-sala l-kbira ta' l-ewwel sular jibda garigor dejjaq tond, bħal dawk tal-kampnari tal-knejjes, li minnu titla' għat-tieni sular u għal fuq il-bejt kbir u sabiħ fejn issib taħt għajnejk id-dehra kollha tal-Port il-Kbir. Int u tiela' t-taraġ ta' dak il-garigor hemm kamra ċkejkna ħafna bla twieqi, u mudlama ssemmix. Kien hemm li ġratli l-istorja li se ngħidilkom.

F'dan il-palazz, ismu miegħu, kien joqgħod l-Inkwiżitur fiż-żmien li Malta kienet taħt il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Gwann. F'dak il-bini storiku għandu mnejn sar ħafna ġid diplomatiku, imma l-istorja tgħidilna wkoll li fih saru ħafna affarijiet li lilna llum idarrsuna u jġagħluna nistmerruhom u mmaqdruhom. Fost l-oħrajn, hemmhekk kienu jtellgħu quddiem l-Inkwiżitur nies akkużati bħala eretiċi jew sħaħar. Tista' tgħid li kull akkużat li jidħol hemm ġew kien dejjem jispiċċaha ħażin, kemm jekk ikun ħati tassew, kemm jekk ikun vittma tal-qerq jew ta' l-iżbalji tal-bniedem. B'ħafna moħqrija u torturi li jwaħħxu kienu jġagħluhom jistqarru li huma ħatja, imqar jekk ma jkunux, u lil dawk li kienu jibqgħu ħajjin wara t-torturi kienu jikkundannawhom bħala ħatja u jagħtuhom f'idejn il-qorti tal-Gran Mastru għas-sentenza. Min jaf x'raw dawk iċ-ċelel żgħar u mudlama li semmejna ftit ilu, kemm tnehid u dmugħ u turmenti, u kemm drabi l-art u l-ħitan tagħhom iċċappsu bid-dmija. Min jaf dik is-sala l-kbira ta' l-ewwel sular, fejn kien isir il-proċess ta' l-akkużati, kemm semgħet tehdid u gideb u kalunji, kemm rat qilla u mibegħda u ħdura, kemm drabi kienet xhieda li taf tgħid sewwa sa fejn twassal il-qalb tal-bniedem. U min ma semax bil-bir tas-skieken li kien hemm fih, skond ma jgħidu xi wħud? Mhux ta' b'xejn tawh il-fama li għandu!

Wara t-Tieni Gwerra Kbira dan il-post ta' qilla kien miftuħ għal kulħadd, għallinqas f'xi ħinijiet tal-ġurnata, u ħafna nies, fosthom jiena stess, kienu jidħlu fih kuljum. Ngħid is-sewwa, jien la qatt rajt affarijiet lanqas smajt ħsejjes strambi hemm ġew, u qatt ma smajt b'min forsi seta' kellu l-privileġġ speċjali li jara jew jisma' xi ħaġa ta' l-għaġeb jew tal-biża' f'dak il-palazz. U kienu ħafna dawk li daruh rokna rokna, bla qatt ma seħħilhom isibu l-bir tas-skieken li jsemmu. Imma jien, biex niċċajta, bosta drabi lil xi ħbieb tiegħi kont nivvintalhom. Jekk xi ħadd, li ma jkunx midħla tal-post, jistaqsini huwiex veru dak li jingħad fuqu u jekk jien qattx rajt jew smajt xi ħaġa ġo fih, kont nibdielu storja sħiħa li lili stess kienet taqsamni bid-daħk minn ġewwa. Ħalli għalija! U, sabreċ! kemm kienu jemmnuni! Kienu jibqgħu b'ħalqhom miftuħ u b'ħarsa ta' tkexkix f'għajnejhom meta kont ngħidilhom x'nara u x'nisma':

kavallieri, libsin l-ilbies tal-gwerra, bix-xabla ma' qaddhom, iġorru f'idejhom stess rashom maqtugħa u jkaxkru l-ktajjen ma' saqajhom, kollox fid-dalma tal-lejl jew tard filgħaxija xħin ikun dalam, m'għandniex xi ngħidu; maġistrati jteftfu mal-ħitan, qishom qegħdin ifittxu karti u parċmini f'libreriji li ma jidhrux, u mbagħad tħaxwix ta' karti f'idejhom xħin jiftħuhom biex jaqrawhom; bojjiet libsin l-iswed u b'wiċċhom mgħammad, b'xi ħabel jew mannara f'idejhom; nies imdendlin minn għonqhom mas-saqaf u jixxenglu qishom pupi taċ-ċraret ma' kull żiffa li tidħol mit-twieqi daqsiex; qassisin bil-qiegħda donnhom qegħdin jisimgħu l-aħħar qrara ta' l-imsejkna kkundannati; imbagħad twerżiq, tkaxkir, tħaxwix, tnehid u krib, għajjat ta' rabja jew ta' wġigħ, ċaqċiq ta' għodod u njam, tibsit u daqqiet, f'kelma waħda minn kull xorta ta' ħsejjes li jwaħħxu fis-skiet u d-dlam tal-lejl. Hbiebi, jaħasra, kienu jibilgħu kollox bħal mazzun, u jien kont inżomm kemm niflaħ u nagħfas fuqi nnifsi biex ma ninfaqax bid-daħk. U b'għajnejhom imberrqa kienu jgħiduli: "Imma allura tibqa' hemm u ma tibżax?" Kont inwieġeb li dawn l-affarijiet għall-ewwel ħabtu jbeżżgħuni, tassew, iżda mbagħad tant drajthom li kont nibqa' nħares lejhom, xejn xejn għall-kurżità. U kont ngħid bejni u bejn ruħi: "Imma kemm hawn nies baħnana fid-dinja!"

Imma darba.....Le, stennew daqsxejn. Tiftakru li ftit ilu semmejtilkom dak il-garigor dejjaq u mudlam li minnu titla' għal fuq il-bejt. Għidtilkom ukoll li int u tiela' t-taraġ tal-garigor, ftit qabel ma tasal ħdejn il-bieb tal-bejt, hemm kamra ċkejkna bla twieqi. Aktar 'il fuq mit-taraġ, kif jispiċċa l-garigor ħdejn il-bieb tal-bejt, hemm daqsxejn ta' rewwieħa jew tieqa żgħira bil-ħadid imsallab, dejjem miftuħa. Id-dawl tax-xemx li jidħol minn dik it-tieqa matul il-ġurnata jdawwal mhux ħażin nofs it-taraġ tal-garigor, hekk li dik il-kamra ma tibqax tant mudlama; iżda wara nżul ix-xemx jew meta jkun il-qamar mimli, id-dawl li jidħol hu baxx ħafna u bilkemm jasal biex jaqta' s-swidija tad-dlam ta' dik il-kamra, tant li jekk tħares ġo fiha, ma tkunx tista' tagħżel ħaġa minn oħra.

L-istorja tiegħi ġrat fix-xitwa, filgħaxija. Kienet ġurnata minn dawk is-sbieħ li jafu jagħmlu f'Malta fix-xitwa, u fettili nitla' fuq il-bejt biex nitgħaxxaq bid-dehra tal-Port il-Kbir tagħna, b'dak il-ħafna dawl elettriku jleqq f'wiċċ il-baħar qisu kwiekeb iteptpu. Bla ebda ħsieb ta' xejn qbadt it-taraġ u bdejt tiela'. F'dak is-skiet li ma bħalu l-ħsejjes ta' saqajja fuq it-taraġ tal-franka kienu jinstemgħu tliet darbiet iżjed. Tarġa wara l-oħra kont għoddni wasalt ħdejn il-bieb tal-bejt. Imma, jien u għaddej minn ħdejn dik il-kamra f'tarf il-garigor, għajnejja daru weħidhom lejn in-naħa ta' ġewwa tal-kamra. F'daqqa waħda ksaħt minn rasi sa saqajja, ġismi qam xewk xewk, u għajnejja riedu jaqbżu 'l barra minn ħofrithom. Sirt qisni mwaħħal ma' l-art, u bilkemm issugrajt nitniffes. Quddiemi, fid-dlam ċappa ta' dik il-kamra, rajt par għajnejn sbieħ iħarsu lejja, ileqqu donnhom kellhom bħal dawl jirrifletti fuqhom. Il-ħarsa

tagħhom ma nqalgħetx minn fuqi. Moħħi kien donnu nixef, ma stajt naħseb xejn. Imma mbagħad l-istess biża' ġagħalni nitħarrek, dort qajl qajl, u qbadt nieżel it-taraġ, għall-ewwel waħda waħda u mbagħad sitta sitta. Kif wasalt isfel ma nafx. Waqaft b'nifsi maqtugħ u qalbi tħabbat qisha martell ġo sidri. Ma naħsibx li domt ħafna hekk, u meta qbadt ġej f'tiegħi u moħħi beda jirrifletti mill-ġdid, fhimt tajjeb li ma stajtx immieri lili nnifsi. Dawk l-għajnejn rajthom żgur, ma kelli ebda dubju minn daqshekk. U kont ċert ukoll li dawk l-għajnejn ma kinux għajnejn ta' qattus jew ta' ġurdien kbir. Le, dawk żgur kienu għajnejn ta' bniedem. Kien hemm xi ħadd moħbi hemm fuq fid-dlam? Jista' jkun, imma aktar ma bdejt nirraġuna miegħi nnifsi, aktar bdejt nikkonvinċi ruħi li forsi ma kinetx ħrafa l-fama li kellu dak il-palazz. Iċ-ċajt kollu li kont niċċajta ma' ħbiebi ħassejtu jidwi f'widnejja, imma issa bħala ħaġa reali u mhux fantastika. Jien u naħseb, fuq wieħed mis-siġġijiet tas-soda li kien hemm fis-sala rajt biċċa xemgħa. Minnufih, minkejja li kont għadni daqsxejn imriegħed bil-qatgħa li ħadt, waħħalt f'rasi li, jiġri x'jiġri ridt nitkixxef x'kienu dawk il-par għajnejn. Jien, minn qaddisi, miniex beżżiegħi, u kont deċiż li anqas did-darba ma nħalli l-biża' jagħmel bija. "Xi jrid ikun!" għedt bejni u bejn ruħi. "Aħjar naċċerta ruħi issa, kif il-froġa għadha sħuna, milli nibqa' b'dan il-ħsieb itaqqalli moħħi ħajti kollha." Ħriġt is-sulfarini mill-but, qbadt ix-xemgħa minn fuq is-siġġu u xgħeltha, u rsaqt mill-ġdid ħdejn l-ewwel tarġa tal-garigor. Ma noqgħodx naħbi, kont għadni miniex sod fuq riġlejja, madankollu għeżżiżt snieni u qbadt tiela', bil-mod, bil-mod, inħallikom taħsbu kif. Id-diwi tal-ħoss ta' saqajja fuq it-taraġ bdejt nisthajlu wisq aktar qawwi minn qabel; il-logħob tad-dawl tax-xemgħa li kelli f'idi beda jixħet dellijiet suwed jiżfnu mat-taraġ u mal-ħajt; imma webbist rasi u bqajt tiela'. F'nofs it-taraġ żiffa ħafifa tfietli x-xemgħa. Qalbi għamlet tikk. F'dak id-dlam bżajt, imma ma twerwirtx. Erġajt xgħelt ix-xemgħa, u qegħidt il-pala t'idi miftuħa quddiem l-ilsien tan-nar biex ma jerġax jintefa. Komplejt tiela', aktar ma nersaq lejn il-kamra, aktar nistenna li se tiġri xi ħaġa. Sa fl-aħħar wasalt. B'ruħi fi snieni waqaft quddiem dik il-kamra. Id-dawl tax-xemgħa nxtered fietel ma' kull rokna tagħha. Għal darb'oħra dawk il-par għajnejn kienu hemm, issa jleqqu wisq aktar minn qabel; imma issa rajthom ingastati f'wiċċ ħelu ta' tfajjel, xagħru sbul id-deheb, ħaddejh lewn il-warda, xofftejh tal-qroll. Kien wiċċ isaħħrek bi ġmielu, imma f'dak il-waqt xtaqt naqbdu u nfarrku trab ma' l-art. Ġbidtlu waħda f'qalbi, u b'saħħti kollha waddabtlu x-xemgħa li kelli f'idi. Imbagħad, sid tiegħi nnifsi, erġajt inżilt 'l isfel. Dak il-wiċċ ta' anġlu tal-kartapesta, minn dawk li jarmaw fuq il-kolonni fit-triqat għall-festi. Dawk l-għajnejn kienu għajnejh tal-ħġieġ. X'ma jleqqux fid-dlam!

# Iż-Żmien u l-Bniedem

*Essay ta' Paul J. DeBono*

Fil-milja taż-żmien bosta kienu dawk il-kittieba, poeti u filosfi li għamlu ħilithom biex jagħtu tifsira taż-żmien. Ebda wieħed qatt ma' ta deskrizzjoni tajba biżżejjed; kollha fissru xi rqaqat. Ir-rumanzier għamel dan b'għadd ġmielu ta' kliem, il-poeta laħaq il-ħsieb tiegħu billi wera l-ferħ jew in-niket li kien qed iħoss; waqt li l-filosfu, bi kliem qasir iżda għoli fil-ħsieb; qagħad jistħarreg u jifli x'inhu ż-żmien.

Iż-żmien hu l-aktar fattur kiefer fil-ħajja qasira tal-bniedem. Iż-żmien, l-aktar minn fuq il-bniedem, jgħaddi jiġri, igerbeb u jtir u ma jistenna 'l ħadd. Fuq il-ħwejjeġ l-oħra mingħajr ħajja fil-Ħolqien, iż-żmien jidher li jgħaddi aktar bil-qajla. Waqt li d-dinja tagħna ħadet biex tissawwar aktar minn erbat elef u ħames mitt miljun sena; il-ħajja tal-bniedem fuq il-pjanta hi biss farka. Raġel li għex tmenin sena u dik it-tarbija li mietet ftit jiem wara li tkun rat id-dawl tal-ħajja, dawn it-tnejn huma l-istess: it-tnejn il-ħajja tagħhom hi qatra. fl-oċean bla tarf ta' l-Eternità.

Qed niftakar meta kont għadni fuq il-bank ta' l-iskola. Wieħed mill-poeti Maltin li kont inħobb u ngħożż kien, bla ebda dubju, Dun Karm. Għalkemm mejjet dan baqa' ħaj fl-imħuħ tagħna l-Maltin. Għadni niftakar il-poeżija tiegħu fuq l-arloġġ, kif dan l-istrument mekkaniku "b'tektika meqjusa dejjem għaddej" – "la jieqaf fil-ferħ u lanqas jgħaġġel fin-niket." Mhux ta' b'xejn li minn dak in-nhar jien bdejt inqis l-arloġġ bħala l-akbar għadu tal-bniedem!

Qawl Ruman qadim kien jgħid li l-ħajja hi qasira iżda dik ta' l-arti hi twila: *Vita brevis, Ars Lunga.* Naħseb li dan il-għerf miġbur fi ftit kliem li kienu jlissnu n-nies tal-Belt Eterna tassew jolqot il-musmar fuq rasu. Biċċa skultura, kwadru artistiku, xogħol ta' kitba jew xi ħlejqa oħra li tkun issawret mill-id jew minn tfassil il-ħsieb tal-bniedem, dawn jibqgħu jeżistu għall-mijiet ta' snin wara dak li jkun għamilhom. Niftiehmu, semmejt li dawn jibqgħu jiġu mfaħħra jew apprezzati għal sekli, dejjem jekk ma jkunx hemm xi vandali li jkissruhom jew jaħarquhom. Il-bniedem, dejjem bil-ħsieb jew bil-ħolm li hu jibqa' jiġi mfakkar wara mewtu, matul il-ftit snin ta' ħajtu jipprova jagħmel xi ħaġa biex juri li darba kien għex. Ħafna huma dawk li jibnu djar sbieħ b'dak il-għan. Oħrajn jagħmlu xi biċċa xogħol artistika; waqt li xi ftit jaqbdu l-pinna u jħabirxu rumanz jew poeżija. Kull wieħed minn dawn jixtieq mal-ħila tal-pinzell, ta' l-iskarpell jew tal-pinna jkollu wkoll xortih tajba. Ħafna huma dawk il-pitturi li b'għaqal kbir u t-tħaddim tajjeb tas-sengħa xeħtu qawsalla ta' tiżwiq ta' lwien fuq it-tila u ħolqu xbihat saħħara. Hekk ukoll kienu dawk il-kittieba u poeti. Dawn għax ma

kellhomx minn jagħtihom għajnuna baqgħu, wara mewthom bla magħrufa, bla mfaħħra, bla meqjuma. Għalhekk dak is-sagrifiċċju li huma jkunu għamlu kien biss ħela ta' żmien. Żmien li għadda jiġri u li wassalhom f'inkwiet u fit-taqtigħ il-qalb lejn qabar bikri. Ħafna drabi tidħol ġo librerija u hemm tiltaqa' ma' kitba mejta ta' kittieba mejtin u minsija.

L-istorja li tinkiteb fid-dinja m'hix ħaġa oħra ħlief dak li qed iseħħ matul il-milja taż-żmien. L-Istorja hi dak kollu li ġara fl-imgħoddi. Wieħed jistaqsi – ħadd ma jgħid x'se jiġri fil-ġejjieni? Wara kollox il-futur mhux jewwilla dak li ġara fl-imgħoddi iżda jerġa' jixref f'għamla daqsxejn mibdula minn tieqa oħra?

Iż-żmien li ġej ħafna kienu dawk il-profeti li bassruh. Dawn il-flien mhux biss kienu dawk tat-Testment il-Qadim tal-Kotba Mqaddsa iżda wkoll għadd ta' kittieba, filosfi u inventuri. Dawn matul kull seklu li gerbeb, ħarġu bi ħsibijiet jew bi ħżuż li raw fil-moħħ għammiel tagħhom dak li ser jiġri. Bħalissa qed niftakar f'xi wħud minn dawn: Arkimede l-Grieg, Roger Bacon, Leonardo da Vinci, Ceriano de Bergerac, H.G. Wells u xejn anqas il-ħabib ta' tfulitna, Jules Verne. Dawn huma ftit mill-mijiet li bassru dak li għad trid tgħaddi minnu d-dinja. Dawn il-ħassieba ma ħlewx iż-żmien qasir ta' ħajjithom iżda bix-xogħol siewi tagħhom għamlu ħilithom li jiftħu orizzonti ġodda għall-bniedem.

Bnedmin, li bla ebda dubju jaslu li jifhmu ż-żmien huma dawk li jistudjaw l-arkeoloġija u l-astronomija. Ta' l-ewwel meta jħaffru u jsibu bċejjeċ ta' fuħħar; xi waqtiet ġarar sħaħ, kif ukoll fdalijiet ta' bliet mirduma, dawn jilmħu l-mogħdija taż-żmien. Huma, ta' nies għorrief; jitgħaxxqu u jissaħħru meta, moħbija u minsija qalb it-trab, titfaċċa xi amfora ta' Żmien l-Era Klassika Griega jew xi kitba fuq il-fuħħar ta' żmien il-Babilonja. Il-kitba hekk imsejħa 'Cuniform' tas-Sumerja, minkejja ż-żmien li jkun ġerbeb; din għadha tagħti tagħrif tal-liġijiet li l-għaref Hammurabi kien għamel. Hawn huma jiflu kollox bir-reqqa u jaslu li jagħtu fehmithom dwar il-mijiet ta' snin li jkunu għaddew minn fuq dawk il-fdalijiet darba minsija u issa mikxufa. Kull bniedem li hu ħabib it-tagħlim ikun jista japprezza dan kollu fil-ħġieġ tal-vetrini tal-mużewijiet.

Naraw iż-żmien li tar ukoll jekk immorru nitkixxfu fil-qiegħ tal-baħar. L-arkeoloġija llum ġiet imferrxa sa taħt il-mewġa tbajjad; fejn jistrieħ midfun, bla magħruf, qalb ir-ramel, jinkixfu mhux biss amfori iżda wkoll bastimenti ta' żmien il-Feniċi, tar-Rumani kif ukoll tal-Vikingi.

Minn jaf għadx għaddasa Maltin, fil-ġejjieni qarib ikollhom ix-xorti li jsibu l-bastimenti Anġovini li għerqu barra l-Port il-Kbir matul l-irvell tal-Vespri Siċiljani?

L-Astronomu, bl-istudju tiegħu li ma jintemm qatt; joqgħod jistħarreġ fuq l-eluf ta' kwiekeb, dinjiet u xmux li bihom l-Univers hu miżgħud. Hu

jifraħ meta matul il-milja tas-snin, jikxef xi pjaneta ġdida jew sensiela ta' kwiekeb.

Semmejt li jifraħ, iżda miskin; minħabba l-ħajja qasira tiegħu, l-astronomu jibqa' bil-għatx, jibqa' mġewwaħ li jixtieq ikun jaf aktar fuq il-misterji bla maħlula ta' l-univers. Jibqa' mxennaq li ma jkunx jista' jwieġeb għal ħafna mistoqsijiet: Kemm hemm kwiekeb, dinjiet u xmux? Hemm xi ħajja bħal dik tagħna f'xi wħud minn dawn il-ħlejqiet imbiegħda? Miskin jibqa' ssummat, ħosbien, ma jafx jagħti tweġiba. It-tweġiba tiegħu tkun waħda. Il-Mulej biss jaf il-għadd tagħhom. Il-Mulej biss jaf kemm damu biex dawn ġew magħmula u xi żvilupp ieħor qed jiġi msawwar fl-univers bla waqfien, dejjem jiċċaqlaq, dejjem jinfirex.

Il-bniedem imħabbat bix-xogħol ta' kuljum ma jasalx li japprezza ż-żmien. Tant ħafna drabi jkun medhi fix-xogħol, biex jaqla u jżomm tajjeb il-familja, li lanqas jara ż-żmien qed itir. Darba kont qed nidħaddet ma' missier ta' familja; raġel għaqli li kien jishar kuljum sat-tmienja ta' fil-għaxija. Kien jasal id-dar għajjien mejjet; jiekol bl-għaġla bukkun u wara jmur jintasab jistrieħ. Bis-serqa kien imur iħares lejn it-tfal. Dawn kienu jkunu fl-isbaħ raqda; lanqas nofs kelma jew tbissima ma kien jieħu mill-għeżież tiegħu. Iħares lejhom, jixtieq ikellimhom u jħaddanhom miegħu iżda biex ma jtellifx dik in-nagħsa ħelwa, jiċċaħħad li jisma' u jitfarraġ b'kelma ħelwa minn fommhom.

Dan, b'għafsa ta' qalb, stqarrli li lanqas jaf kif uliedu kibru hekk malajr. Saru ġuvintur u xebbiet u waslu biex jiżżewġu. Iż-żmien kien ħarab! Sentejn huma qosra iżda f'dan iż-żmien qasir; tarbija li tkun f'dirgħajn ommha, titfarfar u tibda tiġri u tiġġebbed ma' djulha.

Iż-żmien jiġri aktar minn żiemel tat-tiġrija, darba qalli wieħed raħħal. Allaħares ma kienx hekk għax meta wieħed ikun qed jistenna ż-żmien ma jaraħ għaddej qatt. Għalhekk hu ta' għaqal u fl-istess ħin ġid kbir għal saħħitna li meta ma nkunux qed naħdmu jkollna xi passatemp. B'hekk iż-żmien għaddej ma narawhx twil u ma jista' jispiċċa qatt. Dan li qed ngħid jiġri ħafna lill-anzjani – lill-pensjonanti li jkollhom bosta sigħat li fihom ma jsibu xejn fiex jedhew. Hemm wieħed jibda jimrad u jqassar triqtu lejn il-qabar; jekk joqgħod iħares; ma jafx x'sejjer jaqbad jagħmel. Hemm tant passatempi sbieħ: pittura, kitba, xogħol ta' l-injam, iddur dawra mad-dar, tmur tixtri, tistad. Il-lum hemm ukoll l-Università tat-Tielet Età u minn ma jridx jibqa' bla ma jitgħallem. Wara kollox kull wieħed minna jibqa' jitgħallem sa fuq is-sodda tal-mewt. Għaliex taħli ż-żmien iddur mad-dar, tiskanta u titħasseb, meta tista' taqbad ktieb u toqgħod taqra. Jekk iddejjaqt, għalqu u oħroġ agħmel passiġġata fil-kampanja; jew aħjar f'dik li għad fadal minnha.

L-anzjan għandu jġib quddiem għajnejh li ż-żmien hu mitqlu deheb. Qatt m'għandu jaħli l-ftit żmien li jkun għad fadallu fix-xejn, billi joqgħod ipaċpaċ fuq iż-żuntier jew ma' l-għatba tal-każin. Hemm tant xogħol tal-Volontarjat

li jista' jsir. L-esperjenza fil-ħajja hi l-akbar riġal li bih il-Mulej żejnek. Taħlix u twarrabx dan id-don. Tista' tagħti għajnuna lill-għomja, lit-torox, lill-ħandikappati, lid-drogati. Biddel iż-żmien li għad fadallek f'għodda ta' għajnuna għal dawk anqas ixxurtjati minnek. Kun ta' ferħ u ta' tama għall-proxxmu tiegħek. Dan dejjem għamlu jekk int tħossok f'saħħtek. Ftakar li jekk toqgħod titgħażżen aktar toqgħod titħasseb fuqek innifsek u jekk ma' jkollok ebda mard, int, meta ma' ssibx fiex tadha, tmarrad lilek innifsek.

Il-bniedem jasal l-aktar li japprezza ż-żmien meta jkun maħkum minn xi marda qerrieda. Hemm hu jibda jifhem u jiżen l-ftit żmien li jkun għad fadallu. Jibda jara b'nostalġija ż-żmien li gerbeb u jittama fil-Mulej li jisilfu aktar żmien biex jagħmel dak li hu kien naqas li jagħmel. Il-bniedem, mixħut u mitluq fuq is-sodda, b'għajnejh imċajpra, b'idejh imriegħda, bil-marda aħħarija; jara bħall-ħolma dak iż-żmien li hu jkun għadda mal-familja. Żmien li fih hu jħoss serħan il-moħħ għax kien qeda dmiru iżda wkoll xi żmien li hu kien naqas jew tgħażżen li għalih issa kien qed iħoss swied il-qalb.

Żmien ta' tamiet u fl-istess ħin ta' qtigħ il-qalb hu dak meta iż-żagħżugħ missier ikun jistenna fil-kurutur ta' l-isptar sakemm il-għażiża martu twelled l-ewwel tarbija. Semmejt l-ewwel tarbija, għax din għalih tkun l-ewwel esperjenza f'dan il-qasam; kollox ikun ġdid għalih. Il-ferħ tal-missier ikun dak meta jitfaċċa t-tabib u jgħidlu li kien sar missier ta' tifla u li l-omm hi qawwija u sħiħa. Din l-aħbar isserraħlu moħħu u tqanqal fih hena iżda xi drabi dan ukoll jista' jkun miksur u mxellef għax hu jkun xtaq tifel! Hekk hu ż-żmien ta' kull wieħed minna – kif tixtieqha qatt ma' ssibha.

Ħaġa waħda wieħed ma jridx jinsa: kif iħares u jqis iż-żmien in-neguzjant? Dan għalih ifisser biss qligħ ta' flus u xejn aktar? Ġol-fabbriki tagħna eluf ta' tfajliet ikollhom jistinkaw kemm jifilħu biex jaqilgħu l-biċċa tal-ħobż. Is-sidien ikunu jridu żgħażagħ għadhom ħerġin minn fuq il-bank ta' l-iskola. Minħabba l-'Mass Production' jeħtieġu ħaddiema mimlija ħeġġa u enerġija; ma tistax toqgħod titlajja; m'hemmx post li titnikker jew titgħażżen. Ta' erbgħin int ġa xiħ u ma tiġix impjegat.

Tant is-sidien ikunu jridu xogħol bla waqfien, li dawn iwissu lis-'supervisors' li joqogħdu b'seba' għajnejn fuq il-ħaddiem. L-imsejkna tfajla, bil-kemm ituha żmien li tiċċaqlaq minn postha biex tmur taqdi l-ħtiġijiet tan-natura; jekk tmur darba s-sid jagħlaq nofs għajn, jekk din tazzarda li tmur darbtejn, hu jħares lejha biċ-ċiera u minn xi daqqiet xi għajta jew twiddiba ma tonqosx.

X'ġiebu l-magni fid-dinja? Ġirja ta' ġenn għaż-żmien. Malli bdew il-vapuri u l-ferroviji beda jitqies kemm il-vjaġġ kien ser idum. Mela aħjar żmien il-qlugħ u l-karozzella taż-żwiemel; il-ħin ma kienx jitkejjel iżda tasal meta tasal, imbasta tasal qawwi u sħiħ! Mhux ta' b'xejn li kittieba u poeti ta' nofs is-Seklu Dsatax kienu bkew mal-wasla tar-Rivoluzzjoni Industrijali; mhux

biss raw il-mewt tar-Romantiċiżmu iżda (aktar ta' ħsara) din ġiebet it-tniġġis ta' l-arja kif ukoll ġirja bla rażan għaż-żmien.

Iż-żmien hu l-akbar għadu tal-bniedem. Jiddependi kif dan jużah; kif dan iħares lejh. Il-ħajja tal-bniedem hi bħal koppla ta' ħġieġ ikkulurit; ħġieġ li jgħammex bi lwien sbieħ lill-għajnejn. Fost dan il-ħġieġ ħafna minnu jferraħ bi lwien il-qawsalla; iżda ssib xi ftit li hu iswed jew lewn l-irmied. Hekk hu ż-żmien tal-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. Il-ħġieġ ta' lwien ilellxu, misruqa mit-tiżwiq tal-ward mill-ġonna fir-Rebbiegħa, huwa ż-żmien qasir ta' ferħ u sliem li kull wieħed jgħaddi tul ħajtu. Il-ħġieġ iswed, imċajpar u mdallam, huwa dawk il-jiem ta' swied il-qalb, ta' niket, tal-mewt u ta' firda mill-għeżież tagħna.

Ejjew intajru dawn il-ħsibijiet u nagħmlu ħilitna li matul il-ftit żmien tal-ħajja tagħna aħna nużawh billi nagħmlu l-ġid lill-proxxmu tagħna; billi nsibu passatemp li jgħodd għalina; billi nitħalltu ma' ħutna l-oħra. Jekk aħna nibqgħu; fl-inżul ix-xemx ta' ħajjitna, eremiti; maqtugħa għalina d-dar, allura ż-żmien ma narawh jintemm qatt u minflok dan iservi ta' ġid ikun l-aktar deni għalina u għal dawk li jħabbtu wiċċhom magħna.

Ejjew ma nagħtux kas ta' dak il-kliem fieragħ li jinstema' fuq il-fomm ta' ħafna: il-ħajja llum hi mgħaġġla. Dan m'hu minnu xejn. Id-dinja għadha l-istess bħal meta kienet sekli.ilu. Aħna li biddilna kollox u li qed nagħmlu l-ħajja mgħaġġla; kollna tferfix; fittex imxi; fittex ħaffef – żmien m'għandix. Ejjew matul il-jum nieqfu għal ħames minuti u nħarsu lejn il-kobor tal-Ħolqien. Ejjew nitgħaxxqu bis-seħer tal-ħmura tax-xemx nieżla; ejjew inħallu 'l widnejna jisimgħu dik il-melodija ta' tħaxwix il-weraq mal-fewġa ta' fil-għaxija jew il-ħoss tal-mewġa titbewwes max-xtajta ramlija. Ejjew nagħtu titwila maż-żerniq tal-jum lill-ġnejna u noqogħdu nitpaxxew b'qatra nida tistrieħ fuq il-fomm bellusi ta' warda ħamra demm.

B'hekk biss inkunu nistgħu napprezzaw aktar iż-żmien u nifhmu li qed ngħixu mhux biss bil-ħobż iżda b'dak kollu li ħalaq il-Mulej.

# Dixx ta' l-Istejnles Stil

*Paul P. Borg*

1

Qatt rajtu qattiela?

Jiena mhux sa ngħid x'jisimni. Irrid nibqa' anonima għax jien mhux mara bħall-oħrajn kollha.

Qatt kontu mexjin fit-triq u rajtu mara u għedtu, ara, dik qattiela? Bagħla, qattiela...

Jekk tħarsu madwarkom taraw kullimkien ħafna nies għaddejin fit-triq, taraw lil kulħadd għaddej fuq xogħlu. min sejjer ix-xogħol, min sejjer jixtri, tfal sejrin l-iskola, u l-bqija. Jiena nħoss bħal dawl mixgħul fuqi biss, dawl qawwi biex kulħadd jarani sewwa lili u biex kulħadd jagħrafni talli jien: qattiela.

Qatt għamiltu xi operazzjoni? Qatt kontu lebsin l-abjad mimdudin fuq streċer deħlin għall operazzjoni? Tiftakruh dak id-dawl qawwi qawwi fuqkom? Tiftakruhom fuqkom l-ispeċjalisti lebsin l-aħdar, bil-komma qasira lesti għalikom? Tiftakruh dak id-dawl? Dak id-dawl għadni narah jien. Dak id-dawl għadu mixgħul qawwi fuqi u ma nistax inneħħih minn quddiem għajnejja. Bħallikieku daħal f'moħħi għal dejjem. F'ruħi u fi ħsiebi. Għalhekk irrid nibqa' bil-velu. Jien qattiela u jien beżżiegħa.

2

Jien kont omm u jien mietli ibni. Jien kont tqila u qatluli lil ibni. Lili qatluli lil ibni.

Qatt rajtu mara li qatlulha lil binha?

Jiena waħda minnhom.

Iżda lil ibni jien ħallejthom joqtluhuli. Jien ħallejthom . Anżi ħallasthom, ikkonfoffajt magħhom biex lil ibni joqtluh. Għedtilhom jien biex lil ibni joqtluh.

Ma titwemminx hux. Iżda hekk hu. Hekk hu...

Kont ħriġt tqila u kont domt tqila. Kont nagħmilha ma' wieħed nafu. Kont naħseb li ninħabbu u ħariġni tqila. Kien sa jkollna tarbija.

Issa għamilniex tajjeb jew le meta ħariġni tqila, ma jfisser xejn. Kien bniedem tal-familja u jien kont ħadt grazzja miegħu. Hu kien iħares u jien kont qbadtu jħares. Imbagħad la hu ma seta' jirreżistini u lanqas jien ma stajt nirreżistih. Ħsibna li kien dellna tqil għax għamilna darba u nqbadt mill-

ewwel. Ma nafx x'kienet il-ġibda li kien hemm bejnietna. Naf li meta ħarisna lejn xulxin jien fhimtu u hu fehemni.

Kont bdejt naħseb li b'daqshekk ma fiha xejn wieħed iħares lejn l-ieħor. Ma jagħmel xejn ħażin jekk bniedem jifraħ bi bniedma. Għaliex għandu jkun hemm il-ġwidi tas-soċjetà? Għaliex għandu jkun hemm il-liġijiet li jordnawlek x'taħseb u tagħmel, x'tgħid u xi tħoss?

Uff! Xi dwejjaq!

Xi dwejjaq dawn il-liġijiet u dawn ir-regolamenti tas-soċjetà! Għaliex ma ngħixux proprju kif inkunu nixtiequ fil-mument?

Kien sa jkolli tarbija u issa x'ġara qabel ftit li xejn jgħodd għalija.

U qed ngħid dan biex min jaqra jitgħallem.

Jien lit-tarbija ma ridthiex. Kont imdejqa tgħidx kemm li kont tqila. Ma ridtha b'xejn. Kont nibża. Kont beżagħna għax f'ħajti ma stajtx inħalli spazju biex ikolli tarbija. Kont irrid ngħix kif irrid jien u kif jogħġob lili u lili biss u ma stajt qatt insib xkiel ta' tarbija ma' saqajja.

Fuq kollox ma kont irrid li jsir jaf ħadd li kont inqbadt bit-tarbija ta' dak il-bniedem. Lanqas lil tal-familja. Lill-ħbieb.

Lis-soċjetà kollha kemm hi. Ma ridt bl-ebda mod li din it-tarbija ttellifni l-ħajja li kont għaddejja. Ma kienx hemm wisa' għaliha.

Jien ridt biss nibqa' għaddejja l-ħajja li kelli qabel. Kien hemm xi ħadd kienu qalli biex nara niżżewiġx. Iżda ma kienx hemm ħsieb ta' żwieġ f'ħajti. La għalissa u lanqas għal imbagħad. Dik kienet ħajti. Inħares, inħobb, ingawdi, noħroġ ...

## 3

Il-mistoqsija x'sa nagħmel ftit li xejn staqsejtha u ftit li xejn ħsibt fuqha. Rajt biss kemm sa nonfoq biex lit-tarbija neħles minnha minn ġo fija.

Xi ħadd kien semma l-Knisja u mhux Knisja. Twemmin u mhux twemmin u jien kont dħakt. Għedtilhom ma jikkomplikawx l-affarijiet aktar milli kienu.

Xi ħadd kien semma l-qtil u mhux qtil, il-Kmandamenti, u jien kont dħakt. Għidtilhom ma jħawdunix aktar milli kont.

Xi ħadd semma l-abort u jien waqaft naħseb. Tafu xi jfisser abort? Xi jkun dan l-abort?

Hawn abort naturali meta l-mara titlef it-tarbija għax in-natura hekk trid. U hawn abort bħalma għamilt jien fuqi biex lit-tarbija ġo fija nneħħiha. Ma nħallihiex tgħix aktar. Biex lit-tarbija noqtolha. Mhux noqtolha b'daqqa ta' sikkina. Lanqas inħanxrilha għonqha. Lanqas nifgaha. Lanqas bil-velenu. Xejn minn dan. Iżda billi ma nħallihiex tikber kemm għandha tikber. Ħallejthom idaħħluli l-għodda ġo fija, jgħawru ġo fija u jneħħu lil ibni minn ġo fija.

Dak hu abort. Qed tifhmu xi jfisser abort?

Iżda għamiltu u ħallast ħafna flus.

L-ewwel tawni *injection* u ma ħadmitx. Imbagħad qgħadt naqbeż minn fuq is-siġġu, ħalli naqta' lil dak li kien qiegħed imqabbad miegħi, ġo fija.

Iżda għalxejn. Kien kollu ta' xejn għax ma stajtx inkorri.

Imbagħad l-abort. L-għodda u l-abort. Id-demm.

Niftakar dħalt għand it-tabib, neżżgħuni u middewni fuq streċer abjad. Kien hemm ħajt miżbugħ abjad. Kont liebsa libsa bajda. Kien hemm dawl abjad fuqi. Kien hemm ners liebsa l-abjad. Imbagħad il-kliem ħelu. Il-kliem abjad biex inqawwi qalbi. Il-firma tal-karta bajda. Il-ħlas. Tibżax, tibżax ... tibżax ...

Ma kontx qed nifhem x'qiegħed isir sewwa sew. Imma kien hemm l-iħirsa madwar il-kamra. Kien hemm l-iħirsa libsin bojod iduru u jduru u jitbissmuli u qaluli biex nagħlaq għajnejja. U jien għalaqt għajnejja. U f'daqqa waħda bdejt nibża' għal dak li kien hemm, ġo fija. Bħal xtaqt inħallih jikber. Inħallih isir xi ħadd, isir xi ħaġa... bla naf għaliex ftakart f'tifla fil-ġnien tad-dar t'ommha timbotta pramm ċkejkna u pupa ġo fiha ... Ftakart f'tifla l-mużew. Kont insejtha lil dik it-tifla qabel. Kont insejthom il-malji twal li kellha sa nofs daharha. Ftakart f'tifla l-knisja fil-Milied. Ftakart f'tifla l-iskola titgħallem it-tables u l-verbi bl-Ingliż. *I am. You are. He is. She is...* Rajtha liebsa l-abjad meta għamlet il-Preċett. Meta għamlet il-Griżma. Waqt il-party id-dar. Biki ġo fija.

Imbagħad tingiża rqiqa rqiqa. Il-kappa ma ħalqi. Ħassejt bħal ngħas ġej fuqi...

Dak il-ħin ħsibtni rieqda imma smajt il-biki ġo fija. Smajt l-għajat ġo fija. Smajt lil xi ħadd jitlob ħniena. Iħares bil-ħniena għax għadu ma jafx jitkellem. Bħal xtaq ikellimni iżda kliem ma kienx jaf, jaħasra, u seta' biss iħares... Bħal meta jkun hemm xi ħadd qed jegħreq u jitolbok idejk għall-għajnuna u jien idejja ma ħriġthiex.

Bħal meta jkun hemm xi ħadd qiegħed f'xifer ta' rdum sa jaqa' għal isfel u jitolbok b'ħarstu taqbadlu jdejh biex ma jmutx u jien idejja ma ħriġthiex. U smajt l-għajta fgata tidwi waqt li ibni tbiegħed u tbiegħed f'dak il-baħħ tal-mewt, lil ibni komplejt nimbuttaħ għal isfel.

Bħal meta toqtol fenek u ma tolqtux sewwa u joqgħod iħares lejk, għadu ħaj, b'ħajta demm ma' ħalqu, ħarstu bla saħħa, jitlob ħniena, ma jistax jitkellem...

Bħal meta jkun hemm xi ħadd qiegħed f'xifer in-nar sa jaqa' u jinħaraq u jitolbok idejk u jien idejja ma ħriġthomx. U smajt l-għajta fgata, bikja tidwi 'l fuq mill-fjammi. U kien hemm ibni tarbija qiegħed jinħaraq...

Deherli li rajt lil ibni jitlobni bil-ħniena biex jgħix.

Deherli li rajt lil ibni jitlobni ma nħallihx ibati għax kien qiegħed iweġġà. Jaħasra, kienu qed iweġġgħuh...Kienu qed jagħfsulu rasu żgħira żgħira. Kienu qed jaqtgħulu l-kurdun minn ma' ġismi.

Rajtu jagħraq l-għaraq tad-demm. Id-demm jingħasar minn rasu bħallikieku sponza mxarrba qed tingħafas u tqattar u tqattar. Rajtu jitlobni naqbeż għalih. Mhux jien ommu?

Leħnu mhux smajtu. Iżda ħassejtu ġo fija.

Il-karba mhux smajtha. Iżda ħassejtha ġo fija.

4

Imbagħad rajt id-dixx ta' l-istejnles stil, ileqq, u kien hemm tiċpis tad-demm ġo fih. U kien hemm biċċiet bojod ġo fih. Biċċiet ma jiċċaqalqux li ħarġu minn ġo fija. Farkiet ma jiċċaqalqux. Qaluli li dak kien sa jkun ibni kieku ħallejtu jikber u jgħix. Qaluli dak kollox, qed tara kif ma weġġajtx. U dak it-tifrik abjad jien rajtu jiċċaqlaq. Donni rajtu jiċċaqlaq jistaqsini għaliex ħallejtu jbati daqshekk. Deherli li rajt il-qtar tad-demm tal-biża' li kellu għadhom fuq xbinu, ibsin, mgħaqqdin. Rajtlu xbinu mbenġel. Imma qaluli li dak ma kienx tbenġil.

Rajtlu ħarstu miksura għax ma kien hemm ħadd jipprova jgħinu u jsalvah, ħallewh waħdu waħdu bla ma kien hemm ħadd ħadd jgħinu f'dan l-univers kollu kemm hu. Ħadd ħadd ħadd...

Għalhekk għedtilkom li jien qattiela.

Dak li kien hemm fid-dixx tal-ħadid ileqq, kien sa jkun ibni li sallabtu jiena stess għax ridt jiena stess. Lil dak li ħarġu minn ġo fija staqsejthom x'sa jagħmlu bih. Qaluli li kienu sa jarmuh. Staqsejthom fejn. Qaluli ma nibqax naħseb u talbuni nikkalma. Imbagħad tawni *injection* biex nerġà norqod ftit.

U ħlomt bin-nar, ħlomt bin-nar qiegħed jaħraq lil dak il-ġisem ċkejken ċkejken u hu ma jistax jiċċaqlaq għax issa żgur li bla saħħa u bla tama. Jew jarmuh fil-ħamrija, jarmuh fir-ramel, jarmuh fit-terrapien. U jien ilmaħthom jarmuh fit-trab tat-triq bħal meta tirfes wirdiena jew ġurdien mgħaffeġ minn karozza b'demmu sparat madwaru u mdellek mal-qatran. U bdejt ngħajjat għax ma ridthomx jibqgħu jweġġgħuh lil ibni. Ridthom jarmuh fil-ġnien, ridthom jarmuh fil-ġnien fejn dik it-tifla tilgħab bil-pramm u bil-pupi kollha ferħ u hena fuq wiċċha u ġo qalbha... Ridthom jarmuh qalb il-fjuri tal-ġnien...

Niftakar qomt niġri kollni demm minn fuq is-sodda f'dik il-klinika. Ġiet quddiem għajnejja dik il-mara b'binha fi ħdanha. Kienu għadhom kif iniżżluh mejjet minn fuq is-salib.

Bla naf għaliex bdejt nibki kemm niflaħ għax ridt lil ibni lura ġo fija.

Jistà jkolli iben ieħor, iżda lil dak ħallejthom ineħħuhuli u ma jistà jgħix qatt issa. Qatt qatt qatt...

Issa jien ikolli ngħix b'dil-bikja f'qalbi. Kultant nara tifel ċkejken sejjer l-iskola, jilgħab ma' sħabu, jiġri wara l-friefet, jiġri wara l-ħamiem Putirjal...

Issa jien ikolli ngħix b'dil-bikja fi ħsiebi, kull fejn indawwar moħħi. Kultant nara ġuvni sabiħ, sejjer l-università, sejjer ix-xogħol, jixtri karozza...

Mhux veru li tinsa.

Mhux veru li jgħaddi kollox. Mhux veru, mhux veru.

Id-dixx ileqq ta' l-istejnles stil u dik il-ħlejqa ġo fih għadhom ġo qalbi.

# Nota Bene

Ġismi mitluq għajjien
Jiskolpixxi ismek
Taħt is-swar – abbiss ta' bejnietna
Ftit sekondi u
r-ritratt tqatta'
Id-dramm ikkanċellat.
ix-xemx intradmet
Fejn int?
Fejn iserrep dellek?
F'bajjiet abbandunati?
Fi rqajja' minsija?
Idi tmelles il-baħħ wiesa'
Ħarsti mrassa ġo folla tipprova tiftakar
Il-beatrice danteska
In-nota xopenjana
Il-bewsa nerudjana.
Il-kapolavur moħbi
'l isfel jagħfas qalil id-dagħbien
it-terremot tas-sentimenti
is-sospensjoni tar-raġuni
l-impatt tal-ħabta
id-dejn ta' sħab imċallas.
L-imħallfin jaqtgħu rjus il-ħtija
waqt li l-għajnejn jinfetħu u jinbelgħu.
Mistoqsija fissa tagħqad massiva
Fejn int?
Fejn ħrabna?
Wara min tlaqna?
l-imħabba taf tegħja
imma l-mewt biss tikkanċellaha.
Kelma biss fadalli
Frażi bi tliet sillabi
Mingħajr teoriji twal serbut
Mingħajr metafori repetitivi
Misruqa minn antoloġiji privati
Inħobbok.
Int sens komun

Tama
Riforma fissa għall-ġejjieni.

***Sergio Grech***

# Ħitan

Ħitan imġarrfa ġebla frak fuq oħra
fit-toroq waħx tal-Bosnja u Sarajevo.
Imxettla l-Mewt f'kull bejta li rat darba
mal-ħajr l-imħabba, għeruq sħan u hienja.

Ħitan il-maqsab f'nofs t'għelieqi ħadra
'il bogħod mill-għajn, 'il bogħod mill-għagħa ta' beltna.
Iż-żiffa ħelwa li tul l-għodwa tfuqna
inkisret mid-damdim t'inġenji-mostri.

Ħitan id-deff ġo djarna darba mwennsa
bil-fehma ta' l-azzar, bi lġiem is-sewwa,
jitwaqqgħu ta' kuljum fil-ġenn imżeffen
ta' bliet li jiġbru qlub iż-żgħażagħ fiergħa.

Ħitan il-mewġ, ħitan ix-xtajta mġarrfa
tul l-eqqel xhur xitwin li jġorru kollox! ...
Kif għamilt int, u nsejt aktar minn darba
ħitan il-qalb li sfat f'idejk imġarrba.

*Alfred Degabriele*

# data base

f'laboratorji storduti
u sodod illuppjati
kromosomi ultra mġienen
ikklonizzaw
wild il-kompjuter

robotika l-mixja,
drogata n-nisġa
ta' utopji virtwali
u vojt mingħajr qies.

***Philip Sciberras***
(1996)

# Freddie Mercury – ĠIEĦ

Mewt ċerta!
Imma ħieles il-bniedem:
mewt le twaqqaf
  le trażżan
ir-rieda ħielsa tal-bniedem.
Għaliex, dinja, għaliex tfaħħar
lil min lagħab man-nar bil-fehma,
lil min webbes rasu f'ħajja ta' gost,
lil min warrab it-theddid?
  – qis mitt darba u aqta' darba –
  *easy come, easy go*
Eroj, eroj.
Ir-ritmu ta' ħiltu jwerżaq fija
Eroj, eroj.
  – qis mitt ħarba u nqata' darba –
  *we are the champions, those are the losers*
    ta' kull jum

***Charles Briffa***

# Ħolma

Kull meta l-lejl jilqagħna,
Għall-ballu ta' bla flus,
Mingħajr ħwejjeġ fini,
Fid-dinja ta' l-uħux,
Niżżeffnu ż-żifna t-twila,
Mad-dell tal-kuritur,
U nikbru u niċkienu
Fis-satra tal-kexxun.

***Joe Bugeja***

# L-Imsiebaħ Firxu d-Dwal

L-imsiebaħ firxu d-dwal
f'dal-lejl bla qamar.
U s-sriep instemgħu jħaxwxu qalb iz-zkuk
nexfin li ksew kull m'hawn;
fejn l-uċuħ sbieħ
jinbidlu f'uċuħ koroh ...

Aħjar l-imsiebaħ qatt ma sibna
biex qatt hawnhekk ma rsaqna,
jew konna nistennew sa jżernaq,
biex triqtna naraw sewwa.
Aħjar ma konniex smajna bih dal-wied
li qalu mimli seħer.

L-imsiebaħ għadhom jarmu d-dija
Aħjar naraw kif nistgħu
nerġgħu lura,
bil-qajl il-qajl naraw kif
nerġgħu lura
qabel is-sriep
u l-uċuħ sbieħ
jiġu u jsibuna!

***Emanuel F. Attard***

# Żamma

Iż-żmien ma jinżammx.
Jinqata' l-ħabel u jaħrab;
il-batteriji jiddgħajfu
iħallihom stenduti
jaqbiżhom u jbewweġ;
il-minutieri jitħeddlu
jiġru warajh, u jgħaddihom.

Għalxejn it-tiġmigħ
t'arloġġi ħelwin seduċenti;
namrat,
jgħix għal ftit magħhom,
jitlaqhom u jibqgħu
weħedhom fuq l-ixkafef.

Lanqas il-mażżri ma jxekkluh,
u l-kukù li jtaqtaq mit-toqba
jilħaq imut.

Biss l-emozzjoni żżommu.
Tifkira
ta' mħabba,
ta' mibgħeda,
t'għira,
t'estasi,
ta' disperazzjoni
tiffossilizzah,
issaqqfu f'kunvent,
tkennu f'arkivju,
taqflu f'ħabs.

Tifkira twaqqtu,
iżżommu
għadsa tal-ġmiel fil-ħadda
jew ferita ta' xafra.

***Manwel Cassar***
24.2.2000

Dawn il-versi tqanqlu mill-kollezzjoni t'arloġġi żgħar ta' ħlewwa kbira li hi murija fil-Mużew ta' l-Arti, il-Belt Valletta.

# Awtur tal-Baħar

Dalgħodu mxejt nervuż għall-aħħar darba
fix-xtajta fejn trabbejt f'destin imqanqal,
fejn drabi rqadt u ħlomt ħolm is-sereni,
fejn kbirt bla ntbaħt u doqt kull kelma mielħa
fejn ksibt mas-sħab u smajt rakkont il-gawwi,
fejn bkejt bla dmugħ u ħasel wiċċi l-baħar,
fejn spiss rassejt kull nifs, żammejt b'tifkira
ballata ta' l-imħabba.

U llejla reġa' żmien biex nerġa' nitlaq
nitbiegħed mid-dawl kiebi tal-lanterna
u nsalpa minn dal-post mal-mewġ tas-sekli.
U nbaħħar lejn lil hinn, lejn il-misteri,
nivvjaġġa mar-riħ kiesaħ ta' l-imgħoddi
u nsegwi l-kewkba bogħod tat-tramuntana
biex ngħib u ħadd ma jsibni.

U jekk xi jum tistaqsu x'ġara minni
tinsewx li jiena fosfru luminanti
ta' ljieli ħosbenin u solitarji,
tinsewx li jiena karba kommoventi
li tidwi mas-sisien fil-maltempati,
tinsewx li jiena mewġa silenzjuża
li tiżfen ballu wieħed kull mitt sena,
tinsewx li jiena awtur ta' dan il-baħar
li jikber bla jixjieħ u jgħix għal dejjem.

*Charles Bezzina*
25.10.98

# nixxiegħa tal-kuxjent minn triq ħas-sajjied birkirkara

***tarcisio zarb***

hekk nitkellmu. hekk konna nitkellmu, hawn min jgħidilha n-nixxiegħa tal-kuxjent. hi x'inhi dan hu kliemna. din hi l-kultura tagħna. dan hu l-mod kif nesprimu lilna nfusna. dan hu l-mod kif nisimgħu lilna nfusna. kemm hi kerha s-solitudni. Kemm hi sbejħa din il-kultura. hekk magħluqin bejn il-ħitan ta' dawn il-qwiel, hekk esprimejna ruħna. hekk smajna minn jesprimi lilu nnifsu u hekk imxejna. imbagħad ġew ġranet li fihom esprimejna ruħna b'aktar mod imqanqal, forsi b'aktar ritwalistika. smajna, rajna, emminna u ddubitajna. biex aħna llum dak li aħna.

dan hu kliemna ma ppruvajtx nordnah. għax kliemna ma joħroġx b'mod ordnat. joħroġ kif joħroġ. mhux dejjem fih il-loġika. imma dejjem għandu l-loġika tiegħu.

dan hu ruħna. dan hu għamilna. dan hu aħna, in-nies t'hawn fuq, tan-naħa ta' fuq ta' birkirkara ta' għoxrin, tletin sena ilu.

din hi malta.

kien hemm

kien hemm ix-xemx twassal sa nofs it-triq,
ix-xemx tal-għaxra ta' filgħodu,
kien hemm tat-tralju,
tal-ġbejniet haw,

kien żmien il-killex b'xej,
l-iljieli suwed,
il-ġbejniet tal-bżor u t-tonn iswed bil-ħobż bil-kunserva,
ir-regremeternijiet u s-santi taħt l-imħadda,

il-ġakulatorji, u għall-grazzja t'alla, id-domni u l-lobtijiet, l-għawm bil-flokk ta' taħt, is-santa mqattgħa u l-gwarniċ imkisser, u peppa tgħanni u ġanni jiżfen, il-madonna ċelesti, ir-radd tas-salib, ir-radd tas-salib, ir-radd tas-salib, l-iskrupli, il-vijasogrijiet, dun nazz u l-benediċte, dawk ġew mill-istralja, u l-movie kamera, u tal-karawett, u tal-ħaxu, u tal-piżelli, u ta' dik u ta' l-oħra, u dik marret ma' dak u dik marret ma' l-ieħor, u r-rużorju mqaddes, u n-niċċa

ta' san ġużepp, u n-niċċa tar-redentur, u r-raġel ibus il-marbut, u jbus il-marbut, u x-xita f'awissu, u mbierek alla tgħidx x'kull qargħabagħlija għandu, u issa min għamel għamel, u min geddes geddes, u l-marċ tal-banda, u aqta' min miet, alla jaħfrilha tgħidx kemm kienet maaara sawwa, taqdini, u nirra jekk mhux hekk ma nagħmilx pass ieħor, u b'riħ jew riefnu minn hawn irridu nsiefru, u bina u talla' u mar u ħalla, u jekk il-bambin irid jgħaddilu, u l-funeral, u t-trapassjoni, u x-xarten, u l-biċċiet tad-drapp, u t-tadam aħmar miż-żenguli, u l-karettun bis-salib imqaddes, u ta' l-agħma m'għandhom xejn, u tal-bagri għandhom marċ ġdid, u din is-sena tagħna, il-marċ ta' filgħaxija, u din is-sena l-marċ jgħaddi minn ħdejna, u dik ġiet tissellef fuq iċ-ċappetta u l-oħra fuq il-ġarikor u tmintoxirbigħijiet fil-lira u alla ma jaħfrilhemx, u żgur li ma jarawhx weċċ alla, u nirra jekk mhux veru, nirra taqbdu kuċla, u nirra jintraxnoh trakk minn dawk il-kbor nett u sidu ma jinqabadx u l-bambin tal-milied, u kemm għandu deheb il-bambin tal-milied tal-mużew ta' nannuwa, ta' ħdejn il-vitorja, u ta' għor il-ġubon, u tal-mniegħel jeħduhom kemm se jdumu jisparaw, u kemm għandna liri ħej, u magħna ma tagħmlu xejn, u d-dinja tagħna, u issa hemm it-toroq magħluqa u qegħdin jgħaddu l-karozzi minn ħas-sajjied, u kemm qiegħda tagħmel għomma, u għandi l-banketta qiegħda tinkiser, u anqas għandi minn jiktibli ittra lil karmnu tiegħi, u tiela' l-kavallier, u nieżla dik li tiġri, u x'għarukoża ta' l-għarkożijiet għax anqas jistħu minn alla li ħalaqhem, u lebsin il-miniskert u b'saqajhem barra, u ġej dulanton, u ġejja l-festa u s'hawnhekk se jżejnu, u kemm għandna kummerċ ħej, u x'libsa għandha sina, ħadd m'għandu bħalha, u kulħadd kelma waħda, issa leli daħal għarus, u dik m'għodhiex miegħew għax qiegħda ma' l-ieħor, u iwa mulej alla aħfirli, u ninu ta' nina ta' ċetta ta' ċikku ta' lina issa ħareġ mill-ħabs, u din ġustizzja, u aqta' min miet kont qiegħda nitkellem miegħu u qegħdin idoqqu għalih, telgħin il-kanonki, x'tebut għamlulu, għal hawn m'hu ħadd, tardari si, scappare no, hekk kien jgħid kelment alla jaħfirlu, kemm kien ruħ tajba, u issa saqajh fil-ħofra l-kesisu se jerġa' jiżżewweġ, u l-ewwel minn alla, it-tieni wieħed min-nies u t-tielet wieħed mix-xitan, u tgħid jagħtini assuluzzjoni, ġejt inqerr għandek u għand alla għax inti qiegħed minflok alla, alla tagħna illi biex tħarisni, iftaħli moħħi, ħarisni ... u skond l-indulġenza tal-papa, u manann tgħidx kemm tagħmel ħobż tajjeb, u dik li fetħet issa n-nies ma jriduhiex, u dik tal-boy lollypop jew xil-mniegħel jeħduha hi u dik sawwa, ara min tiela' minn hawn, alla jibgħatha tajba għax ħażina ilha, u issa jiġi wenzu jbigħ il-bajtar tax-xewk, iwa mank jagħtihom waħda lit-tfol jaruhom iħorsu, u kemm se jdumu ma jinżlu bih il-kanunċi, u x'tebut għamlulu kemm hu sabiħ, u iwa mhux għat-trob, u dudu f'ċagħqa jgħix u trab kont u trab issir, mitt sena indulġenza plenorja għal min jgħid ħames salvereġinijiet taħt din in-niċċa, u viva santa liena, għax aħna kbar, għax aħna għandna l-isbaħ faċċata għax magħna ma tagħmlu xejn, għax aħna magħqudin, u iwa ... ġejja ġejja ġejja

u għadda kollox ... trab kont u trab issir, għall-erwieħ għaddiet, kemm ma nifilħux l-isturbju, ara ġejja ċetta tat-tritturuwa, ħa nidħol 'il ġawwa għax jekk taqbad miegħi tgħidx kemm iddum tirrieċpa, fl-isem tal-missier u ta' l-iben u ta' l-ispirtu ...

---

# Ċfuf u Żigarelli

Fiċ-ċokon tiegħi
kulma kelli
ftit ċfuf u żigarelli.

u rokna ċkejkna iżda kennija
fejn stajt indendel
il-ħolm ikkulurit u l-fantasija.

Meta ħaduli ċ-ċfuf u ż-żigarelli
ħaduli r-rokna ħolm li darba kelli.

*Ġorġ Borg*

---

# Taħt is-Saffi Tqal

Hawnhekk
fil-fond mudlam ta' l-art
li jqanqal fina lkoll tkexkixa bard.

Hawnhekk
fejn siktu l-antenati mingħajr glorja
u tħassru mill-memorja.

Hawnhekk
taħt dawn is-saffi tqal, kemm kemm jinstema'
għar moħbi għadu jqattar demgħa demgħa.

*Ġorġ Borg*

# Fil-Lejl li Kiber Miegħi

Għadni ngħarrex bejn il-friegħi
f'dan il-lejl li kiber miegħi.

Għadni nfittex il-mogħdija
fejn il-qamar rajtu jiddi
fit-tfulija.

Għadni wieqaf qed nistenna
ġewwa l-ġnien
id-dawl jaqa' minn xi mkien.

*Ġorġ Borg*

# Il-Malti 2000

*"... qatt ebda ħjiel ta' partiti ma xiref minn* Il-Malti, *qatt ma għawwiġna, qatt ħadd ma daħal f'darna, li ma kienx, jaqbel ma' fehmitna"*

Dun Karm
l-editorjal ta' *Il-Malti* (l-Ewwel Ktieb ta' L-1934)

*"Fejn jindaħal il-ġid ta' l-ilsien Malti ma għandux ikun post għal nuqqas ta' ftehim; fejn tilħaq l-imħabba lejn art twelidna ma għandhiex tasal firda."*

Il-Prof. Ġużè Galea
l-editorjal ta' *Il-Malti* (Diċembru 1972)

ISBN 99909-75-67-1
9 789990 975673

PUBBLIKAZZJONI
L-AKKADEMJA TAL-MALTI
**klabb kotba maltin**